ISSN 1725-9762

# L-OMBUDSMAN EWROPEW RAPPORT ANNWALI 2005



ĊELEBRAZZJONI TA` GĦELUQ 10 SNIN 1995–2005

MT

L-OMBUDSMAN EWROPEW RAPPORT ANNWALI 2005

**© L-Ombudsman Ewropew 2006**

**Id-drittijiet kollha huma miżmuma.**

**Hu permess li jkun hemm riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali sakemm jingħata għarfien lis-sorsi.**

**Ir-ritratti kollha, minbarra dawk tal-qoxra, u sakemm mhux indikat xorta oħra, huma l-copyright ta` l-Ombudsman Ewropew.**

**It-test sħiħ tar-rapport hu ppubblikat fl-internet fis-sit:**
**http://www.ombudsman.europa.eu/report/mt/default.htm**

*Printed in Belgium*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

# L-OMBUDSMAN EWROPEW RAPPORT ANNWALI 2005

ĊELEBRAZZJONI TA' GĦELUQ 10 SNIN 1995-2005

L-OMBUDSMAN EWROPEW

P. NIKIFOROS DIAMANDOUROS

Is-Sur Josep BORRELL FONTELLES
President
European Parliament
Rue Wiertz
1047 Brussels
BELGIQUE

Strasburgu, 13 ta' Marzu 2006

Sur President,

Bi qbil ma' l-Artikolu 195(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u ma' l-Artikolu 3(8) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali li Jirregolaw l-Eżerċitar tad-Dmirijiet ta' l-Ombudsman, qiegħed hawn nippreżenta r-Rapport tiegħi għas-sena 2005.

Dejjem tiegħek,



P. Nikiforos Diamandouros

L-Ombudsman Ewropew
1, avenue du Président Robert Schuman — B.P. 403 — F-67001 STRASBOURG Cedex
☎ : +33 (0)3.88.17.23.13 — Fax : +33 (0)3.88.17.90.62
http://www.euro-ombudsman.eu.int — euro-ombudsman@europarl.eu.int

DAĦLA 17

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV 23

2 ILMENTI U INVESTIGAZZJONIJIET 37

2.1 IL-BAŻI LEGALI GĦALL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN 37

2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW 37

2.2.1 Ilmenti mhux awtorizzati 38

2.2.2 Istituzzjonijiet u korpi Komunitarji 38

2.2.3 "Amministrazzjoni ħażina" 39

2.2.4 Il-Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba 40

2.3 L-AMMISSIBILITÀ U L-BAŻI GĦAL INVESTIGAZZJONIJIET 41

2.4 ANALIŻI TA' LMENTI EŻAMINATI FL-2005 42

2.5 TRASFERIMENTI U PARIRI 42

2.6 IL-PROĊEDURI TA' L-OMBUDSMAN 44

2.6.1 Il-bidu ta' investigazzjoni 44

2.6.2 Proċedura ġusta 45

2.6.3 L-ispezzjoni tal-fajls u l-ismigħ ta' xhieda 45

2.6.4 Proċedura miftuħa 46

2.7 IR-RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONIJIET 46

2.7.1 L-ebda amministrazzjoni ħażina 46

2.7.2 Każi solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet bonarji 46

2.7.3 Rimarki ta' kritika u abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet 47

2.7.4 Rapporti speċjali lill-Parlament Ewropew 48

2.8 DEĊIŻJONIJIET LI WASSLU GĦAL GĦELUQ TA' KAŻI FL-2005 48

2.8.1 It-trasparenza, l-aċċess tal-pubbliku u l-protezzjoni ta' dejta personali 49

2.8.2 Il-Kummissjoni bħala 'gwardjan tat-Trattat' 51

2.8.3 Offerti, kuntratti u għotjiet 52

2.8.4 Kwistjonijiet dwar l-istaff 54

2.8.5 Kwistjonijiet oħrajn 55

3 DEĊIŻJONIJIET LI SEGWEW INVESTIGAZZJONI 59

3.1 KAŻI FEJN MA NSTABITX L-EBDA AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA 59

3.1.1 Il-Kummissjoni Ewropea 59

NUQQAS TA' AZZJONI FUQ ILMENT DWAR ID-DISKRIMINAZZJONI FUQ BAŻI TA' ORJENTAZZJONI SESSWALI ....59
TMIEM TA' KUNTRATT ....60
L-UŻU TA' L-GĦAJNUNA FINANZJARJA TA' L-UE ....61
ILMENT MARBUT MA' L-ARTIKOLU 226 RELATAT MAL-LIĠI DWAR L-IKEL ....61
AVVIŻI GĦAL IMPJIEGI ALLEGATAMENT DISKRIMINATORJI ....62
IT-TMEXXIJA TAL-FONDI GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI EWROPEW ....63
EVALWAZZJONI TA' PROPOSTA GĦAL PROĠETT (1) ....64
TRATTAR TA' LMENT MARBUTA MA' L-ARTIKOLU 226 ....65
EVALWAZZJONI TA' PROPOSTA GĦAL PROĠETT (2) ....65
APPLIKAZZJONI TAL-KLAWSOLA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM FIL-FTEHIMA TA' KOPERAZZJONI MAL-VJETNAM ....66
KONSULTAZZJONI DWAR IL-FUTUR TAL-FONDI STRUTTURALI ....67
112: IN-NUMRU TA' EMERĠENZA EWROPEW ....67
IT-TNEĦĦIJA MTARRĠA TA' L-OQSMA TAL-LINGWA FI SKOLA EWROPEA ....68
ALLEGAZZJONI TA' KUNTATTI IMPROPRJI WAQT PROĊEDURA GĦAL SEJĦA GĦAL OFFERTI ....69
ID-DISPONIBILITÀ TA' DOKUMENTI FUQ L-INTERNET ....69
AĊĊESS GĦAL RAPPORT TAL-MISSJONI FIL-QAFAS TA' PROĊEDURA MARBUTA MA' L-ARTIKOLU 228 ....70
IS-SOSTITUZZJONI TA' DIRETTUR TA' PROĠETT FIL-ĦONDURAS ....71

3.1.2 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 72

NUQQAS ALLEGAT TA' POSTIJIET GĦAL PARKEĠĠ GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ QRIB IL-BINI TAL-KUMMISSJONI U TAL-KUNSILL ....72

3.1.3 L-Uffiċċju tas-Selezzjoni tal-Persunal Ewropew (EPSO) 73

AĊĊESS GĦAL KANDIDATI GĦALL-KRITERJI TA' EVALWAZZJONI ....73
DĦUL GĦAL EŻAMIJIET TA' SELEZZJONI ....74

3.1.4 Il-Bank Ċentrali Ewropew 74

INFORMAZZJONI DWAR INTERVENT POSSIBBLI MILL-BĊE ....74

3.2 KAŻI SOLVUTI MILL-ISTITUZZJONI 75

3.2.1 Il-Parlament Ewropew 75

TRASFERIMENT TAD-DRITTIJIET GĦALL-PENSJONI ....75

3.2.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 76

TMIEM TA' KUNTRATT TA' IMPJIEG MA' MISSJONI TAL-PULIZIJA TA' L-UE ....76

3.2.3 Il-Kummissjoni Ewropea 77

DEWMIEN MHUX ĠUSTIFIKAT U NUQQAS TA' TWEĠIBA GĦAL TALBA GĦALL-AĊĊESS PUBBLIKU ....77
RIFJUT TA' TALBA GĦAL AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI ....77
RIMBORS TA' L-ISPEJJEŻ TA' L-IVVJAĠĠAR U TA' L-AKKOMODAZZJONI ....78
RIMBORS TA' L-ISPEJJEŻ TA' L-IVVJAĠĠAR ....78
ALLEGAZZJONI TA' PAGAMENTI TARD LILL-EŻAMINATURI TAL-KUMMISSJONI ....78

## 3.3 SOLUZZJONIJIET BONARJI MILĦUQIN MILL-OMBUDSMAN 79

### 3.3.1 Il-Parlament Ewropew 79

AĊĊESS GĦALL-BINI TAL-PARLAMENT EWROPEW ....79
RIMBORS TA' L-ISPEJJEŻ LEGALI....80
IL-PROVVISTA TA' INFORMAZZJONI F'LINGWI DIFFERENTI WAQT KAMPANJA ELETTORALI....81

### 3.3.2 Il-Kummissjoni Ewropea 81

TMIEM TA' IMPJIEG BĦALA OPERATRIĊI F'ĊENTRU GĦAL TELEFONATI (CALL CENTRE)....81
DRITTIJIET GĦALL-PENSJONI....82
EŻENZJONI MIL-LIMITU FL-ETÀ GĦAL APPRENDISTAT....83
PAGAMENT TARD LIL PERSUNA LI NGĦATAT IL-MARIE CURIE FELLOWSHIP....83

## 3.4 KAŻI MAGĦLUQIN B'RIMARKA KRITIKA MILL-OMBUDSMAN 84

### 3.4.1 Il-Parlament Ewropew 84

DEWMIEN FIL-PROVVISTA TA' AĊĊESS GĦAL DOKUMENT....84
NUQQAS TA' TWEĠIBA GĦAL TALBA GĦAL INFORMAZZJONI....85

### 3.4.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 86

AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR IL-POLITIKA BARRANIJA U TA' SIGURTÀ KOMUNI....86

### 3.4.3 Il-Kummissjoni Ewropea 87

TUL TA' ŻMIEN TAL-PROĊEDURA TA' KSUR U GĦALL-AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI....87
NUQQAS LI JINGĦATA PARIR XIERAQ DWAR GĦOTJIET....88
NUQQAS LI TINGĦATA INFORMAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA....88
PAGAMENT TARD GĦAL KONTRIBUZZJONI GĦALL-PROĠETT GALILEI....89
IT-TRATTAMENT MILL-KUMMISSJONI TA' PROĊEDURA TA' OFFERTA....90
ID-DRITT TA' DIFIŻA WAQT INVESTIGAZZJONI AMMINISTRATTIVA....91
AĊĊESS GĦAS-SAJD FL-IBĦRA TA' L-AZORES....92
AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI LI JIRRIGWARDA KUNTRATT FIĊ-ĊINA....93
STQARRIJA QARRIEQA FL-OPINJONI TA' LMENT PREĊEDENTI....94
L-ITTRATTAR TA' LMENT KONTRA KUMPANIJA PRIVATA....95
L-INEĠIBILITÀ TA' ENTITAJIET LI JAĦDMU BI PROFITT....96

### 3.4.4 Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) 97

NUQQAS TA' INDIKAZZJONI MILL-OLAF DWAR KEMM KIENET MISTENNIJA LI DDUM INVESTIGAZZJONI....97

### 3.4.5 Il-Bank Ewropew għall-Investiment 97

KORRISPONDENZA BL-EMAIL MA' APPLIKANT GĦAL XOGĦOL....97
TRATTAMENT TA' TALBA GĦAL AĊĊESS GĦAL INFORMAZZJONI MILL-EIB....98

## 3.5 ABBOZZI TA' RAKKOMANDAZZJONIJET AĊĊETTATI MILL-ISTITUZZJONI 99

### 3.5.1 Il-Kummissjoni Ewropea 99

LIMITI FL-ETÀ GĦAL PROGRAMMI TA' APPRENDISTAT....99
IT-TĦASSIR TA' IMPENN FINANZJARJU....100
IS-SELEZZJONI TA' STUDENTI GĦALL-ISKEJJEL EWROPEJ....100
AĊĊESS GĦAL DOKUMENT LI JORIĠINA MINN STAT MEMBRU FIL-PROĊEDURA DWAR IL-BILANĊ EĊĊESSIV....101

### 3.5.2 Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) 102

INFORMAZZJONI QARRIEQA F'ANALIŻI TA' L-ISTAMPA....102

3.6 KAŻIJIET MAGĦLUQIN GĦAL RAĠUNIJIET OĦRAJN 103
3.6.1 Il-Kummissjoni Ewropea 103
ILMENT MARBUT MA' L-ARTIKOLU 226 DWAR TRASFERIMENT TA' PENSJONI ....103
ILMENT MARBUT MA' L-ARTIKOLU 226 F'KAŻ PENDENTI QUDDIEM QORTI SUPREMA NAZZJONALI ....104
SELF MINGĦAJR ĦLAS TA' KOTBA MINN LIBRERIJI PUBBLIĊI ....104

3.7 KAŻIJIET MAGĦLUQIN WARA RAPPORT SPEĊJALI 105
3.7.1 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 105
NUQQAS LI JINGĦATAW RAĠUNIJIET VALIDI GĦALFEJN TITKOMPLA L-PRATTIKA TA' TFASSIL TA' LEĠIŻLAZZJONI WARA BIBIEN MAGĦLUQIN ....105
3.7.2 Il-Kummissjoni Ewropea 106
SPEJJEŻ EDUKATTIVI GĦAL TFAL BI BŻONNIJIET EDUKATTIVI SPEĊJALI ....106
3.7.3 Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) 106
PROVVEDIMENT TA' INFORMAZZJONI ĦAŻINA U QARRIEQA LILL-OMBUDSMAN WAQT INVESTIGAZZJONI PREĊEDENTI ....106

3.8 INVESTIGAZZJONI TA' L-OMBUDSMAN FUQ INIZJATTIVA TIEGĦU STESS 107
PAGAMENT GĦAL TIŻJIN BIL-FJURI ....107

4 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA 111

4.1 IL-PARLAMENT EWROPEW 112

4.2 IL-KUMMISSJONI EWROPEA 112

4.3 IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA 113

4.4 ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRAJN 114

5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI 117

5.1 IN-NETWERK EWROPEW TA' L-OMBUDSMEN 117

5.2 SEMINARS U KONFERENZI OĦRAJN TA' L-OMBUDSMAN 122

5.3 OKKAŻJONIJIET OĦRAJN MA' OMBUDSMEN U L-ISTAFF TAGĦHOM 125

6 KOMUNIKAZZJONIJIET 129

6.1 AVVENIMENTI IMPORTANTI TAS-SENA 129

6.2 ŻJARAT TA' INFORMAZZJONI 136

6.3 KONFERENZI U LAQGĦAT OĦRAJN 139

6.4 RELAZZJONIJIET MAL-MIDJA 147

6.5 PUBBLIKAZZJONIJIET 152

6.6 KOMUNIKAZZJONIJIET ONLINE 153

7 STATISTIĊI 155

A STATISTIĊI 157

B IL-BAĠIT TA' L-OMBUDSMAN 164

C STAFF 166

D INDIĊI TAD-DEĊIŻJONIJIET 173

E L-ELEZZJONI TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW 178

KIF TIKKUNTATTJA LILL-OMBUDSMAN EWROPEW 180



DAHLA

©iStockphoto.com/Louis16

# DAĦLA

L-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew iċċelebrat l-għaxar anniver-sarju tagħha fl-2005. Din il-ġrajja importanti tatna l-opportunità sabiex nirriflettu dwar dak li twettaq fl-ewwel għaxar snin u biex inħejju pjan ta' azzjoni għall-futur b'kooperazzjoni mal-interlokuturi ewlenin tagħna. L-avvenimenti li organizzajna tawna stampa ċara ta' x'ħadem sew u x'nistgħu nagħmlu aktar fir-relazzjonijiet tagħna ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea, il-kommunità ta' l-ombudsman, u b'mod aktar ġenerali, l-ilmentaturi u ċ-ċittadini. Qabel ma nidħlu f'aktar dettal fuq l-ideat li ħarġu, nixtieq ngħid kelmtejn dwar il-ħidma ta' l-istituzzjoni f'dawn l-aħħar għaxar snin.

Sa minn Settembru ta' 1995, l-Ombudsman Ewropew kellu 'l fuq minn 20 000 ilment u għen għadd ferm akbar ta' cittadini billi irrisponda r-rikjesti għall-informazzjoni tagħhom. Qabel ma ħalla dan l-inkarigu, il-predeċessur tiegħi u l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN, seta' jsemmi bħala l-akbar sodissfazzjon tiegħu, il-fatt li diversi istituzzjonijiet u entitajiet ta' l-UE kienu disposti jaħdmu miegħu sabiex isolvu l-ilmenti taċ-ċittadini. Mit-tneħħija tal-limiti ta' l-età meta jkunu impjegati n-nies sat-titjib fil-qasam ta' ħlasijiet li jsiru tard, u minn aċċess akbar għad-dokumenti sar-rispett għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet u l-korpi wrew illi huma ħerqana sabiex jikkooperaw ma' l-Ombudsman u jtejbu s-servizz għaċ-ċittadini. Għal dawn l-iżviluppi u għal ħafna oħrajn, aħna bħala ċittadini ta' l-Unjoni, nirringrazzjaw minn qalbna lis-Sur Jacob SÖDERMAN.

L-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew ħadmet sabiex ittejjeb l-amministrazzjoni ta' l-Unjoni, u għamlet sforzi kbar biex tiżviluppa relazzjonijiet ma' ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Unjoni bi skop li d-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti taħt id-dritt Ewropew, inklużi d-drittijiet fundamentali, jsiru realtà. Din il-kooperazzjoni sseħħ, fil-biċċa l-kbira, taħt il-patronċinju tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen li f'dawn l-aħħar għaxar snin sar mekkaniżmu importanti biex l-ilmenti taċ-ċittadini jintlaqgħu minnufih u b'mod effiċjenti. Is-sena 2005 tatna l-opportunità biex nieħdu rendikont ta' dak li twettaq min-Netwerk sa minn meta twaqqaf fi Strasburgu fl-1996 u sabiex naraw kif se nimxu 'l quddiem flimkien.

Sa minn Settembru ta' l-1995 l-Ombudsman ħadem bla waqfien sabiex jilħaq liċ-ċittadini u jgħarrafhom dwar id-drittijiet tagħhom, b'mod partikolar id-dritt tagħhom li jressqu ilment u li jingħataw rimedju. Is-suċċess ta' dawn l-inizzjativi jidher mill-fatt illi 'l fuq minn 300 ilment jaslu għand l-Ombudsman kull xhar. Fl-2005 kien hemm l-ogħla numru ta' ilmenti.

### Ir-relazzjonijiet ta' l-Ombudsman ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE

M'għandniex xi ngħidu, kien ikun aħjar kieku ċ-ċittadini ma jkollhomx għalfejn jikkuntattjaw l-Ombudsman u kieku l-ilmenti tagħhom jiġu milqugħa fi stadju bikri mill-amministrazzjoni involuta fl-ilment. Iċ-ċittadini ma tagħmillhomx differenza min isolvi l-problema tagħhom. Ħafna drabi, huma jkunu qegħdin ifittxu spjegazzjoni, raġuni, apoloġija jew parir, u hija l-amministrazzjoni nnifisha li għandha tagħmel dan.

Jekk iċ-ċittadini jħossuhom li għandhom iressqu ilment huma jkunu jridu li l-problema tissolva malajr u bl-aktar mod effettiv. Fil-fehma tiegħi, ftehim propost mill-amministrazzjoni huwa aktar efficjenti u sodisfaċenti. Dan għaliex l-isitituzzjoni tieħu l-mertu talli solviet il-problema u żżid il-leġittimità tagħha f'għajnejn l-ilmentatur u b'hekk tassigura riżultat fejn kull parti tħossha sodisfatta. Fi kliem ieħor, il-mod kif l-amministrazzjoni pubblika tirreaġixxi għall-ilmenti jirrifletti kemm hija ffukata fuq iċ-ċittadin. Dan huwa messaġġ importanti li jien ippruvajt nikkomunika waqt id-diversi attivitajiet li organizzajna fis-sena ta' l-anniversarju tagħna ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

Kull istituzzjoni u korp ta' l-UE jista' jagħti l-kontribut tiegħu sabiex jitjiebu r-relazzjonijiet maċ-ċittadini. Kemm jekk ikun hemm problemi kuntrattwali, problema dwar aċċess għad-dokumenti, jew spjegazzjoni għalfejn kanditat ma ntgħażilx, aħna lkoll nistgħu nitgħallmu kif nagħtu servizz aħjar biex jissolvew l-ilmenti. Ir-riżultat finali ta' dan il-proċess huwa illi dawk kollha li f'xi stadju jew ieħor jkollhom kuntatt ma' l-istituzzjonijiet — mhux biss dawk li jilmentaw — jibbenefikaw mix-xogħol ta' l-Ombudsman.

Ħafna drabi, l-ilmenti huma sintomi ta' kwistjonijiet sistematiċi u problemi ħafna aktar serji u kumplessi. Waħda mill-funzjonijiet ta' l-Ombudsmen hija li jidentifika dawn is-sintomi u jfassal pjan ta' kif għandhom jiġu rranġati. L-Ombudsman, minbarra li jservi bħala mekkaniżmu ta' kontroll estern, huwa wkoll riżors importanti għall-maniġers. Huwa jista' jgħin l-amministrazzjoni sabiex tagħti prestazzjoni aħjar billi din tagħti attenzjoni lil dawk l-oqsma li għandhom bżonn jitjiebu.

Strument importanti f'dan il-kuntest huwa l-Kodiċi Ewropew ta' l-Imġiba Amministrattiva Tajba. Il-Kodiċi, li kien approvat mill-Parlament Ewropew fl-2001, jispjega liċ-ċittadini dak li għandhom dritt li jesiġu mill-amministrazzjoni Ewropea. Huwa jservi wkoll bħala gwida għall-uffiċjali taċ-ċivil u jisħaq dwar l-ogħla standards fl-amminisitrazzjoni. Edizjoni ġdida tal-Kodiċi ġiet ippublikata f'24 lingwa fl-2005. Aktar minn 100 000 kopja tqassmu fl-Ewropa u lil hinn minnha. Amministrazzjonijiet nazzjonali u awtoritajiet lokali, skejjel u universitajiet, ċentri tat-taħriġ u libreriji pubbliċi, kif ukoll ċittadini individwali talbu li jitqassmu aktar kopji. Din hija storja ta' suċċess Ewropew. Il-Kodiċi ġie adattat għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali mill-Polonja sa l-Italja, mill-Vallonja sal-Greċja, u mir-Rumanija sal-Kroazja. Fid-dawl tal-fatt illi l-Kodiċi Ewropew ġie aċċettat minn diversi amministrazzjonijiet fl-Ewropa, jien nkompli nittama illi jiġi addottat mill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, forsi f'forma ta' ftehim inter-istituzzjonali. Il-kuntatti li kelli f'dan ir-rigward fl-2005 mal-President tal-Kummissjoni Ewropea, s-Sur José Manuel BARROSO, u l-Viċi-Presidenti s-Sinjura Margot WALLSTRÖM u s-Sur Siim KALLAS, kienu estremament pożittivi u nittama illi nistgħu niksbu progress malajr biex immexxu l-proġett 'l quddiem. Dan ikun sinjal ċar tar-rieda komuni tagħna sabiex naħdmu flimkien maċ-ċittadini fis-snin li ġejjin.

Żvilupp li seħħ fl-2005 li fil-fehma tiegħi kien ferm inkuraġġanti kien il-Komunikat li ħarġet il-Kummissjoni li ddaħħal proċedura interna ġdida sabiex tirrispondi għall-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman. Din il-Kommunikat tistabbilixxi illi l-Kummissarji individwali għandhom jieħdu r-responsabbilità politika ta' kull każ, waqt li jinżamm ir- rwol importanti li għandu is-Segretarjat Ġenerali. Jien nilqa' din il-proċedura l-ġdida li, fil-fehma tiegħi, tipprova ttejjeb il-konsistenza u l-kwalità tat-tweġibiet tal-Kummissjoni, waqt li tassigura wkoll li r-rakkomandazzjonijiet u r-rimarki ta' l-Ombudsman jiġu segwiti. Bħala l-istituzzjoni li tagħti lok għal madwar 70% ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman, huwa importanti li l-Kummissjoni tassumi rwol prinċipali biex taħdem kontra l-amministrazzjoni ħażina u tippromwovi kultura ta' servizz għaċ-ċittadini. Dan ir-Rapport Annwali jagħti ħafna eżempji ta' każijiet fejn il-Kummissjoni rreaġixxiet minnufih u b'mod kostruttiv sabiex issolvi l-problemi li jkunu waslu għall-attenzjoni tagħha.

## Kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen

Sa minn l-ewwel snin, l-Ombudsman Ewropew ikkoopera mal-kollegi tiegħu fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali permezz tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. L-għan prinċipali tan-Netwerk għadu validu u importanti llum daqs kemm kien fil-bidu: jiġifieri illi d-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti taħt id-dritt Ewropew isiru realtà.

L-implimentazzjoni tad-dritt Ewropew hija l-biċċa l-kbira r-responsabiltà ta' l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri. Allura, fil-prattika, il-ħarsien tad-drittijiet taħt id-dritt Ewropew jiddependi fuq il-kwalità tax-xogħol ta' kuljum u fuq is-suċċess fil-promozzjoni ta' amministrazzjoni ta' kwalità u r-rimedji effettivi li jipprovdu l-korpi superviżorji, inklużi l-ombudsmen. Dan qiegħed isir aktar u aktar importanti peress illi l-kooperazzjoni bejn id-diversi amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-UE tkompli tikber fl-iskop u l-intensità tagħha. Sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet u jkun hemm rimedji effettivi, il-kooperazzjoni bejn l-ombudsmen għandha tkun ikkumplimentata b'kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet.

B'dan il-ħsieb, fl-2005 stħarriġt il-possibilità biex nassiguraw u nippromwovu r-rwol ta' l-ombudsmen fil-kultura legali u politika Ewropea li qegħda tevolvi. Biex dan iseħħ, jiena kont sostnejt illi n-Netwerk għandu jagħti l-valur miżjud li għandhom igawdu ċ-ċittadini permezz ta' kooperazzjoni aktar viżibbli, kemm għaċ-ċittadini nfushom kif ukoll għal dawk li jfasslu l-politika f'kull livell ta' l-Unjoni. Għar-rigward ta' dan ta' l-aħħar, għad fadal ħafna xi jsir. Għad irridu nibnu każ konvinċenti li d-diversità m'għandhiex tostakola lill-ombudsmen milli jiġu kkunsidrati f'għadd kbir ta' żviluppi politiċi fuq livell Ewropew, li qed jibqgħu jipproduċu l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE.

Sabiex tinħoloq identità pubblika aktar ċara għall-kooperazzjoni tagħna, jiena ħabbart illi l-uffiċċju tiegħi qed jippjana li jinvesti riżorsi sabiex niżviluppaw l-użu ta' l-internet biex nikkomunikaw aħjar kemm mal-pubbliku kif ukoll bejnietna. Qegħdin nippjanaw sabiex nintegraw il-gwida interattiva "Min jista' jgħini?" fil-websajt ta' l-Ombudsman Ewropew biex ngħinu liċ-ċittadini jirrikorru għand l-ombudsman, kemm fuq livell Ewropew, nazzjonali, jew reġjonali. Ser naħdmu ukoll sabiex niżviluppaw, fi ħdan in-Netwerk matul dawn is-sentejn, dikjarazzjoni indirizzata liċ-ċittadini dwar x'għandhom jistennew meta jmorru għand ombudsman fi ħdan in-Netwerk. Nistgħu nikkunsidraw ukoll li nadottaw din id-dikjarazzjoni fis-sitt seminar ta' l-ombudsmen nazzjonali, li se jsir fi Strasburgu fl-2007. Waqt li jiena konxju illi l-abbozzar ta' din id-dikjarazzjoni jrid issir b'ħafna reqqa, ninsab ċert illi l-għarfien komuni tagħna dwar x'għandu jkun u x'għandu jagħmel ombudsman hija b'saħħitha biżżejjed biex l-abbozzar isir fiż-żmien li jiena pproponejt. Dikjarazzjoni bħal din tkun ta' siwi mhux biss għaċ-ċittadini li jkollhom bżonn is-servizzi ta' l-ombudsman barra mill-Istat Membru tagħhom stess, imma tipprovdi wkoll punt ta' riferiment fir-relazzjonijiet ta' l-ombudsmen ma' dawk li jfasslu l-politika, kemm kollettivament kif ukoll individwalment. Il-proċess ta' l-abbozzar żgur se jippromwovi u jtejjeb il-possibilitajiet tagħna li nitgħallmu minn xulxin u għalhekk huwa ta' siwi fih innifsu. Dan it-tip ta' eżerċizju jista' biss isaħħaħ il-kooperazzjoni li trawmet s'issa.

### Ir-relazzjonijiet ta' l-Ombudsman maċ-ċittadini u lmentaturi potenzjali

L-isforzi ta' l-Ombudsman Ewropew biex jaħdem ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE u ma' ombudsmen fl-Unjoni għandhom objettiv wieħed, dak li jassiguraw l-aħjar servizz għaċ-ċittadini. Bl-għan li naqdu bl-aħjar mod possibbli liċ-ċittadini ta' l-Unjoni, fl-2005 organizzajna, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-għaxar anniversarju, avvenimenti għall-mezzi tax-xandir, NGOs, gruppi interessati, uffiċċji rappreżentattivi reġjonali u lokali, u ċ-ċittadini b'mod ġenerali. Ħassejna li jkun tajjeb jekk nesploraw it-temi li jistgħu jgħinuna fi snin li ġejjin biex inqajmu kuxjenza favur id-dritt ta' ilment lill-Ombudsman bi skop li tittejjeb il-prestazzjoni amministrattiva ta' l-UE għall-ġid ta' kulħadd.

Hemm ħafna x'jista' jsir biex jittejjeb il-mod kif jitwassal tagħrif korrett lin-nies. L-Ombudsman Ewropew għandu żewġ ostakoli quddiemu: ħafna nies ma jagħfux x'inhu Ombudsman u ħafna nies ma jagħfux x'tagħmel l-UE. Kwalunkwe materjal ta' tagħrif li nipproduċu għandu jindirizza dawn iż-żewġ ostakoli b'mod aktar ċar. L-Ombudsman għandu jtejjeb il-preżenza tiegħu fuq l-internet. Għandna nimmiraw aħjar lejn l-ilmentaturi potenzjali. L-istituzzjonijiet ta' l-UE għandhom jinformaw b'mod sistematiku lil dawk li jkollhom kuntatt magħhom li għandhom id-dritt iressqu ilment.

L-Ombudsman jeħtieġ ukoll li jwassal il-messaġġ li l-mod biex tressaq ilment huwa sempliċi ħafna. Relattivament, l-Ombudsman joffri servizz ta' malajr, b'xejn u flessibbli. Għal dawk li jibżgħu minn riperkussjonijiet negattivi mill-istituzzjonijiet jekk iressqu ilment kontrihom, jien inkompli nwissi illi kull tentattiv biex tiġi żvantaġġata jew mhedda bi żvantaġġ xi persuna li tkun resqet ilment quddiem l-Ombudsman, jitqies bħala att ta' amministrazzjoni ħażina. L-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jassiguraw li l-uffiċjali tagħhom ikunu jafu b'dan u li jaġixxu kif suppost.

### Konklużjoni

Dawn huma żminijiet ta' prova għall-Unjoni Ewropea. Iċ-ċittadini Franċiżi u Olandiżi vvotaw kontra r-ratifikazzjoni tal-Kostituzzjoni għall-Ewropa. L-ammont ta' votanti fl-elezzjonijiet Ewropej qiegħed kull ma jmur jonqos u l-Unjoni għadha qed tbati biex tibdel il-perċezzjoni li hija burokrazija mbiegħda

mibnija minn *elite* politiku. Ewrobarometru reċenti juri li 38% biss tal-pubbliku jħoss li "l-vuċi tiegħi tgħodd fl-UE".

L-Ombudsman Ewropew ġie mwaqqaf sabiex jgħin lill-Unjoni tersaq aktar viċin taċ-ċittadin u biex jagħti "wiċċ uman" lill-amministrazzjoni ta' l-UE. Aspett fundamentali ta' l-istituzzjoni huwa li l-Ombudsman huwa persuna tad-demm u l-laħam li jikkomunika personalment maċ-ċittadini individwali li jiktbulu, jeżamina l-każ tagħhom, u jara li l-ilment tagħhom jiġi riżolt. Kull waħda minn dawn il-"mikro-komunikazzjonijiet" tgħin biex tagħti xejra umana lill-amministrazzjoni ta' l-UE u tressaqha aktar qrib taċ-ċittadin. L-Ombudsman huwa parti importanti mill-istruttura għall-bini ta' fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet. Huwa jista' jgħin biex jippromwovi d-djalogu kostruttiv bejn iż-żewġ partijiet.

Kif kiteb ilmentatur partikolari, "Għalija, dan il-każ fl-aħħar intemm u nispera li tista' tinfetaħ paġna ġdida għall-attivitajiet tiegħi għax huma intimament relatati ma' l-Ewropa. Nixtieq nirringrazzjak għall-medjazzjoni siewja tiegħek. L-istituzzjoni toffri rimedju importanti ħafna għax tippermetti liċ-ċittadini jsolvu, b'mod amikevoli, problemi sensittivi li jistgħu jiltaqgħu magħhom fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej."

L-Ombudsman ma jistax jaħdem waħdu. Irid jassigura l-aħjar amministrazzjoni possibli id f'id ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE. Biex l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE jiksbu l-fiduċja taċ-ċittadini hemm bżonn li nwettqu l-wegħdiet tagħna, nipprovdu mekkaniżmi tajbin ta' rimedju, nitgħallmu mill-iżbalji, u naħdmu b'mod trasparenti taħt għajnejn il-pubbliku. Bl-istess mod, l-Ombudsman għandu jaħdem sistematikament mal-kollegi nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jassigura li d-drittijiet taċ-ċittadini jiġu mħarsa fl-Unjoni. Finalment, huwa għandu jkompli jilħaq liċ-ċittadini u lill-ilmentaturi potenzjali sabiex ikunu jafu bis-servizz li huwa jipprovdi.

Bħala Ombudsman Ewropew, jien se nipprova nkompli nibni fuq dak li diġà sar fl-ewwel għaxar snin bil-għan li nwettaq il-mandat istituzzjonali tiegħi li nressaq lill-Unjoni aktar qrib iċ-ċittadini u nagħti "wiċċ uman" lill-amministrazzjoni ta' l-UE.

Strasburgu, 14 ta' Frar 2006



P. Nikiforos DIAMANDOUROS

# 1 SOMMARJU EŻEKUTTIV



©iStockphoto.com/Louis16

# 1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-ħdax-il Rapport Annwali ta' l-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew jagħti rendikont ta' l-attivitajiet ta' l-Ombudsman fl-2005. Huwa t-tielet Rapport Annwali ippreżentat mis-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS, li beda l-ħidma tiegħu bħala Ombudsman Ewropew fl-1 ta' April 2003.

## STRUTTURA TAR-RAPPORT

Ir-Rapport jikkonsisti f'sitt kapitli u ħames annessi. Jibda b'introduzzjoni personali mill-Ombudsman fejn jirrivedi l-attivitajiet tas-sena u l-għanijiet li ntlaħqu, u jsemmi ideat għas-snin li ġejjin. Dan is-Sommarju Eżekuttiv huwa l-Kapitlu 1.

Il-Kapitlu 2 jiddeskrivi l-proċeduri ta' l-Ombudsman dwar il-mod kif jiġu indirizzati l-ilmenti u t-tmexxija ta' inkjesti. Jittratta dwar żviluppi ġodda u l-ilmenti li saru matul is-sena, inkluża analiżi tematika tar-riżultati tal-każijiet magħluqa wara inkjesta. Din l-analiżi tkopri l-fatti u l-punti legali l-aktar importanti li joħorġu mid-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman ta' l-2005.

Il-Kapitlu 3 jikkonsisti f'ġabra fil-qosor ta' xi wħud minn dawk id-deċiżjonijiet, u jittratta dwar diversi suġġetti u istituzzjonijiet involuti fl-ilmenti u l-inkjesti fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman stess. Dan jinkludi ġabriet fil-qosor tad-deċiżjonijiet kollha msemmijin fl-analiżi tematika tal-kapitlu 2. Il-ġabriet fil-qosor tad-deċiżjonijiet dwar ilmenti huma organizzati l-ewwel skond it-tip ta' riżultat u mbagħad skond l-istituzzjoni jew korp involut. Ġabriet fil-qosor tad-deċiżjonijiet dwar inkjesti fuq l-inizzjattiva ta' l-Ombudsman stess jinstabu fl-aħħar tal-kapitlu.

Il-Kapitlu 4 jittratta dwar ir-relazjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi ta' l-Unjoni Ewropea. Jibda billi jsemmi l-importanza li jkun hemm relazzjonijiet kostruttivi bejn l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet u l-entitajiet, u mbagħad jelenka d-diversi laqgħat li saru dwar din it-tema fl-2005.

Il-Kapitlu 5 jittratta dwar ir-relazzjonijiet ta' l-Ombudsman Ewropew mal-kommunità ta' l-ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa u lil' hinn minnha. L-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen huma deskritti fid-dettall, filwaqt li tissemma' wkoll il-parteċipazzjoni ta' l-Ombudsman f'seminars, konferenzi u laqgħat.

Il-Kapitlu 6 jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman. Il-kapitlu huwa mqassam f'sitt taqsimiet li jkopru l-affarijiet l-aktar interessanti tas-sena, iż-żjarat ta' tagħrif ta' l-Ombudsman, konferenzi u laqgħat li jinvolvu lill-Ombudsman u l-istaff tiegħu, ir-relazzjonijiet mal-mezzi tax-xandir, publikazzjonijiet u kommunikazjonijiet onlajn.

L-Anness A jikkonsisti fi statistiċi dwar il-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew fl-2005. L-Annessi B u C jagħtu dettalji dwar il-baġit ta' l-Ombudsman u l-personal tiegħu rispettivament. L-Anness D jagħti indiċi tad-deċiżjonijiet li hemm fil-kapitlu 3 skond in-numru tal-każ, skond is-suġġett u skond it-tip ta' amministrazzjoni ħażina allegata. L-Anness E jiddeskrivi l-proċedura għall-elezzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew u jagħti rendikont ta' l-elezzjoni tas-Sur DIAMANDOUROS li kien elett għal darba oħra f'Jannar ta' l-2005.

# SINOPSI

## Il-missjoni ta' l-Ombudsman Ewropew

L-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew ġie stabbilit mit-Trattat ta' Maastricht bħala parti miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea. L-Ombudsman jinvestiga ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Kommunità, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim Istanza fir-rwol ġuridiku tagħhom. Bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman iddefinixxa l-"amministrazzjoni ħażina" b'mod li din teħtieġ il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, ta' l-istat tad-dritt u tal-prinċipji ta' l-amministrazzjoni tajba.

Minbarra li jwieġeb l-ilmenti li jintbagħtu minn individwi, kumpaniji u assoċjazzjonijiet, l-Ombudsman jaħdem ukoll b'mod proattiv billi jiftaħ inkjesti fuq l-inizzjattiva tiegħu stess u jgħarraf liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom u kif jistgħu jeżerċitaw dawk l-istess drittijiet.

## Ilmenti u nkjesti fl-2005

Matul l-2005. l-Ombudsman irċieva 3 920 ilment, żieda ta' 5% meta mqabbla ma' l-2004[1]. Numru rekord ta' 59% ta' l-ilmenti kollha l-Ombudsman irċieva fl-2005 intbagħtu elettronikament, jew permezz ta' l-email jew permezz tal-formola biex jitressqu l-ilmenti fuq il-websajt ta' l-Ombudsman. L-ilmenti ntbagħtu direttament minn ċittadini individwali fi 3 705 każ, filwaqt li 215 ġew mingħand assoċjazzjonijiet u kumpaniji.

F'aktar minn 75% tal-każijiet, l-Ombudsman seta' jgħin lill-ilmentatur billi jiftaħ inkjesta dwar il-każ, jirreferi l-każ lill-entità kompetenti, jew jagħti parir dwar fejn għandu jirrikorri l-ilmentatur sabiex il-problema tissolva malajr u b'mod effettiv. B'kollox, matul is-sena, infetħu 338 inkjesta ġdida bbażati fuq ilmenti (inkluża inkjesta konġunta waħda li ttrattat 389 ilment individwali f'daqqa). L-Ombudsman fetaħ ukoll ħames inkjesti fuq l-inizzjattiva tiegħu stess.

Fl-2005, l-Ombudsman Ewropew ħadem fuq total ta' 627 inkjesta, li minnhom 284 kienu nfetħu fl-2004.

Bħas-snin ta' qabel, ħafna mill-inkjesti kienu jirrigwardaw lill-Kummissjoni Ewropea (68% mit-total). Peress illi l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni ewlenija tal-Kommunità li tieħu deċiżjonijiet li għandhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini, hija ħaġa normali li tkun il-kawża prinċipali ta' l-ilmenti taċ-ċittadini. Kien hemm 73 inkjesta dwar l-Uffiċju Ewropew għall-Għażla tal-Personal (EPSO), 58 dwar il-Parlament Ewropew u 14 dwar il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

It-tipi ewlenin ta' amministrazzjoni ħażina allegati kienu n-nuqqas ta' trasparenza, inkluż in-nuqqas ta' informazzjoni (188 każ), l-abbuż ta' poter u inġustizzja (132 każ), diskriminazzjoni (103 każijiet), proċeduri mhux sodisfaċenti (78 każ), dewmien li seta' jiġi evitat (73 każ), traskuraġni (44 każ), nuqqas ta' ħarsien ta' dmirijiet, u jiġifieri n-nuqqas tal-Kummissjoni Ewropea li twettaq id-dmir tagħha bħala "Għassiesa tat-Trattat" fil-konfront ta' l-Istati Membri (37 każ), u żbalji legali (29 każ).

L-uffiċċju rċieva total ta' 3 269 rikjesta individwali għal tagħrif bl-email. Il-figura fl-2004 kienet ta' 3 200 waqt li fl-2003 kienet 2 000.

## Ir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman

Fl-2005, l-Ombudsman għalaq 312 inkjesta, li minnhom 302 kienu inkjesti fuq il-bażi ta' ilment waqt li 10 minnhom kienu fuq l-inizzjattiva ta' l-Ombudsman stess. Dawn li ġejjin huma r-riżultati:

---

1 Tajjeb li wieħed jinnota li 335 minn dawn l-ilmenti kienu dwar l-istess suġġett u ġew indirizzati permezz ta' inkjesta konġjunta waħda (ara s-sommarju tal-każ 3452/2004/JMA u oħrajn fit-taqsima intitolata "Ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina").

### *Ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina*

F'114-il każ, l-inkjesta ta' l-Ombudsman ma sabet ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina. Dan mhux neċessjarment riżultat negattiv għall-ilmentatur, li għall-inqas ibbenefika minn spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni jew korp in kwestjoni dwar x'ġara jew inkella rċieva apoloġija. Eżempji:

- Il-Kummissjoni Ewropea spjegat ir-raġunament wara d-deċiżjoni tagħha biex ma tibdiex inkjesta kontra l-awtoritajiet Spanjoli fuq l-allegata diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali. Qalet illi l-problemi speċifici li ltaqgħu magħhom l-ilmentaturi — ċittadin Spanjol u ċittadin Arġentin — ma kinux jaqgħu taħt l-iskop tad-dritt Kommunitarju. Il-Kummissjoni ssuġġeriet illi l-ilmentaturi jfittxu rimedju fuq livell nazzjonali, u huma għamlu hekk billi ressqu ilment quddiem l-Ombudsman Spanjol. (1687/2003/JMA).

- Fuq ilment mingħand is-Servizz ta' Azzjoni taċ-Ċittadin Ewropew (ECAS), l-Ombudsman sab illi l-istandards minimi għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati fuq il-futur tal-fondi strutturali kienu ċari biżżejjed, u li fil-każ in kwistjoni, il-Kummissjoni aġixxiet skond dawn l-istandards li stabbilixxiet hija stess. Madankollu, m'eskludiex il-possibiltà li l-istandards minimi jistgħu jiġu espressi b'mod aktar ċar jew li metodu ta' konsultazzjoni aktar olistiku li jinvolvi aktar setturi jista' jkun aktar adattat f'ċerti każijiet, u għarraf lill-ECAS dwar il-possibiltà li jagħmel dawn is-suġġerimenti lill-Kummissjoni. (948/2004/OV)

- L-inkjesta ta' l-Ombudsman fil-kwistjoni dwar self b'xejn ta' kotba mil-libreriji pubbliċi għenet sabiex jiġu ċċarati kemm ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tiftaħ proċeduri ta' ksur kontra Spanja, kif ukoll il-possibilitajiet li tiġi implimentata korrettament id-Direttiva Kommunitarja rilevanti mingħajr ma jinġieb fix-xejn dan is-self b'xejn. L-Ombudsman kien qiegħed jaġixxi fuq il-bażi tat-389 ilment li allegaw li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ dan il-każ kontra Spanja tipperikola l-eżistenza tal-libreriji publiċi bħala servizz publiku bażiku u tmur kontra d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini li jkollhom aċċess għall-kultura. L-inkjesta ngħalqet meta l-Ombudsman ġie mgħarraf illi l-Kummissjoni kienet irreferiet il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea. (3452/2004/JMA *et al.*)

Anke jekk l-Ombudsman ma jsibx każ ta' amministrazzjoni ħażina, jista' jidentifika opportunità għall-istituzzjoni jew entità sabiex ittejjeb il-kwalità ta' l-amministrazzjoni tagħha fil-futur. F'dawn il-każijiet, l-Ombudsman jista' jagħmel rimarka ulterjuri kif għamel fil-każijiet li ġejjin:

- L-Ombudsman issuġġerixxa li l-Kummissjoni tirrevedi r-regoli interni tagħha dwar is-sorveljanza ta' telefonati fil-kuntest ta' sejħiet għall-offerti. Dan irriżulta minn inkjesta li saret dwar il-korrettezza ta' konversazzjoni bit-telefon li saret bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-offerent kompetitur ta' l-ilmentatur. L-Ombudsman ma sabx prova ta' inkorrettezza iżda osserva li kien ikun eħfef għall-Kummissjoni biex titratta l-problemi ta' l-ilmentatur kieku kienet f'pożizzjoni li tipproduċi provi bil-miktub tal-konversazzjoni bit-telefon in kwistjoni. (1808/2004/JMA)

- Wara inkjesta dwar ilmenti li l-Kummissjoni u l-Kunsill ma rnexxilhomx jassiguraw numru suffiċjenti ta' spazji ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabiltà fejn il-bini ewlieni tagħhom fi Brussell, l-Ombudsman laqa' r-rikjesti tagħhom lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jassiguraw aktar spazji għall-parkeġġ, u staqsa biex ikun infurmat bir-riżultati ta' dawn ir-rikjesti. Huwa stieden ukoll lill-Kunsill biex jerġa' jikkunsidra l-politika tiegħu li jillimita l-aċċess għall-ispazji tal-parkeġġ tiegħu lil nies b'diżabilità għal raġunijiet ta' sigurtà, u ssuġġerixxa li l-Kunsill isegwi l-eżempju tal-Kummissjoni. (2415/2003/JMA u 237/2004/JMA)

- Bil-għan li jtejjeb l-effiċjenza u t-trasparenza tar-relazzjoni tal-Kummissjoni maċ-ċittadini, l-Ombudsman qal illi l-Kummissjoni għandha tikkjarifika l-proċeduri meta titratta ilmenti dwar l-użu ta' l-assistenza finanzjarja ta' l-UE. Dan segwa inkjesta tiegħu fuq kif il-Kummissjoni ttrattat ilment dwar it-tnaqqis ta' konċessjoni mill-awtoritiajiet reġjonali ta' Madrid. Bħala riżultat ta' l-inkjesta ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni aċċettat li tipprovdi informazzjoni lill-ilmentatur filwaqt li ammettiet id-dewmien u talbet skuża talli damet biex tinfurmah dwar il-każ tiegħu. (274/2004/JMA)

- L-Uffiċju Ewropew għall-Għażla tal-Personal (EPSO) aċċetta li jinkludi kjarifika fin-notifiki futuri tal-konkors li (i) stedina biex wieħed jattendi eżamijiet ta' qabel l-għażla ma tfissirx li l-eliġibilità tal-kandidat ġiet ivverifikata għal kollox u (ii) l-eżamijiet bil-miktub ta' kandidati li sussegwentement jinsabu li m'humiex eliġibbli ma jiġux immarkati. Dan segwa minn rimarka ulterjuri li għamel l-Ombudsman wara li saret inkjesta fuq ilment ta' ċittadin Ungeriż li kien applika biex jieħu sehem f'konkors miftuħ għall-pożizzjoni ta' assistent traduttur. L-Ombudsman ħass li jekk tiġi inkluża din l-informazzjoni jiġi evitat in-nuqqas ta' ftehim u jitjiebu r-relazzjonijiet mal-kandidati. (839/2004/MHZ)

*Każijiet riżolti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli*

Kull fejn possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb riżultat posittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li dwarha jkun sar l-ilment. Il-kooperazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Kommunità hija essenzjali sabiex jinkisbu dawn ir-riżultati b'suċċess, u li jgħinu jsaħħu r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u jevitaw il-ħtieġa ta' litigazzjoni li tiswa ħafna ħin u flus.

Matul l-2005, 89 każ ġew riżolti mill-istituzzjoni jew mill-entità nnifisha wara li sar ilment lill-Ombudsman. Fosthom kien hemm dawn li ġejjin:

- Il-Kummissjoni solviet każ ta' dewmien ta' ħlas ma' ġurnalist xjentifiku Ġermaniż, spjegat ir-raġunijiet għalfejn kien hemm id-dewmien u aċċettat li tħallas l-interessi. Hija kkonfermat illi sadanittant kienet ħadet miżuri sabiex il-ħlasijiet lill-esperti jsiru aktar malajr. L-ilmentatur sussegwentement qal illi huwa tħallas fi żmien 30 jum mill-aħħar kuntratt tiegħu. (1266/2005/MF)

- Il-Kunsill għen lill-Ombudsman sabiex isolvi każ dwar it-temma ta' kuntratt ta' membru taċ-ċivil, espert ta' l-IT fil-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) f'Sarajevo b'riżultat illi l-EUPM aċċettat li tħallas lill-ilmentatur il-paga li kien immissu sat-tmiem normali tal-kuntratt tiegħu. Għar-rigward tat-talba ta' l-ilmentatur li l-Kunsill jirtira l-allegazzjonijiet kollha li saru kontrih, l-Ombudsman stqarr illi l-ilmentatur jista' jikkunsidra riżultat ta' każ preċedenti bħala wieħed li jnaddaflu ismu għaliex f'dak il-każ l-Ombudsman kien ikkonferma illi d-drittijiet ta' difiża ta' l-ilmentatur ma kienux ġew rispettati. (471/2004/OV)

- Il-Kummissjoni ħarġet żewġ ittri li kienet bagħtet lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fil-qafas ta' proċeduri ta' ksur, kif ukoll ir-risposta tar-Renju Unit u talbet skuża għad-dewmien biex tintlaqa' l-applikazzjoni għal dawn id-dokumenti. Wara aktar inkjesti, il-Kummissjoni aċċettat ukoll li tagħti lill-ilmentaturi aċċess għal tliet CD-ROMs li għandhom l-informazzjoni li l-awtoritajiet tar-Renju Unit kienu bagħtu lill-Kummissjoni biex isostnu l-każ tagħhom. Il-proċeduri ta' ksur kienu jirrigwardaw allegazzjoni ta' nuqqas mill-awtoritajiet tar-Renju Unit li jħarsu l-liġi tal-Komunità fir-rigward ta' landfill artifiċjali qrib id-djar ta' l-ilmentaturi. (3381/2004/TN)

Meta l-Ombudsman isib każ ta' amministrazzjoni ħażina huwa dejjem jipprova jilħaq soluzzjoni amikevoli jekk ikun possibli. F'ċerti każijiet, soluzzjoni amikevoli tista' tinkiseb jekk l-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata toffri kumpens lill-ilmentatur. Kull offerta ssir *ex gratia,* jiġifieri mingħajr ammissjoni ta' responsabiltà legali u mingħajr ma jinħoloq preċedent.

Matul l-2005, ġew proposti 22 soluzzjoni amikevoli. Seba' każijiet ingħalqu fl-2005 wara li nkisbet soluzzjoni amikevoli (inkluż każ wieħed fejn il-proposta kienet saret fl-2004). Fl-aħħar ta' l-2005, 18-il proposta għal soluzzjoni amikevoli kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati, inklużi żewġ każijiet fejn l-Ombudsman staqsa lill-Kummissjoni biex terġa' teżamina l-proposti li rrifjutat aktar qabel u li kienu saru fl-2004. Fost is-soluzzjonijiet amikevoli li ntlaħqu fl-2005 kien hemm dawn li ġejjin:

- Il-Kummissjoni aċċettat li tħallas kumpens ta' EUR 596 lil ilmentatur li l-każ tiegħu ma kienx ttrattat sew u fi żmien xieraq. Irrikonoxxiet il-fatt illi minħabba bosta ekwivoki u żbalji amministrattivi, l-ilmentatur ma kienx ġie mħallas fil-ħin. Żiedet li għadd ta' elementi indikati mill-Ombudsman kif ukoll iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-każ wasluha biex tipproponi l-ammont ta' EUR 596 bħala kumpens lill-ilmentatur. Din is-somma kienet tikkorrispondi għall-interessi li nġemgħu fuq il-ħlas li kien hemm pendenti. (1772/2004/GG)

- Wara l-inkjesta ta' l-Ombudsman dwar il-kampanja ta' informazzjoni fil-Finlandja għall-elezzjonijiet Ewropej ta' Ġunju 2004, l-istituzzjoni wegħdet li l-uffiċċju ta' l-informazzjoni tagħha f'Ħelsinki kien ser jassigura li fil-futur tingħata aktar attenzjoni lill-użu tal-lingwi. L-Assemblea Żvediża tal-Finlanda kienet ipprotestat illi l-kartelluni li ntużaw bħala parti mill-kampanja ta' informazzjoni ġew ippublikati bil-lingwa Finlandiża biss. Il-Parlament irrikonoxxa n-nuqqasijiet tal-kampanja, kif ukoll il-fatt li l-proporzjon tal-popolazzjoni Finlandiża li titkellem bl-Iżvediż mhix relevanti għall-istatus ta' dik il-lingwa bħala lingwa uffiċjali ta' l-UE jew l-istatus tagħha taħt il-Kostituzzjoni Finlandiża. (1737/2004/TN)

- Il-Kummissjoni aċċettat li tħallas lil ċittadina Portugiża is-somma ta' EUR 1 000 b'ġest ta' konċiljazzjoni wara li ammettiet li setgħat ħadet miżuri adegwati sabiex tgħarrafha dwar l-impossibilità li tibda taħdem qabel id-data meta fil-fatt bdiet taħdem. L-ilmentatriċi allegat li kienet saret inġustizzja kontra tagħha mill- Kummissjoni għaliex din iddeċidiet li l-ilmentatriċi ma setgħatx taħdem bħala operatriċi ta' ċentru tat-telefonati wara li diġà kienet bdiet xogħolha. Hija kkontestat ukoll ir-regoli invokati mill-Kummissjoni li wassluha biex tikkunsidraha bħala ineliġibbli biex taħdem bħala operatriċi. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' l-opinjoni ta' l-Ombudsman dwar il-possibilità ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tagħha fir-rigward ta' l-applikazzjoni tar-regoli in kwestjoni għall-każ ta' l-ilmentatriċi. (1336/2003/IP)

*Kummenti kritiċi, abbozz ta' rakkomandazjonijiet u rapporti speċjali*

Meta soluzzjoni amikevoli ma tkunx possibbli, l-Ombudsman jista' jagħlaq il-każ b'kumment kritiku jew jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjonijiet.

Kumment kritku normalment isir jekk ma jkunx għadu possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-prattika ta' amministrazzjoni ħażina partikolari, jekk l-amministrazzjoni ħażina ma tkunx tidher li għandha implikazzjonijiet ġenerali jew jekk ma jkunx jidher li hija meħtieġa azzjoni min-naħa ta' l-Ombudsman. Kumment kritiku jikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha huwa ġġustifikat u jindika lill-istituzzjoni jew entità kkonċernata x'għamlet ħażin, biex b'hekk tkun evitata l-amministrazzjoni ħażina fil-futur. Fl-2005, l-Ombudsman għamel 29 kumment kritiku. Per eżempju:

- L-Ombudsman ikkritika lill-Kunsill talli naqas milli jindirizza b'mod adattat rikjesta għal aċċess pubbliku għal ċerti dokumenti. Huwa għamel hekk wara inkjesta li żvelat illi, kuntrarjament għar-risposta inizzjali tal-Kunsill lill-ilmentatur dwar in-numru ta' dokumenti relevanti, kienu fil-fatt jeżistu ħafna dokumenti oħra. B'riżultat ta' l-inkjesta ta' l-Ombudsman, l-ilmentatur ingħata aċċess għal dawn id-dokumenti addizzjonali. Peress li l-Kunsill kien introduċa regoli interni ġodda f'dan il-qasam, l-Ombudsman qal li huwa kellu fiduċja li dawn it-tip ta' problemi li nqalgħu fil-każ preżenti ma kellhomx jerġgħu jinqalgħu fil-futur. (1875/2005/GG)

- L-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni f'każ ta' ħlas tardiv lil kumpanija żgħira Ġermaniża li kienet sottokuntrattur fil-proġett Galilei. Din l-inkjesta wriet li kien hemm problema ġenerali, li fil-qofol kienet tinsab fl-istruttura kuntrattwali relevanti li ma kienitx totlob jew tħeġġeġ lill-kuntrattur ewlieni biex jitlob l-interessi f'isem is-sottokuntratturi f'każ ta' ħlas tardiv mill-Kummissjoni. Għalhekk l-Ombudsman issuġġerixxa illi l-Kummissjoni tikkunsidra li tbiddel il-kuntratti standard tagħha sabiex il-ħlas ta' interessi f'dawn il-każijiet jsir b'mod awtomatiku. Il-Kummissjoni ikkonfermat illi kienet ser taħdem sabiex tieħu in konsiderazzjoni l-interessi ta' l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju fil-kuntratti starndard tal-futur. Dan sakemm ikunu kompatibbli ma' l-interessi finanzjarji tal-Kommunità u d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li hemm fis-seħħ. (530/2004/GG)

- L-Ombudsman ikkritika lill-OLAF dwar it-trattament ta' informazzjoni li kien issottometta uffiċjal Ġermaniż dwar irregolaritajiet suspettati f'korp tal-Komunità. L-ilmentatur allega li kien hemm nuqqas ta' informazzjoni min-naħa ta' l-OLAF dwar il-perjodu li seta' raġonevolment jitqies bħala neċessarju sabiex jiġi investigat l-ilment tiegħu. L-Ombudsman sab illi r-regoli kienu jeħtieġu li l-OLAF tipprovdi lill-*whistle blower* b'informazzjoni dwar il-perijodu ta' żmien li fih setgħat tiġi konkluża l-inkjesta. (140/2004/PB)

Huwa importanti għall-istituzzjonijiet u l-korpi li jsegwu l-kummenti kritiċi li jagħmel l-Ombudsman, filwaqt li jieħdu azzjoni sabiex isolvu l-problemi li jkun hemm pendenti u jevitaw l-amministrazzjoni ħażina fil-futur. Matul l-2005, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ombudsman dwar kif segwiet it-18-il kumment kritiku li kien għamel, inklużi:

- Każ li fih l-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni talli naqset milli tipprovdi spjegazzjoni adegwata għat-tul ta' inkjesta li kienet damet ftit anqas minn tlett snin. Il-Kummissjoni, li kienet irreferiet għal fatturi ġenerali bħal l-ammont ta' xogħol, għarrfet lill-Ombudsman li kienet ser tagħti spjegazzjoni aktar preċiża jekk ikun hemm każ simili fil-futur. (2229/2003/MHZ)

- Każ li fih l-Ombudsman ikkritika r-risposta li tat ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Kopenħagen lil ilmentatur li saqsa għall-informazzjoni dwar l-ipproċessar ta' dejta personali dwaru. Il-Kummissjoni esprimiet id-dispjaċir tagħha li r-Rappreżentanza tagħha kisret ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta tal-Kommunità, u qalet li se tfakkar lir-Rappreżentanza tagħha li r-regoli tal-protezzjoni tad-dejta għandhom dejjem jiġu mħarsa. (224/2004/PB)

F'każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina tkun partikolarment serja, ikollha implikazzjonijiet ġenerali, jew ikun għadu possibli għall-istituzzjoni kkonċernata li teliminaha, l-Ombudsman normalment jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjonijiet. L-istituzzjoni jew korp involut għandu jwieġeb lill-Ombudsman b'opinjoni ddettaljata fi żmien tliet xhur.

Matul l-2005, saru 20 abbozz ta' rakkomandazzjoni. Tmien abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet mill-2004 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2005. Matul is-sena disa' każijiet ingħalqu wara li abbozz ta' rakkomandazzjonijiet ġie aċċettat mill-istituzzjoni. Tliet każijiet waslu għall-rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Sitt każijiet ingħalqu minħabba raġunijiet oħra. Fl-aħħar ta' 2005, 11-il abbozz ta' rakkomandazzjoni kienu għandhom qed jiġu kkunsidrati, inkluż wieħed li sar fl-2004. Dawn li ġejjin kienu fost dawk li ġew aċċettati fl-2005:

- Il-Kummissjoni aċċettat li tħallas kumpens ta' EUR 56 000 lil ġurnalist Franċiż. Dan kien l-akbar kumpens li qatt tħallas wara ilment lill-Ombudsman. Dan seħħ wara li nstab illi l-Kummissjoni naqset milli tirrispetta l-aspettattivi raġonevoli ta' l-ilmentatur. Il-Kummissjoni kienet ikkanċellat il-kontribuzzjoni finanzjarja għal proġett ta' l-ilmentatur. (2111/2002/MF)

- Il-Kummissjoni neħħiet il-limitu ta' l-età ta' 30 sena li kien wieħed mill-kriterji għall-għażla ta' kandidati għall-programm ta' apprendisti. Dan wara li kien hemm ilment dwar ir-regoli li jirregolaw il-programm. L-Ombudsman osserva illi bosta istituzzjonijiet u entitajiet oħra tal-Kommunità japplikaw il-limitu ta' l-età fil-programmi ta' apprendistat tagħhom. Għalhekk huwa ħabbar illi kien ser jibda inkjesta fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar dawn il-programmi. (2107/2002/(BB)PB)

- Il-Kummissjoni aċċettat li tagħti aċċess lill-publiku għal ittra li kien bagħat il-Ministru tal-Finanzi Portugiż dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv tal-Portugall. Il-Kummissjoni kienet irrifjutat l-aċċess għal din l-ittra lil Membru tal-Parlament Ewropew fuq il-bażi li l-kxif tagħha kien jagħmel ħsara lill-protezzjoni ta' l-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika tal-Portugall. L-Ombudsman tkellem ma' l-awtoritajiet Portugiżi li infurmawh illi, fis-sitwazzjoni finanzjarja kurrenti tal-pajjiż, l-ittra ma kellhiex elementi li setgħu jaffettwaw il-politika ekonomika u finanzjarja tal-Portugall. (116/2005/MHZ)

Jekk istituzzjoni jew entità tal-Komunità tonqos milli tirrispondi b'mod sodisfaċenti għall-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Din hija l-aħjar arma li għandu l-Ombudsman u huwa l-aħħar pass sostantiv li jieħu meta jittratta każ. Dan peress illi l-adozzjoni ta' reżoluzzjoni u l-eżerċizju tas-setgħat tal-Parlament huma kwistjonijiet li huma għall-ġudizzju politiku tal-Parlament. Fl-2005 saru tliet rapporti speċjali:

- L-Ombudsman issottometta rapport speċjali lill-Parlament wara li l-Kunsill naqas milli jagħti raġunijiet validi għalfejn jirrifjuta li jiltaqa' fil-pubbliku kull meta jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu. L-inkjesta ta' l-Ombudsman f'din il-kwistjoni saret minħabba ilment li sar minn MPE Ġermaniż, is-Sur Elmar BROK, u rappreżentant tal-grupp taż-żgħażagħ CDU (Christian

Democratic Union). Dawn allegaw illi r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill m'humiex konformi mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea li jgħid li l-Kunsill u l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħrajn tal-Kommunità għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom bl-aktar mod trasparenti. L-Ombudsman irrakkomanda illi l-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu li ma jiltaqax fil-pubbliku kull meta jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu. (2395/2003/GG)

- L-Ombudsman bagħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew dwar dikjarazzjonijiet li l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għamel fil-kuntest ta' inkjesta li kien għamel hu stess. L-inkjesta kienet fuq allegazzjonijiet ta' tixħim magħmula mill-OLAF, li x'aktarx kienu jinftehmu li huma diretti kontra ġurnalista partikolari. Il-ġurnalista ssottometta ilment ulterjuri lill-Ombudsman u allega li l-informazzjoni li pprovda l-OLAF waqt l-inkjesta setgħet "tiżgwida lill-Ombudsman Ewropew u timmanipola l-inkjesta". Fir-rapport speċjali tiegħu, l-Ombudsman irrakkomanda li l-OLAF jirrikonoxxi li kien għamel dikjarazzjonijiet inkorretti u li jiżgwidaw fis-sottomissjonijiet tiegħu waqt l-inkjesta ta' l-Ombudsman. L-Ombudsman ikkunsidra li l-każ qajjem kwistjonijiet ta' prinċipji importanti li jaffetwaw il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE. (2485/2004/GG)

- L-Ombudsman bagħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew wara li sab diskriminazzjoni inġustifikata fit-trattament finanzjarju differenti lil staff ta' l-UE li għandhom tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali. Huwa kien għamel abbozz ta' rakkomandazzjoniet li l-Kummissjoni jmissha tieħu l-passi meħtieġa sabiex tassigura li l-ġenituri ta' tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali li huma esklużi mill-Iskejjel Ewropej minħabba l-grad ta' diżabiltà tagħhom m'għandhomx ikunu mitluba jikkontribwixxu għall-ispejjeż edukattivi tat-tfal tagħhom. Filwaqt li r-risposta tal-Kummissjoni esprimiet ir-rieda tagħha fil-prinċipju, li tirrevedi l-politika kurrenti, fil-qafas tar-restrizzjonijiet finanzjarji li setgħu jiġu riżolti fil-proċess tal-baġit, l-Ombudsman ikkonkluda li dan ma kienx jammonta għall-approvazzjoni inekwivoka ta' l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet. (1391/2002/JMA *et al)*

## Inkjesti fuq l-inizjattiva tiegħu stess

L-Ombudsman juża s-setgħa tiegħu li jiftaħ inkjesta fuq l-inizjattiva tiegħu stess f'żewġ każijiet ewlenin. Fl-ewwel lok jista' juża din is-setgħa biex jinvestiga l-possibilità ta' każ ta' amministrazzjoni ħażina meta jkun tressaq ilment minn persuna mhux eliġibbli (jiġifieri meta l-persuna li tressaq l-ilment ma tkunx ċittadina jew residenti ta' l-Unjoni jew persuna ġuridika b'uffiċċju reġistrat fi Stat Membru). Tlieta minn dawn l-inkjesti fuq l-inizjattiva tiegħu stess inbdew fl-2005. L-Ombudsman jista' juża wkoll is-setgħa tiegħu li jiftaħ inkjesta fuq l-inizjattiva tiegħu stess biex jindirizza każijiet fejn jidhirlu li jkun hemm problema sistematika fl-istituzzjonijiet. Huwa għamel dan f'żewġ okkazjonijiet fl-2005, inkluż fil-każ li ġej:

- L-Ombudsman fetaħ inkjesta fuq l-inizjattiva tiegħu stess fil-kwistjoni li l-kandidati jingħataw aċċess għal kriterji ta' l-evalwazzjoni stabbiliti mill-bordijiet ta' l-għażla. Dan ġara wara tliet każijiet li huwa ttratta fl-2005 dwar l-informazzjoni li kienet disponibbli lill-kandidtati fil-konkorsi għar-reklutaġġ. It-tweġibiet ta' l-EPSO f'dawn il-każijiet taw informazzjoni addizzjonali dettaljata li tkun ta' għajnuna għall-persuni li jressqu l-ilmenti kkonċernati biex jifhmu l-marki tagħhom. Peress li l-każijiet qajmu kwistjonijiet fattwali u legali importanti ta' natura aktar ġenerika, l-Ombudsman iddeċieda li jiftaħ inkjesta fuq l-inizjattiva tiegħu stess. (OI/5/2005/PB)

## Aktar stħarriġ

Dawn u każijiet oħra huma eżaminati mill-perspettivi tematiċi li ġejjin fl-aħħar taqsima tal-kapitolu 2 tar-Rapport Annwali: trasparenza u protezzjoni tad-dejta; il-Kummissjoni bħala "l-Għassiesa tat-Trattat", is-sejħiet għall-offerti, il-kuntratti u l-għotjiet; u kwistjonijiet personali inkluż ir-reklutaġġ tal-ħaddiema.

Il-Kapitolu 3 tar-Rapport fih ġabriet fil-qosor ta' 65 mit-total ta' 312-il deċiżjoni li għalqu l-każijiet fl-2005. Dawn il-ġabriet fil-qosor jirriflettu l-firxa ta' suġġetti u ta' l-istituzzjonijiet mistħarġa fl-inkjesti ta' l-Ombudsman u t-tipi differenti tas-sejbiet.

Id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-każijiet huma normalment ippubblikati fuq il-websajt ta' l-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu) bl-Ingliż u bil-lingwa tal-persuna li tkun ressqet l-ilment, jekk din tkun differenti.

## Ir-relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE

Huwa essenzjali li jkun hemm relazzjonijiet ta' ħidma kostruttivi ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE sabiex l-Ombudsman jikseb riżultati pożittivi għaċ-ċittadini. Din il-kooperazzjoni tieħu l-forma ta' laqgħat regolari u avvenimenti organizzati flimkien, li permezz tagħhom l-Ombudsman u l-interlokuturi tiegħu jiksbu aktar għarfien dwar ix-xogħol ta' xulxin, jistudjaw kif l-aħjar jiddefendu u jippromwovu d-drittijiet taċ-ċittadini u jidentifikaw l-oqsma li fihom jistgħu jaħdmu flimkien fil-futur.

L-Ombudsman ħa l-okkażjoni fl-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni biex jibni fuq ir-relazzjonijiet kostruttivi li ġew żviluppati matul l-ewwel għaxar snin. Fis-17 ta' Novembru 2005, huwa għamel ċena formali għall-Presidenti u s-Segretarji-Ġenerali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, flimkien mal-Kapijiet tal-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni. Aktar minn 45 persuna attendew għal din iċ-ċena, u dawn irrappreżentaw l-istituzzjonijiet, l-entitajiet u l-aġenziji ta' l-UE mill-Unjoni kollha. L-għan ta' l-avveniment kien li tiġi sottolineata d-determinazzjoni ta' l-Ombudsman li jaħdem ma' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha ta' l-UE fis-snin li ġejjin sabiex tittejjeb il-kwalità ta' l-amministrazzjoni ta' l-UE. Fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni hija s-suġġett ta' madwar 70% ta' l-inkjesti li jsiru mill-Ombudsman, il-President tal-Kummissjoni s-Sur José Manuel BARROSO, ġie mistieden biex jagħmel d-diskors prinċipali. Waqt id-diskors tiegħu, il-President tal-Kummissjoni iddeskriva fil-qosor il-benefiċċji tal-proċedura interna l-ġdida adottata mill-Kummissjoni biex tirrispondi għall-inkjesti ta' l-Ombudsman. L-Ombudsman ħa l-okkazzjoni biex jiddeskrivi fil-qosor ir-rwol tiegħu, mhux biss bħala mekkaniżmu estern ta' kontroll, iżda wkoll bħala riżors siewi għall-maniġers — riżors li jista' jgħin lill-amministrazzjonijiet biex itejbu x-xogħol tagħhom billi jiġbed l-attenzjoni għall-oqsma li għandhom jiġu mtejba.

L-Ombudsman tenna dan il-messaġġ waqt firxa ta' laqgħat oħra li huwa kellu fl-2005 mal-Membri ta' istituzzjonijiet u korpi u l-uffiċjali tagħhom. Dawn l-avvenimenti inkludew preżentazzjonijiet dwar il-ħidma tiegħu, u gwida dwar kif għandhom jiġu mwieġba l-ilmenti bl-aħjar mod u kif jistgħu jittejbu l-proċeduri. F'dan ir-rigward, kienet ta' importanza partikolari l-laqgħa mal-Kulleġġ tal-Kummissarji fil-25 ta' Mejju. Minbarradan, matul il-laqgħat li saru fl-2005, ġew mistħarrġa inizzjattivi bl-għan li titjieb il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u jsir skambju ta' informazzjoni u ta' l-aħjar prattika ma' l-interlokuturi ewlenin. F'laqgħat li saru wara, ġew diskussi l-prijoritajiet ta' l-Ombudsman u r-riżorsi li huma meħtieġa biex jinkisbu dawn il-prijoritajiet, b'attenzjoni partikolari fuq il-baġit ta' l-istituzzjoni għall-2006.

L-Ombudsman jagħti rapport kull sena lill-Parlament Ewropew u jżomm lill-Membri regolarment informati dwar l-attivitajiet tiegħu billi jipprovdilhom kopji tal-pubblikazzjonijiet tiegħu matul is-sena. Fl-2005 disa' pubblikazzjonijiet kienu disponibbli għall-MPE. Hemm relazzjoni ta' ħidma bejn l-Ombudsman u l-Kumitat tal-Parlament dwar il-Petizzjonijiet li tagħti riżultati tajbin, inkluż it-trasferiment lil xulxin tal-każijiet fejn ikun xieraq, sabiex jiġi offrut l-aktar servizz effettiv possibbli liċ-ċittadini Ewropej. L-Ombudsman jagħti wkoll pariri lill-ilmentaturi li qegħdin jinsistu għal bidla fil-liġi jew politika Ewropea dwar il-possibbilità li jressqu petizzjoni fil-Parlament. Ir-relazzjonijiet bejn l-Ombudsman u l-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet komplew jissaħħu fl-2005 bir-rapport MAVROMMATIS dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman fl-2004 li jisħaq dwar l-importanza ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' ħidma kostruttivi. F'laqgħa tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tat-12 ta' Ottubru 2005, l-Ombudsman, b'mod konformi mar-Regola 195(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament, żamm l-impenn tiegħu li jidher quddiem il-Kumitat fuq talba tiegħu stess, kull meta jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament.

## Ir-relazzjonijiet bejn l-ombudsmen u entitajiet simili

L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-kollegi tiegħu fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiżgura li l-ilmenti taċ-ċittadini dwar il-liġi ta' l-UE jiġu indirizzati malajr u b'mod effettiv.

Din il-kooperazzjoni hija ugwalment essenzjali, biex jiġu segwiti żviluppi importanti fid-dinja ta' l-ombudsmen, u għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi ta' l-UE u l-aħjar prattiċi. Fil-biċċa l-kbira, din il-kooperazzjoni sseħħ taħt l-umbrella tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen għalkemm l-Ombudsman Ewropew jieħu sehem ukoll f'konferenzi, seminars u laqgħat barra mill-qafas tan-Netwerk.

*In-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen*

In-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen, li żviluppa b'mod stabbli f'għodda b'saħħitha ta' kollaborazzjoni, huwa ta' importanza fundamentali għall-Ombudsman Ewropew. In-Netwerk preżentament jinkludi 90 uffiċċju fi 30 pajjiż u dawn ikopru l-livelli nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni, kif ukoll il-livell nazzjonali fil-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni ma' l-UE, in-Norveġja u l-Iżlanda. B'hekk jeżisti mekkaniżmu effettiv sabiex ikun hemm kooperazzjoni fil-mod kif jiġu ttrattati l-każijiet. Dan huwa partikolarment importanti peress li ħafna mill-ilmentaturi jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew meta jiltaqgħu ma' problemi ma' l-amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. F'ħafna każijiet, l-ombudsman fil-pajjiż ikkonċernat jista' jipprovdi rimedju effettiv. Meta jkun possibbli, l-Ombudsman Ewropew jittrasferixxi l-każijiet direttament lill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jew jagħti parir adattat lill-ilmentatur. Matul l-2005, l- Ombudsman ta parir lil 945 ilmentatur biex jirrikorru għand l-ombudsman nazzjonali jew reġjonali u rrefera 91 ilmentatur direttament lill-ombudsman kompetenti. L-ombudsmen fi ħdan in-Netwerk jinsabu wkoll f'pożizzjoni tajba biex jgħinu fl-għoti ta' tagħrif liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom taħt il-liġi ta' l-UE u kif jistgħu jeżerċitaw u jiddefendu dawk id-drittijiet.

Minbarra l-iskambju ta' tagħrif fuq bażi informali u regolari permezz tan-Netwerk, teżisti proċedura speċjali li permezz tagħha l-ombudsmen nazzjonali jew reġjonali jistgħu jitolbu tweġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet dwar il-liġi ta' l-UE u l-interpretazzjoni tagħha, inklużi mistoqsijiet li jinqalgħu waqt li huma jkunu qegħdin jittrattaw każijiet speċifiċi. L-Ombudsman Ewropew jew jipprovdi t-tweġiba direttament jew jirreferi l-mistoqsija, fejn ikun xieraq, lil istituzzjoni jew korp ieħor ta' l-UE għal tweġiba. Fl-2005, intbagħtu erba' mistoqsijiet (tnejn minn ombudsmen nazzjonali u tnejn minn ombudsmen reġjonali) u tlieta minnhom ġew magħluqa (inklużi tlieta li tressqu 'l quddiem mill-2004).

In-Netwerk hija attiva wkoll fil-qsim ta' esperjenzi u l-aħjar prattika. Dan iseħħ permezz ta' seminars u laqgħat, fuljett ta' tagħrif regolari, forum elettroniku ta' diskussjoni u servizz elettroniku ta' aħbarijiet ta' kuljum.

Is-seminars għall-ombudsmen nazzjonali jsiru kull sentejn u jiġu organizzati mill-Ombudsman Ewropew flimkien ma' korrispondent nazzjonali. Il-ħames seminar organizzat mill-Ombudsman Nazzjonali Olandiż, is-Sur Roel FERNHOUT, u l-Ombudsman Ewropew sar fl-Aja, l-Olanda, mill-11 sat-13 ta' Settembru 2005. Is-seminar inkluda pranzu gala biex jiġi mfakkar l-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsmen Ewropew, li ta l-opportunità lis-Sur DIAMANDOUROS biex jirringrazzja lill-kollegi tiegħu għall-għajnuna imprezzabbli li taw matul l-ewwel għaxar snin ta' l-istituzzjoni.

Dan kien l-ewwel seminar li inkluda lill-ombudsmen mill-pajjiżi kandidati u l-ewwel wieħed wara l-akbar tkabbir ta' l-Unjoni. Il-25 Stat Membru kollha ta' l-UE kienu rrappreżentati fil-laqgħa, inklużi l-Kroazja, ir-Rumanija, l-Iżlanda u n-Norveġja. It-tema tas-seminar — "Ir-rwol ta' l-istituzzjonijiet ta' l-ombudsman u korpi simili fl-applikazzjoni tal-liġi ta' l-UE" — tqieset li hija ta' relevanza kbira għall-ombudsmen fl-Unjoni kollha wara t-tkabbir. Bħala korpi ta' sorveljanza, l-ombudsmen għandhom sehem kruċjali x'jagħtu biex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiha u korretta tal-liġi ta' l-UE fl-Istati Membri. Id-diskussjonijiet fl-Aja iffukaw fuq kif l-ombudsmen jistgħu jaħdmu l-aħjar flimkien biex jaqdu dmirijiethom sew. Intlaħqu konklużjonijiet importanti dwar il-kooperazzjoni fil-futur bejn il-membri tan-Netwerk, u l-progress li sar fir-rigward ta' dawn l-inizzjattivi ser jiġi rivedut fis-seminar li jmiss ta' l-ombudsmen nazzjonali li ser isir fi Strasburgu fl-2007.

Il-*Fuljett ta' Tagħrif — Ombudsmen Ewropej* kompla jservi bħala għodda ta' siwi kbir għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi ta' l-UE u l-aħjar prattiċi fl-2005. Iż-żewġ ħarġiet, li ġew ippubblikati f'April u f'Ottubru, trattaw suġġetti bħall-Aġenzija ta' l-UE għad-Drittijiet Fundamentali li ser titwaqqaf

fil-futur, l-aċċess għad-dokumenti u l-protezzjoni tad-dejta, id-diskriminazzjoni u l-ostakli għall-moviment liberu, il-problemi li għandhom x'jaqsmu mal-ħabsijiet f'għadd ta' Stati Membri, l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u l-problemi li jiffaċċjaw l-immigranti. Id-dokument elettroniku ta' l-Ombudsman u l-fora ta' diskussjoni komplew jiżviluppaw matul is-sena, u dan ippermetta lill-uffiċċji li jaqsmu l-informazzjoni billi jintbagħtu mistoqsijiet u tweġibiet bl-internet. Inbdew diversi diskussjonijiet importanti li jvarjaw mis-self ta' kotba b'xejn fil-libreriji pubbliċi għall-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' l-ombudsmen fuq l-internet. Barra minn hekk, is-servizz elettroniku ta' aħbarijiet ta' l-Ombudsman — *L-Aħbarijiet ta' Kuljum ta' l-Ombudsman* — ġie ppubblikat f'kull jum ta' xogħol, inklużi artikli, aħbarijiet uffiċjali u avviżi mill-uffiċċji ta' kull pajjiż li huma involuti fin-Netwerk.

Żjarat ta' informazzjoni lill-ombudsmen fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea kienu effettivi ħafna għall-iżvilupp tan-Netwerk, u huma mezz eċċellenti biex titqajjem kuxjenza dwar il-firxa ta' għodda ta' komunikazzjoni li n-Netwerk tagħmel disponibbli.

*Laqgħat*

Matul is-sena, l-isforzi ta' l-Ombudsman biex jikkollabora mal-kollegi tiegħu marru lil hinn mill-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. Huwa attenda għadd ta' avvenimenti organizzati mill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u ltaqa' ma' għadd kbir ta' ombudsmen u rappreżentanti ta' l-istituzzjonijiet ta' l-ombudsmen minn ġewwa l-UE u lil hinn minnha, bil-għan li jippromwovi l-ħidma ta' l-ombudsmen, jiddiskuti r-relazzjonijiet ta' bejn l-istituzzjonijiet u l-iskambju ta' l-aħjar prattiċi.

## L-attivitajiet ta' komunikazzjoni

Billi huwa dejjem ħerqan li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu ilment, l-Ombudsman ħa l-okkazzjoni ta' l-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni biex jorganizza jew jagħmel għadd ta' avvenimenti bl-għan li jżid l-għarfien dwar ir-rwol tiegħu. Fit-28 ta' Ottubru, l-*Institut des hautes études européennes* ta' l-*Université Robert Schuman* ta' Strasburgu organizza seminar akkademiku bl-isem : *Le Médiateur européen: bilan et perspectives* ("L-Ombudsman Ewropew — evalwazzjoni u perspettivi"). 'Il fuq minn 80 akkademiku, student, avukat, staff ta' l-UE u parteċipanti oħra attendew l-avveniment li nfetaħ mis-Senatriċi u s-Sindku ta' Strasburgu s-Sin. Fabienne KELLER. Fis-6 ta' Diċembru, l-Ombudsman organizza żewġ avvenimenti fi Brussell bl-isem "L-Ombudsman Ewropew: 20 000 ilment f'10 snin — wisq jew ftit wisq?". Dawn l-avvenimenti, li ġew organizzati flimkien maċ-Ċentru tal-Ġurnaliżmu Ewropew, ħadu l-forma ta' seminar għall-istampa u *workshop* pubbliku mmirat lejn il-mezzi tax-xandir, l-NGOs u l-gruppi interessati, ir-rappreżentanzi reġjonali u lokali, u ċ- ċittadini interessati fil-ħidma ta' l-Ombudsman. Id-diskussjonijiet li saru matul dawn l-avvenimenti qajmu kwistjonijiet importanti li l-Ombudsman irid jirrifletti fuqhom hekk kif l-istituzzjoni tibda t-tieni deċennju tagħha.

L-Ombudsman kompla ż-żjarat ta' tagħrif tiegħu fl-Istati Membri fl-2005 bi żjara fir-Renju Unit f'Novembru. Matul din iż-żjara, l-Ombudsman ltaqa' ma' ċittadini, ma' ilmentaturi potenzjali, ma' amministraturi, ma' membri tal-ġudikatura u ma' rappreżentanti politiċi ta' grad għoli. Din iż-żjara kienet mezz eċċellenti biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom, tiġi rikonoxxuta aktar il-ħidma ta' l-Ombudsman fost il-membri ewlenin fl-oqsma ġudizjarji, leġislattivi u eżekuttivi u tittejjeb il-kollaborazzjoni siewja li l-Ombudsman għandu ma' l-ombudsman korrispondenti tiegħu fir-Renju Unit.

L-Ombudsman u l-istaff tiegħu komplew bl-isforzi tagħhom biex jippreżentaw il-ħidma ta' l-istituzzjoni waqt konferenzi, seminars u laqgħat fl-2005, u matul is-sena saru madwar 120 preżentazzjoni ta' din ix-xorta. Dawn il-laqgħat għenu biex titqajjem kuxjenza dwar il-ħidma ta' l-Ombudsman kemm fost ilmentaturi potenzjali kif ukoll fost ċittadini interessati.

L-attivitajiet ta' l-istampa komplew b'pass mgħaġġel, bi 17-il stqarrija uffiċjali maħruġa għall-ġurnalisti ma' l-Ewropa kollha. L-Ombudsman ta 'l fuq minn 50 intervista lill-ġurnalisti ta' l-istampa, l-gazzetti, il-mezzi tax-xandir u dawk elettroniċi fi Strasburgu, Brussell u postijiet oħra. Huwa ppreżenta wkoll il-ħidma tiegħu u wieġeb għall-mistoqsijiet matul konferenzi stampa u laqgħat.

Tqassam ħafna materjal dwar il-ħidma ta' l-Ombudsman matul is-sena, b'mod partikolari waqt il-jiem ta' ftuħ għall-pubbliku organizzati mill-Parlament Ewropew. Il-Jum ta' Ftuħ għall-pubbliku fi Brussell tat-30 ta' April intuża bħala opportunità biex tiġi mniedija *Il-Kartolina ta' l-Għaxar anniversarju ta' l-Ombudsman Ewropew* f'24 lingwa. L-Ombudsman ipproduċa wkoll volum kommemorattiv biex jimmarka l-għaxar anniversarju. Bl-isem '*L-Ombudsman Ewropew: Oriġini, Twaqqif u Żvilupp*', din il-pubblikazzjoni nħarġet f'edizzjonijiet b'qoxra iebsa u b'qoxra ratba u ġiet imniedija fl-Aja bħala parti mill-Ħames seminar ta' l-ombudsmen nazzjonali. Verżjoni b'dehra ġdida tal-*Kodiċi Ewropew għall-Imġieba Amministrattiva Tajba* ġiet ukoll ippubblikata f'24 lingwa fl-2005. 'Il fuq minn 100 000 kopja tal-Kodiċi ġew mqassma lill-Ombudsmen, l-MPE, il-kapijiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE, ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u l-Uffiċċji tal-Parlament fl-Istati Membri, lill-mezzi tax-xandir u n-netwerks ta' l-UE, lill-amministraturi pubbliċi fuq livelli nazzjonali u reġjonali fl-istati membri u liċ-ċittadini u organizzazzjonijiet li wrew interess partikolari fil-ħidma ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE. Intwera interess kbir f'din il-pubblikazzjoni u sa l-aħħar sena kien hemm domanda għal bosta eluf ta' kopji oħra.

Dawn il-pubblikazzjonijiet tpoġġew fuq il-websajt ta' l-Ombudsman flimkien mad-deċiżjonijiet, l-istqarrijiet uffiċjali, l-istatistiċi u d-dettalji ta' l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tiegħu li jitpoġġew fuq il-websajt regolarment. Fl-2005 inħolqot ukoll taqsima ġdida fil-websajt, li hija ddedikata kompletament għall-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni. Din kienet tinkludi l-*Volum Kommemorattiv*, kif ukoll diversi dokumenti dwar l-avvenimenti ta' l-għaxar anniversarju. Infetħet taqsima ġdida tas-sit b'dokumenti storiċi li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman.

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005, il-*homepages* tal-websajt ta' l-Ombudsman kellhom 304 300-il żjara. L-aktar li ġiet ikkonsultata kienet il-verżjoni tas-sit bl-Ingliż, b'71 166 żjara, segwita mill-verżjoni Franċiża, Taljana, Spanjola, Ġermaniża u Pollakka. Fil-każ ta' l-oriġini ġeografika ta' dawk li żaru l-*homepages*, l-akbar numru ta' persuni li raw il-websajt kienu mill-Belġju (27 517 żjara), segwiti mill-Italja, Spanja, Franza, il-Ġermanja u l-Polonja.

## Żviluppi nterni

Fl-2005, l-Ombudsman kompla bl-isforzi tiegħu biex jiżgura li l-istituzzjoni tkun attrezzata biex tittratta l-ilmenti miċ-ċittadini tal-25 Stat Membru bil-21 lingwa tat-Trattat.

Id-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u l-Finanzi ta' l-Ombudsman ġie ristrutturat fl-2005 u ġie maqsum f'erba' setturi — is-Settur Amministrattiv, is-Settur Finanzjarju, is-Settur għat-Trattament ta' l-Ilmenti u s-Settur tal-Komunikazzjoni. L-għan ta' dan ir-ristrutturar kien li jkun hemm aktar speċjalizzazzjoni f'kull settur individwali, waqt li l- kooperazzjoni tiġi żgurata mill-Kap tad-Dipartiment. Fi ħdan id-Dipartiment Legali, ġew msaħħa l-proċeduri għall-amministrazzjoni tal-każijiet u l-kontroll tal-kwalità biex tiġi żgurata sorveljanza konsistenti u trattament affidabbli għal numru akbar ta' ilmenti minn tim akbar ta' Uffiċjali Legali.

L-għadd ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment ta' l-Ombudsman żdied minn 38 fl-2004 għal 51 fl-2005, kif kien previst fil-pjan tal-baġit multi-annwali adottat mill-Parlament fl-2002. Dan il-pjan kien jipprovdi għall-introduzzjoni f'fażijiet ta' karigi ġodda marbuta mat-tkabbir fl-2003-05. Hija prevista żieda ta' 57 kariga fil-baġit ta' l-2006 li ġie adottat mill-awtoritajiet tal-baġit f'Diċembru ta' l-2005. Din iż-żieda hija marbuta l-aktar mat-tkabbir li jmiss ta' l-Unjoni Ewropea (il-Bulgarija u r-Romanija) u l-implikazzjoni tad-deċiżjoni biex tintlaħaq awtonomija sħiħa mis-servizzi tal-Parlament fir-rigward ta' l-amministrazzjoni ta' l-istaff ta' l-Ombudsman. Waħda mill-prijoritajiet ta' din l-għaxar sena ta' l-istituzzjoni kienet fil-fatt li jerġa' jiġi eżaminat l-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Parlament bl-intenzjoni li jiġi adattat għar-realtajiet l-ġodda. Ftehim ġdid kellu jiġi ffirmat fil-bidu ta' l-2006 bl-għan li tinżamm il-kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament fl-oqsma kollha fejn ikun possibbli li ssir ekonomija ta' skala u tfaddil mill-baġit.

L-Ombudsman ippreżenta l-baġit għas-sena 2006 skond struttura ġdida tal-baġit (nomenklatura). L-għan ta' din l-istruttura l-ġdida huwa li tiżdied t-trasparenza u li tiffaċilita kontroll aħjar tal-baġit mill-awtorità tal-baġit billi tagħti lok għal sorveljanza aħjar tan-nefqa ta' natura simili, li fl-istruttura użata sallum kienet mqassma f'diversi titli jew kapitli. L-allokazzjoni totali għall-2006 hija ta' EUR 7 682 538 (waqt li fl-2005 kienet ta' EUR 7 312 614).



©iStockphoto.com/Louis16

# 2 ILMENTI U INVESTIGAZZJONIJIET

# 2 ILMENTI U INVESTIGAZZJONIJIET

Wieħed mill-mezzi l-iktar importanti kif l-Ombudsman Ewropew jippromwovi amministrazzjoni tajba huwa billi jinvestiga każi possibbli ta' amministrazzjoni ħażina u jirrakkomanda, meta hemm jkun bżonn, azzjoni korrettiva. Fil-biċċa l-kbira huwa permezz ta' lmenti li l-Ombudsman isir jaf dwar każi possibbli ta' amministrazzjoni ħażina, u l-mod kif jittrattahom huwa l-aspett l-iktar importanti fl-irwol reattiv tiegħu.

Id-dritt li tressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea (Artikolu 21 tat-Trattat KE) u huwa inkluż fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Artikolu 43).

L-Ombudsman għandu wkoll il-possibilità biex imexxi investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess u b'hekk jieħu rwol proattiv fil-ġlieda kontra l-amministrazzjoni ħażina.

## 2.1 IL-BAŻI LEGALI GĦALL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN

Il-ħidma ta' l-Ombudsman hija rregolata mill-Artikolu 195 tat-Trattat KE, mill-Istatut ta' l-Ombudsman (li joħroġ minn deċiżjoni tal-Parlament Ewropew[1]) u mid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Ombudsman skond l-Artikolu 14 ta' l-Istatut.

Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jirrigwardaw l-operat intern ta' l-uffiċċju ta' l-Ombudsman. Madankollu, sabiex ikunu jistgħu jinftiehmu miċ-ċittadin u jkunu utli għalih, jinkludu wkoll xi materjal dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħrajn li diġà jinsab fl-Istatut. Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni attwali daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003. Huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu) u f'verżjoni stampata mill-uffiċċju ta' l-Ombudsman.

## 2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

L-Artikolu 195 tat-Trattat KE jagħti s-setgħa lill-Ombudsman li jirċievi lmenti minn kwalunkwe ċittadin ta' l-Unjoni jew kwalunkwe persuna naturali jew legali li toqgħod, jew għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha, fi Stat Membru, dwar każi ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi Komunitarji, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim Istanza fl-eżerċitar ta' l-irwol ġudizzjarju tagħhom. Ilment huwa għalhekk barra mill-mandat jekk:

1. l-ilmentatur ma jkunx persuna intitolata li tressaq ilment;
2. l-ilment ma jkunx indirizzat kontra istituzzjoni jew korp Komunitarju;

[1] Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262 tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-eżerċitar tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman, ĠU 1994 L 113, p 15.

3. l-ilment ikun indirizzat kontra l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim Istanza fl-eżerċitar ta' l-irwol ġudizzjarju tagħhom; jew

4. l-ilment ma jkunx jirrigwarda każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina.

Hemm diskussjoni f'aktar dettall tal-punti 1, 2 u 4 aktar 'il quddiem.

## 2.2.1 Ilmenti mhux awtorizzati

Għalkemm id-dritt li jitressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew huwa limitat għal ċittadini, residenti u persuni legali b'uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, l-Ombudsman għandu wkoll is-setgħa li jiftaħ investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess. Bis-saħħa tas-setgħa li juża l-inizjattiva tiegħu stess, l-Ombudsman jista' jinvestiga każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina li jitqajjem minn ilment, anke jekk l-ilmentatur ma jkunx persuna awtorizzata. Infetħu tliet investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess fl-2005.

L-Ombudsman jevalwa jekk jużax l-inizjattiva tiegħu stess b'dan il-mod skond kull każ individwali. S'issa, l-ebda ilment ma ġie rrifjutat biss minħabba li l-ilmentatur ma kienx persuna awtorizzata.

## 2.2.2 Istituzzjonijiet u korpi Komunitarji

Il-mandat ta' l-Ombudsman ikopri l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji. L-istituzzjonijiet huma elenkati fl-Artikolu 7 tat-Trattat iżda m'hemm l-ebda definizzjoni jew lista awtorevoli ta' korpi Komunitarji. It-terminu jinkludi korpi stabbiliti mit-Trattati, bħall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u bħall-Bank Ċentrali Ewropew, kif ukoll aġenziji maħluqin permezz ta' leġiżlazzjoni, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u bħaċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tar-Razziżmu u l-Ksenofobija.

**Eżempji ta' lmenti li ma kinux indirizzati kontra istituzzjonijiet jew korpi Komunitarji**

**ILMENT KONTRA DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW**

Ċittadin Ċiprijott ressaq ilment kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jibda n-negozjati ta' sħubija mat-Turkija. L-ilmentatur argumenta li d-deċiżjoni tmur kontra l-prinċipji bażiċi ta' l-UE, bħal-libertà, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u ddikjara li r-riżultati tal-Kunsill Ewropew għandhom ikunu ddikjarati bla effett legali.

Għall-kuntrarju tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew m'huwiex istituzzjoni tal-Komunità Ewropea. Skond l-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew "għandu jipprovdi l-Unjoni bl-ispinta meħtieġa għall-iżvilupp tagħha u għandu jiddefinixxi l-linji gwida politiċi ġenerali tagħha".

Każ 221/2005/TN

**ALLEGAZZJONI TA' TRATTAMENT ABBUŻIV MINN UFFIĊJALI TAD-DWANA**

Ċittadin ta' l-Unjoni kien qiegħed jittrasporta merkanzija minn Santander fi Spanja għal Ruma fl-Italja. Huwa lmenta li uffiċjali tad-dwana waqqfuh u fittxewlu fil-highway qrib Nizza. L-ilmentatur allega li ġie ttrattat b'mod abbużiv, li l-merkanzija tiegħu tħalliet fuq il-bankina, u li l-uffiċjali tad-dwana rrifjutaw li jagħtu spjegazzjoni għall-azzjonijiet tagħhom.

L-ilment ma rrigwardax azzjonijiet ta' istituzzjoni jew korp tal-Komunità u għalhekk kien barra mill-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew.

L-Ombudsman Ewropew ittrasferixxa l-każ lill-Ombudsman Franċiż, li huwa kompetenti biex jieħu ħsieb ilment kontra l-awtoritajiet tad-dwana Franċiżi.

Każ 3484/2005/JMA

### 2.2.3 "Amministrazzjoni ħażina"

L-Ombudsman Ewropew kien minn dejjem konsistenti fil-fehma li l-kunċett ta' amministrazzjoni ħażina huwa wiesa' u li amministrazzjoni tajba tirrikjedi, fost affarijiet oħrajn, konformità mar-regoli u mal-prinċipji legali, inklużi d-drittijiet fundamentali. Madankollu, il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jmorru lil hinn minn hekk, u jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji mhux biss jirrispettaw l-obbligi legali tagħhom iżda li jagħtu wkoll attenzjoni lis-servizz u li jiżguraw li l-membri tal-pubbliku jiġu ttrattati b'mod xieraq u li jgawdu b'mod sħiħ mid-drittijiet tagħhom. B'hekk, waqt li l-illegalità neċessarjament timplika amministrazzjoni ħażina, l-amministrazzjoni ħażina ma tfissirx awtomatikament l-illegalità. Per eżempju, sejba mill-Ombudsman ta' amministrazzjoni ħażina bbażata fuq ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (li fil-fatt ma torbotx legalment) ma timplikax awtomatikament li kien hemm imġiba illegali li tista' tiġi sanzjonata minn qorti[2].

Bħala tweġiba għal sejħa mill-Parlament Ewropew għal definizzjoni ċara ta' amministrazzjoni ħażina, fir-*Rapport Annwali 1997* tiegħu l-Ombudsman offra din id-definizzjoni li ġejja:

*Amministrazzjoni ħażina sseħħ meta entità pubblika tonqos milli topera skond regola jew prinċipju li jorbotha.*

Fl-1998, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni li laqgħet din id-definizzjoni. Skambju ta' korrispondenza bejn l-Ombudsman u l-Kummissjoni matul l-1999 għamilha ċara li l-Kummissjoni qablet ukoll mad-definizzjoni.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ipproklamata f'Diċembru 2000, tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala dritt fundamentali taċ-ċittadinanza Ewropea (Artikolu 41).

2 Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza tat-28 ta' Ottubru 2004 għall-każi kollettivi T-219/02 u T-337/02, *Herrera v Il-Kummissjoni*, para 101, u l-Ordni tal-President tal-Qorti tal-Prim Istanza tal-15 ta' Ottubru 2004 fil-każ T-193/04 R *Hans-Martin Tillack v Il-Kummissjoni*, para 60.

**Eżempju ta' lment li ma kienx jirrigwarda l-possibilità ta' amministrazzjoni ħażina**

**ŻBALL FIL-VERŻJONI ĠERMANIŻA TA' DIRETTIVA**

L-ilmentatur tħarreġ bħala infermier fil-Ġermanja tal-Lvant u eżerċita din il-professjoni għal iktar minn 15-il sena. Wara li tilef xogħlu fil-Ġermanja, sab impjieg fl-Awstrija. Dan l-impjieg intemm meta l-awtoritajiet Ġermaniżi naqsu milli joħorġu ċertifikat mitlub minn dak li kien qiegħed jimpjegah fl-Awstrija.

Skond l-ilmentatur, il-leġiżlazzjoni Ewropea tesiġi minnu li jkollu provi li ħadem mingħajr waqfien fil-qasam għal ċertu perjodu. Minkejja l-esperjenza professjonali twila tiegħu, huwa ma setax jilħaq dan ir-rekwiżit għax kien mingħajr xogħol għal żmien qasir f'żewġ okkażjonijiet. Huwa allega li dan ma kienx ġust.

Skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 77/452/KEE, "kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti, id-diplomi, iċ-ċertifikati u kull evidenza oħra ta' kwalifiki formali ta' infermiera responsabbli għall-kura ġenerali kif mogħti minn dawk l-Istati Membri (...), flimkien ma' ċertifikat li jiddikjara li dawk iċ-ċittadini ħadmu bħala infermieri responsabbli għall-kura ġenerali, effettivament u legalment, *għal mill-inqas tliet snin matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat*".

It-test ta' l-Artikolu 4a tad-Direttiva 77/452, li kien introdott wara l-unifikazzjoni tal-Ġermanja u li jirrigwarda d-diplomi maħruġin mill-Ġermanja tal-Lvant, huma l-istess bħal dak ta' Artikolu 4. Madankollu, il-verżjoni Ġermaniża tad-dispożizzjoni tesiġi li l-persuna inkwistjoni tkun ħadmet, *mingħajr waqfien,* għal mill-inqas tliet snin matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

L-ilment lill-Ombudsman kien inammissibbli għax ma kienx jirrigwarda amministrazzjoni ħażina iżda l-merti tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE.

Sabiex jagħti parir utli lill-ilmentatur, l-Ombudsman qabbel il-verżjonijiet tad-Direttiva bil-lingwi differenti, u sab li l-verżjonijiet tad-dispożizzjoni bl-Ingliż, bil-Franċiż, bl-Ispanjol, bil-Portugiż, bl-Olandiż u bit-Taljan ma kinux jesiġu li l-impjieg ikun mingħajr waqfien. L-Ombudsman għalhekk ikkunsidra li l-verżjoni Ġermaniża kienet żbaljata b'mod ċar u għarraf lill-Kummissjoni u lill-ilmentatur dwar dan.

Il-Kummissjoni qablet ma' l-analiżi ta' l-Ombudsman u talbet lill-ilmentatur sabiex jipprovdi kopja tal-korrispondenza li huwa kellu ma' l-awtoritajiet Ġermaniżi rilevanti u biex jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tagħmel kuntatt f'ismu ma' dawn l-awtoritajiet. L-Ombudsman irringrazzja lill-Kummissjoni għar-reazzjoni immedjata u utli tagħha.

Każ 2744/2005/GG

## 2.2.4 Il-Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba

Fis-6 ta' Settembru 2001, il-Parlament Ewropew approva l-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba li l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-amministrazzjonijiet u l-uffiċjali tagħhom, iridu jirrispettaw fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Il-Kodiċi tqis il-prinċipji tal-liġi amministrattiva Ewropea fil-każistika tal-qrati tal-Komunità u tieħu l-ispirazzjoni tagħha mil-liġijiet nazzjonali. Il-Parlament sejjaħ ukoll lill-Ombudsman biex japplika l-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba. Għalhekk l-Ombudsman iqis ir-regoli u l-prinċipji fil-Kodiċi meta jeżamina l-ilment u meta jmexxi investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu.

## 2.3 L-AMMISSIBILITÀ U L-BAŻI GĦAL INVESTIGAZZJONIJIET

Ilment imressaq minn ilmentatur awtorizzat dwar amministrazzjoni ħażina minn istituzzjoni jew korp tal-Komunità trid tissodisfa kriterji ulterjuri ta' ammissibilità qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jiftaħ investigazzjoni. Il-kriterji stabbiliti fl-Istatut huma li:

1. l-awtur u s-suġġett ta' l-ilment jridu jkunu identifikati (Artikolu 2.3 ta' l-Istatut);
2. L-Ombudsman ma jistax jintervjeni f'każi li jkunu quddiem il-qrati u lanqas ma jista' jiddubita mill-validità ta' deċiżjonijiet tal-qrati (Artikolu 1.3);
3. l-ilment għandu jsir fi żmien sentejn mid-data meta l-ilmentatur ikun sar jaf bil-fatti li fuqhom huwa bbażat l-ilment (Artikolu 2.4);
4. qabel ma jsir l-ilment iridu jkunu saru l-passi amministrattivi xierqa lill-istituzzjoni jew lill-korp inkwistjoni (Artikolu 2.4);
5. f'każ ta' lmenti dwar ir-relazzjonijet ta' xogħol bejn istituzzjonijiet u korpi u l-uffiċjali u l-impjegati tagħhom, iridu jkunu ġew eżawriti il-possibilitajiet kollha li jiġu ppreżentati talbiet u lmenti amministrattivi interni qabel ma jitressaq l-ilment (Artikolu 2.8).

L-Artikolu 195 tat-Trattat KE jistabbilixxi li l-Ombudsman għandu l-possibilità li "jmexxi investigazzjonijiet li jqis iġġustifikati". F'xi każi, għalkemm l-ilment ikun ammissibbli, jista' ma jkunx hemm ġustifikazzjoni biżżejjed biex l-Ombudsman jiftaħ investigazzjoni.

**Eżempju ta' lment fejn ma kienx hemm ġustifikazzjoni biżżejjed biex tinfetaħ investigazzjoni**

**ILMENTATUR ĦABBAR L-INTENZJONI LI JIFTAĦ PROĊEDURI LEGALI**

L-ilmentatur, li kien jaħdem ma' korp Komunitarju, żviluppa kundizzjoni medika u ħa perjodi twal ta' liv minħabba mard. L-awtorità tal-ħatra rrifjutat it-talba ta' l-ilmentatur biex jitwaqqaf Kumitat ta' Invalidità, u rrifjutat appell sussegwenti li tressaq skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti ta' l-Istaff. L-ilmentatur ikkuntattja lill-Ombudsman fi tmiem Settembru 2005.

L-ilment laħaq ir-rekwiżiti proċedurali u sostantivi għall-ammissibilità u l-ilmentatur ġie infurmat kif xieraq. Madankollu, l-ilmentatur kien iddikjara l-intenzjoni tiegħu li jikkontesta quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza r-rifjut ta' l-appell skond l-Artikolu 90(2). L-iskadenza biex tinbeda azzjoni skadiet fil-bidu ta' Diċembru 2005.

Ilment lill-Ombudsman ma jaffettwax limiti ta' żmien għal proċeduri ġudizzjarji (Artikolu 2(6) ta' l-Istatut). Barra minn hekk, meta l-Ombudsman irid jagħlaq każ minħabba proċeduri legali fir-rigward tal-fatti li tressqu, ir-riżultat ta' kwalunkwe investigazzjonijiet li jkunu saru sa dak il-punt jiġu arkivjati mingħajr ma tittieħed iktar azzjoni (Artikolu 2(7) ta' l-Istatut). F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman qies li ma kienx hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex tinfetaħ investigazzjoni.

L-ilmentatur ġie mistieden jġedded l-ilment lill-Ombudsman, fil-każ li jiddeċiedi biex ma jiftaħx proċeduri legali.

Każ kunfidenzjali

L-Ombudsman huwa wkoll tal-fehma li jekk ilment ikun diġà ġie eżaminat bħala petizzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, normalment ma jkunx hemm ġustifikazzjonijiet biex jiftaħ investigazzjoni, sakemm ma titressaqx evidenza ġdida.

## 2.4 ANALIŻI TA' LMENTI EŻAMINATI FL-2005

Matul l-2005, l-Ombudsman irċieva 3 920 ilment ġdid, żieda ta' 5% meta mqabbla ma' l-2004. Madankollu, wieħed għandu jinnota li 335 mill-ilmenti l-ġodda kienu dwar l-istess suġġett u ġew trattati f'investigazzjoni kollettiva (ara s-sommarju tal-każ 3452/2004/JMA u oħrajn f'kapitlu 3 hawn taħt). Skond il-prattika stabbilita, l-ilmenti kollha li jwasslu għal investigazzjoni jingħaddu fl-istatistika li joħroġ l-Ombudsman. Madankollu, sabiex tkun evitata d-distorsjoni, ilmenti inammissibbli li jaslu bil-kwantità permezz ta' l-email, u li ġieli jlaħħqu l-eluf, jingħaddu separatament fl-istatistika sal-ħdax-il ilment (il-ħdax-il ilment inkluż) biss.

Ilmenti ntbagħtu direttament minn ċittadini individwali f'3 705 każi u 215 waslu minn assoċjazzjonijiet jew kumpaniji. L-Ombudsman beda wkoll ħames investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu.

Matul l-2005, il-proċess ta' l-eżaminar ta' l-ilmenti sabiex ikun deċiż jekk jaqgħux fil-limiti tal-mandat, jekk jilħqux il-kriterji ta' l-ammissibilità, u jekk jipprovdux biżżejjed provi biex tinfetaħ investigazzjoni tlesta f'93% tal-każi. Mill-ilmenti kollha li ġew eżaminati, ftit iktar minn 30% waqgħu fil-limiti tal-mandat ta' l-Ombudsman. Minn dawn, 858 laħqu l-kriterji ta' ammissibilità (inklużi 389 ilment li wasslu għal investigazzjoni waħda kollettiva) iżda 132 ma pprovdewx biżżejjed provi biex tinfetaħ investigazzjoni.

Fuq il-bażi ta' lmenti, matul is-sena nfetħu total ta' 338 investigazzjoni ġdida (inkluż l-investigazzjoni kollettiva msemmija fuq). L-Ombudsman beda wkoll ħames investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu. Fl-analiżi ta' dawn l-investigazzjonijiet f'Anness A, it-389 ilment dwar l-istess suġġett huma kkunsidrati bħala investigazzjoni waħda kollettiva.

L-Ombudsman Ewropew ittratta total ta' 627 investigazzjoni fl-2005, li minnhom 284 tkomplew mill-2004.

Bħal fis-snin ta' qabel, ħafna mill-investigazzjonijiet irrigwardaw lill-Kummissjoni (68% tat-total). Meta wieħed iqis li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni ewlenija tal-Komunità li tieħu deċiżjonijiet li jkollhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini, huwa normali li tkun il-mira prinċipali ta' l-ilmenti taċ-ċittadini. Kien hemm 73 investigazzjoni dwar l-Uffiċċju tas-Selezzjoni tal-Persunal Ewropew (EPSO), 58 dwar il-Parlament Ewropew u 14 dwar il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

It-tipi ewlenin ta' amministrazzjoni ħażina li ġew allegati kienu nuqqas ta' trasparenza, inkluż ir-rifjut li tingħata informazzjoni (188 każ), inġustizzja jew abbuż ta' poter (132 każ), diskriminazzjoni (103 każi), proċeduri mhux sodisfaċenti (78 każ), dewmien li seta' kien evitat (73 każ), negliġenza (44 każ), nuqqas li jiġi żgurat it-twettiq ta' obbligi, jiġifieri nuqqas mill-Kummissjoni Ewropea li taqdi l-irwol tagħha bħala "gwardjan tat-Trattat" vis-à-vis l-Istati Membri (37 każ), u żbalji legali (29 każ).

## 2.5 TRASFERIMENTI U PARIRI

Jekk ilment ikun barra mil-limiti tal-mandat jew ikun inammissibbli, l-Ombudsman dejjem jipprova jagħti parir lill-ilmentatur dwar korp ieħor li jista' jittratta l-ilment, speċjalment jekk il-każ ikun jinvolvi l-liġi Komunitarja. Jekk ikun possibbli, l-Ombudsman jittrasferixxi l-ilment direttament għand korp kompetenti ieħor bil-kunsens ta' l-ilmentatur, dejjem sakemm ikun jidher li hemm bażi għall-ilment.

L-Ombudsman Ewropew jikkopera mill-qrib mal-kontrapartijiet nazzjonali u reġjonali l-oħrajn fl-Istati Membri permezz tan-Netwerk Ewropew ta' Ombudsmen (ara kapitlu 5 hawn taħt). Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment rapidu ta' lmenti lill-kontraparti kompetenti nazzjonali jew reġjonali jew korp simili. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew ukoll jipparteċipa bħala membru sħiħ fin-Netwerk.

Matul l-2005, ġew trasferiti 114-il ilment. Minn dawn, 91 ġew trasferiti lill-ombudsman nazzjonali jew reġjonali, tnax lill-Parlament Ewropew biex jiġu trattati bħala petizzjonijiet, sitta lill-Kummissjoni Ewropea, u ħamsa lil SOLVIT[3].

Ingħata parir f'2 329 każ. F'945 minn dawn, ingħata parir lill-ilmentatur biex jikkuntattja l-ombudsman nazzjonali jew reġjonali, u f'144 każ ingħata parir lill-ilmentatur biex iressaq petizzjoni lill-Parlament Ewropew. F'376 każ, il-parir kien li jsir kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea. Din il-figura tinkludi xi każi meta l-ilment kontra l-Kummissjoni ġie ddikjarat inammissibbli għax ma kinux ittieħdu l-passi amministrattivi xierqa. F'112-il każ, il-parir kien li jsir kuntatt ma' SOLVIT. F'752 każ, l-ilmentatur ingħata parir biex jikkuntattja korpi oħrajn, l-iktar ombudsmen speċjalizzati jew korpi li jittrattaw ilmenti f'xi Stat Membru.

**Eżempji ta' każi trasferiti**

### REKWIŻITI GĦALL-VIŻA GĦAL RESIDENTI LI M'HUMIEX ĊITTADINI

Skond l-ilmentatur, li huwa ċittadin Żvediż, il-Latvja toħroġ passaporti speċjali għall-abitanti tagħha li l-ewwel lingwa tagħhom hija r-Russu. L-ilmentatur kien infurmat li l-ftehima ta' Schengen tobbliga lill-Istati Membri ta' l-UE biex jesiġu viżas mingħand dawk il-Latvjani li għandhom passaporti speċjali. L-ilmentatur qal li jew il-Latvja għandha toħroġ passaporti ordinarji lill-abitanti kollha tagħha, jew li għandha titneħħa d-dispożizzjoni fil-ftehima ta' Schengen li tiddiskrimina kontra dawk il-Latvjani li r-Russu huwa l-ewwel lingwa tagħhom.

Fir-rigward tat-talba kontra l-Latvja, l-ilmentatur ingħata parir biex jikkuntattja lill-Uffiċċju Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem. Fir-rigward tal-ftehima ta' Schengen, l-Ombudsman innota li l-ilmentatur qal li ma rnexxilux jirċievi spjegazzjoni dwar liema mid-dispożizzjonijiet tal-ftehima ippermettew li ssir diskriminazzjoni. Sabiex jgħin lill-ilmentatur jikseb l-informazzjoni, l-Ombudsman ittrasferixxa l-każ lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni spjegat lill-ilmentatur li l-liġi Komunitarja ma żżomx lill-Istati Membri milli jeżentaw mir-rekwiżiti għal viża lil dawk l-individwi li jkollhom passaport Latvjan għal persuni li m'humiex ċittadini tal-Latvja. Il-Kummissjoni rrimarkat ukoll li s-sitwazzjoni legali kienet qiegħda tiġi riveduta sabiex ikun eżentat mir-rekwiżiti għal viża kull min għandu passaport għal barranin u passaport għal min mhux ċittadin u li jgħix fi Stat Membru.

Każ 1254/2005/TN

### DISKRIMINAZZJONI FIL-LIĠI NAZZJONALI TAT-TAXXA

Ċittadin Ġermaniż li jaħdem fi Spanja lmenta li r-rata normali progressiva tat-taxxa mid-dħul fi Spanja tiġi applikata biss lill-barranin wara li jkunu ħadmu fi Spanja għal mill-inqas 183 jum. L-ilmentatur allega diskriminazzjoni għax ir-rata applikata lilu u lill-kollegi tiegħu Ġermaniżi kienet ta' 25 fil-mija, waqt li ir-rata tat-taxxa applikata lill-kollegi tiegħu Spanjoli kienet ta' bejn 6 fil-mija u 9 fil-mija.

Bil-permess ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman ittrasferixxa l-ilment lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni wieġbet b'ħeffa lill-ilmentatur, u ddikjarat li kienet konxja tal-problema u li kienet tal-fehma li l-leġiżlazzjoni msemmija tista', f'xi każi, ixxekkel il-moviment ħieles tal-ħaddiema. Għalhekk kienet bagħtet opinjoni mmotivata lill-awtoritajiet Spanjoli, titlobhom biex ibiddlu d-dispożizzjonijiet rilevanti.

Sussegwentament ġie rrapportat li l-Kummissjoni kienet għaddiet il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Każ 2703/2005/GG

[3] SOLVIT huwa netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea biex jgħin lin-nies li jsibu quddiem wiċċhom ostakoli meta jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern ta' l-Unjoni.

**DRITT GĦALL-BENEFIĊĊJI TAL-QGĦAD**

L-organizzazzjoni Franċiża li tieħu ħsieb il-pagamenti ta' assikurazzjoni kontra l-qgħad (Assedic) qablet li tħallas benefiċċji tal-qgħad lill-ilmentatur, li hija ċittadina Franċiża, bil-kundizzjoni li tattendi kors ta' taħriġ. L-ilmentatur tħarrġet il-Belġju biex issir infermiera. Assedic irriffjutat li tħallsilha l-benefiċċji tal-qgħad, għax iċ-ċentru tat-taħriġ ma jinsabx fi Franza.

Wara li kkuntattja l-ilmentatur biex jikseb il-permess tagħha, l-Ombudsman Ewropew ittrasferixxa l-każ lill-Ombudsman Franċiż.

Sussegwentament, l-Ombudsman Franċiż għarraf lill-Ombudsman Ewropew li kienet instabet soluzzjoni għall-ilment.

Każ 1363/2004/ELB

**NUQQAS TA' GĦARFIEN TA' ŻWIEĠ**

Ċittadina Latvjana ilmentat li l-awtoritajiet Irlandiżi rrifjutaw li jagħrfu l-validità taż-żwieġ tagħha, li sar fl-Irlanda skond ir-riti tal-knisja Russa Ortodossa u li kienu qegħdin jheddu li jiddeportaw lir-raġel tagħha, li huwa ċittadin ta' l-Ukrajna.

L-Ombudsman Ewropew ittrasferixxa l-ilment lill-Ombudsman Irlandiż u għarraf lill-ilmentatur kif xieraq.

L-Ombudsman Irlandiż sussegwentament għarraf lill-Ombudsman Ewropew li sadanittant kien sar Żwieġ Ċivili Irlandiż u l-każ kien qiegħed jiġi ttrattat fl-Irish High Court.

Każ 2622/2005/JMA

## 2.6 IL-PROĊEDURI TA' L-OMBUDSMAN

L-ilmenti kollha mibgħutin lill-Ombudsman jiġu rreġistrati u rikonoxxuti, normalment fi żmien ġimgħa mill-wasla tagħhom. L-ittra ta' rikonoxximent tgħarraf lill-ilmentatur dwar il-proċedura u tinkludi l-isem u n-numru tat-telefown tal-persuna li tkun qiegħda tieħu ħsieb l-ilment. L-ilment jiġi analizzat sabiex jiġi determinat jekk għandhiex tinfetaħ investigazzjoni u l-ilmentatur jitgħarraf bir-riżultat ta' l-analiżi, normalment fi żmien xahar.

Jekk ma tinfetaħ l-ebda investigazzjoni, l-ilmentatur jitgħarraf bir-raġuni. Kull meta jkun possibbli, l-ilment jiġi ttrasferit jew l-ilmentatur jingħata parir xieraq dwar għand liema korp kompetenti jista' jmur.

### 2.6.1 Il-bidu ta' investigazzjoni

L-ewwel pass f'investigazzjoni huwa li l-ilment jintbagħat lill-istituzzjoni jew lill-korp rilevanti u dawn jintalbu jibagħtu opinjoni lill-Ombudsman, normalment fi żmien tliet xhur. Fl-2004 l-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni qablu li jaċċettaw limitu ta' żmien iqsar ta' xahrejn għal ilment kontra r-rifjut ta' aċċess għal dokumenti.

Matul l-2005 l-Kummissjoni Ewropea adottat proċedura interna ġdida biex tagħti lill-Kummissarji individwali sehem ikbar fil-mod kif il-Kummissjoni tittratta l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman. Taħt is-sistema ta' qabel, li kienet adottata fl-1994 u rriveduta fl-1995, il-President tal-Kummissjoni biss kellu s-setgħa jgħaddi komunikazzjonijiet u dokumenti lill-Ombudsman. Din is-setgħa ġiet

sottodelegata lis-Segretarju-Ġenerali[4]. Taħt is-sistema l-ġdida, li bdiet topera fl-1 ta' Novembru 2005, is-setgħa tal-President tiġi sostitwita mis-setgħa mogħtija lill-Kummissarju responsabbli mill-kwistjoni li tkun qiegħda tiġi investigata[5]. L-ebda sottodelegazzjoni m'hi awtorizzata, għalkemm jinżamm l-irwol siewi ta' koordinazzjoni tas-Segretarjat-Ġenerali. L-Ombudsman laqa' l-proċedura l-ġdida, li għandha tgħin biex tkun żgurata l-konsistenza u l-kwalità tat-tweġibiet għal ilmenti tal-Kummissjoni.

## 2.6.2 Proċedura ġusta

Il-prinċipju ta' proċedura ġusta jirrikjedi li deċiżjoni ta' l-Ombudsman dwar ilment m'għandhiex tikkunsidra informazzjoni li tinstab f'dokumenti pprovduti jew mill-ilmentatur jew mill-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità, sakemm il-parti l-oħra jkollha l-opportunità li tara d-dokumenti u li tagħti l-opinjoni tagħha.

Għalhekk l-Ombudsman jibgħat l-opinjoni ta' l-istituzzjoni jew korp tal-Komunità lill-ilmentatur, bi stedina sabiex jiġu ppreżentati osservazzjonijiet. Jekk ikun hemm investigazzjonijiet oħra dwar l-ilment, tiġi segwita l-istess proċedura.

La t-trattat u lanqas l-Istatut ma jipprovdu għal appell jew għal rimedji oħrajn kontra d-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman dwar l-ittrattar jew dwar ir-riżultat ta' lment. Madankollu, bħall-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji l-oħrajn kollha, l-Ombudsman huwa suġġett għal azzjonijiet għal danni skond l-Artikolu 288 tat-Trattat KE. Fil-prinċipju huwa possibbli li wieħed jibda azzjoni bħal din fuq il-bażi li l-Ombudsman allegatament ikun ittratta lment b'mod ħażin.

## 2.6.3 L-ispezzjoni tal-fajls u l-ismigħ ta' xhieda

L-Artikolu 3.2 ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman jirrikjedi li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jipprovdu lill-Ombudsman bi kwalunkwe informazzjoni li huwa jitlobhom u li jagħtuh aċċess għall-fajls inkwistjoni. Jistgħu jirrifjutaw biss għal raġunijiet ta' segretezza ġustifikati b'mod xieraq.

Is-setgħa ta' l-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tawtorizzah li jivverifika kemm hija kompluta u preċiża l-informazzjoni mogħtija mill-istituzzjoni jew korp partikulari tal-Komunità. Hija għalhekk garanzija importanti għall-ilmentatur u għall-pubbliku li l-Ombudsman jista' jmexxi investigazzjoni bir-reqqa u kompleta.

L-Artikolu 3.2 ta' l-Istatut jirrikjedi wkoll li l-uffiċjali u l-impjegati l-oħrajn ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jixhdu meta jintalbu jagħmlu dan mill-Ombudsman. Huma jitkellmu f'isem u skond l-istruzzjonijiet ta' l-amministrazzjonijiet tagħhom u jibqgħu marbutin bid-dmir tagħhom ta' segretezza professjonali.

Matul l-2005, is-setgħa ta' l-Ombudsman li jispezzjona l-fajls ta' l-istituzzjoni ntużat f'disa' każi. Is-setgħa li jinstemgħu xhieda ntużat f'każ wieħed.

---

4 Proċedura tat-tisħiħ fis-setgħa Nru 1995/4749; PV(94)1213, 7/9/2004; PV (95)1260, 13/9/1995.

5 Komunikazzjoni mill-President bi qbil mal-Viċi-President is-Sinjura Wallström: Tisħiħ fis-setgħa biex jadotta u biex jgħaddi komunikazzjoniet lill-Ombudsman Ewropew u biex jawtorizza impjegati tas-servizz ċivili biex jidhru quddiem l-Ombudsman Ewropew (SEC(2005) 1227/4), 4 ta' Ottubru 2005.

### 2.6.4 Proċedura miftuħa

Ilmenti lill-Ombudsman huma ttrattati b'mod pubbliku sakemm l-ilmentatur ma jitlobx il-kunfidenzjalità.

L-Artikolu 13 tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jistipula li l-ilmentatur għandu jkollu aċċess għall-fajl ta' l-Ombudsman dwar l-ilment tiegħu jew tagħha. L-Artikolu 14 jipprovdi għal aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti fil-pussess ta' l-Ombudsman, suġġett għall-istess kundizzjonijiet u limiti bħal dawk stipulati fir-Regolament 1049/2001[6]. Madankollu, meta l-Ombudsman jispezzjona l-fajl ta' l-istituzzjoni jew korp inkwistjoni, jew meta jisma' evidenza minn xhud, la l-ilmentatur u lanqas il-pubbliku ma jista' jkollu aċċess għal kwalunkwe dokument jew informazzjoni kunfidenzjali miksuba bħala riżultat ta' l-ispezzjoni jew tas-smigħ (l-Artikoli 13.3 u 14.2). L-iskop ta' din l-esklużjoni huwa li jiffaċilita l-eżerċitar tas-setgħat ta' investigazzjoni ta' l-Ombudsman.

## 2.7 IR-RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONIJIET

Waqt investigazzjoni, l-ilmentatur jinżamm informat dwar kull pass ġdid li jittieħed. Meta l-Ombudsman jiddeċiedi li jagħlaq l-investigazzjoni, huwa jgħarraf lill-ilmentatur bir-riżultati ta' l-investigazzjoni u bil-konklużjonijiet tiegħu. Id-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman ma jorbtux legalment u ma joħolqux drittijiet jew obbligi li jistgħu jiġu infurzati legalment, kemm għal min ressaq l-ilment u kemm għall-istituzzjoni jew il-korp inkwistjoni.

Fl-2005 l-Ombudsman għalaq 312-il investigazzjoni, li minnhom 302 kienu investigazzjonijiet dwar ilmenti u għaxra kienu investigazzjonijiet fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman.

Jekk investigazzjoni tkun tittratta iktar minn allegazzjoni jew talba waħda, l-Ombudsman jista' jasal għal riżultati differenti għal kull waħda.

### 2.7.1 L-ebda amministrazzjoni ħażina

Fl-2005, 114-il każ (li minnhom sitta kienu inizjattivi ta' l-Ombudsman) ingħalqu b'riżultat li ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina. Dan mhux bilfors ikun riżultat ħażin għall-ilmentatur, li għall-inqas ikun irċieva l-benefiċċju ta' spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni jew il-korp inkwistjoni dwar l-azzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, anke jekk l-Ombudsman ma jkunx sab każ ta' amministrazzjoni ħażina, huwa jkun jista' jiddentifika opportunità għall-istituzzjoni jew għall-korp biex itejbu l-kwalità ta' l-amministrazzjoni tagħhom fil-ġejjieni. F'dawn il-każi, l-Ombudsman jagħmel rimarka ulterjuri.

### 2.7.2 Każi solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet bonarji

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jilħaq riżultat pożittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur u kemm lill-istituzzjoni li kontriha jkun sar l-ilment. Il-koperazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi Komunitarji hija essenzjali sabiex jintlaħqu b'suċċess dawn ir-riżultati, li jgħinu jtejbu r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u li jistgħu jevitaw il-bżonn ta' litigazzjoni li tiswa' ħafna flus u tieħu ħafna ħin.

---

[6] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

Matul l-2005, 89 każ ġew solvuti mill-istituzzjoni jew mill-korp inkwistjoni wara li jkun sar l-ilment lill-Ombudsman. Minn dan l-ammont, 71 kienu każi fejn l-intervent ta' l-Ombudsman irnexxielu jikseb tweġiba rapida għall-korrispondenza mhux imwieġba (ara taqsima 2.9 tar-*Rapport Annwali 1998* għal dettalji dwar il-proċedura użata f'dawn il-każi).

Jekk investigazzjoni twassal għal sejba ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman dejjem jipprova jilħaq soluzzjoni bonarja jekk tkun possibbli. Matul l-2004 ġew proposti 22 soluzzjoni bonarja, żieda ta' 83% mis-sena l-oħra. Barra minn hekk, fl-ispirtu ta' koperazzjoni tajba li hija l-bażi tal-proċedura interna ġdida tal-Kummissjoni, imsemmija fi 2.6.1 fuq, f'żewġ każi fejn il-Kummissjoni ma kinitx irrispondiet b'mod pożittiv għal proposti li saru fl-2004 għal soluzzjonijiet bonarji, l-Ombudsman kiteb biex jitlob l-involviment personali tal-Kummissarju rilevanti sabiex jintlaħqu riżultati sodisfaċenti. Seba' każi ingħalqu fl-2005 wara li ntlaħqet soluzzjoni bonarja (inkluż każ fejn il-proposta kienet saret fl-2004). Fl-aħħar ta' l-2005, 18-il proposta għal soluzzjonijiet bonarji kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati, inklużi żewġ każi imsemmijin fuq fejn il-Kummissjoni ma kinitx rrispondiet b'mod pożittiv għall-proposti li kienu saru qabel għal soluzzjonijiet bonarji.

F'xi każi, soluzzjoni bonarja tista' tintlaħaq jekk l-istituzzjoni jew il-korp inkwistjoni joffri kumpens lil min ikun ressaq l-ilment. Kull offerta bħal din issir *ex gratia*: jiġifieri, mingħajr ammissjoni ta' responsabiltà legali u mingħajr ma jinħoloq preċedent.

### 2.7.3 Rimarki ta' kritika u abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet

Jekk soluzzjoni bonarja ma tkunx possibbli, jew jekk it-tiftix għal soluzzjoni bonarja ma jkollhiex suċċess, l-Ombudsman jew jagħlaq il-każ b'rimarka kritika lill-istituzzjoni jew lill-korp inkwistjoni, jew jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika normalment issir jekk ma jkunx għadu possibbli għall-istituzzjoni inkwistjoni li telimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina, jekk l-amministrazzjoni ħażina ma tidhirx li għandha implikazzjonijiet ġenerali u jekk ma jkunx jidher li hemm bżonn azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman. Rimarka kritika ssir ukoll jekk l-Ombudsman jikkunsidra li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma jistax iservi għall-ebda skop utli, jew li m'huwiex xieraq li jiġi ppreżentat rapport speċjali f'każ fejn l-istituzzjoni jew korp inkwistjoni jonqos milli jaċċetta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha huwa ġġustifikat u tindika lill-istituzzjoni jew lill-korp inkwistjoni x'għamlu ħażin, sabiex tiġi evitata amministrazzjoni ħażina fil-futur. Fl-2005 l-Ombudsman għamel 29 rimarka kritika.

Bħala tweġiba għal suġġeriment mill-Parlament Ewropew, l-Ombudsman għarraf lill-istituzzjonijiet u l-korpi bl-intenzjoni tiegħu li perjodikament jitlob informazzjoni dwar kwalunkwe segwitu mogħti għal rimarki kritiċi. Fl-2005 il-Kummissjoni wieġbet għal 18-il rimarka kritika. Ir-risposti huma diskussi fit-taqsima li jmiss (2.8) ta' dan il-kapitolu.

F'każi fejn ikun jidher li jkun hemm bżonn azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman (jiġifieri fejn ikun possibbli għall-istituzzjoni inkwistjoni li telimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina, jew f'każi fejn l-amministrazzjoni ħażina tkun partikularment serja, jew ikollha implikazzjonijiet ġenerali), l-Ombudsman normalment jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni jew lill-korp inkwistjoni. Skond l-Artikolu 3(6) ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman, l-istituzzjoni jew il-korp iridu jibagħtu opinjoni dettaljata fi żmien tliet xhur. Fl-2005, saru 20 abbozz ta' rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, tmien abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet mill-2004 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2005. Disa' każi ingħalqu matul is-sena meta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni ġie aċċettat mill-istituzzjoni. Tliet każi wasslu għal rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Sitt każi ingħalqu għal raġunijiet oħrajn. Fl-aħħar ta' l-2005, 11-il abbozz ta' rakkomandazzjoni kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati, inkluż wieħed li sar fl-2004.

### 2.7.4 Rapporti speċjali lill-Parlament Ewropew

Jekk istituzzjoni jew korp tal-Komunità jfallu milli jirrispondu b'mod sodisfaċenti għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Dan ir-rapport speċjali jista' jinkludi rakkomandazzjonijet.

Kif ġie rrimarkat fir-rapport annwali ta' l-1998 ta' l-Ombudsman Ewropew, il-possibilità li jiġi ppreżentat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew hija ta' valur inestimabbli għax-xogħol ta' l-Ombudsman.

Rapport speċjali lill-Parlament Ewropew huwa l-aħħar pass sostantiv li l-Ombudsman jieħu meta jittratta każ, għax l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni u t-tħaddim tas-setgħat tal-Parlament huma kwistjonijiet li jitħallew għall-ġudizzju politiku tal-Parlament. Naturalment, l-Ombudsman jipprovdi kwalunkwe informazzjoni u għajnuna li l-Parlament jista' jeħtieġ fl-indirizzar tar-rapport speċjali.

Ir-Regoli tal-Parlament Ewropew jistipulaw li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa responsabbli għar-relazzjonijiet tal-Parlament ma' l-Ombudsman. Waqt laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li saret fit-12 ta' Ottubru 2005, l-Ombudsman ikkommetta ruħu, skond ir-Regola 195(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, li jidher quddiem il-Kumitat fuq talba tiegħu stess, kull meta jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament.

Tliet rapporti speċjali ġew ppreżentati lill-Parlament fl-2005 (każi 1391/2002/JMA, 2395/2003/GG u 2485/2004/GG).

## 2.8 DEĊIŻJONIJIET LI WASSLU GĦAL GĦELUQ TA' KAŻI FL-2005

Deċiżjonijiet li jagħlqu każi normalment jiġu pubblikati fuq il-websajt ta' l-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu) bl-Ingliż u jekk dan ikun differenti, bl-ilsien ta' l-ilmentatur. Il-Kapitolu 3 fih sommarji ta' 65 deċiżjoni li għalqu investigazzjonijiet. Is-sommarji jirriflettu l-firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità milqutin mit-total ta' 312-il deċiżjoni li għalqu investigazzjonijiet fl-2005, kif ukoll ir-raġunijiet varji li jwasslu għall-għeluq tagħhom. Dawn huma kklassifikati skond ir-riferenza tal-każ; is-suġġett ġenerali skond il-materja ta' kompetenza Komunitarja involuta; u t-tip ta' amministrazzjoni ħażina allegata mill-ilmentatur.

Il-bqija ta' din it-taqsima ta' kapitolu 2 tanalizza r-riżultati l-iktar sinifikanti ta' liġi u ta' fatt li fihom id-deċiżjonijiet. Din hija organizzata skond klassifikazzjoni orizzontali tas-suġġett ġenerali ta' l-investigazzjonijiet, mibnija fuq ħames kategoriji ewlenin:

- It-trasparenza (li tinkludi l-aċċess għal dokumenti u għall-informazzjoni) u protezzjoni tad-dejta;
- Il-Kummissjoni Ewropea bħala gwardjan tat-Trattat;
- Offerti, kuntratti u għotjiet;
- Kwistjonijiet ta' persunal, inkluż ir-reklutaġġ;
- Kwistjonijiet oħrajn.

Ta' min jirrimarka li l-kategoriji msemmijin fuq jikkoinċidu ta' spiss. Per eżempju, ta' spiss jinqalgħu kwistjonijiet ta' trasparenza u aċċess tal-pubbliku fl-ilmenti li jirrigwardaw ir-reklutaġġ jew l-irwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattat.

## 2.8.1 It-trasparenza, l-aċċess tal-pubbliku u l-protezzjoni ta' dejta personali

Proporzjon għoli (24%) ta' l-ilmenti jallegaw nuqqas ta' trasparenza.. L-Artikolu 1 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea jirreferi għad-deċiżjonijiet ta' l-Unjoni li għandhom jittieħdu "bl-iktar trasparenza possibbli" u l-Artikolu 255 tat-Trattat KE jagħmel provvediment għad-dritt ta' l-aċċess għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Dan id-dritt huwa msejjes fuq ir-Regolament 1049/2004[7]. Ħafna istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Komunità wkoll adottaw regoli dwar l-aċċess għal dokumenti, bħala segwitu ta' investigazzjonijiet fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman li saru fl-1996 u l-1999.

*Aċċess għal dokumenti u għall-informazzjoni*

Ir-Regolament 1049/2001 jagħti l-applikanti l-għażla ta' rimedju: huma jistgħu jikkontestaw rifjut, sew permezz ta' proċeduri fil-Qorti skond l-Artikolu 230 tat-Tratta KE u sew billi jilmentaw ma' l-Ombudsman. Matul l-2005, l-Ombudsman ħa deċiżjonijiet dwar 14-il ilment li jirrigwardaw l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001, li minnhom 11 kienu kontra l-Kummissjoni, tnejn kontra l-Kunsill u wieħed kontra l-Parlament Ewropew. Żewġ deċiżjonijiet oħrajn irrigwardaw l-applikazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u mill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) tar-regoli tagħhom li jigvernaw l-aċċess għad-dokumenti.

Mit-total ta' 16-il ilment li tressqu taħt ir-Regolament 1049/2001 jew regoli oħrajn dwar l-aċċess, tmienja kienu minn individwi, sitta tressqu min-NGOs u tnejn kienu minn kumpaniji. Tmienja mill-każi se jissemmew aktar tard f'din it-taqsima sekondarja.

Fil-każ 2066/2004/TN, l-Ombudsman eżamina l-iskema ġenerali tar-Regolament 1049/2001 u kien tal-fehma li ma kinitx tkun proporzjonata u prattika li wieħed jesiġi lill-Kummissjoni biex tagħmel l-istess analiżi legali profonda meta tkun qiegħda tikkunsidra jekk għandhiex tagħmel dokument leġiżlattiv aċċessibbli f'forma elettronika (kif stipulat fl-Artikoli 2(4) u 12(4) tar-Regolament), bħalma trid tagħmel meta tkun qiegħda tittratta applikazzjoni ta' konferma għall-aċċess għal dokument.

L-Ombudsman invoka l-Artikolu 3(3) ta' l-Istatut biex ifittex l-għajnuna mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti f'żewġ każi ta' lmenti kontra r-rifjut ta' aċċess mill-Kummissjoni għal ċerti dokumenti li oriġinaw fl-Istat Membru involut. Fil-każ 3381/2004/TN, id-dokumenti kienu t-tweġiba ta' l-awtoritajiet tar-Renju Unit għar-rikjesti tal-Kummissjoni għal informazzjoni fi proċedura marbuta ma' l-Artikolu 226. Każ 116/2005/MHZ kien dwar ittra mibgħuta lill-Kummissjoni mill-Ministru għall-Finanzi tal-Portugall fil-qafas tal-proċedura tal-bilanċ eċċessiv. L-intervent ta' l-Ombudsman ma' l-awtoritajiet nazzjonali kellu riżultati pożittivi għall-ilmentatur fiż-żewġ każi, peress li l-Kummissjoni bidlet il-pożizzjoni tagħha u qablet li tipprovdi aċċess għad-dokumenti inkwistjoni.

F'ħames każi l-Ombudsman ikkunsidra l-applikazzjoni ta' l-eċċezzjoni li hemm fir-Regolament 1049/2001: 2821/2004/OV, 2229/2003/MHZ, 1368/2004/GG, u ż-żewġ każi imsemmijin fuq li jirrigwardaw dokumenti li oriġinaw fl-Istati Membri.

Fil-każ 2821/2004/OV, l-Ombudsman irrifjuta l-argument ta' l-ilmentatur li l-iżvelar kien mill-iktar importanti fl-interess pubbliku, u sab li, peress li l-proċedura biex tiġi imposta multa lil Stat Membru skond l-Artikolu 228 tat-Trattat KE kienet għadha sejra, il-Kummissjoni kienet intitolata li tirrifjuta l-aċċess għal dokument intern skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament.

Fil-każ 2229/2003/MHZ, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-każistika ppermettiet lill-Kummissjoni tirrifjuta l-aċċess għal ittra ta' notifika formali skond l-Artikolu 4(2), tielet inċiż, tar-Regolament 1049/2001 (ir-raġuni għall-ispezzjonijiet, għall-investigazzjonijiet u għall-verifiki). Madankollu, l-Ombudsman irrifjuta l-argument tal-Kummissjoni li l-iżvelar deher li kien saħansitra ta' iktar ħsara lill-interess pubbliku meta wieħed iqis li l-ilmentatur kellu l-intenzjoni li juża l-ittra waqt proċeduri quddiem il-qrati nazzjonali.

7 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

L-abbozz ta' rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman fil-każ 1368/2004/GG wassal biex l-ilmentatur kiseb għall-inqas aċċess parzjali għal uħud mid-dokumenti inkwistjoni, li għalihom il-Kummissjoni kienet talbet eżenzjoni skond l-Artikolu 4(1)(b) (il-privatezza u l-integrità ta' l-individwu, b'mod partikulari skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni ta' dejta personali) u l-Artikolu 4(2) l-ewwel inċiż (interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika) tar-Regolament.

L-Ombudsman kkunsidra wkoll ċerti eċċezzjonijiet fir-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti ta' l-EIB u ta' l-BĊE.

Fil-każ 3442/2004/PB, l-Ombudsman kien tal-fehma li r-regoli ta' l-EIB ppermettew li jirrifjutaw l-aċċess għal informazzjoni dwar self, li sar permezz ta' banek intermedjarji, għal proġetti żgħar jew ta' daqs medju li jirrigwardaw l-enerġija li tiġġedded.

Fil-każ 3054/2004/TN, l-ilmentatur ried ikun jaf jekk il-BĊE kienx intervjena fis-swieq tal-kambju biex itaffi l-waqa' fil-valur tad-dollaru u ż-żieda fil-valur ta' l-euro. L-Ombudsman ikkunsidra li l-BĊE kien ta lill-ilmentatur spjegazzjoni ċara u mhux ekwivoka tar-raġunijiet għalfejn irrifjuta li jwieġeb, sabiex l-ilmentatur jkun jista' jifhem għalfejn il-BĊE rrifjuta li jiżvela din il-kategorija ta' informazzjoni. Ladarba r-regoli tal-BĊE għandhom eċċezzjoni biex jipproteġu l-interess pubbliku fir-rigward ta' l-istabbilità monetarja u tal-kambju, l-Ombudsman ma sab l-ebda raġuni biex isegwi t-talba ta' l-ilmentatur li l-BĊE għandu jipprovdi l-informazzjoni inkwistjoni.

*Kwistjonijiet oħrajn ta' trasparenza*

L-Ombudsman wettaq reviżjoni ta' kemm il-Kummissjoni, waqt proċedura ta' konsultazzjoni speċifika, tkun konformi mal-ħames standards minimi għal konsultazzjoni tal-partijiet interessati, li tfasslu fil-Komunikazzjoni 2002 tagħha (COM(2002) 704), u sab li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina (każ 948/2004/OV).

L-Ombudsman għalaq tliet każi matul l-2005 wara li għamel abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet lill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) dwar l-informazzjoni li huwa aċċessibbli għal kandidati f'kompetizzjonijiet ta' reklutaġġ. It-tweġibiet ta' l-EPSO għall-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet taw tagħrif ulterjuri ddettaljat li seta' jgħin lill-ilmentaturi involuti jifhmu l-marki li ħadu iżda wkoll qajmu kwistjonijiet fattwali u legali importanti ta' natura ġenerali. L-Ombudsman għalhekk iddeċieda li jiftaħ investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess dwar l-aċċess għall-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti mill-bordijiet ta' selezzjoni (ara s-sommarju tal-każ 2097/2003/PB fit-taqsima 3.1.3).

Każ 2395/2003/GG irrigwarda l-kwistjoni dwar jekk laqgħat tal-Kunsill fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu għandhomx dejjem ikunu pubbliċi. L-Ombudsman ikkunsidra li l-prinċipju li deċiżjonijiet għandhom jittieħdu "bl-iktar trasparenza possibbli" (L-Artikolu 1(2) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea) japplika għall-Kunsill. L-Artikolu 207 tat-Trattat KE (li jirrigwarda l-adozzjoni mill-Kunsill tar-regoli ta' proċedura tiegħu) ma jistipulax li l-livell sa liema l-laqgħat tal-Kunsill fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku għandu jitqies bħala għażla politika u ħalla din għad-diskrezzjoni tal-Kunsill. Regoli ta' Proċedura ġodda adottati mill-Kunsill fl-2000 diġà pprovdew għal iktar trasparenza fil-laqgħat leġiżlattivi tiegħu, u b'hekk għamluha ċara li l-passi biex tiżdied it-trasparenza ta' l-attività leġiżlattiva tiegħu kellhom jittieħdu, u jistgħu jittieħdu, taħt il-liġi Komunitarja kif inhi attwalment. Għalhekk l-Ombudsman għamel Rapport Speċjali lill-Parlament Ewropew. Ir-Rapport irrakkomanda li l-Kunsill għandu jirrevedi r-rifjut tiegħu li jiddeċiedi li jiltaqa' pubblikament kull meta jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu.

*Ilmenti li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-dejta u l-koperazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta*

Fil-każ 224/2004/PB, l-Ombudsman sab li Rappreżentanza tal-Kummissjoni kienet naqset li tikkonforma ma' ċerti rekwiżiti tar-Regolament 45/2001[8] meta kkomunikat mal-ilmentatur. Id-deċiżjoni ta' l-Ombudsman fuq il-każ kienet tinkludi xi kummenti ġenerali dwar l-għoti ta' informazzjoni ta'

8 Regolament (KE) 45/2001 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Komunità u dwar il-libertà ta' moviment ta' din it-tip ta' dejta, ĠU 2001 L 8, p 1.

l-Ombudsman lil, u possibilment konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS), li huwa responsabbli biex jiżgura, fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali, li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni legali u b'mod partikulari d-dritt tagħhom għall-privatezza. B'mod partikulari, l-Ombudsman innota li se jinforma l-EDPS dwar id-deċiżjonijiet li jieħu f'każi li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-dejta u li jista' jsibha utli li jikkonsulta ma' l-EDPS f'ċerti każi li jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' interpretazzjoni legali.

Sussegwentament l-Ombudsman ikkonsulta ma' l-EDPS f'żewġ każi u informah dwar tliet każi oħrajn fejn l-Ombudsman kien għamel investigazzjonijiet ulterjuri li tawh x'jifhem li t-tweġiba ta' l-istituzzjoni jew korp inkwistjoni għandha tikkonsidra d-Dokument ta' Bażi Nru 1 ta' Lulju 2005 ta' l-EDPS dwar *L-Aċċess pubbliku għad-dokumenti u l-protezzjoni tad-dejta.* Il-ħames każi kollha kienu għadhom taħt investigazzjoni sa tmiem l-2005.

F'Diċembru 2005, l-Assistent EDPS għarraf l-Ombudsman dwar id-deċiżjoni tiegħu dwar ilment kontra istituzzjoni Komunitarja. Id-deċiżjoni ta' l-Assistent EDPS ikkunsidrat r-Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman fil-każ 2485/2004/GG, li kien jirrigwarda l-istess ċirkostanzi.

## 2.8.2 Il-Kummissjoni bħala 'gwardjan tat-Trattat'

L-istat tad-dritt huwa prinċipju bażiku ta' l-Unjoni Ewropea u wieħed mid-dmirijiet l-iktar importanti tal-Kummissjoni huwa li tkun il-'gwardjan tat-Trattat'[9]. L-Artikolu 226 tat-Trattat joħloq proċedura ġenerali li permezz tagħha l-Kummissjoni tista' tinvestiga u tirreferi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-possibiltà ta' ksur tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' tiftaħ investigazzjonijiet fuq l-inizjattiva tagħha stess, fuq il-bażi ta' lmenti, jew bħala tweġiba għal talbiet mill-Parlament Ewropew biex jittratta petizzjonijiet indirizzati lill-Parlament skond l-Artikolu 194 tat-Trattat KE.

Ilmenti li jaqgħu barra mill-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew spiss jirrigwardaw ksur allegat tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri. Ħafna minn dawn il-każi jistgħu jiġu ttrattati l-aħjar minn membru ieħor tan-Netwerk Ewropew ta' Ombudsmen. Madankollu, f'ċerti każi, l-Ombudsman jikkunsidra xieraq li jittrasferixxi l-ilment lill-Kummissjoni biex jiġi trattat skond il-proċedura marbuta ma' l-Artikolu 226. Fit-taqsima 2.5 hawn fuq hemm eżempji taż-żewġ metodi.

Fir-rigward ta' l-obbligi ta' proċedura tal-Kummissjoni fil-konfront ta' lmenti, il-punt ta' referenza ewlieni ta' l-Ombudsman huwa Komunikazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni fl-2002[10]. Ir-rekwiżit fil-Komunikazzjoni li l-ilmenti kollha jiġu rreġsitrati mis-Segretarjat-Ġenerali tal-Kummissjoni huwa garanzija importanti għal amministrazzjoni tajba fit-trattament sussegwenti tagħhom. Punt 3 tal-Komunikazzjoni fih lista ddettaljata taċ-ċirkostanzi li fihom is-Segretarjat-Ġenerali huwa intitolat li ma jirreġistrax il-korrispondenza bħala lment.

Il-Kapitolu 3 fih sommarji ta' għaxar deċiżjonijiet li juru kif l-Ombudsman jittratta lmenti kontra l-Kummissjoni fl-irwol tagħha ta' gwardjan tat-Trattat. Sitta mill-każi se jerġgħu jissemmew aktar 'il quddiem.

Fil-każ 2229/2003/MHZ (imsemmi wkoll fi 2.8.1 fuq) saret rimarka kritika għax il-Kummissjoni kienet offriet biss spjegazzjoni ġenerali għad-dewmien tagħha biex ittemm l-investigazzjoni tagħha ta' lment marbut ma' l-Artikolu 226, minflok ma rreferiet għal fatturi speċifiċi għall-każ.

Tliet każi ingħalqu għax l-Ombudsman ikkunsidra li aktar investigazzjonijiet ma kinux iġġustifikati.

---

9 L-Artikolu 211 tat-Trattat KE jirrikjedi li l-Kummissjoni "tiżgura li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-miżuri meħudin fuq il-bażi tagħhom jiġu applikati".

10 Komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew u ta' l-Ombudsman Ewropew dwar relazzjonijiet mal-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi Komunitarja, ĠU 2002 C 244, p 5.

Fil-każ 274/2004/JMA, il-Kummissjoni skużat ruħha għad-dewmien tagħha biex tipprovdi informazzjoni li l-ilmentatur kien talab dwar progress fit-trattament ta' lment li rrigwardat l-użu ta' għajnuna finanzjarja ta' l-UE. Saret ukoll rimarka ulterjuri li ssuġġeriet li l-Kummissjoni tista' tikkjarifika l-proċeduri tagħha għat-trattament ta' dawn il-każi fil-ġejjieni.

Fil-każ 3452/2004/JMA u każi oħra, l-ilmentaturi kienu mħassbin li l-użu tal-proċedura marbuta ma' l-Artikolu 226 mill-Kummissjoni kien qiegħed jhedded li jdgħajjef is-self mingħajr ħlas ta' kotba mil-libreriji pubbliċi fi Spanja. L-investigazzjoni ngħalqet meta l-Ombudsman tgħarraf li l-Kummissjoni kienet irreferiet il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, sa dak il-punt l-investigazzjoni kien rnexxielha tikkjarifika kemm ir-raġunijiet wara l-azzjoni tal-Kummissjoni, u kemm permezz tal-koperazzjoni man-Netwerk Ewropew ta Ombudsmen, il-possibilitajiet ta' implimentazzjoni korretta tad-Direttiva Komunitarja rilevanti.

Każ 3254/2004/ID irrigwarda l-mod kif il-Kummissjoni ttrattat ilment dwar in-nuqqas ta' għarfien ta' kwalifiki professjonali. L-ilmentatur ħa passi legali wkoll kontra l-awtoritajiet nazzjonali fil-qrati nazzjonali dwar l-istess kwistjoni. L-Ombudsman għalaq il-każ, peress li evalwazzjoni tal-merti ta' l-ilment kontra l-Kummissjoni kienet tkun tinvolvi analiżi ta' l-istess kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li l-ilmentatur kien ressaq quddiem il-qrati nazzjonali, u għalhekk il-proċeduri ta' l-aħħar kien ikollhom isiru darbtejn fuq xulxin. L-ilmentatur ġie mistieden iġedded l-ilment malli jitlestew il-proċeduri legali nazzjonali.

L-Ombudsman eżamina r-raġunament legali tal-Kummissjoni fuq il-merti ta' żewġ ilmenti marbutin ma' l-Artikolu 226.

Fil-każ 1687/2003/JMA l-ilmentaturi kkontestaw ir-rifjut tal-Kummissjoni ta' l-ilment kontra Spanja li rrigwarda d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' orjentazzjoni sesswali. Wara li eżamina l-qafas legali rilevanti, l-Ombudsman sab li l-fehma tal-Kummissjoni, li l-problemi speċifiċi li ltaqgħu magħhom l-ilmentaturi kienu barra mill-iskop tal-liġi Komunitarja, dehret raġonevoli.

Fil-każ 1273/2004/GG, l-ilmentatur allega żball legali u inkonsistenza min-naħa tal-Kummissjoni fl-indirizzar ta' tilwima li rrigwardat id-data meta Regolament Komunitarju li jirregola s-sajd fl-ibħra madwar l-Azores kien daħal fis-seħħ. L-Ombudsman analizza r-Regolament u kien tal-fehma li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni kienet żbaljata u inkonsistenti ma' pożizzjoni li kienet ħadet qabel.

Għalkemm mhux ilment marbut ma' l-Artikolu 226, il-każ 933/2004/JMA kien jirrigwarda l-irwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tal-prinċipji u l-valuri fundamentali ta' l-Unjoni fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi. Skond l-ilmentatur, il-Kummissjoni kellha tinvoka "l-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem" biex tissospendi l-ftehima ta' koperazzjoni ta' l-1996 mal-Vjetnam. L-Ombudsman sab l-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni għalfejn ma kinitx issospendiet il-ftehima bħala waħda raġonevoli fuq il-bażi ta' kriterji mfasslin fil-Komunikazzjoni ta' l-1995 tal-Kummissjoni dwar id-dħul ta' "klawsola tad-drittijiet tal-bniedem" f'ftehimiet ma' pajjiżi terzi.

## 2.8.3 Offerti, kuntratti u għotjiet

Istituzzjonijiet u korpi Komunitarji jużaw kuntratti kemm sabiex jakkwistaw il-merkanzija u s-servizzi neċessarji sabiex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom u kemm bħala strument li jirregola l-għotjiet u s-sussidji taħt varjetà ta' programmi ta' l-UE[11].

L-Ombudsman jista' jittratta lmenti dwar l-għoti ta' kuntratti (jew in-nuqqas tiegħu) u dwar l-amministrazzjoni ta' kuntratti. Madankollu, meta tqum kwistjoni ta' ksur possibbli ta' kuntratt, l-Ombudsman jillimita l-investigazzjoni tiegħu għal eżaminazzjoni ta' jekk l-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità kinux ipprovdew rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għall-azzjonijiet

11 Ilmenti relatati ma' kuntratti ta' l-impjieg huma trattati fit-taqsima sekondarja 2.8.4.

tagħhom u għaliex dawn ikunu jemmnu li l-opinjoni tagħhom dwar il-pożizzjoni kuntrattwali hija ġustifikata.

Il-Kapitolu 3 fih sommarji ta' 16-il deċiżjoni li juru kif l-Ombudsman jittratta lmenti ta' dan it-tip. Ħdax mill-każi se jerġgħu jissemmew iktar 'il quddiem.

Żewġ deċiżjonijiet irrigwardaw każi fejn r-Rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Istati Membri kienu kkommettew ruħhom bil-fomm li jipprovdu finanzjament lill-ilmentaturi. Il-Kummissjoni solviet il-każ 501/2005/IP stess billi għamlet pagament lill-ilmentatur, waqt li fil-każ 2111/2002/MF, l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman wasslet għal soluzzjoni bonarja li bħala kumpens kienet tinvolvi somma sostanzjali.

Fil-każ 732/2004/ELB, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni dehret li wettqet ir-responsabbiltà tagħha fl-amministrazzjoni xierqa tal-Fondi għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew, inkluża dik li ssodisfat lilha li s-sistemi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll adottati mill-Istati Membri kienu xierqa u adegwati biex jiżguraw li l-awtoritajiet li jridu jħallsu jikkonformaw ma' l-obbligu ta' ħlas fil-ħin.

L-investigazzjoni ta' l-Ombudsman dwar ilment imressaq minn intrapriża żgħira (każ 530/2004/GG) żvelat problema ġenerali li jiffaċċjaw is-kuntrattur sekondarjui: il-qafas kuntrattwali la jirrikjedi u lanqas iħeġġeġ lill-kuntrattur ewlieni biex jitlob l-interessi f'isem is-kuntrattur sekondarjui jekk il-Kummissjoni tħallas tard. L-Ombudsman issuġġerixxa li l-Kummissjoni tikkunsidra tbiddel il-kuntratti standard tagħha sabiex f'każi bħal dawn il-ħlas ta' interessi jsir awtomatiku. Il-Kummissjoni wieġbet li f'kuntratti standard futuri se tipprova tqis l-interessi ta' l-SMEs, sakemm dan ikun konformi ma' l-interessi finanzjarji tal-Komunità u mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi fis-seħħ.

Kriterji kuntrattwali standard kienu wkoll inkwistjoni fil-każ 338/2004/OV, fejn l-ilmentatur kien NGO li argumenta li l-Kummissjoni għandha tieħu miżuri iktar qawwijin sabiex twaqqaf avviżi għal impjiegi li jindikaw intenzjoni li ssir diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' lingwa. L-Ombudsman aċċetta l-argumenti tal-Kummissjoni kontra d-dħul, fil-kuntratti tagħha, ta' klawsoli speċjali li jipprojbixxu diskriminazzjoni bħal din. L-Ombudsman issuġġerixxa wkoll li l-Kummissjoni tista' tibgħat kwalunkwe prova ta' diskriminazzjoni lingwistika minn wieħed mill-kuntratturi jew benefiċjarji tagħha lill-awtorità nazzjonali responsabbli jew tgħaddi d-dettalji ta' dik l-awtorità lill-persuna li tkun ressqet il-provi.

Erba' deċiżjonijiet irrigwardaw ilmenti dwar l-għoti ta' kuntratti għal għotjiet. F'żewġ każi, l-ilmentatur sfida l-merti tad-deċiżjoni li tiġi rrifjutata applikazzjoni. L-Ombudsman kien tal-fehma li r-reviżjoni tiegħu tal-bażi għar-rifjut għandha tkun limitata għal evalwazzjoni ta' jekk kienx hemm żball ċar. (1365/2004/TN u 758/2004/ELB). Fit-tieni każ, l-Ombudsman ikkunsidra li l-assenza ta' mekkaniżmu biex isiru appelli kontra l-evalwazzjoni li ssir minn esperti indipendenti, fiha nnifisha ma kinitx tikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina strutturali jew sistematika. Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ 2411/2003/MHZ, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni missha tat parir aħjar lill-NGO billi ġibdet l-attenzjoni tagħha għall-kundizzjoni fundamentali ta' eliġibilità għal ċerta tip ta' għotja. Fil-każ 2673/2004/PB, l-Ombudsman qies l-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħha li teskludi entitajiet bi skop ta' profitt mill-eliġibilità għal sejħa għal proposti partikulari, bħala waħda raġonevoli.

Żewġ deċiżjonijiet irrigwardaw il-konformità tal-Kummissjoni mal-proċeduri ta' sejħiet ta' offerti.

Fil-każ 1808/2004/JMA, l-ilmentatur kellu dubju jekk telefonata li saret bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u apaltatur rivali kinitx xierqa. L-Ombudsman ma sabx provi ta' improprjetà iżda rrimarka li kien ikun aktar faċli għall-Kummissjoni li tittratta t-tħassib ta' l-ilmentatur li kieku kienet kapaċi tressaq dokument bil-miktub tat-telefonata inkwistjoni. Għalhekk l-Ombudsman issuġġerixxa li l-Kummissjoni tirrevedi r-regoli interni tagħha dwar ir-rekords ta' telefonati fil-qafas tas-sejħiet għal offerti.

Il-każ 538/2004/TN qajjem il-kwistjoni dwar jekk apaltatur kienx intitolat li jinsisti li l-Kummissjoni għandha tinforza strettament ir-rekwiżit li jirrigwarda l-ammont ta' kopji ta' kull offerta li għandhom jiġu ppreżentati. Il-Kummissjoni adottat il-pożizzjoni li applikazzjoni korretta tal-*Vade Mecum* tagħha fi proċeduri ta' akkwist pubbliku ma tirrikjedix li l-Kummissjoni tikkunsidra bħala inammissibbli

talba li ma kinitx ippreżentata fl-ammont ta' kopji speċifikat fis-sejħa għal offerti. Biex tiġi evitata li ssir xi inġustizzja possibbli lill-apaltaturi li ma jippreżentawx l-ammont korrett ta' kopji, l-Ombudsman issuġġerixxa li f'dan ir-rigward il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid ir-relazzjoni bejn il-*Vade Mecum* u s-sejħiet għal offerti. It-tweġiba tal-Kummissjoni rreferiet għall-prinċipji ta' proporżjonalità, tat-trattament ugwali, tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u tal-konkorrenza mill-iktar wiesgħa, stipulati fl-Artikolu 89 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2.8.4 Kwistjonijiet dwar l-istaff

Din it-taqsima sekondarja titkellem dwar deċiżjonijiet fuq ilmenti li jirrigwardaw: ir-reklutaġġ fi, u relazzjonijiet ta' xogħol ma', l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE, kwistjonijiet dwar l-istaff li jirriżultaw f'kuntratti ffinanzjati mill-UE; u apprendistati ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE.

Fit-taqsima 2.8.1 diġà ġie rrimarkat li kien hemm tliet każi li ngħalqu fejn saru abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet li jirrigwardaw l-informazzjoni disponibbli għal kandidati f'kompetizzjonijiet ta' reklutaġġ (ara s-sommarju tal-każ 2097/2003/PB fit-taqsima 3.1.3 hawn taħt). Il-Kapitolu 3 fih sommarji ta' 15-il deċiżjoni f'din il-kategorija. Ħamsa mill-każi wasslu għal soluzzjonijiet bonarji u tnejn oħra ġew solvuti mill-istituzzjoni. Sitt każi se jissemmew aktar 'il quddiem.

Fil-każ 839/2004/MHZ, l-Ombudsman issuġġerixxa li, biex jiġi evitat nuqqas ta' ftehim u biex ir-relazzjonijiet mal-kandidati jittejbu, f'avviżi dwar kompetizzjoni futuri, l-EPSO jista' jgħid b'mod espliċitu (i) li stedina biex wieħed jagħmel test ta' qabel is-selezzjoni ma tfissirx li l-eliġibilità tal-kandidat ġiet iċċekkjata bis-sħiħ u (ii) li t-testijiet bil-miktub tal-kandidati li sussegwentement jinstabu li huma ineliġibbli mhux se jkunu kkoreġuti. Sussegwentament l-EPSO ħabbar li avviżi futuri dwar kompetizzjonijiet kienu fil-fatt se jsemmu dawn iż-żewġ punti.

Fil-każ 2107/2002/PB, il-Kummissjoni aċċettat, b'effett mill-1 ta' Marzu 2005, abbozz ta' rakkomandazzjoni biex jitneħħa l-limitu fl-età għal apprendistati. L-Ombudsman ħabbar li investigazzjoni oħra fuq inizzjattiva tiegħu dwar il-prattiki ta' istituzzjonijiet u korpi oħrajn f'dan ir-rigward se titnieda fil-ġejjieni.

Żewġ deċiżjonijiet ittrattaw it-tmiem ta' kuntratti ta' impjieg.

Fil-każ 2191/2003/TN, espert impjegat mal-Kummissjoni rriżenja wara li kien suġġett għal insulti u theddid minn pajjiż mhux membru ta' l-UE. Fi tmiem l-investigazzjoni tiegħu, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni kienet dehret li ħadet l-azzjoni xierqa biex tgħin lill-ilmentatur. Madankollu rrimarka li, li kieku l-Kummissjoni spjegat aktar qabel dak li kienet għamlet biex tgħin lill-ilmentatur, minflok ma tat l-impressjoni li l-interess ewlieni tagħha kien li turi li l-ilmentatur ġab l-għawġ b'idejh, dan kien iwassal għal relazzjonijiet aħjar bejn il-Kummissjoni u l-ilmentatur. Sussegwentament il-Kummissjoni skużat ruħha u wegħdet li tieħu nota tar-rimarka għall-ġejjieni.

Każ 471/2004/OV kien segwitu għal ilment ta' qabel (każ 1200/2003/OV, irrapportat fir-*Rapport Annwali 2004*) fejn l-Ombudsman sab li d-drittijiet ta' difiża ta' l-ilmentatur ma kinux ġew rispettati meta l-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Sarajevo (EUPM) temmet il-kuntratt tiegħu qabel iż-żmien. Wara li l-Ombudsman talab l-għajnuna tal-Kunsill, l-EUPM qablet li tħallas lill-ilmentatur is-salarju li kien dovut lilu sat-tmiem normali tal-kuntratt. L-Ombudsman iddikjara wkoll li l-ilmentatur kien intitolat iqis li s-sejba li ħarġet mill-każ 1200/2003/OV neħħiet kull dubju minn fuq ismu.

Żewġ deċiżjonijiet oħrajn ittrattaw ċerti proċeduri speċjali applikabbli għall-istaff tal-Komunitajiet.

Fil-każ 140/2004/PB, l-Ombudsman analizza r-regoli preċedenti li jirregolaw "l-azzjoni li wieħed jikxef abbuż (whistleblowing)" u kkunsidra, fost affarijiet oħrajn, li r-regoli rrikjedew li fil-każi kollha l-OLAF tgħaddi lill-persuna li kixfet l-abbuż (whistle-blower) l-informazzjoni dwar il-perjodu ta' żmien li fih tistenna li tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha.

Fil-każ 620/2004/PB, l-Ombudsman ikkunsidra li d-dritt li jsir smigħ irid jiġi rispettat f'investigazzjoni amministrattiva dwar allegazzjoni ta' fastidju li ssir minn uffiċjal kontra ieħor. Madankollu, ma kienx meħtieġ li jiġi ppreżentat lill-ilmentatur il-materjal kollu li qagħdu fuqu l-investigaturi, sakemm, qabel ma kien tlesta r-rapport ta' l-investigazzjoni, l-ilmentatur kien tgħarraf u mogħti opportunità raġonevoli biex jikkummenta dwar is-sejbiet fattwali preliminarji ta' l-investigaturi u l-qofol ta' l-evidenza ta' prova rilevanti.

## 2.8.5 Kwistjonijiet oħrajn

Il-Kapitolu 3 fih ukoll ħdax-il sommarju ta' deċiżjonijiet dwar ilmenti li jaqgħu barra mill-kategoriji ttrattati fit-taqsimiet sekondarji preċedenti.

Tlieta mill-każi irrigwardaw lill-Iskejjel Ewropej.

Fil-każ 1435/2003/MF, il-Kummissjoni aċċettat, u ħadet miżuri xierqa biex timplimenta, abbozz ta' rakkomandazzjoni li għandha tagħmel li tista' biex tiċċara l-kriterji għad-dħul ta' studenti fit-taqsimiet tal-lingwa ta' l-Iskejjel Ewropej.

Fil-każ 1155/2004/TN, il-Kummissjoni ċċarat, wara talba mill-Ombudsman, li miżuri ta' riforma futuri msemmijin waqt l-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess OI/5/2003/IJH (ara t-*Rapport Annwali 2004* ta' l-Ombudsman) għandhom jinkludu l-ħarsien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Iskejjel Ewropej kollha.

It-tielet każ (1391/2002/JMA u oħrajn) wassal għal Rapport Speċjali lill-Parlament Ewropew, wara abbozz ta' rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni għandha tieħu l-passi neċessarji biex tiżgura li l-ġenituri ta' tfal bi ħtiġijiet edukattivi speċjali li huma esklużi mill-Iskejjel Ewropej minħabba l-grad ta' diżabilità tagħhom, ma jintalbux jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' l-edukazzjoni tat-tfal tagħhom.

Il-kwistjoni ta' trattament ugwali ta' persuni b'diżabilità ħarġet ukoll fil-kuntest ta' lmenti li l-Kummissjoni u l-Kunsill kienu fallew milli jiżguraw numru xieraq ta' postijiet għal parkeġġ għal nies b'diżabbilitajiet qrib il-bini prinċipali tal-Kummissjoni u tal-Kunsill ġewwa Brussell (sommarju kollettiv tal-każi 2415/2003/JMA u 237/2004/JMA). L-Ombudsman laqa' t-talbiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill indirizzati lill-awtoritajiet Belġjani biex jiżguraw postijiet żejda għal parkeġġ u talab biex jibqa' jiġi infurmat dwar ir-riżultati. L-Ombudsman stieden ukoll lill-Kunsill biex jikkunsidra l-politika tiegħu li jillimita l-aċċess għal postijiet għal parkeġġ għal persuni b'diżabbilità minħabba raġunijiet ta' sigurtà.

Żewġ deċiżjonijiet irrigwardaw l-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi (OLAF).

Fil-każ 2485/2004/GG, l-OLAF irrifjuta, fil-fatt, li jaċċetta abbozz ta' rakkomandazzjoni li jgħid li għandu jirrikonoxxi li għamel dikjarazzjonijiet mhux korretti u qarrieqa fil-preżentazzjonijiet tiegħu waqt l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman f'każ preċedenti. L-Ombudsman ħaseb li l-każ qajjem kwistjoni importanti ta' prinċipju, li taffettwa l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE. Għalhekk l-Ombudsman għamel Rapport Speċjali lill-Parlament Ewropew.

Fil-każ 3446/2004/GG, l-OLAF aċċetta u ħa miżuri xierqa biex jimplimenta abbozz ta' rakkomandazzjoni biex jirrivedi u jikkoreġi t-tagħrif f'analiżi ta' l-istampa ppubblikat fil-websajt tiegħu.

Fl-aħħar, fil-każ 1737/2004/TN, l-Assemblea Żvediża tal-Finlandja lmentat li kartelluni użati f'dak il-pajjiż bħala parti mill-kampanja ta' informazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Elezzjonijiet Ewropej ta' l-2004 kienu ġew ippubblikati biss bil-lingwa Finlandiża. L-investigazzjoni ta' l-Ombudsman wasslet għal soluzzjoni bonarja fejn il-Parlament irrikonoxxa n-nuqqasijiet fil-kampanja, kif ukoll il-fatt li l-proporzjon tal-popolazzjoni Finlandiża li jitkellem bl-Iżvediż m'huwiex rilevanti għall-istejtus ta' dik il-lingwa bħala lingwa uffiċjali ta' l-UE jew għall-istejtus tagħha skond il-Kostituzzjoni Finlandiża.



©iStockphoto.com/Louis16

# 3 DEĊIŻJONIJIET LI SEGWEW INVESTIGAZZJONI

# 3 DEĊIŻJONIJIET LI SEGWEW INVESTIGAZZJONI

*F'kull taqsima sekondarja ta' dan il-kapitolu, il-każi huma ppreżentati f'ordni numerika skond in-numru tal-każ. In-numru tal-każ jinstab taħt it-titolu ta' kull sommarju. Per eżempju, fit-taqsima sekondarja 3.1.1, il-każ 1687/2003/JMA jippreċedi l-każ 2191/2003/TN, li jippreċedi l-każ 274/2004/JMA. Id-deċiżjonijiet sħaħ ta' kull każ jinstabu fl-"Indiċi tad-Deċiżjonijiet" fuq il-websajt ta' l-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu/decision/en/default.htm). Wieħed jista' jkollu aċċess għad-deċiżjoni rilevanti billi juża n-numru tal-każ. Id-deċiżjonijiet sħaħ huma inklużi fil-websajt bl-Ingliż u bil-lingwa ta' l-ilment, jekk din tkun differenti. Id-deċiżjoni sħiħa stampata, kif tidher fil-websajt, tista' tintalab mill-uffiċċju ta' l-Ombudsman.*

*Fit-tieni nofs ta' l-2006, id-deċiżjonijiet sħaħ dwar dawk il-każi inklużi f'din it-taqsima se jkunu disponibbli bħala dokument wieħed elettroniku fil-websajt ta' l-Ombudsman bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. Dan se jkun aċċessibbli permezz tat-taqsima "Rapporti annwali" fil-websajt ta' l-Ombudsman. F'dan il-każ ukoll, kopja stampata jew CD-ROM ta' dan id-dokument jistgħu jintalbu mill-uffiċċju ta' l-Ombudsman.*

## 3.1 KAŻI FEJN MA NSTABITX L-EBDA AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA

### 3.1.1 Il-Kummissjoni Ewropea

#### NUQQAS TA' AZZJONI FUQ ILMENT DWAR ID-DISKRIMINAZZJONI FUQ BAŻI TA' ORJENTAZZJONI SESSWALI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1687/2003/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentaturi, ta' nazzjonalità Spanjola u Arġentinjana, ilmentaw mal-Kummissjoni kontra d-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet Spanjoli li rriffjutaw viża għal skop ta' rijunifikazzjoni familjari lill-persuna Arġentinjana, li kellha bżonnha sabiex tkun tista' tmur tgħix fi Spanja mas-sieħeb Spanjol. Skond l-ilmentaturi, ir-rifjut kien ibbażat fuq il-fatt li huma kienu ta' l-istess ġendru, u għaldaqstant tikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq bażi ta' l-orjentazzjoni sesswali. L-ilmentaturi allegaw li l-Kummissjoni ma kinitx ittrattat l-ilment tagħhom b'mod xieraq, minħabba li interpretat ir-regoli Komunitarji applikabbli b'mod eċċessivament restrittiv. Huma insistew li r-regoli Komunitarji fis-seħħ kienu applikabbli għas-sitwazzjoni tagħhom u li l-Kummissjoni missha fetħet proċeduri kontra l-awtoritajiet Spanjoli għal ksur tal-liġi Komunitarja, l-aktar ta' l-Artikolu 13 tat-Trattat KE li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni, anke fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, u l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78 dwar it-trattament ugwali fl-impjegar[1] u d-Direttiva 2000/43 li tirrigwarda d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini ta' razza jew ta' etniċità[2].

1 Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fl-impjieg u fix-xogħol, ĠU 2002 L 303, p 16.

2 Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini ta' razza jew etnika, ĠU 2002 L 180, p 22.

Il-Kummissjoni argumentat li l-problema li ltaqgħu magħha l-ilmentaturi kienet taqa' barra mill-iskop tal-liġi Komunitarja u ssuġġeriet li jsibu rimedju fuq livell nazzjonali jew quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-Ombudsman irrimarka li l-prinċipju li ma jkunx hemm l-ebda diskriminazzjoni, anke fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tal-liġi Komunitarja, imħaddan kemm fit-Trattat kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. L-Artikolu 13 tat-Trattat KE jagħti s-setgħa lill-Kunsill biex jieħu azzjoni xierqa biex jiġġieled id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, iżda biss fil-limiti tas-setgħat mogħtijin lilu mit-Trattat. Bl-istess mod, l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali huma indirizzati lill-Istati Membri biss meta jkunu qegħdin jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Fir-rigward tad-direttivi individwali li jindirizzaw il-prinċipju li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni, l-Ombudsman irrimarka li, s'issa, strument legali wieħed biss, id-Direttiva 2000/78, jindirizza d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, iżda dan l-istrument legali japplika biss għal kwistjonijiet li huma relatati ma' l-impjieg. L-Ombudsman irreveda wkoll d-direttivi Komunitarji attwali li jirrigwardaw id-dħul fit-territorju ta' l-Unjoni ta' persuna ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz, sabiex tingħaqad ma' ċittadin jew residenti fl-Unjoni, li huma d-Direttiva 2003/86, dwar id-dritt għar-rijunifikazzjoni familjari[3] u d-Direttiva 2004/38 dwar id-dritt għal moviment ħieles għal ċittadini ta' l-UE[4]. Madankollu, l-iskop ta' dawn id-direttivi huwa limitat, għax dawn japplikaw biss, rispettivament, għal persuni ta' nazzjonalità minn pajjiż terz li diġà huma residenti legali fit-territorju ta' l-Istati Membri, u għal ċittadini ta' l-Unjoni li marru jgħixu, jew kienu residenti, fi Stat Membru ieħor barra mill-istat ta' oriġini tagħhom.

Għalhekk, l-Ombudsman sab li l-ġustifikazzjoni li tat il-Kummissjoni biex tirrifjuta l-ilment kontra l-awtoritajiet Spanjoli dehret raġonevoli u li kien jidher li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina.

## TMIEM TA' KUNTRATT

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2191/2003/TN (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment rrigwarda t-tmiem tal-kuntratt ta' l-ilmentatur mal-Kummissjoni, li permezz tiegħu hu kien impjegat biex jipprovdi għajnuna lil ministeru f'pajjiż li m'hux fl-UE. L-ilmentatur argumenta li, wara l-preżentazzjoni ta' *policy paper* bħala parti minn xogħlu, huwa kien suġġett għal insulti u theddid u għalhekk kien kostrett jirriżenja. L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet ħalliet din is-sitwazzjoni tiġri. Huwa stqarr li għandu jirċievi s-salarju tiegħu sad-data mniżżla fil-kuntratt oriġinali.

Il-Kummissjoni argumentat li, meta ppublika l-*policy paper*, l-ilmentatur kien kiser l-obbligu tiegħu ta' kunfidenzjalità u kien mar lil hinn mill-objettivi u mill-kompetenzi kuntrattwali tiegħu. Għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx tqis lilha nnifisha responsabbli għall-insulti u t-theddid.

L-Ombudsman fehem li l-Kummissjoni kienet qiegħda targumenta li, peress li l-ilmentatur kien kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu u għalhekk kien ġab is-sitwazzjoni b'idejh, hi ma kinitx obbligata li toffrilu l-għajnuna. L-Ombudsman għamel sejba proviżorja ta' amministrazzjoni ħażina fuq il-bażi li l-Kummissjoni kienet naqset li tagħti l-għajnuna tagħha lill-ilmentatur skond il-Kundizzjonijiet Ġenerali li jirregolaw il-kuntratti ta' esperti individwali. Ippropona wkoll li tinstab soluzzjoni bonarja.

Meta wieġbet għall-proposta, il-Kummissjoni għarfet li kellha l-obbligu li tipprovdi l-għajnuna lill-ilmentatur skond il-Kundizzjonijiet Ġenerali li jirregolaw kuntratti għal esperti individwali u spjegat b'liema mod hija ħasbet li kienet ipprovdiet din l-għajnuna.

---

3 Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal rijunifikazzjoni tal-familja, ĠU 2003 L 251, p 12.

4 Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri, u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (Test b'rilevanza għaz-ZEE), ĠU 2004 L 158, p 77.

Fuq il-bażi ta' aktar informazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni, l-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni dehret li ħadet azzjoni xierqa biex tgħin lill-ilmentatur. Għalhekk l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni iżda qies li jkun utli li jagħmel rimarka ulterjuri fejn iddikkjara li għar-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-ilmentatur, kien ikun aħjar li kieku fl-ewwel opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-ilmentatur kien ġiet spjegat x'kienet fil-fatt għamlet il-Kummissjoni biex tgħin lill-ilmentatur fis-sitwazzjoni diffiċli li sab ruħu fiha, minflok ma tat l-impressjoni li l-Kummissjoni kienet interessata l-aktar li turi li l-ilmentatur kien ġab is-sitwazzjoni b'idejh.

Sussegwentament, il-Kummissjoni talbet skuża għall-fatt li l-ewwel opinjoni tagħha kienet tat impressjoni mhix sħiħa ta' l-azzjonijiet mittieħda bħala għajnuna lill-ilmentatur u wegħdet li tieħu nota tar-rimarka għall-ġejjieni.

## L-UŻU TA' L-GĦAJNUNA FINANZJARJA TA' L-UE

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 274/2004/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment irrigwarda n-nuqqas tal-Kummissjoni li tgħarraf lill-ilmentatur dwar l-ittrattar tagħha ta' lment dwar id-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet reġjonali ta' Madrid biex inaqqsu l-livell ta' għotja mogħtija lill-ilmentatur għall-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ għall-impjegati. L-għotja kienet iffinanzjata bis-saħħa tal-Fond Soċjali Ewropew. It-tnaqqis ta' parti mill-fondi kien ibbażat fuq il-fatt li wħud mill-parteċipanti fil-korsijiet tat-taħriġ ma kinux ta' nazzjonalità Spanjola. L-ilmentatur qies din bħala diskriminatorja. L-ilmentatur allega li bosta xhur wara li lmenta mal-Kummissjoni, hija naqset li tgħaddilu xi informazzjoni dwar l-ittrattar tal-każ tiegħu.

Il-Kummissjoni wriet dispjaċir li l-ewwel evalwazzjoni tal-każ ma kinitx ġiet ippreżentata lill-ilmentatur. Fit-tieni evalwazzjoni, li kienet iktar dettaljata, il-Kummissjoni aċċettat li parti mit-tnaqqis fl-ammont ta' l-għotja kien minħabba l-fatt li tnejn mill-istudenti ma kinux ta' nazzjonalità Spanjola. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet għamlet rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet responsabbli Spanjoli biex iħallsu s-somma rilevanti lill-ilmentatur u biex f'programmi futuri jeskludu kwalunkwe riferenza għan-nazzjonalità.

L-Ombudsman kien tal-fehma li ladarba l-Kummissjoni kienet aċċettat li tipprovdi t-tagħrif mitlub mill-ilmentatur u ammettiet u skużat ruħha talli naqset li tikkuntattja lill-ilmentatur iktar qabel, ma kienx meħtieġ li jagħmel iżjed stħarriġ.

Madankollu, peress li l-Kummissjoni ma kinitx semmiet xi kriterji li jfasslu l-proċedura li s-servizzi tagħha għandhom isegwu meta jittrattaw ilmenti dwar l-użu ta' għajnuna finanzjarja mill-UE, l-Ombudsman ħaseb li kien utli li jagħmel rimarka ulterjuri. L-Ombudsman irrimarka li, bil-għan li jtejjeb l-effiċjenza u t-trasparenza tar-relazzjoni tagħha maċ-ċittadini, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li toħloq u tippubbliċizza proċeduri biex tirċievi u tittratta lmenti li jirrigwardaw l-użu ta' għajnuna finanzjarja mill-UE, analogi għal dawk applikabbli fil-Komunikazzjoni 2002 tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mal-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi Komunitarja[5].

## ILMENT MARBUT MA' L-ARTIKOLU 226 RELATAT MAL-LIĠI DWAR L-IKEL

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 295/2004/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur ressaq ilment kontra l-Kummissjoni fejn allega li numru ta' awtoritajiet pubbliċi u intrapriżi privati kienu responsabbli għan-nuqqas ta' sikurezza fl-ikel fi Spanja. Skond l-ilmentatur, is-sitwazzjoni kienet kisret il-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar din il-kwistjoni, b'mod partikulari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 178/2002 li jistipulaw il-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar

5 ĠU 2002 C 244, p 5.

l-ikel[6]. Fl-ilment indirizzat lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq l-ilment tiegħu kienet arbitrarja. Ilmenta wkoll dwar id-dewmien twil fl-itrattar tal-każ tiegħu, in-nuqqas ta' informazzjoni li rċieva, u l-interpretazzjoni legali difettuża tal-leġiżlazzjoni applikabbli ta' l-UE min-naħa ta' l-istituzzjoni.

Il-Kummissjoni argumentat li l-ilment kien ġie evalwat fil-limitu ta' żmien normali, u barra minn hekk, l-informazzjoni mehmuża ma' l-ilment ma ppermettietx li s-servizzi tagħha jidentifikaw b'mod ċar l-objettiv ta' l-ilment. Fir-rigward tan-nuqqas allegat ta' l-awtoritajiet Spanjoli li jgħarrfu lill-konsumaturi dwar riskji, il-Kummissjoni rrimarkat li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jirrigwardaw it-tagħrif lill-konsumaturi kienu għadhom mhux applikabbli, peress li l-Istati Membri jgawdu minn perjodu ta' tranżizzjoni sa l-1 ta' Jannar 2007.

L-Ombudsman irrimarka li l-proċeduri li l-Kummissjoni għandha ssegwi fl-ittrattar ta' lmenti huma stipulati fil-Komunikazzjoni 2002 lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar relazzjonijiet mal-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi Komunitarja[7]. Għalhekk, huwa evalwa jekk l-allegazzjonijet speċifiċi li tressqu mill-ilmentatur kellhom xi bażi fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dik il-Komunikazzjoni.

Fir-rigward tal-ħin meħud biex jiġi trattat il-każ, l-Ombudsman irrimarka li l-ilmentatur kien ressaq l-ilment tiegħu lill-Kummissjoni f'Jannar 2003 u li, wara li temmet l-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għarrfitu f'Novembru 2003 dwar il-proposta tagħha li tagħlaq il-każ. Skond dan, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet temmet l-analiżi tagħha ta' l-ilment b'mod konformi mar-regola ta' sena stipulata fil-Komunikazzjoni tagħha stess.

L-Ombudsman ikkonkluda wkoll li l-ilmentatur kien tgħarraf bil-miktub, permezz ta' bosta komunikazzjonijiet, dwar il-passi kollha meħudin mill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-ilment tiegħu, skond il-kriterji mfissrin fil-Komunikazzjoni.

Fl-aħħar, l-Ombudsman ikkonkluda li d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq l-Artikolu 4(3) tar-Regolament 178/2002, li jtirrikjedi li *"prinċipji u proċeduri eżistenti tal-liġi dwar l-ikel se jkunu adattati kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007 [...]"* dehret raġonevoli.

Għalhekk, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni kienet aġixxiet fil-limiti ta' l-awtorità legali tagħha meta ddeċidiet li tagħlaq il-każ wara li kkunsidrat li, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li kien hemm fl-ilment, ma kien hemm l-ebda raġuni biex jinbdew proċedimenti ta' ksur kontra Spanja.

## AVVIŻI GĦAL IMPJIEGI ALLEGATAMENT DISKRIMINATORJI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 338/2004/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-Unjoni Ewropea ta' l-Esperanto ressqet ilment kontra l-Kummissjoni dwar allegata diskriminazzjoni lingwistika mill-organizzazzjonijiet Ewropej li huma ffinanzjati mill-Kummissjoni u minn kumpaniji li għandhom kuntratti mal-Kummissjoni. L-Ombudsman kien diġà ttratta lment imressaq qabel mill-Assoċjazzjoni Dinjija ta' l-Esperanto (każ 659/2002/JP) dwar din l-istess kwistjoni.

Fl-ilment preżenti, l-Unjoni Ewropea ta' l-Esperanto rrimarkat li bosta organizzazzjonijiet u kumpaniji komplew jippubblikaw tħabbir ta' impjiegi li jirrikjedu "L-Ingliż bħala lsien art twelidu" jew "Ilsien nattiv l-Ingliż", u li l-Kummissjoni ma ħaditx azzjoni legali. L-ilmentatur iddikjara, fost affarijiet oħrajn, li l-Kummissjoni għandha tieħu passi, anke li twaqqaf l-iffinanzjar, kontra organizzazzjonijiet u kumpaniji li jippubblikaw avviżi għal impjiegi li jkunu diskriminatorji.

---

6 Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipula l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għas Sikurezza ta' l-Ikel u jistipula proċeduri dwar kwistjonijiet tas-sikurezza ta' l-ikel, ĠU 2002 L 31, p 1.

7 ĠU 2002 C 244, p 5.

Il-Kummissjoni tat ħarsa ġenerali lejn l-aħħar miżuri li ħadet sa mill-każ 659/2002/IP 'il hawn, bħal noti interni varji li jiġbdu l-attenzjoni tas-servizzi tagħha għal din il-kwistjoni. Il-Kummissjoni għamlet referenza wkoll għall-artikoli rilevanti fir-Regolament Finanzjarju u għad-Direttiva 2004/18 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi, fir-rigward ta' l-esklużjoni ta' proċeduri ta' akkwist minħabba kundanna għal reat li jirrigwarda kondotta professjonali.

Bħala tweġiba għall-investigazzjonijiet ulterjuri ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni rrimarkat li mġiba professjonali mhux xierqa tista' ssir minħabba ħafna sitwazzjonijiet differenti u argumentat li ma kienx possibbli li ssemmi b'mod speċifiku kull sitwazzjoni fid-dokumenti ta' akkwist jew fis-sejħa għal proposti. Biex iwieġeb għall-mistoqsija ta' l-Ombudsman dwar il-possibiltà li tiddaħħal fil-kuntratti tagħha klawsola li tirrikjedi li ma jkunx hemm diskriminazzjoni, il-Kummissjoni argumentat li ż-żieda ta' klawsoli speċjali biex ikopru sitwazzjonijiet speċifiċi barra mill-iskop tal-kuntratt tikkomplika l-kontenut u l-istruttura tal-kuntratti u tista' tħalli effett negattiv fuq il-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni saħqet ukoll li l-ġurisdizzjonijiet nazzjonali jibqgħu l-uniċi li huma kompetenti individwalment biex jevalwaw każi allegati ta' diskriminazzjoni lingwistika.

L-Ombudsman qies li l-argumenti mressqin mill-Kummissjoni kontra d-dħul ta' klawsoli kuntrattwali speċjali ma deherux li ma kinux raġonevoli. Qies ukoll li kien raġonevoli, minħabba l-prinċipju ta' sussidjarjetà, li l-Kummissjoni tkun tal-fehma li każi allegati ta' diskriminazzjoni lingwistika għandhom ikunu evalwati fuq livell nazzjonali. Għalhekk ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni. Madankollu, l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri li l-Kummissjoni tista', jekk tirċievi evidenza ta' diskriminazzjoni lingwistika min-naħa ta' wieħed mill-kuntratturi jew benefiċċjari tagħha, tgħaddi l-informazzjoni lill-awtorità nazzjonali rilevanti bir-responsabilità biex tittratta l-kwistjoni jew tgħaddi lill-persuna li tressaq l-evidenza d-dettalji tal-kuntatt ta' dik l-awtorità.

## IT-TMEXXIJA TAL-FONDI GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI EWROPEW

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 732/2004/ELB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, li kien id-direttur ta' Ċentru li kien magħżul biex jirċievi għotja ffinanzjata mill-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew (ERDF), allega li l-Kummissjoni kienet naqset li tiżgura tmexxija tajba tal-fondi ta' l-ERDF. Huwa sostna li l-Kummissjoni għandha tikkuntattja lill-awtoritajiet Taljani responsabbli għat-tmexxija ta' dawn il-fondi fl-Italja sabiex titlob ħlas għall-ispejjeż li għamel l-ilmentatur, tobbliga lil dawk l-awtoritajiet biex jaġixxu skond il-kuntratt u jħallsu l-interessi għal pagament tard, u possibbilment, li tissanzjona lill-Italja għat-tmexxija ħażina tagħha tal-fondi.

Skond il-Kummissjoni, l-Istati Membri huma responsabbli għat-tmexxija tal-programmi tal-Fondi Strutturali u għall-ħatra ta' l-awtoritajiet li jieħdu ħsieb it-tmexxija u l-pagamenti. Fil-limiti tas-setgħat tagħha ta' kontroll u ta' segwitu, il-Kummissjoni żgurat konformità mal-prinċipju ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet fil-ħin stipulat, skond l-Artikolu 32, paragrafu 1, il-ħames inċiż, tar-Regolament 1260/1999, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fondi Strutturali[8]. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-awtoritajiet Taljani, li minnha kkonkludiet li l-ilmentatur kien responsabbli għal ftit mid-dewmien, minħabba li t-tagħrif bankarju tiegħu ma kienx komplet. F'April 2004, l-awtorità inkarigata mill-pagamenti għarrfet lill-Kummissjoni li l-benefiċjarju kien tħallas. Il-Kummissjoni kitbet lill-awtorità tat-tmexxija biex titlob informazzjoni dwar l-arranġamenti finanzjarji tal-programm u biex titlob li din il-kwistjoni titressaq fuq l-aġenda tal-laqgħa li kien imiss tal-kumitat ta' monitoraġġ. Il-kumitat ta' monitoraġġ iddeċieda li janalizza kemm huma xierqa l-arranġamenti finanzjarji magħżula mill-awtorità inkarigata mill-pagamenti u biex tieħu miżuri biex tressaq lura l-iskadenzi. Il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li timponi sanzjonijiet jew li tieħu miżuri kontra l-awtorità inkarigata mill-pagamenti.

8 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Fondi Strutturali, ĠU 1999 L 161, p 1.

L-Ombudsman kien tal-fehma li, għalkemm l-awtoritajiet inkarigati mill-pagamenti maħturin mill-Istati Membri huma responsabbli għall-ħlas fil-ħin tal-fondi ta' l-ERDF, ir-responsabilità tal-Kummissjoni għat-tmexxija xierqa tal-fondi ta' l-ERDF tfisser ukoll li tkun sodisfatta li s-sistemi ta' tmexxija u ta' kontroll li l-Istati Membri jikkomunikaw lilha jkunu xierqa u adegwati sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet inkarigati mill-pagamenti jikkonformaw ma' l-obbligu ta' ħlas fil-ħin.

Fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur li l-Kummissjoni kienet naqset milli tiżgura tmexxija xierqa tal-fondi ta' l-ERDF, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni dehret li kienet ħadet il-passi xierqa u adegwati biex twettaq ir-responsabilitajiet tagħha fit-tmexxija xierqa tal-fondi ta' l-ERDF. Għalhekk ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina.

Fir-rigward tat-talbiet ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni dehret li ħadet azzjoni xierqa biex tiżgura l-pagament lill-ilmentatur. Huwa rrimarka li r-responsabilità għall-ħlas ta' l-interessi għandha taqa' fuq l-awtorità Taljana inkarigata mill-pagamenti. Fl-aħħarnett, l-Ombudsman qies li l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' setgħa li għandha biex timponi sanzjonijiet fuq l-Italja dehru raġonevoli.

## EVALWAZZJONI TA' PROPOSTA GĦAL PROĠETT (1)

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 758/2004/ELB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Il-proposta ta' l-ilmentatur lill-Kummissjoni għal proġett RTD (Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni) indirett kienet irrifjutata. L-ilmentatur allegat li l-esperti indipendenti li ddeċidew li l-proposta tagħha għall-iżvilupp ta' lenti li titpoġġa fl-għajnejn (intraocular) kienet irrilevanti għall-Objettiv Strateġiku inkwistjoni, għamlu żball. Hija allegat ukoll li l-proċedura ma kinitx ġusta, peress li ma kienx possibbli li wieħed jisfida d-deċiżjoni meħuda mill-esperti jew li wieħed jippreżenta proposta oħra. Fl-aħħarnett, hija allegat li l-informazzjoni disponibbli għaliha matul il-proċedura ma kinitx adegwata u ċara u li l-informazzjoni waslitilha tard wisq biex tikkunsidra jekk tagħmilx preżentazzjoni ġdida.

Skond il-Kummissjoni, proposta trid tiġi evalwata fil-kuntest ta' l-Objettiv Strateġiku inkwistjoni, il-punti fokali tagħha u l-objettivi ġenerali tal-Programm ta' Ħidma. L-opinjoni unanima tat-tliet esperti indipendenti kienet li l-proposta kienet tidher b'mod ċar li m'hix rilevanti. Il-Kummissjoni kienet eżaminat din l-opinjoni u kkonkludiet li kienet ġustifikata. Sabiex tiżgura trattament ġust u ugwali, ma kienx hemm kuntatt bejn il-Kummissjoni u l-applikanti dwar il-proposta tagħhom sa wara tmiem l-evalwazzjoni. Madankollu, ladarba l-evalwazzjoni tkun lesta, il-Kummissjoni lesta tipprovdi, fuq talba ta' l-applikant, spjegazzjonijiet miżjuda ma' dawk fir-Rapport fil-Qosor ta' l-Evalwazzjoni. Fir-rigward ta' preżentazzjoni ġdida, il-Kummissjoni argumentat li, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li kienet ipprovdiet dwar il-punti b'saħħithom u l-punti dgħajfa tal-proposta ta' l-ilmentatur, hija setgħet tiġġudika kemm kien xieraq li tagħmel preżentazzjoni fis-sejħa li jmiss.

L-Ombudsman kien tal-fehma li tweġiba għall-mistoqsija dwar jekk il-proposta ta' l-ilmentatur waqgħetx taħt l-iskop ta' l-Objettiv Strateġiku rilevanti kienet tirrikjedi esperti b'kompetenza xjentifika u teknika, u li l-iskop ta' l-analiżi sostantiva għandu għalhekk ikun limitat għall-evalwazzjoni dwar jekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tikkonferma r-riżultati ta' l-evalwazzjoni kinitx tidher b'mod ċar li ma kinitx raġonevoli. L-Ombudsman kien tal-fehma li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma kinitx tidher b'mod ċar li ma kinitx raġonevoli.

L-Ombudsman kien ukoll tal-fehma li l-irwol ta' l-esperti kif stipulat fil-Linji Gwida rilevanti ppubblikati huwa li jipprovdu pariri xjentifiċi u tekniċi biex jassistu lill-Kummissjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet effettivi, sabiex jiġu promossi l-objettivi tal-Komunità u li l-indipendenza ta' l-esperti twassal kemm biex ikunu effettivi u kemm biex ikun hemm proċess ġust. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma kkunsidrax li n-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' appell kontra l-evalwazzjoni ta' l-esperti setgħet, fiha nnifisha, toħloq amministrazzjoni strutturali jew sistematika ħażina. Fl-aħħarnett, l-Ombudsman kien tal-fehma li kien ċar li l-ilmentatur ma setgħetx tippreżenta mill-ġdid proposta riveduta taħt l-istess sejħa għal proposti minħabba li kienet għaddiet id-data ta' l-iskadenza għal preżentazzjonijiet, u li

l-ilmentatur ma kinitx uriet li l-Kummissjoni kienet naqset li tgħaddilha informazzjoni fil-ħin bil-ħsieb ta' preżentazzjoni ġdida fis-sejħa li jmiss.

## TRATTAR TA' LMENT MARBUTA MA' L-ARTIKOLU 226

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1298/2004/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur kienet ippreżentat ilment lill-Kummissjoni dwar l-allegat ksur min-naħa tar-Renju Unit tad-Direttiva 73/239/KEE dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-bidu u t-tkomplija ta' l-attività tan-negozju ta' assikurazzjoni diretta ħlief għall-assikurazzjoni fuq il-ħajja[9].

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, hija allegat li rċeviet spjegazzjoni mhux sodisfaċenti għalfejn il-Kummissjoni naqset milli twieġeb għall-ittra li hi kienet bagħtet fid-29 ta' Mejju 2003. Allegat ukoll li l-Kummissjoni kienet naqset milli twieġeb għall-mistoqsijiet tagħha dwar (i) għalfejn il-Kummissjoni rtirat proċedura ta' ksur li kienet ippjanata kontra r-Renju Unit fl-1978, (ii) għalfejn il-Kummissjoni ppermettiet (kif deherilha) li r-Renju Unit tikser il-liġi Komunitarja, u (iii) kif tista' hi stess tikseb sentenza mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Fl-aħħarnett, hija allegat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tipprovdilha l-informazzjoni dwar il-proċedura stabbilita fir-Renju Unit biex ċittadin jikseb kumpens għal telf u/jew ħsara kkawżati minn ksur tal-liġi Komunitarja.

Wara l-analiżi tiegħu tal-korrispondenza rilevanti, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni dehret li ġeneralment għamlet sforz biex tipproċedi bid-diliġenza fl-ittrattar tal-komunikazzjonijiet mill-ilmentatur u li kienet talbet skuża lill-ilmentatur u ħadet miżuri korrettivi fir-rigward ta' l-uniku dewmien li kien hemm. Apparti minn hekk, l-Ombudsman ikkunsidra li l-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni għad-dewmien dehret kredibbli.

L-Ombudsman irrimarka wkoll li l-Kummissjoni kienet spjegat lill-ilmentatur (i) li s-servizzi tal-Kummissjoni kienu sodisfatti bl-impenn tar-Renju Unit biex tadotta l-leġiżlazzjoni meħtieġa, (ii) li ma kinitx ikkunsidrat li kienet ippermettiet li r-Renju Unit jikser il-liġi Komunitarja, u (iii) li l-qrati nazzjonali għandhom ikunu kompetenti biex jiddeċiedu dwar il-konformità fil-passat tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-liġi Komunitarja. L-Ombudsman ikkunsidra li dawn it-tweġibiet mill-Kummissjoni kienu risposti adegwati.

L-Ombudsman ikkunsidra raġonevoli li l-Kummissjoni, fil-komunikazzjonijiet tagħha ma' individwi privati dwar każi konkreti, tillimita għad-drittijiet stabbiliti fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja l-informazzjoni tagħha dwar kwistjonijiet ta' talbiet għal kumpens kontra Stati Membri. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni ma setgħetx tkun obbligata li tipprovdi parir legali dwar ir-regoli ta' proċedura nazzjonali.

Għalhekk l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina.

## EVALWAZZJONI TA' PROPOSTA GĦAL PROĠETT (2)

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1365/2004/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kien jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ta' proposta għal proġett ippreżentata taħt is-Sitt Programm ta' Qafas ta' Riċerka. Konsorzju ta' kumpaniji Ewropej kien applika għal fondi għal proġett ta' enerġija mir-riħ 'il barra mill-kosta ta' l-Irlanda. L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni

[9] L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolament u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-bidu u t-tkomplija ta' l-attività tan' negozju ta' assikurazzjoni diretta ħlief għall-assikurazzjoni fuq il-ħajja, ĠU 1973 L 228, p 3.

kienet għamlet żball ċar fl-evalwazzjoni tal-proposta għal proġett tal-konsorzju billi ddikjarat li l-konsorzju kien nieqes minn arkitett speċjalizzat fil-pedamenti. Skond l-ilmentatur, il-proposta stqarret li s-soċju Daniż ta' l-ilmentatur kien speċjalista li, aktarx, kien minn ta' quddiem fid-dinja fil-qasam rilevanti. L-ilmentatur qal, fost affarijiet oħrajn, li l-Kummissjoni għandha tikkoreġi l-iżbalji fattwali fl-evalwazzjoni tal-proposta għall-proġett.

Il-Kummissjoni argumentat li l-esperti li għamlu l-evalwazzjoni tal-proposta għal proġett ta' enerġija mir-riħ 'il barra mill-kosta kienu tal-fehma li t-tagħrif limitat mogħti dwar is-soċju Daniż ma kienx konvinċenti.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman fakkar li d-dmir tiegħu ma kienx li jagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-proposta għall-proġett inkwistjoni iżda li jinvestiga jekk kienx hemm żball ċar fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni. L-Ombudsman sab li t-tagħrif kemmxejn fil-qosor dwar is-soċju Daniż fil-proposta għal proġett ma kien fih l-ebda riferenza għall-kumpanija bħala speċjalista jew li hija minn ta' quddiem fid-dinja fil-qasam rilevanti. L-Ombudsman kien tal-fehma li, anke jekk wieħed jassumi li l-ilmentatur kellu raġun dwar il-pożizzjoni tas-soċju Daniż, l-ilmentatur ma kienx wera li l-Kummissjoni jew l-esperti tagħha li għamlu l-evalwazzjoni tal-proposta kellhom ikunu konxji tal-pożizzjoni tas-soċju minkejja t-tagħrif li ngħata fil-proposta. Għalhekk l-Ombudsman ma ħasibx li l-Kummissjoni kienet għamlet żball ċar fl-evalwazzjoni meta kkonkludiet, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni fil-proposta, li l-konsorzju kien nieqes minn arkitett speċjalizzat fil-pedamenti.

Fir-rigward tat-talba ta' l-ilmentatur li l-iżball fattwali għandu jitranġa, l-Ombudsman irrimarka li hu fehem li l-Kummissjoni argumentat li l-proposta għall-proġett kienet nieqsa minn informazzjoni dwar is-soċju Daniż u mhux li l-Kummissjoni kkontestat l-istqarrija ta' l-ilmentatur li s-soċju kien speċjalist jew minn ta' quddiem fid-dinja fil-qasam rilevanti. Minħabba dan u minħabba s-sejba li l-Kummissjoni ma kinitx għamlet żball ċar fl-evalwazzjoni, l-Ombudsman ma sab l-ebda raġuni biex isegwi t-talba inkwistjoni.

## APPLIKAZZJONI TAL-KLAWSOLA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM FIL-FTEHIMA TA' KOPERAZZJONI MAL-VJETNAM

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 933/2004/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-Artikolu 1 ("il-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem") tal-ftehima ta' koperazzjoni ta' l-1996 bejn il-Komunità Ewropea u l-Vjetnam jistipula li koperazzjoni bejn iż-żewġ partijiet trid tkun ibbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, li għandhom isiru aspett essenzjali tal-ftehima. L-ilmentatur allega li, meta kienet iffaċċjata b'vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa ta' l-awtoritajiet tal-Vjetnam, il-Kummissjoni naqset milli tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-ftehima ta' koperazzjoni.

Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li titjib fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Vjetnam jista' jintlaħaq bis-saħħa ta' taħlita ta' djalogu u koperazzjoni. Il-Kummissjoni argumentat li ma kienx sar xi ksur materjali tal-ftehima li għandu jwassal għas-sospensjoni tal-ftehima. Skond il-Kummissjoni, azzjoni bħal din għandha ssir biss meta ma jkun hemmx għażla oħra, u b'konsultazzjoni sħiħa ma' l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew.

L-Ombudsman irrimarka li, fuq il-bażi tal-"klawsola tad-drittijiet tal-bniedem", ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem jagħmel parti essenzjali mill-ftehima u għalhekk, ksur ta' dik il-klawsola jista' jwassal għas-sospensjoni tal-ftehima. Huwa rrimarka li dik il-klawsola torbot lill-Kummissjoni u li azzjonijiet jew nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-klawsola jistgħu jikkostitwixxu każi ta' amministrazzjoni ħażina.

Madankollu, l-Ombudsman qies li l-ftehima ma tispeċifikax l-obbligi tal-Kummissjoni fir-rigward taċ-ċirkostanzi li fihom id-dispożizzjoni għandha tiġi invokata sabiex tiġi sospiża l-ftehima ta' koperazzjoni. Barra minn hekk, la t-Trattat KE u lanqas il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati ma jiċċaraw il-kwistjoni. L-Ombudsman innota li l-Kummissjoni kienet fasslet xi prinċipji

għat-tħaddim tal-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Komunikazzjoni 1995 tagħha dwar l-inklużjoni fi ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiżi terzi tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi u għad-drittijiet tal-bniedem.

L-Ombudsman irrimarka li l-Kummissjoni kienet tal-fehma li s-sospensjoni tal-ftehima kienet iċaħħad l-UE mill-possibilità li tuża programmi ta' koperazzjoni ffinanzjati mill-UE biex tappoġġja l-proċess ta' riforma fil-Vjetnam u li għalhekk, kienet iddeċidiet li tipprova tiddjaloga ma' l-awtoritajiet tal-Vjetnam bis-saħħa ta' korpi varji stabbiliti taħt il-ftehima ta' koperazzjoni. L-Ombudsman ikkunsidra li deher raġonevoli r-raġunar tal-Kummissjoni wara d-deċiżjoni tagħha li ma tikkawżax is-sospensjoni tal-ftehima ta' koperazzjoni, iżda li minflok tirrikorri għal miżuri li tqis li huma aktar xierqa għas-sitwazzjoni, skond il-kriterji msemmija fil-Komunikazzjoni 1995. Għalhekk, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni.

## KONSULTAZZJONI DWAR IL-FUTUR TAL-FONDI STRUTTURALI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 948/2004/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea*

NGO ilmentat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tkkonsulta ma' l-NGOs dwar il-futur tal-Fondi Strutturali. B'appoġġ għall-allegazzjoni, l-ilmentatur irrefera għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Lejn kultura msaħħa bil-konsultazzjoni u bid-djalogu — Prinċipji ġenerali u standards minimi għal konsultazzjoni mill-Kummissjoni tal-partijiet interessati." (COM(2002) 704 finali tal-11 ta' Diċembru 2002), li tistipula ħames standards minimi għall-proċess ta' konsultazzjoni. L-ilmentatur staqsa jekk l-istandards minimi kinux ċari biżżejjed u ppropona wkoll li l-Kummissjoni għandha tadotta attitudni aktar mifruxa mas-setturi u ħolistika għall-konsultazzjoni, b'mod partikulari meta l-proposti tagħha jħallu impatt fuq medda wiesgħa ta' interessi.

Il-Kummissjoni argumentat li kienet bdiet proċess ta' konsultazzjoni wiesa' mal-partijiet interessati kollha u ddeskriviet fid-dettall l-azzjonijiet li kienet ħadet. Madankollu, hija stqarret li tixtieq li l-NGOs jagħtu kontribut akbar, li jirrikjedi minnhom li jimmobbilizzaw ruħhom b'mod aktar effettiv fil-futur.

L-Ombudsman ħaseb li l-istandards minimi kienu ċari biżżejjed biex ikun jista' jevalwa jekk il-Kummissjoni kinitx segwiethom jew le. Fil-każ preżenti l-Ombudsman għamel reviżjoni ddettaljata u ħaseb li l-Kummissjoni kienet segwiet il-ħames standards minimi mħabbrin. Għalhekk, ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina. Madankollu, l-Ombudsman ma eskludiex il-possibilità li f'ċerti każi ikun xieraq li l-istandards minimi jkunu espressi b'mod iktar ċar jew li jkun hemm attitudni aktar mifruxa mas-setturi u ħolisitika għall-konsultazzjoni. L-Ombudsman irrimarka li l-ilmentatur għandu l-possibilità li jagħmel suġġerimenti f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni u li tkun amministrazzjoni tajba jekk il-Kummissjoni tikkunsidra serjament kwalunkwe minn dawn is-suġġerimenti.

## 112: IN-NUMRU TA' EMERĠENZA EWROPEW

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1096/2004/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment tressaq minn assoċjazzjoni li allegat nuqqasijiet mill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-112, in-numru ta' emerġenza Ewropew. L-assoċjazzjoni allegat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tieħu aktar azzjoni fir-rigward tal-komponent tan-numru 112 li fih il-protezzjoni ċivili, kif kien twiegħed konsistentament fil-programmi ta' ħidma tagħha. L-assoċjazzjoni allegat ukoll li l-Kummissjoni kienet naqset milli tagħti tagħrif aġġornat u rilevanti dwar in-numru 112 fuq il-websajt tagħha.

Il-Kummissjoni argumentat li s-servizz responsabbli kien iffinanzja b'mod konġunt numru ta' proġetti rilevanti għan-numru 112 fil-qafas tal-Programm ta' Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u li jikkoordina u jikkopera ma' servizzi oħrajn tal-Kummissjoni fil-kuntest tan-numru 112. Fissret ukoll li għalkemm fil-passat kien hemm xi dewmien fl-aġġornament tal-websajt, dan ma kienx għadu l-każ.

L-Ombudsman fakkar fl-importanza li ċ-ċittadini jingħataw is-setgħa u li jitgħarrfu dwar id-drittijiet tagħhom, u stqarr li għalhekk fehem l-aspirazzjonijiet ta' l-assoċjazzjoni f'dan ir-rigward. Madankollu, l-Ombudsman irrimarka li, fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma tagħha, il-Kummissjoni tgawdi minn ammont ta' diskrezzjoni, li biex teżerċitah hija responsabbli lejn il-Parlament permezz tal-proċedura baġitarja. L-Ombudsman ikkunsidra li d-Direttiva dwar is-Servizz Universali tirrikonoxxi li ċ-ċittadini għandhom interess importanti fir-rigward tan-numru 112, iżda li l-Direttiva tistipula li l-Istati Membri huma responsabbli għall-għoti ta' tagħrif xieraq dwar in-numru 112. L-Ombudsman ma sabx l-ebda evidenza li, fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma inkwistjoni, il-Kummissjoni kienet aġixxiet barra mill-iskop tas-setgħat diskrezzjonali tagħha jew li kisret xi regola jew prinċipju li jorbotha.

L-Ombudsman irrimarka wkoll li fil-websajt tan-numru 112 kien hemm l-istqarrija li l-websajt kienet ġiet aġġornata fil-21 ta' Settembru 2004, u din kienet sostanzjalment korretta. Il-kollegamenti fil-websajt għal leġiżlazzjoni skaduta semmew b'mod ċar kif in-numru 112 kien inħoloq u l-websajt kien fiha wkoll kollegament aġġornat għal-leġiżlazzjoni attwali. L-Ombudsman irrimarka wkoll li d-DĠ għall-Ambjent kien ippubblika fuq il-websajt tiegħu listi ta' għotjiet mogħtija fl-2003 u li l-iskadenza għall-2004 għall-pubblikazzjoni ta' dawn il-listi, kif stipulat fir-Regolament 2342/2002 li jistipula regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju, kienet għadha ma skadietx.

Fuq il-bażi ta' dan kollu imsemmi hawn fuq, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni.

## IT-TNEĦĦIJA MTARRĠA TA' L-OQSMA TAL-LINGWA FI SKOLA EWROPEA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1155/2004/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kien jirrigwarda l-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mat-tneħħija mtarrġa ta' l-oqsma tal-lingwa fi Skola Ewropea f'Culham fir-Renju Unit. L-ilmentaturi argumentaw li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi dwar dan il-każ ma kinitx tqis il-konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu u li l-proċedura għat-teħid ta' deċiżjoni dwar l-għeluq ta' skola jew ta' qasam tal-lingwa ma kinitx ġiet segwita. Peress li l-Kummissjoni kienet ipproponiet u vvotat favur it-tneħħija mtarrġa ta' żewġ oqsma tal-lingwa, l-ilmentaturi allegaw li kienet naqset milli tippromwovi amministrazzjoni tajba fl-Iskejjel Ewropej, speċjalment fir-rigward tat-trasparenza u r-raġunament tad-deċiżjonijiet, kif tirrikjedi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni argumentat li r-regoli u l-proċeduri applikabbli kienu ġew segwiti. Il-Kummissjoni dehret ukoll li kienet qiegħda targumenta li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma tapplikax għall-Iskejjel Ewropej iżda li d-drittijiet fundamentali konnessi mad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi huma mħarsin mil-liġijiet nazzjonali u mill-ftehimiet internazzjonali.

L-Ombudsman fakkar li l-Iskejjel Ewropej m'humiex istituzzjoni jew korp tal-Komunità u għalhekk ma jaqgħux fil-mandat tiegħu. Madankollu, l-Ombudsman huwa konsistentament tal-fehma li l-Kummissjoni għandha ċerta responsabilità għall-operat ta' l-Iskejjel Ewropej, li tinkludi responsabilità ġenerali li tiġi promossa l-amministrazzjoni tajba f'dawn l-iskejjel. Madankollu, l-Ombudsman ma ħasibx li l-investigazzjoni tiegħu fl-azzjonijiet tal-Kummissjoni konnessi mad-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi biex jitneħħew iż-żewġ oqsma tal-lingwa msemmijin kienet kixfet xi każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni.

Madankollu, l-Ombudsman fakkar li waqt investigazzjonijiet li saru qabel, il-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet l-applikabilità tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għall-Iskejjel Ewropej. Għalhekk l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri fejn stqarr li r-rikonoxximent tal-Kummissjoni tal-forza legali tal-Karta fuq l-Iskejjel Ewropej jikkostitwixxi parti importanti mir-responsabilità tal-Kummissjoni li tippromwovi amministrazzjoni tajba fl-iskejjel. Talab lill-Kummissjoni biex tiċċara l-pożizzjoni tagħha dwar din il-kwistjoni billi tinfurmah dwar l-istejtus tal-miżuri ta' riforma msemmija matul l-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess OI/5/2003/IJH (ara r-*Rapport Annwali 2004* ta' l-Ombudsman). Bħala tweġiba għar-rimarka ulterjuri, il-Kummissjoni kkomunikat lill-Ombudsman l-istejtus tal-miżuri ta' riformi msemmijin waqt l-investigazzjoni li mexxa fuq inizjattiva tiegħu stess, inkluża l-implimentazzjoni tad-drittijiet fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

## ALLEGAZZJONI TA' KUNTATTI IMPROPRJI WAQT PROĊEDURA GĦAL SEJĦA GĦAL OFFERTI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1808/2004/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet aġixxiet b'mod improprju fit-trattament ta' sejħa għal offerti għat-tieni stadju ta' programm ta' riċerka u ta' żvilupp. L-inizjattiva inkwistjoni, li l-biċċa l-kbira minnha kienet iffinanzjata mill-Kummissjoni, kienet imqassma fi tliet stadji. L-ewwel stadju kien ingħata lil wieħed mill-kompetituri ta' l-ilmentatur, il-konsorzju Z. F'Diċembru 2003, l-ilmentatur ressaq offerta għat-tieni stadju. Għalkemm ġie aċċettat għall-proċedura ta' selezzjoni u mid-dehera kien l-uniku apaltatur, peress li l-konsorzju Z ma ressaqx il-proposta tiegħu fil-ħin, l-offerta ta' l-ilmentatur kienet eskluża wara evalwazzjoni negattiva minn dawk inkarigati li jagħmlu l-evalwazzjoni. L-ilmentatur kien tal-fehma li kienet saret diskriminazzjoni kontrih u li s-servizzi tal-Kummissjoni kienu pprovaw jagħtu preferenza lill-konsorzju Z. Biex jappoġġja din l-allegazzjoni, l-ilmentatur irrefera għal konverżazzjoni bit-telefown bejn rappreżentant tal-konsorzju Z u s-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli, li saret ftit wara li skadiet l-iskadenza għat-tressiq ta' offerti, malli kien ċar li l-offerta tal-konsorzju Z ma kinitx tressqet fil-ħin.

Bħala tweġiba, il-Kummissjoni argumentat li l-proposta ta' l-ilmentatur kienet ġiet evalwata minn persuni indipendenti, skond il-proċeduri uffiċjali. Fir-rigward tat-telefonata li għamel ir-rappreżentant tal-kompetitur ta' l-ilmentatur, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li kienet biss talba għal informazzjoni, u li matulha ma ġew diskussi l-ebda kwistjonijiet ta' importanza. Meta wieħed iqis in-natura tal-kwistjonijiet diskussi, is-servizzi tal-Kummissjoni kienu tal-fehma li l-ebda rekord tat-telefonata ma kien meħtieġ.

L-Ombudsman irrimarka li, kif irrikonoxxut mill-qrati tal-Komunità, il-Kummissjoni tgawdi diskrezzjoni wiesgħa fir-rigward tal-fatturi li għandhom jitqiesu għall-iskop tad-deċiżjoni ta' l-għoti ta' kuntratt wara sejħa għal offerta. L-Ombudsman irrimarka li, bħala tweġiba għat-talba ta' l-ilmentatur, il-Kummissjoni kienet offriet spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għalfejn l-offerta ta' l-ilmentatur ma ġietx aċċettata. Kienet ipprovdiet ukoll kopja tas-sommarju tar-rapport dwar l-evalwazzjoni, li kien fiha l-evalwazzjoni raġunata tal-proposta ta' l-ilmentatur mill-persuni inkarigati mill-evalwazzjoni. Wara li rreveda l-kontenut ta' dan ir-rapport fil-qosor, l-Ombudsman kien tal-fehma li dan kien jipprovdi stqarrija xierqa tal-pożizzjoni li ħadet l-istituzzjoni, li kienet fuq il-linji tal-kriterji stipulati fil-Programm ta' Ħidma.

L-Ombudsman irrimarka li wħud mill-aspetti fattwali tal-każ kienu wasslu biex l-ilmentatur jitfa' fid-dubju kemm kienu xierqa l-azzjonijiet tal-Kummissjoni. Wara li rreveda b'mod meqjus l-informazzjoni kollha disponibbli, l-Ombudsman ma sabx l-ebda evidenza ta' azzjonijiet mhux xierqa. Madankollu, l-Ombudsman irrimarka li kien ikun aktar faċli għall-Kummissjoni li tittratta t-tħassib ta' l-ilmentatur f'dan ir-rigward, li kieku kienet kapaċi tressaq dokument bil-miktub tat-telefonata inkwistjoni. Għalhekk l-Ombudsman indirizza rimarka ulterjuri lill-Kummissjoni, fejn issuġġerixxa li l-Kummissjoni għandha tipprova tirrivedi r-regoli tagħha dwar ir-rekords ta' telefonati fil-qafas ta' sejħiet għal offerti, bil-ħsieb li jiġu evitati problemi simili fil-futur.

## ID-DISPONIBILITÀ TA' DOKUMENTI FUQ L-INTERNET

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2066/2004/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur allega, fost affarijiet oħrajn, li l-Kummissjoni kienet naqset milli tagħmel disponibbli fuq l-internet, kif stipulat fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[10], dokumenti relatati mad-dokument ta' konsultazzjoni dwar l-applikazzjoni għal operaturi mobbli tad-Direttiva dwar il-flus elettroniċi

10 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

(e-money). Skond l-ilmentatur, id-dokument ta' konsultazzjoni kien jirrigwarda kwistjonijiet leġiżlattivi, minħabba li kellu l-potenzjal li jwassal għal emendi għad-Direttiva dwar il-flus elettroniċi.

Il-Kummissjoni argumentat, b'referenza għall-Artikolu 4(3) tar-Regolament 1049/2001, li biex tiżvela dokumenti ta' ħidma u kontributi bil-miktub tal-Kummissjoni mħejjijin waqt fażi preliminarja mill-Istati Membri u l-industrija tista', fl-istadju inkwistjoni, tkun qarrieqa u tippreġudika n-newtralità ta' diskussjonijiet futuri ma' l-Istati Membri, tista' toħloq reazzjoni mhux proporzjonata u mhux xierqa min-naħa tal-pubbliku, u tista' tinfluwenza kwalunkwe dibattitu futur jew inizjattiva leġiżlattiva.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman kien tal-fehma li, fl-iskema ġenerali tar-Regolament 1049/2001, id-dritt taċ-ċittadini li japplikaw għal aċċess għal dokument li ma kienx ħareġ fil-pubbliku u biex jikkontestaw ir-rifjut eventwali ta' applikazzjoni ta' konferma jipprovdi l-mekkaniżmu primarju biex ikun garantit aċċess għal dokumenti kemm jista' jkun wiesa'. Għalhekk l-Ombudsman kien tal-fehma li ma kienx ikun proporzjonat u prattiku li jitlob lill-Kummissjoni tagħmel l-istess analiżi legali dettaljata meta tkun qiegħda tikkunsidra jekk għandhiex tagħmel dokument leġiżlattiv disponibbli fuq l-internet, kif trid tagħmel meta tittratta applikazzjoni ta' konferma għall-aċċess pubbliku ta' dokument.

L-Ombudsman irrimarka li l-Kummissjoni dehret li ħasbet ġenwinament jekk għandhiex tagħmel id-dokumenti inkwistjoni aċċessibbli fuq l-internet. Barra minn hekk, l-ilmentatur kien eżerċita d-dritt li japplika għall-aċċess u kellu l-opportunità li jagħmel applikazzjoni ta' konferma. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman ħaseb li aktar investigazzjonijiet dwar l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur ma kinux ġustifikati.

## AĊĊESS GĦAL RAPPORT TAL-MISSJONI FIL-QAFAS TA' PROĊEDURA MARBUTA MA' L-ARTIKOLU 228

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2821/2004/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, assoċjazzjoni għall-ħarsien tal-fkieren tal-baħar, applikat lid-DĠ ta' l-Ambjent tal-Kummissjoni għal aċċess għal rapport dwar missjoni li għamlu s-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-gżira Griega ta' Zakynthos, fejn kienet ġiet investigata s-sitwazzjoni rigward il-ħarsien tal-fkieren tal-baħar. Il-missjoni kienet saret fil-qafas tal-ftuħ mill-Kummissjoni ta' proċedura kontra l-Greċja skond l-Artikolu 228 tat-Trattat KE minħabba li naqset milli tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tikkonforma ma' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Wara applikazzjoni ta' konferma, ingħata aċċess parzjali għar-rapport, barra dawk il-partijiet li kien fihom evalwazzjonijiet tekniċi jew legali jew opinjonijiet relatati mal-proċeduri li kienu għadhom sejrin.

Fl-ilment lill-Ombudsman, l-assoċjazzjoni talbet aċċess mingħajr restrizzjonijiet għar-rapport. Il-Kummissjoni ġġustifikat ir-rifjut tagħha li tiżvela ċerti partijiet tar-rapport fuq il-bażi ta' l-Artikoli 4(2), tielet inċiż u 4(3), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[11] u argumentat li l-interess pubbliku fl-iżvelar ta' dawn il-partijiet ma kienx iktar importanti mir-riskju li l-investigazzjoni li għadha għadejja u d-diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet Griegi jiġu affettwati.

Meta jiġi kkunsidrat li r-rapport ta' l-ispezzjoni inkwistjoni kien dokument imfassal għall-użu intern mill-Kummissjoni u li kien jitkellem dwar proċedura għadha għaddejja skond l-Artikolu 228 tat-Trattat KE, l-Ombudsman ħaseb li l-Kummissjoni kellha raġun tkun tal-fehma li kienet intitolata li tirrifjuta l-aċċess fuq il-bażi ta' l-Artikoli 4(2) u 4(3) l-ewwel subparagrafu tar-Regolament 1049/2001, suġġetta għall-possibilità li jista' jkun hemm interess pubbliku prevalenti biex id-dokument jiġi żvelat.

L-Ombudsman imbagħad eżamina fid-dettall l-argumenti li l-ilmentatur kien ressaq biex juri li kien hemm interess pubbliku prevalenti biex id-dokument ikun żvelat, u kkunsidra li wieħed mill-

11 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

argumenti kien rilevanti biss għall-Artikolu 4(2) u l-argument l-ieħor rilevanti biss għall-Artikolu 4(3) l-ewwel subparagrafu tar-Regolament 1049/2001. L-Ombudsman ma sabx konvinċenti l-argument ta' l-ilmentatur relatat ma' l-Artikolu 4(3), u għalhekk sab li l-Kummissjoni kienet intitolata li sserraħ fuq din l-eċċezzjoni. Fir-rigward ta' l-argument relatat ma' l-Artikolu 4(2), l-Ombudsman qies li l-evalwazzjoni tiegħu teħtieġ spezzjoni mill-Ombudsman tad-dokument inkwistjoni. Madankollu, meta wieħed jikkunsidra l-konklużjoni tiegħu li l-Kummissjoni tista' tistrieħ fuq l-Artikolu 4(3), l-ewwel subparagrafu, l-Ombudsman iddeċieda li ma jdewwimx id-deċiżjoni dwar il-każ biex jispezzjona d-dokument. Għalhekk, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni.

## IS-SOSTITUZZJONI TA' DIRETTUR TA' PROĠETT FIL-ĦONDURAS

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3110/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, li kien jaħdem ma' kumpanija ta' konsultazzjoni Ġermaniża, kien id-direttur ta' proġett iffinanzjat mill-UE għat-tiswija u t-titjib ta' l-infrastruttura fl-ibliet fl-Amerika Ċentrali li kienu ntlaqtu mill-uragan "Mitch". Wara rikjesta mid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni f'Managua, kien sostitwit b'persuna oħra.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega, fost affarijiet oħrajn, li fit-tħejjija għall-proġett kien hemm nuqqasijiet u dewmien mhux meħtieġ. Allega wkoll li l-Kummissjoni kienet aġixxiet b'mod diskriminatorju, billi eżaminat biss il-problema ta' l-użu ta' karozzi ta' servizz fil-proġett tiegħu. L-użu privat ta' karozzi ta' servizz minn dejjem kien ittollerat f'proġetti oħrajn. Barra minn hekk, l-ilmentatur allega li t-talba tal-Kummissjoni li huwa jiġi sostitwit ma kinitx ġustifikata u ma kellha l-ebda bażi.

Skond il-Kummissjoni, id-dewmien fil-proġett kien ikkawżat kemm mill-ħerqa esaġerata ta' l-ilmentatur għall-perfezzjoni, u kemm minħabba li bosta drabi naqas milli jirrispetta l-proċedura ta' l-offerta u l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni. Minbarra dan, il-qadi tad-dmirijiet ta' l-ilmentatur ma kienx tal-livell mistenni. Id-Delegazzjoni kienet osservat li r-relazzjoni nervuża bejn l-ilmentatur u s-subordinat tiegħu kellha implikazzjonijiet negattivi serji fuq l-operat tal-proġett.

Dwar l-użu ta' karozzi ta' servizz għal skopijiet privati, il-Kummissjoni rrimarkat li r-regoli rilevanti jistipulaw b'mod ċar li l-vetturi għandhom jintużaw biss għal raġunijiet ta' xogħol. Minkejja li d-Delegazzjoni tat istruzzjonijiet ripetuti, din ir-regola ma ġietx rispetata fil-każ preżenti.

Wara riviżjoni meqjusa ta' l-evidenza, l-Ombudsman ikkonkluda li l-ilmentatur ma kienx wera provi għall-allegazzjonijiet tiegħu u għalhekk ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina.

Fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur li kienet saret diskriminazzjoni, l-Ombudsman kien tal-fehma, fuq il-bażi tal-każistika tal-qrati Komunitarji, li l-fatt li persuni oħrajn setgħu użaw karozzi ta' servizz illegalment għal skopijiet privati mingħajr ma twaqqfu mill-Kummissjoni, ma waqqafx lill-Kummissjoni milli taġixxi kif għamlet mal-ilmentatur. Madankollu, f'rimarka ulterjuri, l-Ombudsman żied li kien ikun utli ħafna, u f'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, jekk il-Kummissjoni tista' teżamina mill-ġdid din il-kwistjoni safejn jidħlu kuntratti oħrajn fl-istess programm.

*Nota*

Sussegwentament il-Kummissjoni rreaġixxiet għar-rimarka ulterjuri ta' l-Ombudsman billi stqarret li kien hemm regoli ċari li jistipulaw li karozzi ta' servizz għandhom jintużaw esklużivament għal skopijiet ta' xogħol. Dawn ir-regoli jipprevedu wkoll li l-amministrazzjoni żżomm kontroll strett fuq l-użu ta' vetturi permezz ta' rekord aġġornat.

Il-Kummissjoni għarrfet lill-Ombudsman ukoll li wara r-rimarka tiegħu, u fl-interess tal-ġustizzja, iddeċidiet li tagħmel verifiki żejda ta' ħames proġetti li qegħdin jiġu implimentati fil-Ħonduras.



## 3.1.2 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

### NUQQAS ALLEGAT TA' POSTIJIET GĦAL PARKEĠĠ GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ QRIB IL-BINI TAL-KUMMISSJONI U TAL-KUNSILL

*Sommarju tad-deċiżjonijiet dwar l-ilment 2415/2003/JMA kontra l-Kummissjoni u l-ilment 237/2004/JMA kontra l-Kunsill ta' l-UE*

L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni u l-Kunsill kienu naqsu milli jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw li jkun hemm numru biżżejjed ta' postijiet għal parkeġġ għal persuni b'diżabilitajiet qrib il-bini prinċipali tal-Kummissjoni u tal-Kunsill fi Brussell.

Il-Kummissjoni fissret li fil-bini kollu tagħha fi Brussell hemm mill-inqas żewġ postijiet għal parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità. Postijiet għal viżitaturi jistgħu jsiru disponibbli meta ssir talba għalihom. Postijiet għal parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità fit-toroq qrib il-bini tagħha fi Brussell huma r-responsabilità esklussiva ta' l-awtoritajiet Belġjani. Peress li erbgħa biss mis-60 bini tal-Kummissjoni fi Brussell għandhom postijiet għal parkeġġ għal persuni b'diżabilità, l-istituzzjoni kienet talbet lill-awtoritajiet lokali biex jieħdu miżuri ulterjuri.

L-Ombudsman laqa' t-talba tal-Kummissjoni lill-awtoritajiet Belġjani biex jiżguraw li jkun hemm postijiet żejda għal parkeġġ għal persuni b'diżabilità qrib il-bini tagħha fi Brussell u stieden lill-Kummissjoni biex iżżommu infurmat dwar ir-riżultati ta' din l-inizjattiva. L-Ombudsman irrimarka li l-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni 2000 tagħha dwar Ewropa mingħajr ostakoli għal persuni b'diżabilitajiet, kienet qablet li tiżviluppa u tappoġġja strateġija komprensiva u integrata biex tiffaċċja l-ostakoli fis-soċjetà, fl-arkitettura u fid-disinn li jirrestrinġu bla bżonn l-aċċess għal persuni b'diżabilitajiet. Madankollu l-Ombudsman irrimarka li l-Kummissjoni kienet għadha ma adottatx il-miżuri ta' segwitu neċessarji. Mill-informazzjoni disponibbli, l-Ombudsman ma ħasibx li kien iġġustifikat li jkompli b'aktar investigazzjonijiet. Fakkar li, fil-qafas ta' l-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess li għadha għaddejja OI/3/2003, kien qiegħed jirrivedi l-kwistjoni aktar ġenerali ta' l-integrazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ta' persuni b'diżabilitajiet u li l-aċċessibilità għall-bini tal-Kummissjoni minn persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw bil-karozza għandha titqies bħala element f'dik l-investigazzjoni.

Il-Kunsill spjega li fil-bini kollu tiegħu fi Brussell hemm numru ta' postijiet għal parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità fl-istaff tiegħu, għalkemm, għal raġunijiet ta' sigurtà, dawk il-faċilitajiet għal parkeġġ ma jistgħux ikunu disponibbli għall-pubbliku. L-istituzzjoni spjegat li s-servizzi tagħha kienu kkuntattjaw lill-awtoritajiet Belġjani responsabbli u talbithom jistabbilixxu numru ta' postijiet żejda għal parkeġġ qrib il-bini tagħha kollu fi Brussell li jkunu riżervati għal persuni b'diżabilità.

L-Ombudsman laqa' t-talba tal-Kunsill lill-awtoritajiet Belġjani biex jiżguraw li jkun hemm postijiet żejda għal parkeġġ għal persuni b'diżabilità qrib il-bini tiegħu fi Brussell u stieden lill-Kunsill biex iżommu infurmat dwar ir-riżultati ta' din l-inizjattiva. Mill-informazzjoni pprovduta mill-Kunsill, l-Ombudsman ma ħasibx li kien iġġustifikat li jkompli b'aktar investigazzjonijiet.

L-Ombudsman indirizza wkoll rimarka ulterjuri lill-Kunsill, fejn esprima d-dubji tiegħu dwar il-politika tal-Kunsill li jillimita l-aċċess għal postijiet għal parkeġġ għal persuni b'diżabilità għal raġunijiet ta' sigurtà. L-Ombudsman irrimarka li istituzzjonijiet oħrajn ta' l-UE, bħall-Kummissjoni, stabilixxew politika differenti, u mid-dehera ma ħolqux riskji ta' sigurtà. Għalhekk l-Ombudsman stieden lill-Kunsill biex jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu, bil-għan li jħalli li postijiet għal parkeġġ riżervati fil-bini tiegħu jintużaw minn dawk il-persuni kollha b'diżabilitajiet li għandhom raġunijiet leġittimi għalfejn jidħlu fil-bini tal-Kunsill.

## 3.1.3 L-Uffiċċju tas-Selezzjoni tal-Persunal Ewropew (EPSO)

### AĊĊESS GĦAL KANDIDATI GĦALL-KRITERJI TA' EVALWAZZJONI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2097/2003(ADB)PB kontra l-Uffiċċju tas-Selezzjoni tal-Persunal Ewropew (EPSO)*

L-ilmentatur pparteċipat f'kompetizzjoni li saret biex tiġi stabbilita lista ta' riżerva ta' tajpisti li jitkellmu bil-Ġermaniż. Wara li naqset milli tikseb marka biex tgħaddi, l-ilmentatur talbet aktar informazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' l-eżami tagħha. Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, hija allegat li l-EPSO kien naqas li jinfurmaha dwar il-kriterji li ntużaw meta t-test ġie kkoreġut. Hija ddikjarat li riedet ikollha aċċess sabiex tkun tista' tmur aħjar f'kompetizzjonijiet ta' reklutaġġ fil-futur.

L-EPSO argumenta li l-kriterji ta' evalwazzjoni kienu koperti mis-segretezza li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 6 ta' l-Anness III tar-Regolamenti ta' l-Istaff u li, skond il-każistika stabbilita, id-dmir li jingħataw ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet ta' reklutaġġ kien sodisfat billi ġew ikkomunikati l-marki lill-applikant.

L-Ombudsman eżamina l-każistika rilevanti u nnota li l-aċċess għall-kriterji ta' evalwazzjoni deher li kien konsistenti mal-politika u l-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar it-trasparenza u l-aċċess pubbliku għal dokumenti, li żviluppaw b'mod sinifikanti minn żmien il-każistika li rrefera għaliha l-EPSO. Għalhekk l-Ombudsman ħaseb li l-EPSO kien naqas milli jagħti raġunijiet tajbin għalfejn rrifjuta l-aċċess għall-kriterji ta' evalwazzjoni. L-Ombudsman fassal abozz ta' rakkomandazzjoni fejn talab lill-EPSO jikkunsidra mill-ġdid ir-rifjut tiegħu li jagħti aċċess lill-ilmentatur għall-kriterji ta' evalwazzjoni u li jagħti aċċess, sakemm ma jkunx hemm bażi valida għalfejn l-iżvelar għandu jitwaqqaf.

Fl-opinjoni dettaljata tiegħu dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-EPSO stqarr li l-kriterji ta' evalwazzjoni stipulati mill-Bord ta' Selezzjoni jistgħu jiġu separati mill-istruzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet varji li jingħataw lill-eżaminaturi individwali. Madankollu, sabiex l-ilmentatur f'dan il-każ tifhem aħjar il-marki li ngħatat, l-EPSO hemeż kopja tal-karta ta' l-eżami ta' l-ilmentatur bin-noti miktubin mill-eżaminatur. F'nota separata, l-EPSO wkoll għamel rimarki dettaljati dwar dawk il-korrezzjonijiet, waqt li spjega r-rekwiżiti ta' l-eżami. Irrimarka wkoll li l-evalwazzjoni ta' l-iżbalji li deheru fuq il-karta ta' l-eżami kienet tinstab fil-karta ta' evalwazzjoni, li kopja tagħha kienet diġà ntbagħtet lill-ilmentatur.

L-Ombudsman kien tal-fehma li l-informazzjoni ferm aktar dettaljata li ġiet provduta mill-EPSO f'dan il-każ għandha normalment tgħin lill-kandidat biex jifhem aħjar il-marki li huwa jkun ngħata u li għalhekk ma kienx hemm l-ebda bażi biex ikompli l-investigazzjoni tiegħu f'dan il-każ speċifiku. Madankollu l-Ombudsman irrimarka li l-opinjoni ta' l-EPSO tqajjem kwistjonijiet fattwali u legali importanti ta' natura iktar ġenerali. Għalhekk, huwa ddeċieda li jiftaħ investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess dwar il-kwistjoni ta' l-aċċess li jingħata lill-kandidati għall-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti mill-bordijiet ta' selezzjoni.

*Nota*

Fuq l-istess bażi, l-Ombudsman għalaq ukoll l-investigazzjonijiet tiegħu f'żewġ każi simili fejn kienu tressqu abozzi ta' rakkomandazzjonijiet lill-EPSO. 413/2004/PB u 2028/2003/PB.

L-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess imħabbra mill-Ombudsman infetħet fl-10 ta' Ottubru 2005 (OI/5/05/PB). Ir-riżultati ta' l-investigazzjoni se jiġu ppubblikati fuq il-websajt ta' l-Ombudsman.

## DĦUL GĦAL EŻAMIJIET TA' SELEZZJONI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 839/2004/MHZ kontra l-Uffiċċju tas-Selezzjoni tal-Persunal Ewropew (EPSO)*

Ċittadin Ungeriż applika biex jieħu sehem f'kompetizzjoni miftuħa għal assistenti tradutturi organizzata mill-EPSO. Iddikjara fl-applikazzjoni tiegħu li kien se jikseb id-diploma meħtieġa ftit xhur wara d-data ta' reġistrazzjoni. Meta kien mistieden biex jattendi t-test ta' qabel is-selezzjoni huwa ħaseb li l-EPSO kien aċċetta l-applikazzjoni tiegħu. Huwa għadda b'suċċess mit-test ta' qabel is-selezzjoni u kien aċċettat għat-testijiet bil-miktub. Madankollu, ftit xhur wara, l-EPSO għarrfu li kien ġie eskluż mis-selezzjoni għax ma kellux id-diploma meħtieġa sad-data ta' l-applikazzjoni. Għal dik ir-raġuni, it-testijiet bil-miktub tiegħu ma ġewx ikkoreġuti.

L-ilmentatur allega li ma kienx ġust li l-EPSO jeskludih mill-proċedura ta' selezzjoni wara li aċċetta l-applikazzjoni tiegħu u wara li tħalla jipparteċipa fit-test ta' qabel is-selezzjoni u t-testijiet bil-miktub.

Fid-data meta tressaq l-ilment, l-ilmentatur la kien ċittadin ta' l-Unjoni u lanqas resident fi Stati Membru. Peress li ħaseb li s-suġġett ta' l-ilment għandu jkun eżaminat, l-Ombudsman fetaħ investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess. Sussegwentament, l-EPSO għarraf lill-Ombudsman li kien lest li l-każ jiġi trattat bħala lment, meta wieħed iqis li l-ilmentatur kien sar ċittadin ta' l-UE permezz tas-sħubija ta' l-Ungerija fl-UE.

L-EPSO spjega li, skond l-avviż dwar kompetizzjoni, il-Bord ta' Selezzjoni jista' jiddeċiedi jekk l-ilmentatur kienx laħaq ir-rekwiżit inkwistjoni biss wara li jkun eżamina l-applikazzjoni sħiħa ta' l-ilmentatur. Din l-applikazzjoni ntalbet mill-kandidati biss wara li kienu għaddew b'suċċess mit-test ta' qabel is-selezzjoni. L-EPSO rrefera għall-każistika tal-Qorti tal-Prim Istanza, fejn sab li avviż dwar kompetizzjoni jista' jistipula li ċerti rekwiżiti speċifiċi jiġu verifikati wara li t-testijiet ta' qabel is-selezzjoni jkunu ġew immarkati.

L-Ombudsman irrimarka li l-avviż dwar il-kompetizzjoni spjega li l-Bord ta' Selezzjoni se jiċċekkja l-eliġibbilità tal-kandidati f'żewġ stadji. Peress li l-EPSO deher li kien aġixxa skond l-avviż dwar kompetizzjoni u kien qies il-każistika rilevanti, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina. Madankollu, l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri fejn issuġġerixxa li, biex tiġi evitata l-possibilità ta' nuqqas ta' ftehim u biex itejjeb ir-relazzjonijiet mal-kandidati, l-EPSO jista' jikkunsidra jgħid b'mod espliċitu f'avviżi dwar kompetizzjoni li (i) stedina biex wieħed jagħmel test ta' qabel is-selezzjoni ma tfissirx li l-eliġibilità tal-kandidat kienet ġiet iċċekkjata bis-sħiħ u (ii) t-testijiet bil-miktub tal-kandidati li sussengwentament jinstabu li huma ineliġibbli ma jkunux ikkoreġuti.

*Nota*

Permezz ta' ittra ta' l-14 ta' Settembru 2005, l-EPSO għarraf lill-Ombudsman li avviżi futuri dwar kompetizzjoni kienu se jsemmu ż-żewġ punti msemmijin mill-Ombudsman fir-rimarka ulterjuri tiegħu.

# 3.1.4 Il-Bank Ċentrali Ewropew

## INFORMAZZJONI DWAR INTERVENT POSSIBBLI MILL-BĊE

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3054/2004/TN kontra l-Bank Ċentrali Ewropew*

L-ilmentatur allega li l-BĊE kien naqas li jispjega r-raġunijiet tiegħu għalfejn ma weġibx għall-mistoqsija tiegħu dwar jekk il-bank kienx intervjena fis-swieq tal-kambju biex itaffi l-waqa' fil-valur tad-dollaru u ż-żieda fil-valur ta' l-euro.

Il-BĊE argumenta li sakemm kien possibbli kien wieġeb għall-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur. Madankollu, kien hemm raġunijiet tajbin għalfejn il-BĊE ma kienx ikkumenta dwar l-interventi. Informazzjoni dwar interventi fis-swieq tal-kambju hija influwenti fuq is-swieq u l-komunikazzjoni tagħha tilgħab rwol kruċjali fl-implimentazzjoni ġenerali tal-politika. Bħala riżultat ta' dan, komunikazzjoni bħal din trid tiġi ttrattata bl-ikbar kawtela sabiex ma ddgħajjifx l-impatt ta' l-operazzjoni. Il-BĊE, bħal kull bank ċentrali ieħor, jirriżerva d-dritt li jiddeċiedi jekk, meta u kif l-informazzjoni dwar interventi għandha tiġi komunikata.

Waqt li fakkar fl-Artikolu 1 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, li tistipula li deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fil-miftuħ u qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadin, l-Ombudsman ħaseb li, fil-prinċipju, iċ-ċittadini għandhom jiġu pprovduti l-informazzjoni li huma jitolbu dwar deċiżjonijiet li jittieħdu mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità.

F'dawk is-sitwazzjonijiet fejn ma jkunx possibbli li l-informazzjoni mitluba tiġi provduta, l-Ombudsman qies li l-istituzzjoni jew il-korp li jirrifjutaw it-talba għandhom jagħtu liċ-ċittadin raġunijiet speċifiċi biżżejjed li juru biċ-ċar u mingħajr ekwivoki r-raġunijiet tar-rifjut tagħhom. L-Ombudsman irrimarka li l-każistika tal-qrati Komunitarji tapplika dan il-metodu b'mod konsistenti fir-rigward ta' l-indirizzar ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti. Madankollu, f'ċerti każi, l-każistika turi li raġunar b'referenza għal kategoriji ta' dokumenti jaf ikun biżżejjed.

L-Ombudsman kien tal-fehma li r-raġunar tal-BĊE għalfejn irrifjuta li jiżvela l-informazzjoni mitluba laħaq l-istandard legali meħtieġ għax wera biċ-ċar u mingħajr ekwivoki r-raġunar tal-BĊE u ppermetta li l-ilmentatur jifhem għalfejn il-BĊE irrifjuta li jiżvela l-kategorija ta' informazzjoni mitluba. Għalhekk l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-BĊE.

L-Ombudsman irrimarka li d-deċiżjoni tal-BĊE dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tipprovdi eċċezzjoni sabiex jitħares l-interess pubbliku fir-rigward ta' *"l-stabbilità monetarja u tal-kambju"*. Għalhekk l-Ombudsman ma sab l-ebda raġuni biex isegwi t-talba ta' l-ilmentatur.

# 3.2 KAŻI SOLVUTI MILL-ISTITUZZJONI

## 3.2.1 Il-Parlament Ewropew

### TRASFERIMENT TAD-DRITTIJIET GĦALL-PENSJONI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 127/2004/OV (Kunfidenzjali) kontra l-Parlament Ewropew*

Fuq il-bażi tal-kalkulazzjonijiet ipprovduti mis-Servizz tal-Pensjoni tal-Parlament, l-ilmentatur, uffiċjal tal-Parlament, iddeċidiet li tittrasferixxi d-drittijiet għall-pensjoni tagħha li qabel kienu nkisbu l-Ġermanja u l-Italja, għall-iskema Komunitarja. Fit-teorija, it-trasferiment kellu jipprovdilha pensjoni ta' iktar minn 70% ta' l-aħħar salarju tagħha fil-grad B3. Madankollu, is-Servizz tal-Pensjoni għarrafha li l-pensjoni tagħha kienet se tkun kemm kemm inqas minn 65%. L-appell ta' l-ilmentatur skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti ta' l-Istaff kien irrifjutat u l-awtorità tal-ħatra għarrafha li, fil-fatt, l-ebda drittijiet għall-pensjoni mill-Italja ma kienu ġew ittrasferiti.

L-ilmentatur iddikjara li (i) il-kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni tagħha għandu jiġi rivedut u r-rata tal-pensjoni għandha tkun stabbilita fuq 70% mill-aħħar salarju B3 tagħha u li (ii) is-somma żejda mid-drittijiet tal-pensjoni ttrasferiti mill-Italja (1995) u mill-Ġermanja (1997) għandha tiġi irrimburżata lilha.

Il-Parlament ta spjegazzjoni dettaljata dwar il-kalkulazzjoni tal-pensjoni ta' l-ilmentatur u argumenta li l-ammont sħiħ ittrasferit mill-iskema tal-pensjoni Ġermaniża kien maqlub għal drittijiet tal-pensjoni tal-Komunità u li ma kien hemm l-ebda ammont żejjed li kellu jiġi rrimburżat lill-ilmentatur. Madankollu, l-ebda drittijiet tal-pensjoni ma kienu ġew ittrasferiti mill-iskema tal-pensjoni Taljana.

L-Ombudsman għamel aktar investigazzjonijiet u talab lill-Parlament għal kjarifiki dwar (i) il-kalkulazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni ttrasferiti u r-rimbors eventwali tas-somma żejda u (ii) is-sitwazzjoni fil-każ tat-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni mill-Italja. Bħala tweġiba għall-investigazzjonijiet ulterjuri, il-Parlament irrimarka li, wara li nnota żbalji fil-livell tat-trasferimenti, is-Servizz tal-Pensjoni kien ikkalkula mill-ġdid il-pensjoni ta' l-ilmentatur. Din il-korrezzjoni rriżultat f'pensjoni ħafna iktar favorevoli. Il-Parlament spjega li l-iżbalji kienu r-riżultat ta' analiżi mhux korretta mis-sistema tal-kompjuter.

Peress li l-ilmentatur aċċettat il-kalkulazzjoni ġdida u l-ispjegazzjoni tal-Parlament dwar in-nuqqas ta' rimbors ta' l-ammont żejjed, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Parlament kien ħa passi biex isolvi l-kwistjoni b'mod sodisfaċenti għall-ilmentatur. Għalhekk huwa għalaq il-każ.



## 3.2.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

### TMIEM TA' KUNTRATT TA' IMPJIEG MA' MISSJONI TAL-PULIZIJA TA' L-UE

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 471/2004/OV kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

F'Ġunju 2003, l-ilmentatur ressaq l-ewwel ilment lill-Ombudsman (każ 1200/2003/OV) dwar it-tmiem, fit-8 ta' Diċembru 2002, tal-kuntratt tiegħu bħala espert pajżan fl-Informatika mal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Sarajevo (EUPM). Fid-deċiżjoni tiegħu dwar il-każ (ara *Rapport Annwali 2003)*, l-Ombudsman ikkonkluda li d-drittijiet tad-difiża ta' l-ilmentatur ma kinux ġew rispettati. L-Ombudsman ippropona li l-ilmentatur jindirizza lill-Kunsill direttament bit-talba tiegħu li l-Kunsill għandu jeħilsu mill-allegazzjonijiet li saru kontrih u li għandu jirċievi s-salarju tiegħu għax-xahar ta' Diċembru 2002.

Peress li l-Kunsill irrifjuta ż-żewġ talbiet fuq il-bażi li ma kellux x'jaqsam mat-tkeċċija tiegħu, l-ilmentatur ressaq ilment ġdid lill-Ombudsman fi Frar 2004.

Il-Kunsill enfasizza li s-Segretarjat-Ġenerali tiegħu kien għamel kull ma seta' biex jikkopera ma' l-Ombudsman u kien bagħat kopja tal-korrispondenza kollha lill-EUPM, sabiex jippermetti li l-EUPM ukoll tikkopera ma' l-Ombudsman. Wara li rċieva opinjoni mill-kap ta' l-EUPM, l-Ombudsman għarraf lill-Kunsill li r-rimarka kritika tiegħu fil-każ 1200/2003/OV kienet timplika li l-EUPM ma kinitx intitolata li ttemm il-kuntratt ta' l-ilmentatur qabel iż-żmien u li għalhekk it-talba ta' l-ilmentatur biex jitħallas sa tmiem il-kuntratt tiegħu kienet tidher iġġustifikata. L-Ombudsman talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jiżgura li l-ilmentatur jirċievi s-salarju sħiħ dovut lilu.

Fit-tweġiba tiegħu, il-Kunsill fakkar li skond l-Artikolu 9 ta' l-Azzjoni Konġunta ta' Marzu 2002 dwar l-EUPM, il-pagamenti jsiru permezz ta' l-awtorità tal-Kap ta' l-EUPM. Għalhekk il-Kunsill bagħat kopja ta' l-ittra ta' l-Ombudsman lill-Kap ta' l-EUPM, biex jiġbed l-attenzjoni assoluta tiegħu għar-rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman.

Sussegwentament, l-EUPM għarrfet lill-Ombudsman li, sabiex jingħalaq il-proċess li beda l-ilmentatur, se tħallas lill-ilmentatur proporzjon tas-salarju ta' xahar li kellu li jkopri l-perjodu bejn id-9 u l-31 ta' Diċembru 2002.

Fid-deċiżjoni tiegħu l-Ombudsman ikkunsidra li dan l-aspett tal-każ kien ġie solvut b'mod li l-ilmentatur sab sodisfaċenti.

Fir-rigward tat-talba ta' l-ilmentatur li l-Kunsill għandu jeħilsu mill-allegazzjonijiet kollha li saru kontrih, l-Ombudsman fakkar li, skond il-prinċipju ta' l-istat tad-dritt, il-pożizzjoni li tittieħed normalment hija li sejbiet tal-fatt li saru bi ksur tad-dritt li wieħed issemma' leħnu m'humiex validi. L-Ombudsman ikkonkluda li l-ilmentatur kien għalhekk intitolat li jqis is-sejba ta' qabel ta' l-Ombudsman bħala parti mill-każ 1200/2003/OV bħala dikjarazzjoni li huwa ma kienx ħati u li ma kinux ġustifikati aktar investigazzjonijiet dwar dan l-aspett tal-każ.

## 3.2.3 Il-Kummissjoni Ewropea

### DEWMIEN MHUX ĠUSTIFIKAT U NUQQAS TA' TWEĠIBA GĦAL TALBA GĦALL-AĊĊESS PUBBLIKU

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1798/2004/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur allega li kien hemm dewmien mhux ġustifikat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-ewwel applikazzjoni tiegħu tat-22 ta' Marzu 2004 għal dokumenti skond ir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[12] u li l-Kummissjoni kienet naqset li tibgħat tweġiba għall-applikazzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2004.

Il-Kummissjoni skużat ruħha għad-dewmien u spjegat li dan kien minħabba l-ammont kbir ta' xogħol li kellha. Stqarret ukoll li, bħala politika ġenerali, kien ġie deċiż li tingħata iktar informazzjoni sistematika liċ-ċittadini fil-każi kollha fejn ikun hemm ir-riskju li t-tweġiba, kemm għal raġunijiet ta' kumplessità u kemm minħabba li jidħlu f'daqqa ħafna mistoqsijiet, ma tintbagħatx qabel l-iskadenza għal tweġibiet ta' informazzjoni.

L-ilmentatur qal li aċċetta l-iskużi tal-Kummissjoni u kkunsidra l-każ solvut. Għalhekk, l-Ombudsman għalaq il-każ u għamel rimarka ulterjuri fejn qal li kien kunfidenti li l-Kummissjoni se tagħmel l-isforzi meħtieġa biex tirrispetta l-obbligi tagħha fil-futur.

### RIFJUT TA' TALBA GĦAL AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3381/2004/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, assoċjazzjoni ta' residenti fir-Renju Unit, kienet ressqet ilment marbut ma' l-Artikolu 226 lill-Kummissjoni dwar in-nuqqas allegat ta' l-awtoritajiet fir-Renju Unit li jsegwu l-leġiżlazzjoni Komunitarja fir-rigward ta' post kbir għal miżbla qrib id-djar tar-residenti. Il-Kummissjoni rrifjutat it-talba ta' l-ilmentatur għal aċċess għall-korrispondenza tal-Kummissjoni ma' l-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar din il-kwistjoni, minħabba li l-iżvelar tad-dokumenti seta' jdgħajjef il-ħarsien ta' l-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki (l-Artikolu 4(2) tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[13]).

L-Ombudsman ippreżenta l-ilment lill-Kummissjoni u fl-istess ħin kiteb lir-Rappreżentanza Permanenti tar-Renju Unit fl-UE biex jistaqsi jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit jopponu li d-dokumenti joħorġu fil-pubbliku.

12 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

13 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

Il-Kummissjoni argumentat li fl-opinjoni tagħha d-deċiżjoni tagħha li ma tiżvelax id-dokumenti f'dak l-istadju tal-każ kienet konsistenti mal-każistika rilevanti. Madankollu, wara l-għeluq formali tal-każ, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li toħroġ fil-pubbliku ż-żewġ ittri tagħha indirizzati lill-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar din il-kwistjoni. Peress li l-awtoritajiet tar-Renju Unit kienu kkonfermaw li ma kinux se jopponu l-iżvelar tat-tweġibiet tagħhom, iż-żewġ ittri inkwistjoni kienu wkoll żvelati. Il-Kummissjoni skużat ruħha għad-dewmien bla bżonn fl-ittrattar ta' l-applikazzjoni ta' konferma ta' l-ilmentatur.

Wara li saru aktar investigazzjonijiet, il-Kummissjoni qablet ukoll li tagħti lill-ilmentatur aċċess għat-tliet CD-ROMs li fihom l-informazzjoni li ntbagħtet lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet tar-Renju Unit bħala sostenn għall-argumenti tagħhom fil-proċedura marbuta ma' l-Artikolu 226. Peress li l-Kummissjoni kienet ħadet passi biex issolvi l-każ b'mod li jissodisfa lill-ilmentatur, l-Ombudsman għalaq il-każ.

## RIMBORS TA' L-ISPEJJEŻ TA' L-IVVJAĠĠAR U TA' L-AKKOMODAZZJONI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3485/2004/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur ipparteċipa f'kompetizzjoni miftuħa COM/A/12/01 u attenda intervisti fl-Italja fil-15 u s-16 ta' Jannar 2004. Meta ntemmu l-intervisti, l-ilmentatur uża l-formola uffiċjali biex jitlob rimbors għall-ispejjeż tiegħu ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni. Minkejja li l-ilmentatur fakkar lill-Kummissjoni tliet darbiet fl-2004, il-Kummissjoni naqset li tagħtih rimbors għall-ispejjeż. Il-Kummissjoni għarrfet lill-ilmentatur li t-talba tiegħu għal rimbors kienet ġiet reġistrata u kienet assenjata biex tiġi pproċessata. Peress li l-ilmentatur kien għadu ma rċeviex ir-rimbors sa Novembru 2004, huwa ressaq ilment lill-Ombudsman.

L-Ombudsman bagħat l-ilment lill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2004. Fit-30 ta' Diċembru l-ilmentatur għarraf lill-Ombudsman permezz ta' email li l-pagament kien sar u li l-każ seta' jingħalaq. B'hekk l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet ħadet il-passi biex issolvi l-kwistjoni b'mod li jissodisfa lill-ilmentatur.

## RIMBORS TA' L-ISPEJJEŻ TA' L-IVVJAĠĠAR

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 501/2005/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, Assoċjazzjoni Kulturali Taljana, iddikjarat li l-Kummissjoni għandha twettaq il-wegħda tagħha li tagħti rimbors għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar relatati ma' żjara lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ddikjarat li r-Rappreżentanza tagħha fl-Italja ma kinitx għamlet l-arranġamenti neċessarji billi tħejji fi żmien xieraq impenn għas-somma inkwistjoni (EUR 5 500). Għaldaqstant il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq il-wegħda orali li tħallas l-ispejjeż. Madankollu, bl-iskop li żżomm ir-reputazzjoni tajba tagħha u peress li r-Rappreżentanza tagħha fl-Italja kienet indikat li l-istituzzjoni kienet se tħallas l-ispejjeż, l-ammont ta' EUR 5 500 ġie allokat għal dak il-għan.

L-ilmentatur għarraf lill-Ombudsman li kien qiegħed jikkunsidra l-każ tiegħu solvut u għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

## ALLEGAZZJONI TA' PAGAMENTI TARD LILL-EŻAMINATURI TAL-KUMMISSJONI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1266/2005/MF kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, ġurnalist xjentifiku Ġermaniż, ħadem bħala espert indipendenti li evalwa sejħiet għal proposti ppubblikati taħt is-Sitt Programm ta' Qafas. Huwa allega li l-Kummissjoni kienet

(i) naqset li tħallsu fi żmien xieraq għax-xogħlijiet ta' evalwazzjoni li għamel fl-2004, (ii) naqset li tagħtih kjarifika dwar il-kalkulazzjoni tal-pagamenti u (iii) naqset li tħallas interessi minħabba l-pagament tard. L-ilmentatur stqarr li għandu jitħallas, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, għax-xogħol ta' evalwazzjoni li għamel kmieni f'Ottubru 2004. Stqarr ukoll li għandu jitħallas interessi, minħabba pagament tard, fir-rigward tal-pagament li rċieva fl-2004 għal xogħol ieħor. L-ilmentatur iddikjara fl-aħħar li għandu jingħata kjarifika tal-kalkulazzjoni tal-pagamenti mill-2004 'l hawn.

Il-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet għad-dewmien fil-pagament u ddikjarat li l-pagament lill-ilmentatur għax-xogħol li għamel kmieni f'Ottubru 2004 kien sar sussengwentament. L-ilmentatur kien ingħata d-dettalji ta' l-ammonti mħallsin għall-ġranet ta' xogħol, il-ġranet ta' xogħol barra minn Brussell, il-kumpens għal kull ġurnata u l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar għal kull biċċa xogħol ta' evalwazzjoni li kien għamel fl-2003 u fl-2004. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tħallas lill-ilmentatur ammont li jikkorrispondi għall-interessi dovuti minħabba pagament tard fir-rigward tax-xogħol tiegħu kmieni f'Ottubru 2004. F'Mejju 2005, il-Kummissjoni kienet ħadet miżuri, li ġew ippreżentati fil-qosor f'pjan ta' azzjoni, biex tħaffef il-pagamenti lill-esperti. Bħala riżultat ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni kienet naqset sostanzjalment iż-żmien li tieħu biex tħallas lill-esperti li jieħdu sehem f'xogħlijiet ta' evalwazzjoni.

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur stqarr li hu ħaseb li l-Kummissjoni kienet tejbet il-proċeduri ta' rimbors tagħha u li qabel mal-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ħlas ta' l-interessi. Irrimarka wkoll li hu kien tħallas fi żmien 30 ġurnata għall-aħħar kuntratt tiegħu.

Fuq il-bażi ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet ħadet passi biex issolvi l-każ b'mod li jissodisfa lill-ilmentatur. Għalhekk hu għalaq il-każ.

## 3.3 SOLUZZJONIJIET BONARJI MILĦUQIN MILL-OMBUDSMAN

### 3.3.1 Il-Parlament Ewropew

#### AĊĊESS GĦALL-BINI TAL-PARLAMENT EWROPEW

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 628/2004/OV kontra l-Parlament Ewropew*

Aġent awżiljarju mal-Kummissjoni lmenta li huwa u aġenti awżiljarji oħrajn tal-Kummissjoni ma ngħatawx aċċess għall-bini tal-Parlament fi Brussell meta ma kienx hemm laqgħat fl-iskeda. L-ilmentatur qies li din l-esklużjoni kienet diskriminatorja, peress li m'hemmx l-istess restrizzjoni fuq aġenti temporanji, esperti nazzjonali ssekondati jew lobbyists akkreditati minn kumpaniji privati.

Il-Parlament stqarr li jagħti aċċess lill-uffiċjali ta' istituzzjonijiet oħrajn ta' l-UE meta dawn jippreżentaw il-baġġ tagħhom, iżda din il-faċilità mhix disponibbli għall-aġenti kollha l-oħrajn ta' l-istituzzjonijiet, peress li jekk dan isir ikun hemm żieda sostanzjali fin-numru ta' viżitaturi fil-Parlament. Il-Parlament irrimarka wkoll li l-limitazzjoni tad-dritt ta' aċċess hija wkoll meħtieġa għax il-bini tiegħu huwa suġġett għal-leġiżlazzjoni u għar-regolament nazzjonali li jillimitaw in-numru ta' persuni li jistgħu jidħlu għal raġunijiet ta' sigurtà, speċjalment fir-rigward ta' riskju ta' nirien. Il-Parlament irrifera għal nota li kienet ntbagħtet lill-Kulleġġ tal-Kwesturi.

L-Ombudsman qies li l-Parlament ma kienx spjega r-raġuni għalfejn il-pożizzjoni tal-kategoriji kollha ta' l-istaff tal-Komunità ma jistgħux jiġu kkunsidrati simili meta wieħed iqis l-aċċess għall-

bini tiegħu, u li, għall-kuntrarju, il-Parlament kien sempliċiment semma, mingħajr l-ebda distinzjoni bejn kategoriji ta' staff, ħtieġa ġenerali, għal raġunijiet ta' sigurtà, li jkun limitat n-numru ġenerali ta' persuni li jkollhom aċċess. Huwa kkonkluda li l-Parlament kien naqas li jipprovdi ġustifikazzjoni oġġettiva wara r-rifjut tiegħu li jippermetti li aġenti awżiljarji tal-Kummissjoni jkollhom aċċess għall-bini tiegħu meta ma jkunx hemm laqgħat fuq l-iskeda, u li dan ir-rifjut jikkostitwixxi diskriminazzjoni mhux ġustifikata. Għalhekk l-Ombudsman ippropona s-soluzzjoni bonarja li l-Parlament iwaqqaf is-sitwazzjoni fejn aċċess għall-bini tal-Parlament minn aġenti awżiljarji ta' istituzzjonijiet oħrajn ikun ristrett mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva.

Bħala tweġiba l-Parlament għarraf lill-Ombudsman li, wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti l-ġodda ta' l-istaff, il-problema li nqalgħet fl-ilment m'għadhiex teżisti. Il-Parlament irrimarka li r-reġim ġdid għal aġenti kuntrattwali huwa applikabbli fil-Parlament mill-1 ta' Marzu għal staff li qabel kien impjegat fuq kuntratti awżiljarji u, mill-1 ta' Jannar 2005, għal membri ġodda ta' l-istaff. B'riżultat ta' dan, il-Parlament m'għadux jagħmel distinzjoni bejn il-kategoriji differenti ta' staff għal raġunijiet ta' aċċess. L-Artikolu 6 tar-regoli l-ġodda li jirregolaw l-aċċess għall-bini tal-Parlament, adottat fit-28 ta' Jannar 2005, jistipula li għandu jkun hemm aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew għall-kategoriji kollha ta' staff mill-istituzzjonijiet l-oħrajn.

L-ilmentatur aċċetta li l-problema dehret li ssolviet b'mod sodisfaċenti u għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

## RIMBORS TA' L-ISPEJJEŻ LEGALI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1733/2004/OV kontra l-Parlament Ewropew*

Uffiċjal tal-Parlament Ewropew ilmenta lill-Ombudsman fl-2001 dwar il-fatt li ma kienx ġie impjegat mill-ġdid wara perjodu ta' liv mingħajr ħlas. Bi tkomplija mad-deċiżjoni ta' l-Ombudsman f'dan il-każ (każ 1462/2001/ME), l-ilmentatur talab lill-Parlament f'Novembru 2002 għal kumpens għat-telf ta' dħul u tad-dritt għall-pensjoni. Wara li ma rċieva l-ebda tweġiba fil-perjodu ta' erba' xhur stipulat fir-Regolamenti ta' l-Istaff, f'Marzu 2003 l-ilmentatur qabbad avukat sabiex jibda proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza. F'Mejju 2003, sitt ġimgħat wara li skadiet l-iskadenza għal tweġiba skond ir-Regolamenti ta' l-Istaff, fl-aħħar il-Parlament aċċetta t-talba ta' l-ilmentatur. L-ilmentatur għarraf lill-Parlament li kien sodisfatt bit-tweġiba tiegħu. Madankollu huwa ddikjara li l-Parlament għandu jħallas ukoll rimbors għall-ispejjeż legali tiegħu. Il-Parlament irrifjuta, għar-raġuni li l-ilmentatur kien ikkonsulta l-avukat tiegħu waqt l-istadju amministrattiv tal-proċedura.

F'Ġunju 2004, l-ilmentatur ilmenta ma' l-Ombudsman u allega li l-Parlament (i) kien naqas li jirrispetta l-iskadenzi previsti fir-Regolamenti ta' l-Istaff u (ii) kien naqas li jikkumpensah għall-ispejjeż legali tiegħu.

Il-Parlament argumenta li la r-Regolamenti ta' l-Istaff u lanqas il-każistika rilevanti ma jobbligaw lill-istituzzjonijiet biex iħallsu rimbors għall-ispejjeż fl-istadju amministrattiv tal-proċedura.

L-Ombudsman irrimarka li l-Parlament innifsu kien ikkunsidra l-ittra ta' l-ilmentatur ta' Novembru 2002 bħala lment skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti ta' l-Istaff. L-Ombudsman ikkunsidra n-nuqqas tal-Parlament li jwieġeb għal dik l-ittra fi żmien erba' xhur bħala każ ta' amministrazzjoni ħażina u li, meta sab ruħu jiffaċċja deċiżjoni implikata ta' rifjut, kien raġonevoli għall-ilmentatur li jkellem avukat biex jipprepara l-appell lill-Qorti. Għalhekk l-ilmentatur kien ġarrab spejjeż legali li setgħu ġew evitati li kieku t-tweġiba tal-Parlament saret f'waqtha. Fuq il-bażi ta' dan ir-raġunar, l-Ombudsman ħaseb li ma kienx ġust li l-Parlament jirrifjuta li jikkumpensa lill-ilmentatur għall-ispejjeż li ġarrab u ppropona soluzzjoni bonarja billi talab lill-Parlament biex jikkunsidra r-rifjut tiegħu.

Il-Parlament qabel mas-soluzzjoni bonarja proposta u għarraf lill-Ombudsman li kien se jipproċedi bir-rimbors ta' l-ispejjeż legali ta' l-ilmentatur. Għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

### IL-PROVVISTA TA' INFORMAZZJONI F'LINGWI DIFFERENTI WAQT KAMPANJA ELETTORALI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1737/2004/TN kontra l-l-Parlament Ewropew*

L-Assemblea Żvediża tal-Finlandja lmentat li kartelluni użati bħala parti mill-kampanja ta' informazzjoni tal-Parlament fil-Finlandja għall-elezzjonijiet Parlamentari Ewropej ta' l-2004 kienu ppubblikati biss bil-Finlandiż. L-ilmentatur irrimarka li l-Finlandja għandha żewġ lingwi uffiċjali, il-Finlandiż u l-Iżvediż, it-tnejn li huma lingwi uffiċjali ta' l-UE. Huwa argumenta li l-pożizzjoni tal-Parlament fuq din il-kwistjoni, inkluża l-istqarrija li n-nies li jitkellmu bl-Iżvediż jirrappreżentaw biss 5.6% tal-popolazzjoni Finlandiża, ma kinitx f'armonija mal-Kostituzzjoni tal-Finlandja, li tagħmel provvediment għall-ugwaljanza bejn iż-żewġ lingwi. L-ilmentatur argumenta wkoll li din l-ugwaljanza hija mħarsa fl-elezzjonijiet nazzjonali fil-Finlandja u li ma kienx hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-prattika ma tiġix segwita fl-elezzjonijiet Ewropej. L-ilmentatur stqarr li l-Parlament għandu jieħu azzjoni biex jirranġa dan l-att allegat ta' amministrazzjoni ħażina.

Il-Parlament stqarr li l-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni tiegħu fil-Finlandja kellu politika li meta jipprovdi servizzi jew iwieġeb għal mistoqsijiet liċ-ċittadini Finlandiżi, jaħdem kemm bil-Finlaniż u kemm bl-Iżvediż. Fir-rigward tal-kampanja għall-elezzjonijiet Ewropej ta' l-2004, xi proġetti promozzjonali kienu ppreparati bil-Finlandiż biss, u wieħed minn dawn il-proġetti kien il-kampanja ta' kartelluni fit-triq. Madankollu, il-kampanja tal-kartelluni ma kienx fiha xi informazzjoni ġdida li ma kinitx diġà ġiet provduta bl-Iżvediż permezz ta' xi mezzi oħrajn.

L-Ombudsman ma kienx sodisfatt li l-Parlament kien wieġeb b'mod xieraq għall-allegazzjoni u l-istqarrija ta' l-ilmentatur. Waqt li fakkar fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa, huwa kien tal-fehma li l-obbligu tal-prova kien fuq il-Parlament biex juri li l-politika lingwistika f'dan il-każ kienet xieraqa u proporzjonata. L-Ombudsman qies li l-ispjegazzjoni tal-Parlament ma kinitx konvinċenti u ppropona soluzzjoni bonarja fejn il-Parlament jirrikonoxxi n-nuqqasijiet fil-kampanja, kif ukoll il-fatt li l-proporzjon tal-popolazzjoni Finlandiża li jitkellem bl-Iżvediż m'huwiex rilevanti għall-istejtus ta' dik il-lingwa bħala lingwa uffiċjali ta' l-UE jew l-istejtus tagħha skond il-Kostituzzjoni Finlandiża. Il-Parlament aċċetta din is-soluzzjoni bonarja u wiegħed li fil-futur jieħu aktar kas, u b'hekk issodisfa lill-ilmentatur.

## 3.3.2 Il-Kummissjoni Ewropea

### TMIEM TA' IMPJIEG BĦALA OPERATRIĊI F'ĊENTRU GĦAL TELEFONATI (CALL CENTRE)

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1336/2003/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fl-1 ta' Lulju 2003, l-ilmentatur, li kienet lestiet l-apprendistat tagħha fis-servizz mal-Kummissjoni fil-31 ta' Marzu 2003, bdiet taħdem fil-bini tal-Kummissjoni bħala operatriċi f'ċentru għal telefonati fid-DĠ għall-Persunal u għall-Amministrazzjoni. Fl-4 ta' Lulju 2003 hija ġiet informata li, skond punt 19 tar-Regoli li jirregolaw taħriġ fis-servizz mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li jistipula li "l-apprendisti ma jistgħux jibbenefikaw minn xi forma ta' kuntratt mal-Kummissjoni sa sena wara li jkunu lestew it-taħriġ fis-servizz tagħhom", hija ma setgħetx iżżomm l-impjieg tagħha.

L-ilmentatur allegat inġustizzja mill-Kummissjoni għax l-istituzzjoni kienet iddeċidiet li hi ma setgħetx taħdem bħala operatriċi f'ċentru għal telefonati biss wara li kienet bdiet l-impjieg tagħha. Barra minn hekk, hija allegat li r-regoli invokati mill-Kummissjoni m'għandhomx japplikaw fil-każ tagħha, peress li l-kuntratt tagħha kien ma' kumpanija u mhux mal-Kummissjoni. L-ilmentatur iddikjarat li l-Kummissjoni għandha tħallasha l-ekwivalenti ta' sitt xhur salarju, li jikkorrispondi mat-tul tal-kuntratt li kienet iffirmat.

L-Ombudsman ħaseb li l-fatt l-Kummissjoni kienet ħadet id-deċiżjoni rilevanti dwar l-ilmentatur wara li kienet bdiet taħdem bħala operatriċi f'ċentru għal telefonati seta' jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina, peress li l-Kummissjoni ma kinitx uriet li kien ikun impossibbli li ssir analiżi tal-fajl ta' l-ilmentatur qabel ma kienet bdiet l-impjieg tagħha. Huwa ħaseb ukoll li l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni stipulata fil-punt 19 tar-Regoli fil-każ ta' l-ilmentatur u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma titħalliex tkompli taħdem bħala operatriċi f'ċentru għal telefonati jistgħu jikkostitwixxu każ ta' amministrazzjoni ħażina.

Għalhekk l-Ombudsman kien tal-fehma li kien jidher li kien ikun f'loku għall-Kummissjoni li tikkunsidra li toffri lill-ilmentatur kumpens xieraq għat-telf materjali li dehret li ġarrbet minħabba l-imġiba tal-Kummissjoni, u għal dan il-għan ippropona soluzzjoni bonarja.

Il-Kummissjoni qablet li kien ikun possibbli li tieħu miżuri xierqa sabiex tgħarraf lill-ilmentatur dwar il-fatt li ma kienx possibbli għaliha li tibda taħdem bħala operatriċi f'ċentru għal telefonati qabel l-1 ta' Lulju 2003. Għalkemm il-Kummissjoni ma kinitx ta' l-istess fehma bħall-Ombudsman li kien hemm każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tagħha, hija kienet lesta li toffri lill-ilmentatur EUR 1 000 fil-qafas tal-proċedura rilevanti u fl-ispirtu ta' konċiljazzjoni.

L-ilmentatur għarrfet lill-Ombudsman li aċċettat l-offerta tal-Kummissjoni u għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

## DRITTIJIET GĦALL-PENSJONI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2188/2003/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur kien ta' nazzjonalità Griega u ħadem bħala aġent awżiljarju mal-Kummissjoni bejn Lulju 1965 u Diċembru 1968 u sussegwentament irritorna lura l-Greċja. Fl-2002, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Pensjonijiet tal-Belġju għarrfu li l-Kummissjoni ma kinitx ħalset kontribuzzjonijiet għall-pensjoni tiegħu għas-snin 1967 u 1968. Minħabba f'hekk, inqalgħu diffikultajiet ma' l-Organizzazzjoni ta' l-Assikurazzjoni Soċjali tal-Greċja (IKA) dwar id-drittijiet tiegħu għall-pensjoni. L-ilmentatur ikkuntattja lill-Kummissjoni, li għarrfitu li, għas-snin 1967 u 1968, huwa kien irreġistrat taħt skema ta' assikurazzjoni volontarja ma' l-iskema tal-pensjoni tal-Greċja.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur stqarr li l-Kummissjoni jmissha tirrikonoxxi li kienet obbligata li tassikurah taħt l-iskema tal-pensjoni tal-Belġju għall-perjodu kollu li huwa dam jaħdem bħala aġent awżiljarju.

Il-Kummissjoni rrimarkat li ma kienu tħallsu l-ebda kontribuzzjonijiet lill-Uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali tal-Belġju (ONSS) wara Settembru 1966 u li minn dak iż-żmien 'il hawn l-ilmentatur kien assikurat minn skema ta' assikurazzjoni volontarja fil-Greċja. Il-Kummissjoni rrimarkat ukoll li, peress li m'għadx kellha l-karti tas-salarju rilevanti, kien impossibbli li hija ġġib provi li kienet waqfet milli tnaqqas kontribuzzjoni personali mis-salarju ta' l-ilmentatur.

L-Ombudsman irrimarka li l-prinċipji ta' amminstrazzjoni tajba jeħtieġu li r-reġistri li jirrigwardaw id-drittijiet għall-pensjoni jinżammu għal perjodi twal ta' żmien, b'mod li wieħed jista' joqgħod fuqhom, sabiex ikun żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jgawdu mill-benefiċċji li jkunu kisbu. In-nuqqas tal-Kummissjoni li tagħmel dan kien jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman ippropona soluzzjoni bonarja fejn il-Kummissjoni tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li l-ilmentatur jista' jirċievi l-pensjoni xierqa għall-perjodu kollu meta hu kien jaħdem mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni aċċettat il-proposta u għarrfet lill-Ombudsman li kienet ikkuntattjat lill-awtoritajiet Belġjani f'Novembru 2004 sabiex jiġu rregolati l-kontribuzzjonijiet għall-perjodu kollu tal-kuntratt awżiljarju ta' l-ilmentatur. L-ilmentatur esprima s-sodisfazjon tiegħu bir-riżultat u għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

## EŻENZJONI MIL-LIMITU FL-ETÀ GĦAL APPRENDISTAT

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 518/2004/MF kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur allegat li l-Kummissjoni kienet naqset li twieġeb għal talba għal eżenzjoni mil-limitu fl-età ta' 30 sena li jgħodd għall-applikanti għal apprendistat fis-servizz. Hija stqarret li l-applikazzjoni tagħha kellha tiġi aċċettata.

Il-Kummissjoni ddikjarat li l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat kien irrikonoxxa li kien għarraf lill-ilmentatur dwar ir-rifjut ta' l-applikazzjoni tagħha minħabba l-limitu fl-età. Dan sar minħabba li r-raġunijiet tar-rifjut ddaħħlu ħażin f'sistema kompjuterizzata ġdida. Madankollu, malli dan l-iżball sar magħruf, intbagħtet ittra oħra spjegattiva lill-ilmentatur, li fiha ġew spjegati r-raġunijiet għar-rifjut tat-talba tagħha għal eżenzjoni mil-limitu fl-età. Ir-raġunijiet kienu li ġejjin: (i) l-ilmentatur ma kinitx tat l-ebda raġuni fattwali, speċifika jew ġustifikata għall-eżenzjoni, (ii) l-ilmentatur ddikjarat għarfien biss ta' lingwa waħda barranija Ewropea (il-Franċiż), waqt li applikanti mill-Istati Membri ta' l-UE jeħtieġu li jkollhom għarfien tajjeb ta' mill-inqas żewġ lingwi tal-Komunità, u (iii) fl-applikazzjoni tagħha għall-apprendistat l-ilmentatur indikat Direttorat-Ġenerali speċifiku wieħed biss.

Fid-29 ta' April 2005, l-Ombudsman għamel proposta għal soluzzjoni bonarja, fejn talab lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur għal apprendistat fuq il-bażi ta' tliet konsiderazzjonijiet. L-ewwelnett, minħabba l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni fil-każ 2107/2002/(BB)PB (ara taqsima 3.5.1 hawn taħt) u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tneħħi l-limitu fl-età għal apprendistat, l-età ta' l-ilmentatur ma kinitx għadha tikkostitwixxi xkiel għall-ammissibilità ta' l-applikazzjoni tagħha. It-tieninett, l-Ombudsman ħaseb li mill-kummenti ta' l-ilmentatur u mid-dokumenti ppreżentati minnha kien jidher li hija kellha għarfien tajjeb ta' mill-inqas żewġ lingwi tal-Komunità. It-tieletnett, l-Ombudsman iddikjara li ma kienx konxju ta' kwalunkwe regola fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-apprendistati tas-7 ta' Lulju 1997 li jistipulaw li l-kandidati kellhom jindikaw numru speċifiku ta' Direttorati-Ġenerali fejn xtaqu jagħmlu l-apprendistat tagħhom.

Il-Kummissjoni aċċettat is-soluzzjoni bonarja u stqarret li se tagħmel eċċezzjoni u tikkunsidra l-fajl ta' l-ilmentatur bħala awtomatikament magħżul minn qabel għas-sessjoni ta' taħriġ fis-servizz li tibda fl-1 ta' Marzu 2006. Għalhekk l-isem ta' l-ilmentatur ikun inkluż fil-lista ta' kandidati magħżula minn qabel.

L-ilmentatur għarrfet lis-servizzi ta' l-Ombudsman li hi kienet tal-fehma li kienet intlaħqet soluzzjoni bonarja għall-ilment tagħha. Għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

## PAGAMENT TARD LIL PERSUNA LI NGĦATAT IL-MARIE CURIE FELLOWSHIP

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1772/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur ingħatat il-Marie Curie Fellowship marbuta mal-Ħames Programm ta' Qafas. Il-Kummissjoni u l-istituzzjoni li kienet qiegħda tospitaha ftehmu fuq kuntratt ta' 24 xahar. Matul dawn l-24 xahar, l-ilmentatur ħadet liv tal-maternità għal disa' xhur u talbet għal estensjoni ta' l-iskadenza għall-preżentazzjoni tar-rapport finali tagħha. L-istituzzjoni li kienet qiegħda tospitaha u l-Kummissjoni qablu. Madankollu, minħabba żball min-naħa tal-Kummissjoni, l-emenda għall-kuntratt estendiet it-tul tal-proġett għal 35 minflok 33 xahar. Wara tmiem il-proġett, l-istituzzjoni li kienet qiegħda tospitaha ppreżentat ir-rapport finali ta' l-ilmentatur flimkien ma' talba għall-aħħar pagament li kien jammonta għal EUR 13 472. Minkejja l-ħafna drabi li l-ilmentatur ikkuntattjat lill-Kummissjoni, dan l-ammont tħallas biss ħdax-il xahar wara.

L-ilmentatur allegat li l-Kummissjoni naqset li tieħu ħsieb ir-rapport finali u t-talba tagħha għall-aħħar pagament b'mod u fi żmien xieraq. Hija stqarret li l-Kummissjoni għandha tħallasha l-interessi dovuti bejn l-iskadenza legali għall-pagament u d-data li fiha fil-fatt sar il-pagament.

Il-Kummissjoni ammettiet li saru sensiela ta' żbalji u ta' nuqqas ta' ftehim li m'huwiex tas-soltu. Madankollu l-Kummissjoni rrimarkat li l-kuntratt tagħha kien ma' l-istituzzjoni li tospita, u mhux mal-ilmentatur. Fost affarijiet oħrajn, hija qalet li la l-istituzzjoni li tospita u lanqas l-ilmentatur ma kienu qajmu oġġezzjonijiet dwar l-iżbalji fl-emenda, li matul il-perjodu inkwistjoni bosta uffiċjali li kellhom x'jaqsmu mal-kuntratt temmew l-impjieg tagħhom mal-Kummissjoni, u li, diversi drabi, kien hemm nuqqas ta' reazzjoni u ta' koperazzjoni mill-istituzzjoni li tospita.

L-Ombudsman ħaseb li, *prima facie*, l-ebda minn dawn l-argumenti ma kienu konvinċenti. B'mod partikulari, huwa nnota li, peress li dehret li kienet il-prattika normali li l-istituzzjoni li tospita tagħmel il-pagamenti biss wara li tkun irċeviet il-fondi neċessarji mill-Kummissjoni, kien ċar li n-nuqqas tal-Kummissjoni li tawtorizza l-ħlas tal-fondi kien se jaffettwa l-interessi ta' l-ilmentatur.

Fl-assenza ta' rabta kuntrattwali diretta bejn il-Kummissjoni u l-ilmentatur, l-ilmentatur ma tidhrix li kellha dritt għal interessi minħabba l-pagament tard. Madankollu, l-Ombudsman irrimarka li l-iżbalji li għamlet il-Kummissjoni u d-dewmien biex dawn l-iżbalji jittranġaw kienu wassalu għal dewmien sostanzjali fil-pagamenti mill-istituzzjoni li tospita. Għalhekk l-Ombudsman ippropona lill-Kummissjoni li, sabiex jaslu għal soluzzjoni bonarja, tikkunsidra li toffri lill-ilmentatur kumpens finanzjarju raġonevoli għall-effetti negattivi ta' l-iżbalji tagħha.

Il-Kummissjoni wieġbet li numru ta' fatturi identifikati mill-Ombudsman, kif ukoll iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-każ, kienu wassluha biex tipproponi l-ammont ta' EUR 596.11 lill-ilmentatur, li jikkorrispondi mal-pagament pendenti.

L-ilmentatur esprimiet is-sodisfazzjoni tagħha b'din l-offerta u bil-mod kif l-Ombudsman ittratta l-każ. Għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

# 3.4 KAŻI MAGĦLUQIN B'RIMARKA KRITIKA MILL-OMBUDSMAN

## 3.4.1 Il-Parlament Ewropew

### DEWMIEN FIL-PROVVISTA TA' AĊĊESS GĦAL DOKUMENT

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1756/2004/MF kontra l-l-Parlament Ewropew*

L-ilmentatur allega li l-Parlament kien naqas, qabel l-iskadenza prevista fir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[14], milli jagħtih aċċess għal deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra, tad-19 ta' Novembru 2003, li timmodifika il-post ta' l-impjieg ta' wieħed mill-kollegi tiegħu. Huwa stqarr li l-Parlament għandu jagħtih aċċess għad-dokument rilevanti.

Il-Parlament stqarr li t-talba ta' l-ilmentatur għal aċċess ma kinitx ġie ttrattata skond il-qafas legali tar-Regolament 1049/2001. Meta wieħed iqis li l-uffiċjali tal-Parlament jibbenefikaw minn aċċess privileġġat għal sorsi differenti ta' informazzjoni, il-Parlament wissa lill-applikanti biex ma jużawx il-proċedura stipulata fir-Regolament 1049/2001 meta t-talba għal aċċess tirrigwarda dokumenti li diġà ħarġu fil-pubbliku. Wara t-talba ta' l-Ombudsman għall-opinjoni ta' l-ilmentatur, il-Parlament bagħat d-dokument mitlub lill-ilmentatur. L-inċertezza legali li rriżultat min-nuqqas ta' ġerarkija bejn ir-Regolamenti ta' l-Istaff, ir-Regolament 1049/2001 u r-Regolament 45/2001 dwar il-protezzjoni tad-

14 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

dejta[15] tispjega n-nuqqas ta' konsistenza fl-indirizzar tat-talba ta' l-ilmentatur. Kienu ttieħdu miżuri xierqa sabiex jippermettu li s-servizzi differenti tal-Parlament jittrattaw bil-ħeffa talbiet futuri għal aċċess għal dokumenti.

L-Ombudsman irrimarka li l-ilmentatur fl-aħħar kien kiseb aċċess għad-dokument mitlub. Madankollu, hu fakkar li l-Artikolu 7(1) tar-Regolament 1049/2001 jesiġi li applikazzjoni għal aċċess għal dokument tiġi pproċessata fil-ħin. Irrimarka li fl-applikazzjoni ta' konferma tiegħu tat-3 ta' Mejju 2004, l-ilmentatur kien semma r-Regolament 1049/2001 bħala l-bażi legali għat-talba tiegħu għal aċċess.

L-Ombudsman ħaseb li mill-ittra tal-Parlament tad-9 ta' Awwissu 2004 ħareġ ċar li kellu l-intenzjoni li japplika r-Regolament 1049/2001 fil-każ ta' l-ilmentatur. Għalhekk huwa kien tal-fehma li l-Parlament kellu jew jittratta l-ittra ta' l-ilmentatur tat-3 ta' Mejju 2004 bħala applikazzjoni ta' konferma skond ir-Regolamenti 1049/2001 jew jispjega r-raġunijiet għalfejn huwa ħaseb li din l-ittra kellha tiġi ttrattata bħala talba ġdida għal aċċess. L-Ombudsman irrimarka wkoll li għaddew iktar minn tliet xhur bejn l-applikazzjoni ta' konferma ta' l-ilmentatur u d-data meta ngħata l-aċċess għad-dokument rilevanti. Għalhekk l-Ombudsman għamel rimarka kritika.

F'rimarka ulterjuri, l-Ombudsman stqarr li wieħed ma setax jeskludi li l-Parlament jista' jittratta talbiet għal aċċess għal dokumenti li jsiru minn uffiċjali mingħajr ma japplika d-dispożizzjonijet dwar l-aċċess pubbliku stipulati fir-Regolament 1049/2001, sakemm l-applikant ma kienx għamilha ċara li xtaq li t-talba tiegħu tiġi ttrattata fuq il-bażi ta' dak ir-Regolament. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, l-irwol tal-Parlament kien li jsolvi kwalunkwe problema li tista' tinqala' f'dan il-kuntest, kemm ġeneralment u kemm meta jkollu talba għal aċċess għal dokumenti. L-Ombudsman ħaseb li l-Parlament għandu, f'kwalunkwe każ, jiżgura li t-tweġiba għat-talba ta' l-uffiċjal għal aċċess tkun rapida. L-Ombudsman esprima l-kunfidenza tiegħu fil-ħeġġa tal-Parlament biex fil-futur jieħu l-miżuri xierqa meta jittratta talbiet minn uffiċjali għal aċċess għal dokumenti.

## NUQQAS TA' TWEĠIBA GĦAL TALBA GĦAL INFORMAZZJONI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2038/2004/GG kontra l-Parlament Ewropew*

L-ilmentatur allega li l-Parlament kien naqas milli jwieġeb għal żewġ talbiet għal informazzjoni li kien bagħat bl-email lill-indirizz elettroniku tal-Parlament "Civis", u li kienu jirrigwardaw riżoluzzjoni tal-Parlament. Huwa qal li kellu jirċievi tweġiba.

Il-Parlament spjega li l-indirizz elettroniku "Civis" ma kienx għadu jista' jirċievi messaġġi minn membri tal-pubbliku u li kien ġie sostitwit b'formola fuq l-internet maħluqa għal dan il-għan. Skond il-Parlament, dawk il-persuni li jiktbu lill-indirizz elettroniku l-antik jirċievu messaġġ awtomatiku li jgħarrafhom li għandhom jużaw il-formola l-ġdida. Li kieku l-ilmentatur kien uża l-formola, stqarr il-Parlament, huwa kien jirċievi tweġiba f'waqtha.

L-ilmentatur emfasizza li ma kienx irċieva tweġiba standard għall-emails tiegħu. Is-servizzi ta' l-Ombudsman bagħtu messaġġi biex jittestjaw l-indirizz elettroniku "Civis" iżda ma rċevewx it-tweġiba standard li l-Parlament kien irrefera għaliha.

L-Ombudsman talab lill-Parlament għal iktar informazzjoni. Bħala tweġiba, il-Parlament spjega li fiż-żmien meta l-ilmentatur kien bagħat l-emails tiegħu, is-sistema ta' l-email kellha problemi serji kkawżati minn valanga ta' messaġġi spam. Skond il-Parlament, il-wasla ta' iktar minn 300 000 email fl-indirizz elettroniku "Civis" kellha l-effett li tipparalizza l-istruzzjonijiet ipprogrammati fil-programm għall-ipproċessar ta' l-emails, minn fejn tiġi attivata l-funzjoni tat-"tweġiba" awtomatika. Il-Parlament żied jgħid li din is-sitwazzjoni kienet solvuta malli l-programm ta' l-email l-ġdid beda jaħdem, u li issa t-tweġibiet awtomatiċi kienu qegħdin jintbagħtu mingħajr problemi. Il-Parlament spjega wkoll li t-tweġiba awtomatika ħadmet biss b'emails li jaslu minn barra l-istituzzjonijiet Ewropej.

15 Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rgiward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment ħieles ta' din id-dejta (ĠU 2001 L 8, pġ.1)

L-Ombudsman irrimarka li l-Parlament kien wieġeb għall-email ta' l-ilmentatur kważi seba' xhur wara li rċieva t-talba u iktar minn xahrejn wara li l-Ombudsman kien għarraf lill-Parlament dwar il-każ ta' l-ilmentatur. L-Ombudsman qies li kien ċar li dan kien żmien itwal mill-perjodu ta' żmien li jista' jitqies raġonevoli biex jitwieġbu talbiet bħal dawn. L-Ombudsman qabel li problemi tekniċi bħal dawk li rrefera għalihom il-Parlament jistgħu jikkawżaw xi dewmien li l-istituzzjonijiet jew il-korpi involuti ma jistgħux jinżammu responsabbli għalih. Iżda hu rrimarka wkoll li anke wara li l-problema ssolviet, kienu għaddew kważi ħames xhur (u wara lment imressaq lill-Ombudsman) qabel ma t-talba ta' l-ilmentatur rċeviet tweġiba. Barra minn hekk, l-Ombudsman irrimarka li l-Parlament ma kienx għarraf lill-ilmentatur dwar il-problemi tekniċi jew talab xi skużi. L-Ombudsman għalhekk għalaq il-każ b'rimarka kritika.

## 3.4.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

### AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR IL-POLITIKA BARRANIJA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1875/2005/GG kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

L-ilmentatur talab lill-Kunsill għal aċċess għad-dokumenti kollha relatati man-negozjati u l-iffirmar ta' ftehima bejn l-Istati Membri dwar l-istejtus ta' l-istaff militari u pajżan li jagħmlu xogħol ta' prevenzjoni ta' kunflitti u mmaniġjar ta' kriżi fil-qafas tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni ta' l-Unjoni Ewropea. L-ilmentatur talab ukoll għal lista sħiħa ta' dokumenti sensittivi li għalihom il-Kunsill seta' jiddeċiedi li jirrifjuta l-aċċess.

Il-Kunsill ippermetta aċċess parzjali għal erba' dokumenti preparatorji. Fl-applikazzjoni ta' konferma tiegħu, l-ilmentatur iddikjara li, meta wieħed iqis l-iskop tal-Ftehima, il-fatt li l-proċess ta' l-abbozzar kien dam sejjer sentejn u meta wieħed iqis ukoll l-ordni tan-numri li ngħataw lill-erba' dokumenti preparatorji li l-Kunsill ippermetta aċċess parzjali għalihom, wieħed seta' jassumi li l-Kunsill kellu iktar minn dawk l-erba' dokumenti. Il-Kunsill wieġeb li ma kinux identifikati l-ebda dokumenti rilevanti oħrajn. Kien hemm numri neqsin minħabba l-fatt li d-dokumenti interim kienu ġew iddikjarati mingħajr effett legali u annullati waqt it-tfassil.

L-ilmentatur argumenta li l-pożizzjoni tal-Kunsill li kien hemm biss erba' dokumenti rilevanti kien jidher ċar li ma kienx raġonevoli. Huwa rrimarka li, wara talba separata ppreżentata taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-libertà ta' l-informazzjoni, huwa ngħata aċċess għal dokument li l-Kunsill ma kienx semma.

Il-Kunsill stqarr li, wara riċerka intensiva, issa seta' jikkonferma li fil-fatt kienu tfasslu għaxar reviżjonijiet tad-dokument inkwistjoni. Il-Kunsill spjega li l-verżjonijiet neqsin ma tqegħdux fir-reġistru elettroniku tiegħu iżda nżammu fid-dipartiment li kien qiegħed jieħu ħsieb il-każ. Fin-nuqqas ta' evidenza li d-dokumenti kienu ġew iffajljati u vvalidati elettronikament, huma ġew ikkunsidrati mingħajr effett legali. Il-Kunsill talab skuża għal dan l-iżball klerikali. Madankollu emfasizza li sadanittant ir-regoli interni tiegħu dwar ir-reġistrazzjoni ta' dokumenti kienu nbidlu biex dokumenti bħal dawk inkwistjoni jkunu jistgħu jiġu reġsitrati awtomatikament. Il-Kunsill ippermetta aċċess jew aċċess parzjali għad-dokumenti interim.

L-Ombudsman ma setax jifhem għalfejn id-dokumenti neqsin ma ġewx identifikati mill-bidu jew għallinqas wara l-applikazzjoni ta' konferma ta' l-ilmentatur. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, l-istqarrija tal-Kunsill li l-verżjonijiet riveduti kienu ġew ddikjarati mingħajr effett legali u annullati matul it-tfassil kienet qarrieqa, peress li ħolqot l-impressjoni żbaljata li d-dokumenti qatt ma tqassmu. Madankollu, il-folji tal-qoxra tad-dokumenti għamluha ċara li dawn id-dokumenti kienu mħejjijin biex jitqassmu.

L-Ombudsman ħaseb li din il-kwistjoni kienet iktar serja minn "żball klerikali". Madankollu, huwa fehem li r-referenza tal-Kunsill għar-regoli interni l-ġodda tiegħu tfisser li problemi tat-tip identifikati fil-każ preżenti mhux se jinħolqu aktar. Għalhekk huwa għamel rimarka kritika dwar din il-kwistjoni.

Dwar il-lista ta' dokumenti sensittivi li l-ilmentatur talab, il-Kunsill iddikjara li ma jeżistux dokumenti simili. L-Ombudsman irrimarka li l-Kunsill kien semma dan il-punt għall-ewwel darba biss meta ppreżenta l-opinjoni tiegħu dwar l-ilment preżenti. Għalhekk huwa għamel rimarka ulterjuri fejn qal li jkun utli jekk, f'każi futuri, il-Kunsill ikun jista' jipprovdi mill-iktar fis possibbli informazzjoni bħal din lill-applikanti.

## 3.4.3 Il-Kummissjoni Ewropea

### TUL TA' ŻMIEN TAL-PROĊEDURA TA' KSUR U GĦALL-AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2229/2003/MHZ kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur allega, fost affarijiet oħrajn, li l-Kummissjoni kienet ittardjat meta ma kienx meħtieġ id-deċiżjoni tagħha dwar lment dwar ksur kontra l-awtoritajiet Spanjoli fir-rigward tal-kostruzzjoni ta' ċentru għall-ipproċessar ta' l-iskart f' San Roman de la Vega. L-ilmentatur allega wkoll li l-Kummissjoni kienet naqset li twieġeb għall-applikazzjoni ta' konferma tiegħu għal aċċess għad-deċizjoni tagħha biex tiftaħ proċedimenti ta' ksur kontra Spanja u l-ittra ta' notifika formali tagħha lill-awtoritajiet Spanjoli.

Il-Kummissjoni skużat ruħha għan-nuqqas ta' tweġiba għall-applikazzjoni ta' konferma ta' l-ilmentatur u spjegat li dan kien minħabba żball amministrattiv. Il-Kummissjoni irrimarkat li bl-introduzzjoni riċenti ta' kontroll elettroniku tal-korrispondenza kollha tagħha issa kien possibbli li jiġu evitati żbalji bħal dawn fil-futur. Madankollu l-Kummissjoni argumentat li hi kienet intitolata li tirrifjuta l-aċċess biex tipproteġi l-għan wara l-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet u l-verifiki (l-Artikolu 4(2) tielet inċiż tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlamanet, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[16]). Skond il-Kummissjoni, l-iżvelar ta' l-ittra ta' notifika formali deher li kien saħansitra ta' iktar ħsara għall-interess pubbliku meta wieħed iqis li l-ilmentatur kellu l-intenzjoni li juża l-ittra fi proċeduri quddiem il-qrati nazzjonali. L-Ombudsman ma aċċettax dan l-argument. Huwa rrimarka li proċeduri fil-qrati nazzjonali huma mezz importanti kif individwi jistgħu jipproteġu d-drittijiet tagħhom taħt il-liġi Komunitarja. F'dan il-kuntest l-Ombudsman irrimarka li fir-rigward tal-moviment ħieles ta' prodotti, il-leġiżlatur tal-Komunità kien ipprovda speċifikament li kwalunkwe parti jista' jikseb kopja tan-notifika tal-Kummissjoni lil Stat Membru dwar ostakolu għall-moviment ħieles ta' prodotti u li wieħed mir-riżultati ta' din id-dispożizzjoni kien li titħaffef l-azzjoni ta' individwi fil-qrati nazzjonali. Għalhekk, l-Ombudsman ma kienx konvint li, f'ċirkostanzi oħrajn, il-Kummissjoni kienet tkun intitolata li sserraħ fuq argumenti li jimplikaw ħarsa negattiva tal-proċeduri ġudizzjarji fil-qrati nazzjonali. Madankollu, huwa kien tal-fehma li fuq il-bażi tal-każistika, il-Kummissjoni tista' raġonevolment tkun tal-fehma li deċiżjoni biex tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti tkun ġustifikata. Għalhekk ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward ta' dan l-aspett ta' l-ilment.

Fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-proċedura, l-Ombudsman irrimarka li l-investigazzjoni tal-Kummissjoni kienet damet ftit inqas minn tliet snin. Peress li l-opinjoni tal-Kummissjoni kienet tirreferi biss għal fatturi ġenerali li setgħu kkawżaw dewmien, bħal ammont kbir ta' xogħol, l-Ombudsman

16 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

ħaseb li kienet naqset milli tipprovdi spjegazzjoni xierqa dwar it-tul ta' żmien ta' l-investigazzjoni. Għalhekk saret rimarka kritika.

Sussegwentament, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ombudsman li se tipprova tagħti spjegazzjoni iktar preċiża jekk jinqala' xi każ simili fil-futur.

## NUQQAS LI JINGĦATA PARIR XIERAQ DWAR GĦOTJIET

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2411/2003/MHZ kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, NGO reġistrata fir-Renju Unit, allegat, fost affarijiet oħrajn, li l-proċedura ta' l-iffinanzjar skond il-programm ta' qafas AGIS tal-Kummissjoni għal koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura f'materji kriminali kienet wisq kumplessa u diffiċli biex tinftiehem. Skond l-ilmentatur, sabiex tilħaq il-kundizzjonijiet formali għal ammissibilità, il-Kummissjoni kienet obbligata tagħmel attivitajiet li jiswew ħafna flus u li jieħdu ħafna ħin, għalkemm il-Kummissjoni kienet taf mill-bidu nett li l-ilmentatur ma kinitx se tkun kapaċi tissodisfa l-kriterju ta' eliġibilità li jistipula l-ħtieġa li jkollha organizzazzjonijiet imsieħba involuti fil-proġett tagħha. Hija stqarret li l-Kummissjoni għandha tikkumpensaha għat-telf li ġarrbet meta ppruvat tilħaq il-kriterji formali għall-ammissibilità.

Skond il-Kummissjoni, proporzjon għolji ta' applikazzjonijiet fil-programm AGIS kellhom nuqqasijiet fir-rigward tar-rekwiżiti msemmijin fis-sejħa. Hija għarfet li l-użu ta' formola waħda ta' applikazzjoni għal żewġ tipi differenti ta' għotjiet seta' kkontribwixxa għal dawn in-nuqqasijiet. Minħabba f'hekk u minħabba li l-proġett ta' l-ilmentatur kien deher li laħaq il-prijorità politika li ttejjeb l-għajnuna fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, il-proposta ntgħażlet minn qabel is-selezzjoni. Meta l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur għal għotja operattiva ma kinitx lesta fil-ħin biex tlaħħaq ma' l-iskadenza, il-Kummissjoni pproponiet lill-ilmentatur li għandha timmodifika l-applikazzjoni tagħha u tapplika għall-għotja għal proġett. Madankollu, peress li l-ilmentatur kienet, fost affarijiet oħrajn, naqset li tehmeż dikjarazzjoni ta' sħubija, il-Kummissjoni m'għażlitx il-proposta tagħha.

L-Ombudsman qal li kien ta' dispjaċir għalih li l-proċedura għall-applikazzjoni ta' l-programm AGIS dehret li kienet ħolqot il-problemi. Madankollu, huwa rrimarka li l-Kummissjoni kienet għarfet dawn id-diffikultajiet u kienet ħadet azzjoni korrettiva. Barra minn hekk, huwa qies li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet spjegazzjoni raġonevoli għalfejn kienet tat il-parir lill-ilmentatur biex tapplika għal għotja għal proġett minflok għal għotja operattiva.

Madankollu, l-Ombudsman fakkar li l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jeħtieġu li meta jkun hemm il-bżonn, uffiċjal jagħti pariri lill-pubbliku dwar kif għandu jaġixxi meta xi kwistjoni taqa' taħt ir-responsabilità tiegħu jew tagħha u kif għandu jipproċedi fit-trattament tal-kwistjoni. Huwa kien tal-fehma li, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-Kummissjoni kellha tiżgura li l-parir li tat lill-ilmentatur ikun xieraq għas-sitwazzjoni partikulari tagħha. Għalhekk in-nuqqas tal-Kummissjoni li tiġbed l-attenzjoni ta' l-ilmentatur għall-kundizzjoni fundamentali ta' eliġibilità, jiġifieri r-rekwiżit li l-applikant irid ikollu organizzazzjonijiet sħab, kien każ ta' amministrazzjoni ħażina.

Fir-rigward tat-talba ta' l-ilmentatur għal kumpens, l-Ombudsman irrimarka li l-ilmentatur la kienet ikkwantifikat it-talba tagħha u lanqas ippreżentat xi provi ta' telf li ġarrbet. Għalhekk huwa kien tal-fehma li jekk l-ilmentatur xtaqet tipproċedi bit-talba, hija kellha l-ewwelnett tindirizza lill-Kummissjoni direttament fid-dawl ta' l-amministrazzjoni ħażina li sab l-Ombudsman.

## NUQQAS LI TINGĦATA INFORMAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 224/2004/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kien jirrigwarda t-tweġiba tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Kopenħagen għat-talba ta' l-ilmentatur għal informazzjoni dwar l-ipproċessar ta' dejta relatata miegħu. Fl-10 ta' Ġunju 2003, ir-Rappreżentanza kienet ċemplet lill-ilmentatur dwar talba għal aċċess pubbliku għal dokumenti.

Fl-istess ġurnata, l-ilmentatur talab lir-Rappreżentanza biex tinfurmah kif kienet kisbet in-numru tat-telefown tiegħu. Fit-13 ta' Ġunju 2003, ir-Rappreżentanza għarrfitu li n-numru tat-telefown tiegħu kien ġie "indikat minnek fl-ilment [preċedenti] tiegħek lill-Ombudsman Ewropew". Fl-14 ta' Ġunju 2003, l-ilmentatur talab lir-Rappreżentanza għall- informazzjoni kollha dwar l-ipproċessar tad-dejta personali tiegħu. It-talba tiegħu saret skond il-leġiżlazzjoni Daniża li timplimenta d-Direttiva 95/46 dwar il-protezzjoni tad-dejta[17] u li essenzjalment, fiha l-istess rekwiżiti bħal dawk stipulati fl-Artikolu 13 tar-Regolament 45/2001 dwar il-protezzjoni tad-dejta[18].

L-investigazzjoni ta' l-Ombudsman sabet dawn il-fatti li ġejjin. Ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni kienet naqset li tgħarraf lill-ilmentatur dwar jekk in-numru tat-telefown li użat biex tikkuntattjah fl-10 ta' Ġunju 2003 kienx fil-fatt reġistrat jew le. Kien biss fl-opinjoni li ppreżentat lill-Ombudsman li l-Kummissjoni għamlitha ċara li ma kinitx saret l-ebda reġistrazzjoni ta' dak in-numru tat-telefown. Ħareġ ukoll li meta r-Rappreżentanza għarrfet lill-ilmentatur fis-27 ta' Awwissu 2003 dwar numru tat-telefown mhux korrett li kien ġie rreġistrat taħt ismu u li sussegwentament kien tħassar, kienet naqset milli tagħti kwalunkwe tagħrif dwar meta dak in-numru kien ġie reġistrat jew meta kien tħassar. Barra minn hekk, kien ċar mill-ittra tas-27 ta' Awwissu 2003 tar-Rappreżentanza lill-ilmentatur, li l-ittra preċedenti ta' l-1 ta' Lulju 2003, fejn kienet iddikjarat li "Qabel, ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni fid-Danimarka ma kinitx irreġistrat iktar dejta personali taħt ismek", kienet żbaljata, peress li din l-ittra naqset li ssemmi n-numru tat-telefown mhux korrett li kien ġie rreġistrat. Fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet, l-Ombudsman ħaseb li r-Rappreżentanza kienet naqset li tagħti informazzjoni korretta li tinftiehem faċilment kif stipulat fl-Artikolu 13 tar-Regolament 45/2001. Din tikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina u l-Ombudsman għamel rimarka kritika. L-Ombudsman għarraf lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-dejta (EDPS) dwar id-deċiżjoni, li kienet tinkludi wkoll xi kumment ġenerali dwar l-intenzjonijiet ta' l-Ombudsman rigward il-provvista ta' informazzjoni lill-EDPS u konsultazzjoni ma' l-EDPS fl-ittrattar ta' lmenti dwar il-protezzjoni tad-dejta.

*Nota*

Sussegwentament il-Kummissjoni esprimiet id-dispjaċir tagħha li f'dan il-każ kien sar ksur ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament 45/2001. Hija stqarret li r-Rappreżentanza tal-Kummissjoni fid-Danimarka se titfakkar li r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta jridu jiġu rispettati l-ħin kollu.

## PAGAMENT TARD GĦAL KONTRIBUZZJONI GĦALL-PROĠETT GALILEI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 530/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, kumpanija żgħira Ġermaniża, kienet kuntrattur sekondarju fil-"Proġett Galilei", li ġie stabbilit biex titlesta l-analiżi preparatorja għal "Galileo", li hi l-inizjattiva Ewropea għal sistema ta' navigazzjoni bis-satellita globali. Skond l-ilmentatur, id-dewmien sostanzjali bejn il-preżentazzjoni ta' l-istqarrijiet ta' l-ispiża tagħha u l-pagament kien fil-biċċa l-kbira tort tal-Kummissjoni u mhux ta' l-intermedjarji involuti fil-proġett. Barra minn hekk, hija lmentat li l-Kummissjoni ma kinitx awtorizzat il-ħlas tal-garanti miżmum pendenti sa l-evalwazzjoni finali tal-proġett. Fir-rigward ta' l-ilmentatur, l-ammont kien ta' kważi EUR 13 000. Dan kien ikkawża problemi finanzjarji serji. L-ilmentatur stqarr li l-garanti għandu jiġi awtorizzat li jitħallas u li interessi fuq il-pagament tard għandhom jitħallsu.

Il-Kummissjoni argumentat li meta wieħed iqis l-istruttura tal-proġett, u li, meta ffirma l-kuntratt, l-ilmentatur kienet aċċettat li 15% tinżamm bħala garanti sakemm il-kunsinji kollha tal-proġett ikunu ġew ippreżentati, u approvati, mill-Kummissjoni, perjodu ta' 240 ġurnata bejn il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-ispiża u l-pagament lil kuntrattur sekondarju kien normali.

17 Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment ħieles ta' din id-dejta, ĠU 1995 L 281, p 31)

18 Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment ħieles ta' din id-dejta, ĠU 2001 L 8, p 1.

L-Ombudsman sab li kien hemm dewmien fiż-żewġ dikjarazzjonijiet ta' l-ispiża. Lanqas ma kien konvint li l-Kummissjoni kienet wieġbet b'mod xieraq għall-allegazzjoni ta' l-ilmentatur dwar il-garanti. F'proposta għal soluzzjoni bonarja, huwa ppropona li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-rifjut tagħha li tawtorizza l-ħlas tal-garanti u li tikkunsidra li tħallas l-interessi.

Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni għamlet referenza għall-istruttura kumplessa ħafna tal-proġett, li tinvolvi iktar minn 90 kuntrattur u kuntrattur sekondarju. Hija talbet skuża għad-dewmien iżda qalet li ma setax jiġi kkunsidrat dewmien sinifikanti. Il-Kummissjoni argumentat ukoll li jekk tawtorizza l-ħlas kmieni ta' proporzjon tal-pagament finali lil uħud mill-kuntratturi ewlenin, dan ma kienx ikun konsistenti mar-responsabilità komuni tal-kuntratturi kollha skond il-kuntratt ta' għotja tal-proġett Galilei.

L-Ombudsman irrimarka li ma kien hemm xejn li seta' jissuġġerixxi li l-Kummissjoni ma kinitx konxja tal-kumplessità tal-kuntratt meta kkommettiet ruħha li tħallas il-pagamenti f'perjodu ta' żmien stipulat. Għalkemm komparattivament żgħir, dan id-dewmien kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina.

Fir-rigward tal-garanti, l-Ombudsman ħaseb li l-Kummissjoni kienet intitolata bis-sħiħ — u anke obbligata — li tieħu miżuri biex tħares l-interessi finanzjarji tal-Komunità meta tiffirma kuntratti. Madankollu, huwa ma kienx konvint li l-Kummissjoni ma kinitx tkun kapaċi li tawtorizza l-ħlas tas-somma lill-ilmentatur, meta wieħed iqis li l-Kummissjoni ma kinitx uriet xi dubji dwar il-kwalità tax-xogħol ta' l-ilmentatur jew l-ammont ta' spejjeż li kienet iddikjarat. Madankollu, meta wieħed iqis li sadanittant il-Kummissjoni kienet awtorizzat il-ħlas tal-pagament, ma kienx hemm bażi għal iktar investigazzjonijiet dwar dan l-aspett tal-każ.

Fir-rigward tat-talba għal interessi, l-Ombudsman ħaseb li minħabba l-istruttura tal-ftehim kuntrattwali fil-każ preżenti ma kienx probabbli li l-Kummissjoni kien qatt se jkollha tħallas interessi fil-każijiet fejn naqset li tħallas fil-ħin pagamenti dovuti lil kuntrattur sekondarjui. L-Ombudsman fassal abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni li jgħid li għandha tikkumpensa lill-ilmentatur.

Il-Kummissjoni rrifjutat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni fuq il-bażi li hi ma kinitx talbet mill-kuntratturi li jużaw mudell speċifiku meta jgħaddu x-xogħol lil kuntrattur sekondarjui, u li, għalhekk, l-ilmentatur setgħet tinnegozja kundizzjonijiet speċifiċi ma' l-intermedjarju għall-ħlas ta' interessi. L-Ombudsman kien tal-fehma li ma kienx jidher possibbli ħafna li kumpanija żgħira jew ta' daqs medju, bħall-ilmentatur, setgħet titlob bidliet fil-kundizzjonijiet ta' kuntratt mudell. Madankollu, peress li l-possibilità ma tistax tiġi eskluża, is-sejba ta' qabel ta' l-Ombudsman dwar il-pagament ta' interessi ma setgħetx tinżamm.

Madankollu, l-Ombudsman qies li f'ċirkostanzi ta' din ix-xorta, kumpaniji żgħar jew ta' daqs medju ma tantx kellhom xi possibilità realistika li jieħdu sehem f'proġetti bħal dawn. Għalhekk, hu għamel rimarka ulterjuri fejn issuġġerixxa li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tbiddel il-prattika kuntrattwali standard tagħha sabiex il-pagament ta' interessi lil kuntratturi fir-rigward ta' ammonti dovuti lil kuntrattur sekondarjui li jkunu wettqu l-obbligi tagħhom sewwa, jsir b'mod awtomatiku. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, bidla bħal din tikkostitwixxi konferma utli ta' l-impenn tal-Kummissjoni fl-interess ta' kumpaniji żgħar jew ta' daqs medju.

*Nota*

Il-Kummissjoni għarrfet lill-Ombudsman li kienet ħadet nota tar-rimarka kritika u tar-rimarka ulterjuri u li se tipprova tqis l-interessi ta' l-SMEs f'kuntratti standard futuri sal-punt li dan ikun kompatibbli ma' l-interessi finanzjarji tal-Komunità u mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi fis-seħħ.

## IT-TRATTAMENT MILL-KUMMISSJONI TA' PROĊEDURA TA' OFFERTA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 538/2004/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Il-Kummissjoni rrifjutat l-offerta ta' l-ilmentatur f'sejħa għal offerti. L-ilmentatur allega, fost affarijiet oħrajn, li l-Kummissjoni bagħtet messaġġi li ħolqu konfużjoni li kien fihom raġunijiet inkonsistenti għalfejn l-offerta ġiet irrifjutata. L-ilmentatur talab spjegazzjoni wkoll għalfejn ma kienx rċieva

ittra speċifika mill-Kummissjoni permezz ta' faks. Fl-aħħarnett, l-ilmentatur spjega li kien irċieva indikazzjonijiet li, għal kuntrarju tat-test tas-sejħa għall-offerti, waħda mill-offerti li ġiet aċċettata kienet ippreżentata biss fl-oriġinali, mingħajr kopji.

Il-Kummissjoni stqarret li, bħala tweġiba għall-messaġġ ta' l-ilmentatur, kienet ippreżentat aktar informazzjoni dwar ir-raġunijiet għalfejn irrifjutat l-offerta ta' l-ilmentatur. Hija spjegat li għalkemm hi m'għandhiex obbligu li tibgħat ittri bil-faks, is-soltu tagħmel hekk xorta waħda, u li, skond ir-regoli interni tagħha (il-*Vade Mecum* dwar proċeduri ta' prokurament pubbliku), ma tikkunsidrax bħala inammissibbli offerta li mhix ippreżentata fi tliet kopji.

L-Ombudsman sab li l-ilmentatur kien kiteb lill-Kummissjoni biex jargumenta kontra r-raġunijiet għalfejn il-Kummissjoni rrifjutat l-offerta tiegħu, u li, bħala tweġiba, il-Kummissjoni kienet ipprovdiet aktar raġunijiet għalfejn irrifjutat l-offerta, mingħajr ma tispjega li dawn ir-raġunijiet kienu oħrajn miżjudin ma' dawk mogħtija fl-ewwel ittra. Barra minn hekk, kien jidher li l-Kummissjoni ma kinitx irrikonoxxiet jew wieġbet lura għat-tentattiv ta' l-ilmentatur biex jargumenta kontra l-ewwel lista ta' raġunijiet għalfejn l-offerta tiegħu ġiet irrifjutata. Għalhekk, fil-fehma ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni kienet naqset milli twieġeb b'mod sħiħ jew kemm jista' jkun preċiż għall-ittra ta' l-ilmentatur, kif inhu meħtieġ mill-Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba. Għalhekk l-Ombudsman għamel rimarka kritika.

L-Ombudsman għamel ukoll żewġ rimarki ulterjuri. L-ewwel waħda ssuġġeriet li l-Kummissjoni tikkunsidra li tifformalizza u tiċċara l-proċeduri tagħha fir-rigward ta' meta jintbagħtu ittri permezz ta' faks dwar l-evalwazzjoni ta' offerti. It-tieni waħda rrimarkat li l-punt 10.5 tal-*Vade Mecum* dwar proċeduri ta' prokurament pubbliku ma jidhirx li jikkorrispondi mat-test tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni, li tissuġġerixxi li offerti li ma jkunux ippreżentati fl-oriġinali ffirmati u f'żewġ kopji ma ma jitqisux bħala validi. Sabiex tkun evitata l-possibilità li ssir inġustizzja fil-futur, l-Ombudsman issuġġerixxa li l-Kummissjoni tanalizza mill-ġdid ir-relazzjoni bejn il-*Vade Mecum* u sejħiet għal offerti fir-rigward tan-numri ta' kopji ta' l-offerti li jeħtieġ li jiġu ppreżentati.

*Nota*

Fi tweġiba għar-rimarka kritika, il-Kummissjoni sussegwentament għarrfet lill-Ombudsman li, għalkemm fil-fehma tagħha kienet applikat tajjeb ir-regoli ta' proċedura rilevanti, hija qablet li, fil-prinċipju, tweġibiet għal korrispondenza għandhom ikunu kompluti kemm jista' jkun u li jridu jsiru sforzi biex dan isir. Fir-rigward ta' l-ewwel rimarka ulterjuri, il-Kummissjoni rrimarkat li r-regola li l-parteċipanti li ma jintagħżlux fis-sejħa għall-offerti jiġu infurmati permezz tal-posta, faks jew email tapplika biss għan-notifika inizjali, waqt li l-urġenza ta' aktar komunikazzjoni trid tiġi evalwata mill-awtorità li tagħti l-kuntratti fuq bażi ta' każi individwali. Fir-rigward tat-tieni rimarka ulterjuri, il-Kummissjoni ddikjarat li l-*Vade Mecum* jipprovdi regoli ġenerali iżda li l-awtorità li tagħti l-kuntratti hi intitolata li tistipula regoli speċifiċi dwar in-numru u l-forma ta' l-offerti u li l-osservanza ta' dawn ir-regoli mill-parteċipanti fis-sejħa għall-offerti trid tiġi evalwata fir-rigward tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tat-trattament ugwali, tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u tal-konkorrenza mill-iktar wiesgħa, kif stipulat fl-Artikolu 89 tar-Regolament Finanzjarju.

## ID-DRITT TA' DIFIŻA WAQT INVESTIGAZZJONI AMMINISTRATTIVA

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 620/2004/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Uffiċjal tal-Kummissjoni kien ressaq lment fejn allega li sar fastidju kontra l-ilmentatur, ukoll uffiċjal tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni stabbilixxiet tim ta' investigaturi biex imexxu investigazzjoni amministrattiva dwar l-allegazzjoni. L-investigazzjoni saret fi żmien meta milli jidher ma kienx hemm regoli bil-miktub dwar kif għandha titmexxa investigazzjoni bħal din.

Fir-rapport ta' l-investigazzjoni t-tim ta' investigaturi kkonkluda li kien hemm evidenza li tindika fastidju min-naħa ta' l-ilmentatur. Wara dan ir-rapport, saret proposta għall-ħruġ ta' "twiddiba" lill-ilmentatur. Din hija tip ta' twissija li, li kieku ħarġet, kienet tidħol fil-fajl ta' l-ilmentatur. Barra

minn hekk, mill-opinjoni tal-Kumissjoni rriżulta li s-sejbiet fir-rapport ta' l-investigazzjoni kienu se jiġu, u fil-fatt kienu, ikkunsidrati mid-Direttur-Ġenerali rilevanti meta jieħu d-deċiżjoni tiegħu dwar jekk għandhomx jittieħdu proċeduri dixxiplinari kontra l-ilmentatur.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega, fost affarijiet oħrajn, li t-tim li mexxa l-investigazzjoni amministrattiva kien kiser id-dritt tiegħu ta' difiża.

L-Ombudsman irrimarka li r-rispett għad-dritt ta' difiża huwa prinċipju ġenerali tal-liġi Komunitarja, li għandu jiġi osservat anke meta ma jkun hemmx dispożizzjoni espliċita.

L-Ombudsman qies li d-dritt ta' smigħ kien japplika fil-każ preżenti. Madankollu, ma kienx meħtieġ li l-materjal kollu li qagħdu fuqhom l-investigaturi jiġi ppreżentat lill-ilmentatur, sakemm, qabel ma jitlesta r-rapport ta' l-investigazzjoni, l-ilmentatur ma kienx notifikat dwar, u ngħata opportunità raġonevoli biex jikkumenta dwar, is-sejbiet fattwali preliminarji ta' l-investigaturi u l-qofol ta' l-evidenza ta' prova rilevanti.

Kien jidher li t-tim li investiga l-każ kien fil-fatt lesta r-rapport u ppreżentah lid-Direttur-Ġenerali rilevanti mingħajr ma għarraf lill-ilmentatur, u mingħajr ma tawh opportunità raġonevoli biex jikkumenta, dwar is-sejbiet preliminarji tiegħu u l-evidenza li fuqha bbaża l-investigazzjoni. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, dan kien nuqqas ta' rispett għad-dritt ta' difiża ta' l-ilmentatur, u għalhekk każ ta' amministrazzjoni ħażina.

## AĊĊESS GĦAS-SAJD FL-IBĦRA TA' L-AZORES

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1273/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kien jirrigwarda sa fejn kien permess is-sajd qabel l-1 ta' Awwissu 2004, fl-"ibħra ta' l-Azores", jiġifieri, l-ibħra madwar l-Azores, grupp ta' gżejjer li jagħmlu parti mill-Portugall. Minn meta l-Portugall issieħeb mal-Komunitajiet Ewropej fl-1986, ċerti dispożizzjonijiet transizzjonali kienu applikabbli għas-sajd fl-ibħra ta' l-Azores. Dawn id-dispożizzjonijiet, li fl-aħħar mill-aħħar, dawk minnhom l-iktar importanti ġew stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 685/95[19] u 2027/95[20] effettivament irriżervaw id-dritt tas-sajd fl-ibħra ta' l-Azores għall-Portugall.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003[21], li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Novembru 2003, effettivament abroga s-sistema antika li kienet tirregola l-aċċess għall-ibħra ta' l-Azores, kif stipulat fir-Regolamenti 685/95 u 2027/95. L-Artikolu 11 għamel dispożizzjoni għal adozzjoni ta' Regolament, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2004, li jistabilixxi l-isforz tas-sajd annwali massimu għal kull Stat Membru u għal kull qasam tas-sajd. Dan ir-Regolament ġie adottat fid-19 ta' Lulju 2004 u daħal fis-seħħ fil-5 ta' Awwissu 2004. Skond l-Artikolu 15 tar-Regolament, ir-Regolamenti 685/95 u 2027/95 kellhom jiġu abrogati b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' l-Artikolu 11 jew mill-1 ta' Awwissu 2004, skond liema tiġi l-ewwel.

Għalhekk, fl-14 ta' Novembru 2003 nqalgħet kwistjoni dwar jekk is-sistema antika kinitx ġiet abrogata meta r-Regolament 1954/2003 daħal fis-seħħ, jew fl-1 ta' Awwissu 2004, id-data msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament 1954/2003.

---

19 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/95 tas-27 ta' Marzu 1995 dwar it-tmexxija ta' l-isforzi tas-sajd relatati ma' ċerti zoni u riżorsi tas-sajd fil-Komunità, ĠU 1995 L 71, p 5.

20 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/95 tal-15 ta' Ġunju 1995 dwar il-ħolqien ta' sistema għat-tmexxija ta' l-isforzi tas-sajd relatati ma' ċerti zoni u riżorsi tas-sajd fil-Komunità, ĠU 1995 L 199, p 1.

21 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar it-tmexxija ta' l-isforzi tas-sajd relatati ma' ċerti zoni u riżorsi tas-sajd fil-Komunità u li jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jabroga r-Regolamenti (KE) Nru 685/95 u (KE) Nru 2027/95, ĠU 2003 L 289, p 1.

F'Jannar 2004, bastimenti tas-sajd Spanjoli kienu osservati fl-ibħra ta' l-Azores. L-awtoritajiet Spanjoli kienu tal-fehma li dan ma kienx ksur tal-liġi, peress li s-sistema antika tneħħiet fl-14 ta' Novembru 2003.

Il-Gvern Reġjonali ta' l-Azores b'hekk ressaq lment kontra Spanja lill-Kummissjoni, fejn argumenta li l-attività tal-bastimenti tas-sajd Spanjoli kienet ksur tar-Regolamenti 685/95 u 2027/95.

L-ilmentatur, Membru Portugiż tal-Parlament Ewropew, talab lill-Kummissjoni biex tiċċara l-kwistjoni. Fl-aħħar mill-aħħar il-Kummissjoni għamlitha ċara li qablet ma' l-interpretazzjoni Spanjola tar-Regolament 1954/2003.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet għamlet żball legali u li l-pożizzjoni tagħha ma kinitx konsistenti.

L-Ombudsman fakkar li hija prattika amministrattiva tajba li l-amministrazzjoni tevita żbalji u inkonsistenzi legali fl-istqarrijiet pubbliċi tagħha u li tagħraf u tikkoreġi l-iżbalji li jistgħu jsiru. Huwa rrimarka li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tar-regoli rilevanti kienet ibbażata fuq il-prinċipju li, fil-każ ta' kunflitt bejn żewġ atti legali, l-iktar waħda riċenti tieħu preċedenza *(lex posterior derogat legi priori)*. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju legali kienet ġustifikata jekk żewġ kundizzjonijiet ikunu ntlaħqu, jiġifieri (i) li l-iktar att riċenti jkun inkompatibbli ma' l-att iktar antik u (ii) li l-kwistjoni tar-relazzjoni bejn iż-żewġ atti ma tkunx solvuta minn leġiżlatur f'xi mod differenti. L-Ombudsman irrimarka li fil-każ preżenti l-ewwel kundizzjoni ntlaħqet. Madankollu, ir-Regolament 1954/2003 fih dispożizzjoni espliċita dwar id-data li fiha l-abrogar tar-Regolamenti 685/95 u 2027/95 kien se jidħol fis-seħħ u din id-data ma kinitx l-14 ta' Novembru 2003. L-Ombudsman ħaseb li l-iktar interpretazzjoni loġika ta' din id-dispożizzjoni kienet li l-leġiżlatur kellu l-intenzjoni li r-Regolamenti ta' l-1995 ma jkunux abrogati b'effett immedjat iżda biss wara li r-"Regolament ta' l-Artikolu 11" kien ġie adottat jew wara perjodu xieraq għal adozzjoni tiegħu kien għadda, perjodu li t-tmiem tiegħu l-leġiżlatur kien stabbilixxa bħala l-1 ta' Awwissu 2004. L-Ombudsman kien tal-fehma li din l-interpretazzjoni kienet ikkonfermata mill-kliem u l-istruttura tar-Regolament u li din kienet ukoll konsistenti ma' l-iskop ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament 1954/2003.

Fl-aħħarnett, l-Ombudsman irrimarka li l-Kummissjoni nnifisha, fil-Memorandum Spjegattiv tagħha għal proposta leġiżlattiva li kienet ippreżentat fit-3 ta' Frar 2004, kienet ikkonfermat li r-Regolamenti 685/95 u 2027/95 kienu għadhom ma tneħħewx.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tar-Regolament 1954/2003 kienet żbaljata u inkonsistenti mal-pożizzjoni stabbilita fil-Memorandum Spjegattiv tat-3 ta' Frar 2004.

## AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI LI JIRRIGWARDA KUNTRATT FIĊ-ĊINA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1368/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, kumpanija Ġermaniża, kienet tagħmel parti minn konsorzju li miegħu l-Kummissjoni kienet iffirmat kuntratt ta' servizz għall-provvista ta' żewġ esperti ta' l-UE, ko-direttur u maniġer finanzjarju/amministrattiv, għal proġett ambjentali fiċ-Ċina. L-espert impjegat mill-ilmentatur inħatar maniġer finanzjarju/amministrattiv, u, wara li sar addendum għall-kuntratt tiegħu, effettivament sar il-viċi ko-direttur. Sentejn wara, id-Delegazzjoni tal-Kummissjoni f'Beijing għarrfet lill-konsorzju li kienet ddeċidiet li ttemm il-kuntratt ta' servizz għax l-espert kien naqas li jagħmel ix-xogħol tiegħu kif kien ġie mmodifikat fl-addendum. L-ilmentatur talbet lill-Kummissjoni għal aċċess għad-dokumenti li fuqhom kien ibbażat it-tmiem tal-kuntratt. Il-Kummissjoni rrifjutat din it-talba.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-ilmentatur allegat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tikkonforma mar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[22]. Allegat ukoll li t-tmiem tal-kuntratt ma kien illegali.

Il-Kummissjoni sostniet li d-dokumenti ma setgħux jiġu żvelati minħabba li jaffettwaw l-integrità personali ta' l-espert u l-interessi kummerċjali tiegħu. Żiedet tgħid li d-dokumenti jistgħu jsiru disponibbli biss minn awtorità ġudizzjarja li toħroġ ordni tal-qorti biex dawn id-dokumenti jiġu żvelati. Dwar it-tmiem tal-kuntratt, il-Kummissjoni kienet kitbet lill-konsorzju darbtejn biex tilmenta li l-espert ma kienx qiegħed iwettaq ir-responsabilitajiet ġodda tiegħu, iżda s-sitwazzjoni ma tjibitx.

Wara spezzjoni tal-fajl tal-Kummissjoni u wara li eżamina l-evidenza, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni li, waqt li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina fir-rigward tat-tmiem tal-kuntratt, il-Kummissjoni kienet naqset li tipprovdi spjegazzjoni raġonevoli għalfejn irrifjutat l-aċċess għad-dokumenti rilevanti. Għalhekk, huwa indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni fejn talabha tikkunsidra mill-ġdid it-talba ta' l-ilmentatur.

Il-Kummissjoni stqarret li tibqa' konvinta li ttrattat it-talba b'mod xieraq. Madankollu, fl-ispirtu ta' koperazzjoni tajba, hija kkunsidrat mill-ġdid il-kwistjoni u tista' tagħti aċċess parzjali għal 13 mis-16-il dokument inkwistjoni billi tħassar ċerti ismijiet u dettalji kuntrattwali. L-ilmentatur laqgħet il-konċessjonijiet li għamlet il-Kummissjoni iżda emfasizzat li m'humiex biżżejjed.

Għalkemm l-Ombudsman għaraf li l-Kummissjoni kienet għamlet ħafna biex tissodisfah, hu ħaseb li l-miżuri li ħadet il-Kummissjoni biex timplimenta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu ma kinux sodisfaċenti. Fil-fehma tiegħu l-Kummissjoni kienet naqset li toffri spjegazzjoni raġonevoli għalfejn kienet ħassret l-isem tal-ko-direttur ta' l-UE minn ċerti dokumenti u għalfejn ma tatx għallinqas aċċess parzjali għat-tliet dokumenti li kien fadal. Wara li kkonkluda li ma kienx xieraq li jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament Ewropew, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika.

## STQARRIJA QARRIEQA FL-OPINJONI TA' LMENT PREĊEDENTI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2862/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

NGO Ġermaniża applikat lill-Uffiċċju għall-Għajnuna Umanitarja tal-Komunitajiet Ewropej (ECHO) bil-ħsieb li tiffirma Ftehima ta' Qafas ta' Sħubija. L-applikazzjoni ġiet irrifjutata u l-mod kif il-Kummissjoni ttrattat il-każ wassal għall-ewwel lment imressaq mill-ilmentatur fl-2001 (każ 1702/2001/GG). Fid-deċiżjoni tiegħu dwar dan l-ilment, l-Ombudsman għamel bosta rimarki kritiċi.

Fl-opinjoni tagħha fil-każ 1702/2001/GG, il-Kummissjoni għamlet referenza għall-korrispondenza tagħha ma' l-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja. Il-Kummissjoni kienet stqarret li meta l-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin ntalab jagħti informazzjoni dwar kemm kienet adattata l-ilmentatur, kien bagħat tweġiba fejn iddikjara li kienet qiegħda titmexxa investigazzjoni kontra l-ilmentatur u li għalhekk ma setax jagħti rakkomandazzjonijiet. F'nota interna aktar tard, membru ta' l-istaff ta' l-ECHO kien iddokumenta li l-awtoritajiet Ġermaniżi ma setgħux jagħtu referenza għax huma ma kinux jaħdmu mal-ilmentatur u għalhekk ma kinux jafuha. Il-Kummissjoni żiedet li, minkejja l-kuntatti kontinwi bejn l-ECHO u l-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja fil-kuntest tal-verifikazzjoni ta' NGOs Ġermaniżi, l-awtoritajiet Ġermaniżi ma ppreżentawx aktar informazzjoni dwar l-ilmentatur.

Fl-ilment l-ġdid tagħha, imressaq f'Settembru 2004, l-ilmentatur għamlet referenza għall-informazzjoni li kienet irċeviet mill-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja. Skond din l-informazzjoni, l-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin ma kienx ħassu obbligat li jagħti lill-ECHO aktar informazzjoni u l-ECHO qatt ma staqsietu dwar il-qagħda tal-proċeduri li kien irrefera għalihom. Għalhekk, l-ilmentatur allegat, fost affarijiet oħrajn, li l-ECHO, għal kuntrarju ta' l-istqarrijiet tiegħu stess, qatt

[22] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

ma kien ipprova jikseb informazzjoni dwarha li hija aġġornata, rilevanti u aċċertata bħala korretta, u kien gideb lill-Ombudsman fl-opinjoni tiegħu fil-każ 1702/2001/GG.

Il-Kummissjoni ddikjarat li l-istqarrijiet rilevanti ma setgħux jiġu interpretati kif isssuġġeriet l-ilmentatur. Fid-dawl ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja, hija kienet iddeċidiet li tissospendi l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur. Hija stqarret li kienet stenniet segwitu min-naħa ta' l-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin u li qatt ma kienet tat impressjoni differenti.

L-Ombudsman irrimarka li kienet naturali li r-referenza għal "kuntatti kontinwi" kienet se tinftiehem li qiegħda tirriferi għal kuntatti li jirrigwardaw il-każ ta' l-ilmentatur, iżda l-Kummissjoni ma dehritx li kienet qiegħda targumenta li ma saru l-ebda kuntatti simili wara l-kuntatt deskritt fin-nota interna. Barra minn hekk, huwa sabha diffiċli jimmaġina x'tip ta' tweġiba definittiva wieħed seta' jistenna minn istituzzjoni li kienet iddikjarat li ma tafx lill-ilmentatur.

Għalhekk l-Ombudsman ikkonkluda li l-istqarrija tal-Kummissjoni, li qalet li ma ġietx ippreżentata aktar informazzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi minkejja l-kuntatti kontinwi, kienet qarrieqa. Huwa għamel rimarka kritika. Madankollu, huwa deherlu li ma kienx hemm biżżejjed evidenza biex juri li l-istqarrija kienet tikkostitwixxi gidba maħsuba. Fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet l-oħrajn ta' l-ilmentatur, ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina.

## L-ITTRATTAR TA' LMENT KONTRA KUMPANIJA PRIVATA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3622/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Persuna ta' nazzjonalità Ġermaniża li tgħix Franza kienet tuża l-kumpanija tat-telekomunikazzjoni Franċiża Tele 2. Huwa xtaq iħallas il-kontijiet tiegħu permezz ta' debitu dirett mill-kont tal-bank Ġermaniż tiegħu. Iżda Tele 2 irrifjutat li tipprovdilu l-informazzjoni meħtieġa biex jagħmel tranżazzjonijiet simili, jiġifieri, l-IBAN (Numru tal-Kont Bankarju Internazzjonali) u l-BIC tagħha (Kodiċi ta' Identifikazzjoni tal-Bank). L-ilmentatur ikkunsidra l-imġiba ta' Tele 2 bħala ksur tar-regoli ta' l-UE dwar is-suq intern, u ressaq ilment lill-Kummissjoni kontra Tele 2.

Fl-ilment indirizzat lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet naqset li tittratta l-ilment tiegħu f'mod xieraq.

Fir-rigward tas-sustanza tal-każ, il-Kummissjoni qalet li ma kienx sar xi ksur tar-regolament rilevanti min-naħa tat-Tele 2, għax ma kien hemm xejn fir-regolament li jobbliga kumpanija biex jaċċetta xi mezz ta' pagament speċifiku. Ir-regolament jistipula biss il-prinċipju kontra d-diskriminazzjoni bejn strumenti ta' pagament nazzjonali u dawk ta' bejn il-fruntieri. Peress li t-Tele 2 ma kinitx qiegħda toħroġ fatturi għal pagamenti minn bejn il-fruntieri, hija kienet intitolata li tirrifjuta li tagħti l-koordinati bankarji internazzjonali tagħha lill-ilmentatur. Il-Kummissjoni stqarret li, attwalment, debitu dirett ma jeżistix fl-UE għal pagamenti bejn il-fruntieri. Hija żiedet tgħid li bħalissa kienet qiegħda taħdem fuq il-ħolqien ta' zona waħda għal pagamenti, li tinkludi skema pan-Ewropea ta' debitu dirett, li għaliha kellha l-intenzjoni li tipproponi direttiva fl-2005.

L-Ombudsman ħaseb li kienet raġonevoli l-konklużjoni tal-Kummissjoni li ma kienx hemm ksur tal-liġi Komunitarja min-naħa tat-Tele 2. Huwa qal li kien ta' dispjaċir li mid-dehera d-debitu dirett ma jeżistix fl-UE għal pagamenti bejn il-fruntieri iżda nnota li l-Kummissjoni kienet ħabbret li se jittieħdu passi biex din is-sitwazzjoni titranġa fil-futur qrib.

Madankollu, fir-rigward ta' l-aspetti proċedurali, l-Ombudsman sab li ma kien hemm xejn li kien jissuġġerixxi li fil-każ preżenti s-salvagwardji proċedurali fir-rigward ta' l-itrattar ta' lmenti dwar ksur kienu ġew rispettati. Il-Komunikazzjoni 2002 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar relazzjonijiet mal-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi Komunitarja[23]

[23] ĠU 2002 C 244, p 5.

tistipula li ittri li jikkritikaw l-imġiba ta' kumpaniji privati m'għandhomx bżonn ikunu reġistrati bħala lmenti, iżda li fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tirreġistrax ittra bħala lment, l-awtur ta' l-ittra irid jiġi informat kif xieraq. L-Ombudsman irrimarka li ma kien hemm xejn li wera li dan kien sar fil-każ preżenti. Barra minn hekk, l-Ombudsman ħaseb li kienet tkun prattika amministrattiva tajba għall-Kummissjoni li tgħarraf lill-ilmentatur dwar ir-riżultat ta' l-investigazzjonijiet tagħha ma' l-awtoritajiet Franċiżi fir-rigward ta' l-imġiba tat-Tele 2. Madankollu, l-ebda informazzjoni simili ma dehret li ġiet provduta qabel ma l-ilmentatur ikkuntattja lill-Ombudsman. Għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika.

## L-INEĠIBILITÀ TA' ENTITAJIET LI JAĦDMU BI PROFITT

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2673/2004/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur ġie informat mill-Kummissjoni li l-grupp tiegħu mhux se jilħaq l-kundizzjonijiet ta' eliġibbilità għall-programm ta' l-UE li l-iskop tiegħu huwa li jkattar informazzjoni mal-pubbliku ġenerali dwar it-tkabbir ta' l-UE, peress li kienet prattika amministrattiva b'tradizzjoni soda li jiġu esklużi minn dawn it-tipi ta' programmi entitajiet li jaħdmu bi qliegħ. Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-prattika tal-Kummissjoni kienet żbaljata.

Il-Kummissjoni spjegat li l-esklużjoni ta' entitajiet li jaħdmu bi qliegħ hu li jagħmlu profitt ma kinitx kwistjoni ta' "prattika amministrattiva" iżda kienet imsejsa fuq numru ta' kunsiderazzjonijiet speċifiċi. L-ewwelnett, l-għajnuna finanzjarja ta' l-UE taf ma trendix profitt għal dawk li jirċievu l-għajnuna. Il-Kummissjoni ħasbet li r-riskju ta' profitt kien ikbar fil-każ ta' entitajiet privati li jaħdmu bi qliegħ milli fil-każ ta' parteċipanti mis-soċjetà ċivili, li l-Kummissjoni ma kkunsidratx li jinkludu entitajiet li jaħdmu bi qliegħ. It-tieninett, fil-każ tas-soċjetà ċivili hemm l-effett multiplikatur, li kien maħsub utli għall-programm inkwistjoni. It-tielet, informazzjoni dwar it-tkabbir ta' l-UE li titqassam minn parteċipanti tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fl-interess pubbliku hi iktar kredibbli għaċ-ċittadini milli informazzjoni li titqassam minn entitajiet li jaħdmu bi qliegħ.

L-Ombudsman irrimarka li l-istituzzjonijiet ta' l-UE jgawdu minn diskrezzjoni wiesgħa fit-tfassil ta' kundizzjonijiet ta' selezzjoni u kundizzjonijiet oħrajn f'sejħiet għal proposti. Madankollu, l-Ombudsman seta' jeżamina jekk l-istituzzjonijiet aġixxewx fil-limiti ta' dik id-diskrezzjoni.

Fir-rigward ta' l-ewwel konsiderazzjoni tal-Kummissjoni li jkun hemm iktar riskju ta' profitt fil-każ ta' entitajiet li jaħdmu bil qliegħ, l-Ombudsman l-ewwel irrimarka li kien leġittimu li l-Kummissjoni tiddeċiedi li l-programm ma jrendix profitt għal dawk li jirċievu l-fondi ta' l-UE. Madankollu, l-Ombudsman irrimarka li preżumibbilment din il-mira setgħet tintlaħaq ukoll bis-saħħa ta' kundizzjoni espliċita mniżżla fil-ftehimiet dwar għotjiet inkwistjoni. Għalhekk it-tħassib tal-Kummissjoni deher li kien ibbażżat fuq is-suppożizzjoni li hemm inqas probabilità li entitajiet li jaħdmu bi qliegħ jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-ftehima dwar l-għotja milli parteċipanti fis-soċjetà ċivili. L-Ombudsman esprima d-dubji tiegħu dwar jekk din is-suppożizzjoni tistax fil-fatt tiġi ġġustifikata. Madankollu, fid-dawl tas-sejba relatata mat-tieni u t-tielet konsiderazzjoni, l-Ombudsman ma ħasibx li kien meħtieġ li jinvestiga iktar dik il-kwistjoni.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet konsiderazzjoni stipulati mill-Kummissjoni, essenzjalment dawn irrigwardaw il-vantaġġi li probabbilment jinkisbu jekk il-programm jiffoka fuq parteċipanti mis-soċjetà ċivili li jaħdmu fl-interess pubbliku. Ma kienx jidher mhux raġonevoli għall-Kummissjoni li tikkunsidra li dawn il-vantaġġi jistgħu jinkisbu l-aħjar billi tiffoka fuq parteċipanti fis-soċjetà ċivili. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, l-ilmentatur għalhekk ma kienx stabilixxa li l-Kummissjoni kienet aġixxiet lil hinn mil-limiti tas-setgħat diskrezzjonali tagħha meta ddeċidiet li teskludi mis-sejħa għal proposti rilevanti dawk l-entitajiet li jaħdmu bi qliegħ. Għalhekk, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman għamel ukoll rimarka kritika dwar in-nuqqas tal-Kummissjoni li tibgħat tagħrifa li rċeviet il-proposti mibgħutin mill-ilmentatur u l-applikanti l-oħrajn meta wieġbu għas sejħa għal proposti.

## 3.4.4 Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF)

### NUQQAS TA' INDIKAZZJONI MILL-OLAF DWAR KEMM KIENET MISTENNIJA LI DDUM INVESTIGAZZJONI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 140/2004/PB kontra l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF)*

Uffiċjal ilmenta kontra l-OLAF fir-rigward tal-mod kif ittratta l-informazzjoni li huwa ppreżentalu dwar illegalitajiet issuspettati f'korp Komunitarju li kien ħadem miegħu. L-ilmentatur allega, fost affarijiet oħrajn, nuqqas ta' informazzjoni mill-OLAF dwar il-perjodu xieraq meħtieġ għalih biex imexxi l-investigazzjonijiet dwar l-ilment tiegħu. Id-dispożizzjoni rilevanti fis-seħħ dak iż-żmien kien fiha l-kundizzjoni dwar każi ta' persuni li jikxfu abbuż li tgħid li l-uffiċjal kellu "jħalli perjodu raġonevoli ta' żmien jgħaddi biex l-[OLAF] jew il-Kummissjoni jieħdu azzjoni xierqa" qabel ma l-uffiċjal jista' jgħarraf lill-kapijiet ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji oħrajn speċifikati dwar xi mġiba ħażina allegata. Barra minn hekk, skond id-dispożizzjoni "il-perjodu raġonevoli" huwa "l-perjodu li ġie indikat mill-Uffiċċju jew mill-Kummissjoni, skond il-każ, bħala dak meħtieġ biex jitmexxew l-investigazzjonijiet" u stipulat li "l-uffiċjal jew l-impjegat għandu jkun informat b'mod xieraq".

Essenzjalment l-OLAF argumenta li din id-dispożizzjoni ma kinitx il-kwistjoni, għax l-ilmentatur ma kienx allega li kien sofra minn konsegwenzi negattivi meta żvela l-informazzjoni barra mill-Kummissjoni jew mill-OLAF. L-OLAF stqarr ukoll li anke kieku d-dispożizzjoni kienet applikabbli, f'dan il-każ kienet ġiet irrispettata bis-sħiħ, peress li l-ilmentatur qatt ma indika li kien jaħseb li kien għadda perjodu raġonevoli ta' żmien.

L-Ombudsman qies: (i) li d-dispożizzjoni inkwistjoni kienet maħsuba biex tagħmel possibbli għall-uffiċjal involut biex ikun jaf meta jista' jiżvela l-informazzjoni lil hinn mill-Kummissjoni jew mill-OLAF, mingħajr ma jsofri xi konsegwenzi negattivi. (ii) li d-dispożizzjoni ma tesiġix li l-uffiċjal involut irid ikun diġà sofra minn konsegwenzi negattivi jew li diġà talab l-informazzjoni dwar il-perjodu raġonevoli ta' żmien; u (iii) li d-dispożizzjoni timponi b'mod ċar obbligu fuq l-OLAF biex jgħaddi lill-uffiċjal, f'kull każ, l-informazzjoni dwar il-perjodu ta' żmien li fih kien mistenni li jikkonkludi l-investigazzjoni tiegħu dwar l-ilment dwar kxif ta' abbuż. Waqt li fakkar li l-ogħla awtorità fit-tifsir u l-interpretazzjoni tal-liġi Komunitarja hija l-Qorti tal-Ġustizzja, l-Ombudsman għamel rimarka kritika dwar il-mod kif l-OLAF ittratta l-każ.

*Nota*

Ir-Regolamenti ta' l-Istaff (2004) emendati fihom regoli speċifiċi li jirregolaw din il-kwistjoni (Titolu II, "Id-Drittijiet u l-obbligi ta' l-uffiċjali").

## 3.4.5 Il-Bank Ewropew għall-Investiment

### KORRISPONDENZA BL-EMAIL MA' APPLIKANT GĦAL XOGĦOL

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1700/2004/MF kontra l-Bank Ewropew għall-Investiment*

L-ilmentatur tniżżel mill-Bank Ewropew għall-Investiment (EIB) f'lista mqassra ta' kandidati għal proċedura ta' selezzjoni. Fit-30 ta' Mejju 2002, l-ilmentatur bagħat email fejn talab informazzjoni dwar il-possibilità li jibda jaħdem ma' l-EIB. Fl-istess ġurnata, il-Kap ta' l-Unità għar-Riżorsi ta' l-EIB bagħat

żewġ emails lill-ilmentatur. Fl-ewwel email huwa kiteb "*Huwa ġġennen għal kollox*" u rrimarka li l-ilmentatur kien bagħat l-applikazzjoni tiegħu lil aktar minn 18-il Kap ta' Unità. Fit-tieni email, huwa ta parir lill-ilmentatur biex jieqaf jikteb aktar emails. Imbagħad għamel din id-dikjarazzjoni li ġejja: "*Inkun grat jekk tieqaf milli tagħmel azzjonijiet simili li m'hux se jħallu effett favorevoli fuq l-applikazzjoni tiegħek.*"

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-allegazzjoni primarja ta' l-ilmentatur kienet li l-Kap ta' l-Unità għar-Riżorsi ta' l-EIB kien ġab ruħu miegħu f'mod abbużiv u intimidatorju fiż-żewġ emails tat-30 ta' Mejju 2002.

L-EIB spjega li l-ewwel email mit-tnejn intbagħat lill-ilmentatur bi żball u li l-EIB sinċerament iddispjaċih għall-kontenut tal-messaġġ. Fir-rigward tat-tieni email, l-ilmentatur ma kienx suġġett għal ebda intimidazzjoni. Il-Kap ta' l-Unità kien sempliċiment bagħat dan l-email biex jipprova jgħin lill-ilmentatur billi jagħtih il-parir li jekk jikkuntattja lill-EIB ta' spiss fir-rigward tal-possibilità li jikseb impjieg, din l-azzjoni setgħet tipperikola ċ-ċansijiet tiegħu.

L-Ombudsman qies li l-kontenut ta' l-ewwel email kien jikkostitwixxi każ ċar ta' użu ta' lingwaġġ mhux xieraq kieku kien indirizzat deliberatament lill-ilmentatur. Peress li l-EIB kien spjega li l-email ntbagħatet lill-ilmentatur bi żball, l-Ombudsman ħaseb li kien jidher li ma kienx hemm raġuni għalfejn għandhom isiru investigazzjonijiet aktar dwar dan l-aspett ta' l-ilment.

L-Ombudsman irrimarka li t-tieni email ta' l-EIB tat-30 ta' Mejju 2002 stabbilixxiet rabta bejn l-emails ta' l-ilmentatur u l-applikazzjoni tiegħu, jiġifieri li din tista' tiġi rrifjutata jekk ikompli jibgħat emails biex jitlob informazzjoni. L-Ombudsman irrimarka li, bl-użu ta' kliem li jistgħu jinftiehmu mill-qarrej normali bħala theddida fit-tweġiba għat-talba ta' l-ilmentatur għal informazzjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu, l-EIB kien naqas li jirrispetta l-Artikolu 11 u 12(1) tal-Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba. Għalhekk l-Ombudsman għamel rimarka kritika.

## TRATTAMENT TA' TALBA GĦAL AĊĊESS GĦAL INFORMAZZJONI MILL-EIB

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3442/2004/PB kontra l-Bank Ewropew għall-Investiment*

L-ilmentatur kien talab għal informazzjoni dwar self li l-Bank Ewropew għall-Investment (EIB) kien għamel disponibbli, permezz ta' banek intermedjarji, għal proġetti żgħar jew ta' daqs medju ta' enerġija li tiġġedded. Huwa allega li l-EIB kien irrifjuta t-talba tiegħu għal raġuni żbaljata. L-EIB spjega l-politika tiegħu li "l-iżvelar ta' informazzjoni ddettaljata dwar allokazzjonijiet globali ta' self huwa r-responsabilità tal-bank intermedjarju (...). Fuq talba, l-EIB jipprovdi dejta aggregata dwar l-iffinanzjar globali tas-self, kif ukoll dejta speċifika dwar pajjiżi u setturi." Skond l-EIB, din il-prattika kienet ibbażata fuq il-ħsieb li r-relazzjoni kuntrattwali aħħarija tal-benefiċjarji hija mal-bank intermedjarju, u mhux ma' l-EIB u li l-EIB m'għandux jiżvela informazzjoni li tkun parti mir-relazzjoni kunfidenzjali bejn il-bank intermedjarju u l-benefiċjarju finali. Fid-dawl ta' l-eċċezzjoni rilevanti fir-Regoli dwar Aċċess Pubbliku għal Dokumenti ta' l-EIB, dan il-ħsieb deher li kien leġittimu. Għalhekk l-Ombudsman sab li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina.

L-ilmentatur allega wkoll li kien hemm dewmien fit-tweġiba ta' l-EIB għall-ilment tiegħu dwar ir-rifjut li jipprovdi aċċess għall-informazzjoni msemmija fuq. L-EIB stqarr li, fid-dawl tal-kumplessità ta' l-ilment ta' l-ilmentatur, kien meħtieġ li jistenna sakemm l-istaff esperti rilevanti kollha setgħu jiġu kkonsultati bis-sħiħ.

Fl-evalwazzjoni tiegħu ta' din l-allegazzjoni, l-Ombudsman irrimarka li hija prattika amministrattiva tajba li wieħed iwieġeb għal ilmenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli u li f'kwalunkwe każ qabel l-iskadenza, jekk ikun hemm, stipulata mill-istituzzjoni involuta. Fil-każ preżenti, l-iskadenza stipulata mill-EIB fil-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba tiegħu kienet ta' xahrejn. L-Ombudsman ma kienx konvint mill-ispjegazzjoni ta' l-EIB dwar it-tweġiba mibgħuta tard, għax ma setax jifhem għalfejn l-EIB ikkunsidra li l-kwistjonijiet imqajmin kienu "kumplessi" skond it-tifsira tad-dispożizzjoni rilevanti fil-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba tiegħu. Għalhekk l-Ombudsman ħaseb li n-nuqqas ta'

l-EIB li jwieġeb għall-ilment ta' l-ilmentatur fid-9 ta' Lulju 2004 qabel l-iskadenza ta' xahrejn stipulata fil-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba tiegħu kien każ ta' amministrazzjoni ħażina u għamel rimarka kritika.

# 3.5 ABBOZZI TA' RAKKOMANDAZZJONIJET AĊĊETTATI MILL-ISTITUZZJONI

## 3.5.1 Il-Kummissjoni Ewropea

### LIMITI FL-ETÀ GĦAL PROGRAMMI TA' APPRENDISTAT

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2107/2002/(BB)PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kien jirrigwarda r-regoli dwar perjodi ta' taħriġ fis-servizz mal-Kummissjoni, li jsemmu espliċitament limitu fl-età ta' 30 sena. L-ilmentatur allega li l-limitu fl-età jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq bażi ta' età u jmur kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jgħid: "Kwalunkwe diskriminazzjoni minħabba kwalunkwe raġuni bħall- [...] età [...] għandha tkun ipprojbita". Skond il-każistika stabbilita tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, differenza fl-itrattar hi diskriminatorja sakemm ma tkunx iġġustifikata minn fatturi oġġettivi.

Il-Kummissjoni argumentat li l-limitu fl-età ta' 30 sena kien iġġustifikat oġġettivament għax il-programm ta' taħriġ fis-servizz tal-Kummissjoni kien maħsub għal żgħażagħ li jkunu fil-bidu tal-karriera tagħhom u għalhekk il-limitu fl-età ma kienx diskriminatorju u kien f'konformità ma' l-Artikolu 21 ta' Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Wara li eżamina b'attenzjoni l-argumenti tal-Kummissjoni, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-limitu fl-età fil-programm ta' apprendistat tagħha kien jikkostitwixxi diskriminazzjoni mhux iġġustifikata. Għalhekk, fil-15 ta' Ġunju 2004 huwa indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni fejn qal li l-limitu fl-età għandu jitneħħa.

Fid-29 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ombudsman li kienet adottat regoli ġodda dwar il-programm ta' apprendistat tagħha li ma kienx fihom limitu fl-età. Ir-regoli kienu applikabbli mill-1 ta' Marzu 2005.

Fuq il-bażi ta' l-investigazzjonijiet tiegħu, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet aċċettat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman u li l-miżura li ttieħdet mill-Kummissjoni kienet sodisfaċenti. Għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

L-Ombudsman irrimarka wkoll li bosta istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità oħrajn japplikaw limitu fl-età fil-programmi ta' apprendistat tagħhom. Għalhekk l-Ombudsman ħabbar li kien se jniedi investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess dwar dawn il-programmi.

## IT-TĦASSIR TA' IMPENN FINANZJARJU

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2111/2002/MF (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur ippreżenta proġett lir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni fi Franza dwar strateġiji ta' komunikazzjoni fir-rigward tat-tkabbir ta' l-UE. Il-proġett kien jinkludi tliet żjarat ta' l-istampa. F'Novembru 2001, il-Kummissjoni għamlet impenn finanzjarju biex tikkofinanzja l-proġett ta' l-ilmentatur b'somma ta' flus ta' EUR 94 854 għat-tliet żjarat. Madankollu, erba' ġimgħat qabel l-aħħar parti tal-proġett li kienet tirrigwarda t-tielet żjara ta' l-istampa, ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni fi Franza ddeċidiet li tħassar l-impenn tagħha.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur stqarr li għandu jirċievi rimbors għall-ispejjeż u kumpens għall-ħsara kkawżata.

Il-Kummissjoni argumentat li d-deċiżjoni inkwistjoni ma kinitx tikkostitwixxi tmiem unilaterali ta' impenn kuntrattwali u li ma kienx hemm obbligu legali lejn l-ilmentatur minn-naħa tagħha. B'riżultat ta' dan, ma kienx jidher li kien hemm kwistjoni ta' ħsara mġarrba.

L-Ombudsman fakkar fl-Artikolu 10 tal-Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba. Huwa rrimarka li l-ilmentatur kien tgħarraf li l-proġett kien ġie approvat u li l-ispejjeż imniżżlin kienu se jiġu koperti. Irrimarka wkoll li l-Kummissjoni kienet għamlet kontribuzzjoni finanzjarja għall-ewwel żewġ żjarat ta' l-istampa. L-Ombudsman ħaseb li, f'dawn iċ-ċirkostanzi, kien raġonevoli li l-ilmentatur jistenna li l-Kummissjoni kienet se tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għall-aħħar żjara ta' l-istampa.

L-Ombudsman għamel proposta għal soluzzjoni bonarja fejn huwa ssuġġerixxa li l-Kummissjoni tieħu miżuri biex tiżgura li l-ilmentatur, sa kemm ikun possibbli, jerġa' jitqpoġġa fl-istess pożizzjoni bħallikieku l-amministrazzjoni ħażina qatt ma saret. Din il-proposta tista' tinkludi offerta raġonevoli ta' kumpens finanzjarju.

Il-Kummissjoni għarrfet lill-Ombudsman li kienet iddeċidiet li taċċetta l-proposta tiegħu. Madankollu, l-ilmentatur irrimarka li, minkejja dan l-impenn, ma kienx ġie kkuntattjat mill-Kummissjoni. Għalhekk l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni fejn ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkuntattja lill-ilmentatur mingħajr dewmien sabiex tintlaħaq ftehima ġusta li tinkludi offerta ta' kumpens raġonevoli.

Il-Kummissjoni fl-aħħar qablet li tħallas lill-ilmentatur kumpens ta' EUR 56 000, li kien ta' sodisfazzjon għall-ilmentatur. Għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

## IS-SELEZZJONI TA' STUDENTI GĦALL-ISKEJJEL EWROPEJ

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1435/2003/MF kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentaturi applikaw biex it-tifel tagħhom jinkiteb fit-taqsima tal-lingwa Ingliża ta' l-iskola primarja fl-Iskola Ewropea f'Ixelles, fi Brussell, għas-sena skolastika 2003/2004 iżda l-applikazzjoni ġiet irrifjutata. Fl-ilment tagħhom lill-Ombudsman, l-ilmentaturi allegaw li ma ngħatawx raġunijiet li jiġġustifikaw id-deċiżjoni li t-tifel jiġi rrifjutat u qalu li din id-deċiżjoni għandha titħassar.

Il-Kummissjoni qalet li r-regoli tad-dħul ta' studenti fl-Iskejjel Ewropej kienu ġew approvati mill-Bord tal-Gvernaturi, li kien iddeċieda li "r-reġistrazzjoni f'waħda mit-taqsimiet tal-lingwa fl-Iskejjel Ewropej (nursery, skola primarja u skola sekondarja) se tkun deċiża, bħala regola, skond l-ilsien ewlieni mitkellem mill-istudent". Fil-każ ta' l-ilmentatur, il-lingwi mitkellmin fil-familja kienu t-Taljan u l-Ispanjol. Iben l-ilmentaturi kien intitolat li jinkiteb fi Skola Ewropea iżda mhux neċessarjament fit-taqsima tal-lingwa magħżula mill-ġenituri tiegħu.

L-Ombudsman irrimarka li l-ittra li ntbagħtet lill-ilmentaturi fil-25 ta' Settembru 2003 mid-Direttur ta' l-Iskola Ewropea f'Ixelles irreferiet kemm għal-lingwi li, skond hu, kienu l-iktar mitkellmin minn iben l-ilmentaturi, jiġifieri l-Ispanjol u t-Taljan, kif ukoll għan-nuqqas ta' postijiet disponibbli fit-taqsima tal-lingwa Ingliża. B'hekk, id-deċiżjoni dehret li kienet imsejsa fuq dawn iż-żewġ kunsiderazzjonijiet. Madankollu, jekk id-dħul f'taqsima tal-lingwa speċifika jiddipendi fuq il-lingwi ewlenin mitkellmin mill-istudent, kien ikun diffiċli li wieħed jifhem għalfejn id-Direttur kien semma wkoll in-nuqqas ta' postijiet disponibbli fit-taqsima tal-lingwa Ingliża, meta wieħed iqis li din il-lingwa ma kinitx, skond id-Direttur, waħda mil-lingwi ewlenin mitkellmin minn iben l-ilmentaturi. Jekk, fuq in-naħa l-oħra, dħul għal taqsima tal-lingwa speċifika jiddipendi fuq id-disponibilità ta' postijiet f'dik it-taqsima, kien diffiċli li wieħed jifhem għalfejn id-Direttur għamel referenza għal-lingwi ewlenin mitkellmin minn iben l-ilmentaturi. Għalhekk l-Ombudsman ħaseb li l-ittra tad-Direttur ta' l-Iskola Ewropea f'Ixelles ma kinitx ċara biżżejjed biex l-ilmentaturi jkunu jistgħu jifhmu r-raġunijiet tad-deċiżjoni li t-tifel tagħhom ma jistax jinkiteb fit-taqsima tal-lingwa Ingliża. Din kienet tikkostitwixxi nuqqas ta' trasparenza fil-proċedura għas-selezzjoni ta' studenti u għalhekk każ ta' amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni li fih qal li l-Kummissjoni għandha tagħmel li tista' biex tiċċara l-kundizzjonijiet għad-dħul ta' studenti fit-taqsimiet tal-lingwa ta' l-Iskejjel Ewropej.

Fl-opinjoni ddettaljata tagħha, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ombudsman li l-Bord tal-Gvernaturi kien iddeċieda li l-Bord ta' l-Ispetturi għandu jinvestiga l-mod kif inhuma organizzati ġeneralment it-taqsimiet tal-lingwa ta' l-Iskejjel Ewropej. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li sadanittant kienet ippreżentant lis-Segretarju-Ġenerali ta' l-Iskejjel Ewropej talba għal kjarifikazzjoni tal-kundizzjonijiet għad-dħul ta' studenti. Bil-għan li tippromwovi tmexxija tajba, it-trasparenza u r-responsabilità fis-sistema ta' l-Iskola Ewropea, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjoni fuq medda wiesgħa dwar l-iżvilupp ta' l-Iskejjel Ewropej, li kellha ddum sat-30 ta' Ġunju 2005.

L-ilmentaturi għarrfu lis-servizzi ta' l-Ombudsman li kienu sodisfatti bl-opinjoni ddettaljata tal-Kummissjoni u li t-tifel tagħhom kien ġie aċċettat fit-taqsima tal-lingwa Ingliża għas-sena skolastika 2005/2006. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet aċċettat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu u li l-miżuri li ħadet il-Kummissjoni kienu sodisfaċenti. Għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ.

## AĊĊESS GĦAL DOKUMENT LI JORIĠINA MINN STAT MEMBRU FIL-PROĊEDURA DWAR IL-BILANĊ EĊĊESSIV

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 116/2005/MHZ kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, Membru tal-Parlament Ewropew, talab lill-Kummissjoni għal aċċess għal ittra mibgħuta lill-Kummissjoni f'Marzu 2004 mill-Ministru tal-Finanzi preċedenti tal-Portugall fil-qafas tal-proċedura dwar il-bilanċ eċċessiv. Il-Kummissjoni invokat l-Artikolu 4(1)(a), ir-raba' inċiż, tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[24], u rrifjutat l-applikazzjoni fuq il-bażi li l-iżvelar ta' l-ittra jista' jdgħajjef il-ħarsien ta' l-interess pubbliku fir-rigward il-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika ta' l-Istat Membru involut.

L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet interpretat l-eċċezzjoni msemmija hawn fuq b'mod wisq wiesa' u qal li għandu jingħata aċċess għad-dokument.

Il-Kummissjoni sostniet li l-iżvelar ta' l-ittra jista' jaffettwa ħażin lill-politika ekonomika u finanzjarja tal-gvern tal-Portugall. Stqarret ukoll li peress li kienet tal-fehma li din l-eċċezzjoni tipprekludiha milli tiżvela l-ittra rilevanti, hija ma kinitx ikkonsultat ma' l-awtoritajiet Portugiżi qabel ma rrifjutat l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur.

24 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p 43.

L-Ombudsman imbagħad kiteb lir-Rappreżentanza Permanenti tal-Portugall fl-Unjoni Ewropea, u talab l-fehma ta' l-awtoritajiet Portugiżi dwar jekk l-iżvelar ta' l-ittra inkwistjoni kienx se jaffettwa ħażin il-politika ekonomika u finanzjarja tal-gvern tal-Portugall. Fit-tweġiba tagħhom l-awtoritajiet Portugiżi kienu tal-fehma li l-ittra inkwistjoni ma kienx fiha elementi li jistgħu jaffettwaw lill-politika ekonomika u finanzjarja tal-Portugall u li għalhekk setgħet tiġi żvelata lill-ilmentatur.

L-Ombudsman bagħat it-tweġiba ta' l-awtoritajiet Portugiżi lill-Kummissjoni u talab lill-Kummissjoni biex tgħarrfu jekk issa kinitx lesta li tagħti aċċess għall-ittra inkwistjoni. Peress li l-Kummissjoni naqset milli twieġeb qabel l-iskadenza preskritta, l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-rifjut tagħha li tagħti aċċess għad-dokument inkwistjoni.

Ftit wara li sar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman irċieva tweġiba mill-Kummissjoni għat-talba tiegħu li saret qabel. F'din it-tweġiba l-Kummissjoni aċċettat li tagħti lill-ilmentatur aċċess għad-dokument inkwistjoni. Flimkien mat-tweġiba kien hemm mehmuż id-dokument. Il-Kummissjoni wkoll talbet skuża għad-dewmien meta wieġbet lill-Ombudsman.

L-Ombudsman ikkonkluda li t-tweġiba tal-Kummissjoni kienet tikkostitwixxi, fis-sustanza tagħha, l-aċċettazzjoni ta' l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu u kienet tinkludi miżuri sodisfaċenti għall-implimentazzjoni tiegħu.

## 3.5.2 Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF)

### INFORMAZZJONI QARRIEQA F'ANALIŻI TA' L-ISTAMPA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3446/2004/GG kontra l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF)*

L-ilmentatur, li kien jaħdem bħala l-korrispondent fi Brussell tal-gazzetta Ġermaniża ta' kull ġimgħa *Stern*, ressaq numru ta' lmenti lill-Ombudsman kontra l-OLAF. Il-każ 1840/2002/GG kien jirrigwarda akkużi ta' l-OLAF li dokumenti kunfidenzjali ta' l-OLAF użati mill-ilmentatur f'żewġ artikli għall-istampa kienu nkisbu permezz ta' tixħim. Wara investigazzjoni, l-Ombudsman għamel rimarka kritika dwar dak il-każ (ara r-*Rapport Annwali 2004* ta' l-Ombudsman). Il-każ 2485/2004/GG (ara taħt, taqsima 3.7.3) kien jirrigwarda stqarrijiet mhux korretti u qarrieqa fil-preżentazzjonijiet ta' l-OLAF lill-Ombudsman waqt l-investigazzjoni dwar il-każ 1840/2002/GG.

Il-każ preżenti kien jirrigwarda analiżi ta' l-istampa għax-xahar ta' Ġunju 2004, li l-OLAF ippubblika fuq il-websajt tiegħu u li kien fiha referenzi għal artikli fis-*Süddeutsche Zeitung* u fl-*EUobserver* dwar il-kunflitt ta' l-ilmentatur ma' l-OLAF. L-ilmentatur allega li, billi jikkwota dawn l-artikli b'mod li t-tifsira tagħhom titgħawweġ u li huwa tendenzjuż, l-OLAF kien naqas milli jġib ruħu b'mod oġġettiv u imparzjali. Wara li saret talba mill-ilmentatur, l-OLAF kien diġà biddel il-paragrafu rilevanti. Madankollu, l-ilmentatur kien tal-fehma li dan kien għadu qarrieq. Huwa qal li l-OLAF għandu jirtira t-test minnufih jew jikkoreġih.

L-Ombudsman ħaseb li t-test ta' l-OLAF kien jimplika biċ-ċar li l-kelliem preċedenti tal-Kummissjoni kien ikkonferma l-akkużi tiegħu kontra l-ilmentatur. Madankollu, skond l-artiklu fis-*Süddeutsche Zeitung*, il-kelliem kien ikkwalifika u naqqas mit-ton ta' l-istqarrijiet tiegħu. Għalhekk, l-Ombudsman ħaseb li t-test ta' l-OLAF kien qarrieq.

Barra minn hekk, l-analiżi ta' l-istampa ta' l-OLAF semmiet li l-viċi-kelliem tiegħu kien qal lill-*EUobserver* li ma ra l-ebda raġuni li titpoġġa ċaħda fir-rigward ta' l-artiklu fis-*Süddeutsche Zeitung*. Madankollu, peress li l-OLAF ma kienx ippreżenta l-kontenut ta' dak l-artiklu b'mod korrett, l-Ombudsman ħaseb li t-tifsira ta' l-istqarrija tal-kelliem kienet tgħawġet. F'abbozz ta' rakkomandazzjoni, huwa għalhekk talab lill-OLAF biex jirrevedi u jikkoreġi l-informazzjoni fl-analiżi ta' l-istampa tiegħu.

Fit-tweġiba tiegħu, l-OLAF issuġġerixxa tliet possibilitajiet kif jista' jiġi implimentat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman. (i) li jitneħħew żewġ paragrafi fl-analiżi ta' l-istampa, (ii) li jinbidel paragrafu wieħed jew (iii) li titneħħa l-analiżi ta' l-istampa kollha mill-websajt tiegħu u ma jibqax joffri dan is-servizz. L-Ombudsman għarraf lill-OLAF li l-ewwel żewġ possibilitajiet dehru li kienu l-aħjar biex tissolva l-problema u li l-ilmentatur ħaseb li t-tieni għażla kienet partikularment xierqa. L-OLAF imbagħad biddel it-test tal-paragrafu inkwistjoni u l-ilmentatur għaraf li l-OLAF kien għamel il-bidliet neċessarji.

Għalkemm innota li l-ilmentatur kien għamel ukoll aktar kritika ta' l-OLAF, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-OLAF aċċetta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu u li l-miżuri li ttieħdu biex jiġi implimentat kienu sodisfaċenti. Għalhekk huwa għalaq il-każ.

## 3.6 KAŻIJIET MAGĦLUQIN GĦAL RAĠUNIJIET OĦRAJN

### 3.6.1 Il-Kummissjoni Ewropea

#### ILMENT MARBUT MA' L-ARTIKOLU 226 DWAR TRASFERIMENT TA' PENSJONI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1423/2004/ELB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, aġent temporanju mal-Parlament Ewropew, preċedentement kien kiseb id-dritt għal pensjoni permezz ta' l-impjieg tiegħu fil-qasam ta' l-agrikoltura fi Franza. Huwa pprova, iżda mingħajr suċċess, jittrasferixxi dan id-dritt għal pensjoni għall-iskema tal-pensjoni tal-Komunità, skond ir-Regolamenti ta' l-Istaff. Huwa mbagħad ressaq ilment marbut ma' l-Artikolu 226 lill-Kummissjoni kontra Franza.

Fl-ilment indirizzat lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet naqset li tittratta l-ilment tiegħu marbut ma' l-Artikolu 226 f'mod xieraq.

Il-Kummissjoni spjegat li, bi ftehim mal-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali ta' Franza, awtorità tal-pensjoni Franċiża kienet qiegħda tikkunsidra l-possibilità li tittrasferixxi d-dritt għal pensjoni, mingħajr ma tagħti kas jekk Franza kinitx irratifikat ftehima speċjali dwar it-trasferiment tad-dritt għal pensjoni. Tat il-parir lill-ilmentatur li jikkuntattja l-amministrazzjoni li kien qiegħed jaħdem magħha (jiġifieri il-Parlament), u jistedinha biex tindirizza avviż meqjus lill-awtorità tal-pensjoni Franċiża rilevanti. Il-Kummissjoni ħasbet li ma kienx xieraq għalissa li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, jekk ma jkunx hemm riżultat fi żmien qasir, il-Kummissjoni jkollha tirrivedi l-pożizzjoni tagħha u tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti. Sussegwentament, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ombudsman bit-tweġiba mibgħuta mill-awtorità tal-pensjoni Franċiża, fejn iddikjarat li dispożizzjonijiet simili għal dawk adottati għar-reġim ġenerali jistgħu jiġu adottati għall-impjegati fil-qasam ta' l-agrikoltura u li t-talbiet imressqin lilha se jiġu eżaminati mill-ġdid.

Fuq il-bażi ta' l-evidenza disponibbli dwar l-attività kontinwa tal-Kummissjoni biex tiżgura konformità mal-liġi Komunitarja f'din il-kwistjoni, l-Ombudsman ħaseb li l-Kummissjoni ma dehritx li kienet ħarġet barra mil-limiti ta' l-awtorità legali tagħha bħala l-gwardjan tat-Trattat. L-Ombudsman ħasibha utli li jagħmel rimarka ulterjuri fejn irrimarka li hu fehem li l-Kummissjoni kienet impenjata biex issib soluzzjoni li tħalli lill-ilmentatur igawdi mid-drittijiet tiegħu bħala impjegat mal-Komunitajiet Ewropej.

## ILMENT MARBUT MA' L-ARTIKOLU 226 F'KAŻ PENDENTI QUDDIEM QORTI SUPREMA NAZZJONALI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3254/2004/(OV)ID kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment lill-Ombudsman allega li l-Kummissjoni ma kinitx ittrattat b'mod xieraq l-ilment marbut ma' l-Artikolu 226 ta' l-ilmentatur, li kien jirrigwarda n-nuqqas ta' l-awtoritajiet Griegi li jirrikonoxxuh bħala Inġinier ta' sustanzi kimiċi fuq il-bażi tal-kwalifika professjonali tiegħu, li kiseb fir-Renju Unit, bħala Inġenier ta' materjali industrijali. L-ilmentatur allega, b'mod partikulari, li fil-każ tiegħu l-Kummissjoni kienet interpretat u applikat b'mod ħażin id-Direttiva 89/48/KEE[25] u l-Artikoli 43 u 47 tat-Trattat KE.

Biex jiddeċiedi jekk kienx iġġustifikat li jmexxi investigazzjoni dwar l-ilment, l-Ombudsman eżamina jekk l-evalwazzjoni tal-merti ta' l-ilment kienet se tinvolvi l-analiżi ta' kwistjonijiet legali jew fattwali li joħorġu minn azzjoni mressqin quddiem qorti nazzjonli jew tal-Komunità. Dan huwa iktar importanti fejn l-ilment jinvolvi kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, peress li l-qrati nazzjonali huma f'pożizzjoni aħjar mill-Ombudsman biex jittrattaw kwistjonijiet bħal dawn.

Wara li eżamina mill-qrib l-ilment, il-kummenti ta' l-ilmentatur dwar l-opinjoni tal-Kummissjoni, u l-azzjoni ta' annullament li l-ilmentatur kien ressaq quddiem il-Kunsill ta' l-Istat (Il-Qorti Suprema Amministrattiva) tal-Greċja f'Settembru 2004, l-Ombudsman sab li evalwazzjoni tal-merti ta' l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur tkun tinvolvi analiżi sħiħa tal-kwistjonijiet li ħarġu mill-azzjoni ta' l-ilmentatur quddiem il-Kunsill ta' l-Istat tal-Greċja, inklużi, *inter alia*, kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni Griega rigward ir-regolamentazzjoni fil-Greċja ta' l-attivitajiet professjonali ta' "Inġinier ta' materjali industrijali, bi speċjalizzazzjonali fix-Xjenza u t-Teknoloġija Polimerika" u r-relazzjoni tagħhom ma' l-attivitajiet li jaqgħu fl-iskop tal-professjoni ta' Inġinier ta' sustanzi kimiċi, kif irregolat f'dak l-Istat Membru. Skond dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman ikkonkluda li iktar investigazzjoni u kunsiderazzjoni ta' l-ilment ma kinux iġġustifikati, peress li, fl-essenza, dawn iwasslu għall-irduppjar tal-proċeduri legali mibdijin mill-ilmentatur quddiem il-Kunsill ta' l-Istat tal-Greċja.

Madankollu, l-Ombudsman fisser iċ-ċirkostanzi fejn l-ilmentatur jista' jġedded l-ilment tiegħu lill-Ombudsman wara li jkunu tlestew il-proċeduri legali nazzjonali.

## SELF MINGĦAJR ĦLAS TA' KOTBA MINN LIBRERIJI PUBBLIĊI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar ilmenti kollettivi 3452/2004/JMA u oħrajn kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-Ombudsman irċieva numru kbir ta' lmenti dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tibda proċedimenti ta' ksur kontra Spanja fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/100 dwar drittijiet relatati mad-dritt ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali[26].

Skond l-ilmentaturi, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-prattika tal-libreriji pubbliċi Spanjoli li jsellfu kotba lill-pubbliku mingħajr ħlas kienet tmur kontra d-Direttiva. Huma allegaw li l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tad-Direttiva u d-deċiżjoni sussegwenti li tibda proċedimenti ta' ksur kontra Spanja jdgħajfu l-preżenza ta' libreriji pubbliċi bħala servizz pubbliku bażiku u jmorru kontra d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini li jkollhom aċċess għall-kultura.

Bħala parti mill-investigazzjoni tiegħu fil-każ, l-Ombudsman talab informazzjoni mill-Ombudsmen nazzjonali u reġjonali fin-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. Fuq il-bażi tat-tweġibiet li waslu min-

25 Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar sistema ġenerali għall-għarfien ta' diplomi ta' edukazzjon għolja li jingħataw mat-tlestija ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin, ĠU 1989 L 19, p 16.

26 Direttiva tal-Kunsill 92/100/KEE tad-19 ta' Novembru 1992 dwar id-dritt tal-kiri u d-dritt tas-self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-dritt ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, ĠU 1992 L 346, p 61.

Netwerk, kien jidher li ħafna Stati Membri kien irnexxilhom jimplimentaw b'mod tajjeb id-Direttiva 92/100 b'mod li ma kienx jinvolvi pagamenti minn individwi li jsellfu kotba mil-libreriji pubbliċi.

Il-Kummissjoni spjegat li kienet bdiet proċedimenti ta' ksur, mhux minħabba li l-libreriji pubbliċi fi Spanja jsellfu kotba mingħajr ħlas, iżda minħabba li l-awtoritajiet Spanjoli kienu naqsu li jiżguraw li l-awturi jitħallsu għas-self tax-xogħlijiet tagħhom minn libreriji pubbliċi. Rispett għad-dritt ta' l-awtur u drittijiet relatati u r-remunerazzjoni għal dawn id-drittijiet, kif stipulat fid-Direttiva 92/100, ma jfissirx li dawk li jsellfu ma jistgħux isellfu aktar kotba mingħajr ħlas, u lanqas ma jfisser li l-libreriji se jkollhom iħallsu miżati żejda. F'ħafna mill-Istati Membri, din ir-remunerazzjoni hi ffinanzjata mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti. Il-Kummissjoni għarrfet l-Ombudsman ukoll li kienet ippreżentat il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja (Każ C-36/05).

Meta qies il-proċeduri legali fil-Qorti tal-Ġustizzja, l-Ombudsman wera li ma kienx qiegħed jikkunsidra l-każ aktar. Huwa emfasizza li l-investigazzjoni tiegħu, u speċjalment il-koperazzjoni ma' l-ombudsmen nazzjonali, kienu ta' għajnuna biex jiċċaraw għall-ilmentaturi r-raġunijiet ta' l-azzjonijiet tal-Kummissjoni u l-possibilitajiet li ssir implimentazzjoni tajba tad-Direttiva.

## 3.7 KAŻIJIET MAGĦLUQIN WARA RAPPORT SPEĊJALI



### 3.7.1 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

#### NUQQAS LI JINGĦATAW RAĠUNIJIET VALIDI GĦALFEJN TITKOMPLA L-PRATTIKA TA' TFASSIL TA' LEĠIŻLAZZJONI WARA BIBIEN MAGĦLUQIN

*Sommarju ta' rapport speċjali wara l-ilment 2395/2003/GG kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

L-ilmentaturi, MEP Ġermaniż u rappreżentant tal-fergħa taż-żgħażagħ ta' l-Unjoni Demokratika Kristjana (CDU), allegaw li r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ma kinux konformi ma' l-Artikolu 1(2) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, li jistipulaw li l-Kunsill u l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħrajn tal-Komunità jridu jieħdu deċiżjonijiet kemm jista' jkun fil-miftuħ.

Il-Kunsill argumenta li l-livell ta' trasparenza fil-laqgħat tiegħu huwa għażla politika li ssir mill-Kunsill. L-Ombudsman ma qabilx fuq il-bażi li l-Artikolu 1(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea japplika għall-Kunsill u li, għalkemm l-Artikolu 204 tat-Trattat KE jipprovdi l-possibilità li jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, ma jipprovdix il-punt sa fejn il-laqgħat tiegħu fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu jkunu miftuħin għall-pubbliku għandha titqies bħala għażla politika u li titħalla għad-diskrezzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill argumenta wkoll li l-Artikolu 1(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kemm jindika li l-Unjoni *futura* għandha tkun miftuħa kemm jista' jkun. L-Ombudsman kien tal-fehma li għandhom jitqiesu wkoll żviluppi li saru mindu ġie adottat l-Artikolu fil-forma preżenti tiegħu fl-1997. Huwa rrimarka li l-Kunsill kien diġà adotta Regoli ta' Proċedura ġodda fl-2000 li jistipulaw iktar trasparenza fil-laqgħat tiegħu bħala leġiżlatur. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, il-Kunsill b'hekk għamilha ċara li passi biex tiżdied it-trasparenza ta' l-attività leġiżlattiva tiegħu jridu u jistgħu jsiru. L-adozzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura ġodda kkonfermat ukoll li din kienet u hija possibbli skond il-liġi tal-Komunità kif inhi bħalissa.

Għalhekk l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kunsill kien naqas milli jippreżenta xi raġunijiet validi għalfejn m'huwiex kapaċi jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu bil-għan li jiltaqa' fil-pubbliku kull meta jkun qiegħed jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu. L-Ombudsman bagħat din is-sejba ta'

amministrazzjoni ħażina lill-Parlament Ewropew f'rapport speċjali, b'rakkomandazzjoni li l-Kunsill *"għandu jirrivedi r-rifjut tiegħu li jiddeċiedi li jiltaqa' fil-pubbliku kull meta jkun qiegħed jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu"*.

## 3.7.2 Il-Kummissjoni Ewropea

### SPEJJEŻ EDUKATTIVI GĦAL TFAL BI BŻONNIJIET EDUKATTIVI SPEĊJALI

*Sommarju tar-rapport speċjali wara l-ilment 1391/2002/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur kien uffiċjal tal-Kummissjoni b'tifla bi bżonnijiet edukattivi speċjali li ma setgħux jiġu ssodisfati mill-Iskejjel Ewropej, li jipprovdu edukazzjoni mingħajr ħlas għall-Istaff ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità. Peress li l-Iskejjel Ewropej ma kinux kapaċi jieħdu ħsieb bintu, l-ilmentatur kellu jibgħat lit-tifla fi skola differenti u jħallas parti mill-ispejjeż għall-edukazzjoni tagħha.

Waqt li mexxa l-investigazzjoni, l-Ombudsman irċieva 21 ilment ieħor li kienu jinvolvu fatti simili u li allegaw l-istess ħaġa.

L-investigazzjoni ta' l-Ombudsman uriet li l-integrazzjoni ta' tfal b'diżabilità fis-sistema edukattiva normali kien għan politiku tal-Kummissjoni, li madankollu, sal-lum, mhix mandatorja. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward hemm diverġenza konsiderevoli bejn il-liġijiet u l-prattiki ta' l-Istati Membri. F'dan l-isfond, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni kienet offriet spjegazzjoni raġonevoli għalfejn l-Iskejjel Ewropej jieħdu ħsieb biss uħud mit-tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali, waqt li tfal b'diżabilitajiet iktar gravi m'humiex integrati fl-Iskejjel. L-Ombudsman ma kienx konvint, madankollu, li l-Kummissjoni kienet spjegat b'mod xieraq l-aspetti finanzjarji tal-kwistjoni. Finnuqqas ta' spjegazzjoni, l-Ombudsman sab diskriminazzjoni mhux iġġustifikata fit-trattar finanzjarju differenti ta' l-istaff.

Għalhekk l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni fejn qal li għandha tieħu l-passi neċessarji biex tiżgura li l-ġenituri ta' tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali li huma esklużi mill-Iskejjel Ewropej minħabba l-grad ta' diżabilità tagħhom m'għandhomx jintalbu li jikkontribwixxu għall-ispejjeż edukattivi tat-tfal tagħhom.

L-opinjoni ddettaljata tal-Kummissjoni esprimiet l-ħerqa tagħha fil-prinċipju li tirrivedi l-politika attwali, suġġett għal restrizzjonijiet baġitarji li jistgħu jiġu ffaċċjati waqt il-proċess tal-baġit. Għalkemm inkoraġġanti, dan ma kienx ifisser l-aċċettar mingħajr ekwivoki ta' l-abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Għalhekk l-Ombudsman ħaseb li kien xieraq li jagħmel rapport speċjali lill-Parlament Ewropew, li kien fih rakkomandazzjoni fuq l-istess termini bħall-abbozz ta' rakkomandazzjoni ta' qabel.

## 3.7.3 Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF)

### PROVVEDIMENT TA' INFORMAZZJONI ĦAŻINA U QARRIEQA LILL-OMBUDSMAN WAQT INVESTIGAZZJONI PREĊEDENTI

*Sommarju tar-rapport speċjali wara l-ilment 2485/2004/GG kontra l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF)*

L-ilmentatur, li kien korrispondent fi Brussell tal-gazzetta ta' kull ġimgħa Ġermaniża *Stern*, kien kiseb kopji ta' dokumenti kunfidenzjali ta' l-OLAF u kien użahom f'żewġ artikli. Ġimagħtejn wara, l-OLAF ippubblika stqarrija għall-istampa fejn stqarr li "ġurnalist" kien kiseb numru ta' dokumenti

kunfidenzjali ta' l-OLAF, forsi "billi ħallas impjegat tas-servizz ċivili" u li għalhekk kien iddeċieda li jmexxi investigazzjoni interna. L-ilmentatur u l-gazzetta tiegħu ħasbu li, għalkemm l-ebda isem ma ssemma fl-istqarrija għall-istampa, l-akkuża ta' tixħim kellha tinftiehem li kienet tipponta lejhom. Skond l-ilmentatur, dik l-akkuża ma kellha l-ebda bażi.

Meta l-OLAF irrifjuta li jirtira l-istqarrija għall-istampa, l-ilmentatur ressaq ilment lill-Ombudsman (każ 1840/2002/GG). Waqt l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman dwar dak l-ilment, l-OLAF ċaħad l-akkużi ta' l-ilmentatur u ppreżenta numru ta' argumenti sabiex juri li r-referenza għal "ġurnalist" setgħet kienet għal bosta ġurnalisti li ppubblikaw artikli li jindikaw li kellhom fil-pussess tagħhom id-dokumenti inkwistjoni. Għalhekk, issuġġerixxa li "r-referenza tista' tkun għal kwalunkwe ġurnalist ieħor, peress li l-OLAF ma stqarrx li l-investigazzjoni kienet marbuta ma' xi materjal speċifiku li kien diġà ġie ppubblikat".

Madankollu, fuq il-bażi ta' l-evidenza fil-pussess tiegħu, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni li l-istqarrija għall-istampa rilevanti kellha tinftiehem li kienet qiegħda tirriferi għall-ilmentatur u li l-OLAF ma kienx ippreżenta kwalunkwe evidenza biex jappoġġja l-akkuża li kien għamel fl-istqarrija. Għalhekk l-Ombudsman indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-OLAF fejn stieden lill-OLAF biex jirtira l-allegazzjoni ta' tixħim. Peress li l-Ombudsman ħaseb li l-OLAF ma kienx implimenta kif xieraq dan l-abbozz ta' rakkomandazzjoni, hu għamel rimarka kritika.

Sussegwentament, l-uffiċċju tal-prosekutur Belġjan għamel tiftixa ta' l-uffiċċju u tad-dar ta' l-ilmentatur fi Brussell, u ġabru numru kbir ta' dokumenti. Ħareġ li dawn il-miżuri li ttieħdu fl-investigazzjoni kienu bbażati fuq informazzjoni li l-OLAF kien bagħat lill-awtoritajiet Ġermaniżi u Belġjani. L-ilmentatur ressaq ilment ġdid lill-Ombudsman, fejn ippreżenta kopji ta' l-ittra ta' l-OLAF lill-awtoritajiet, li, skond hu, urew li l-OLAF kien ipprovda informazzjoni ħażina fil-kuntest tal-każ 1840/2002/GG li x'aktarx kienet se tqarraq lill-Ombudsman u timmanipula l-investigazzjoni tiegħu.

L-OLAF iddikjara li l-istqarrijiet tiegħu kienu kompletament preċiżi u ma kinux qarrieqa.

L-Ombudsman eżamina erba' stqarrijiet jew gruppi ta' stqarrijiet li l-ilmentatur kien ħaseb li kienu ħżiena jew qarrieqa u wasal għall-konklużjoni li l-OLAF kien fil-fatt ipprovda informazzjoni ħażina u qarrieqa f'kull wieħed mill-erba' każi. Għalhekk l-Ombudsman indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-OLAF, fejn talbu jagħraf li kien għamel stqarrijiet ħżiena u qarrieqa lill-Ombudsman fir-rigward tal-każ 1840/2002/GG.

Wara li eżamina l-opinjoni ddettaljata ta' l-OLAF, l-Ombudsman ħaseb li l-OLAF kien fil-fatt irrifjura li jaċċetta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni. Għalhekk huwa indirizza rapport speċjali lill-Parlament Ewropew fejn ressaq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu bħala rakkomandazzjoni.

## 3.8 INVESTIGAZZJONI TA' L-OMBUDSMAN FUQ INIZJATTIVA TIEGĦU STESS

### PAGAMENT GĦAL TIŻJIN BIL-FJURI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess OI/3/2005/OV (Kunfidenzjali) li tirrigwarda l-Kummissjoni Ewropea*

F'April 2005, l-Ombudsman irċieva lment minn bejjiegħ tal-fjuri minn pajjiż li mhux fl-UE dwar in-nuqqas allegat tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni f'dak il-pajjiż ("id-Delegazzjoni") li jħallsu rimbors lill-ilmentatur għat-tiżjin bil-fjuri li huwa kien ipprovda għaċ-Ċentru għall-Istampa tad-Delegazzjoni li kien għadu kif infetaħ. L-ilmentatur stqarr li l-Kummissjoni għandha twettaq il-ftehima orali fuq dil-kwistjoni u tħallsu għas-servizz li huwa kien ipprovda.

L-Ombudsman ma setax jiftaħ investigazzjoni dwar l-ilment fih innifsu, għax l-ilmentatur ma kienx ċittadin ta' l-UE u ma kienx residenti fi Stat Membru ta' l-UE (l-Artikolu 195 tat-Trattat KE). Madankollu, meta wieħed iqis li l-kwistjoni kienet timmerita li tiġi eżaminata, l-Ombudsman iddeċiedi li jiftaħ investigazzjoni kontra l-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni fuq inizjattiva tiegħu stess.

Il-Kummissjoni spjegat li kienet għamlet l-uffiċċji tagħha taċ-Ċentru għall-Istampa u għall-Informazzjoni tad-Delegazzjoni disponibbli għall-Ambaxxata Taljana u għal fondazzjoni assoċjata biex tittella' manifestazzjoni u li t-tiżjin bil-fjuri kien ġie pprovdut f'dan il-kuntest. Il-kuntratt ta' l-ilmentatur għall-provvediment tat-tiżjin bil-fjuri kien ma' l-ambaxxata Taljana u mal-fondazzjoni. L-ebda kuntratt ma kien ġie ffirmat bejn id-Delegazzjoni u l-ilmentatur.

L-Ombudsman ikkonkluda li fil-fatt ma kienx jeżisti kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-ilmentatur fir-rigward tat-tiżjin bil-fjuri u li din il-konklużjoni ma tinbidilx mill-fatt li t-tiżjin innifsu kien provdut fil-bini tad-Delegazzjoni. Għalhekk l-Ombudsman sab li t-talba għal pagament ta' l-ilmentatur kontra lill-Kummissjoni ma setgħetx tiġi sostnuta u li dan ma kienx każ ta' amministrazzjoni ħażina.

Madankollu, l-Ombudsman għarraf lill-ilmentatur li hu seta' jikkunsidra jressaq ilment lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Italja. Meta wieħed jikkunsidra li waħda mir-raġunijiet għalfejn l-ilmentatur kien iffaċċja problemi kienet li l-persuna inkarigata fl-ambaxxata Taljana kienet telqet mill-ambaxxata, deher lill-Ombudsman li jkun xieraq li jibgħat kopja tad-deċiżjoni tiegħu lill-ambaxxata Taljana fil-pajjiż tad-Delegazzjoni.

L-ilmentatur wieġeb lill-Ombudsman u stqarr li d-deċiżjoni tiegħu kienet tajba u tista' tgħinu jsolvi l-ilment tiegħu.



©iStockphoto.com/Louis16

# 4 RELAZZJONIJIET MA’ ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA’ L-UNJONI EWROPEA

`

# 4 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Relazzjonijiet ta' ħidma kostruttivi bejn l-Ombudsman Ewropew u l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE huma vitali biex jiġi żgurat li l-ilmenti taċ-ċittadini jiġu indirizzati fil-ħin u b'mod effiċjenti. L-Ombudsman juża l-opportunitajiet offruti mil-laqgħat ma' Membri ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi u l-uffiċjali tagħhom biex jispjega l-ħsieb li fuqu x-xogħol tiegħu hu msejjes, kif l-aħjar jirrispondu għall-ilmenti li hu jressaq għall-attenzjoni tagħhom u kif jistgħu jittejbu l-proċeduri. Dan jgħinu jaqdi l-irwol doppju tiegħu, kemm bħala mekkaniżmu ta' kontroll estern u kemm bħala riżors biex jgħin fit-titjib tal-kwalità ta' l-amministrazzjoni. L-Ombudsman jistieden ukoll rappreżentanti ta' istituzzjonijiet u korpi oħrajn sabiex jindirizzaw lill-istaff tiegħu bil-ħsieb li jżommhom aġġornati rigward żviluppi politiċi u leġiżlattivi fl-Unjoni. Fl-aħħarnett, huwa jiskambja informazzjoni ta' spiss ma' interlokuturi ewlenin, bħal m'huwa l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, li xogħlu huwa direttament rilevanti għall-ħidma ta' l-Ombudsman.

Fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni, l-Ombudsman fittex li jibni fuq il-koperazzjoni li żviluppat sal-lum sabiex jaċċerta amministrazzjoni ta' l-UE mill-aqwa. Dan il-għan kien segwit l-iżjed waqt il-pranzu formali għall-Presidenti u s-Segretarji Ġenerali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-EU u l-Kapijiet tal-korpi u l-aġenziji ta' l-UE li sar fis-17 ta' Novembru (ara taqsima 6.1). Il-President tal-Kummissjoni Ewropea, is-sur José Manuel BARROSO, li f'din l-okkażjoni għamel id-diskors prinċipali, tenna l-impenn li esprima matul il-laqgħa ta' l-Ombudsman tal-25 ta' Mejju mal-Kulleġġ tal-Kummissarji li jaħdem mill-qrib ma' l-Ombudsman għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Din il-laqgħa hija rapportata b'mod dettaljat hawn taħt f'taqsima 4.2.

## L-Ombudsman u l-Parlament — relazzjoni speċjali

Ir-relazzjoni speċjali ta' l-Ombudsman mal-Parlament Ewropew, li jaħtar l-Ombudsman u li lilu l-Ombudsman jagħmel rapport annwalment, għandha importanza partikulari. Huwa jgawdi relazzjoni ta' ħidma fejjieda mal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament, li huwa responsabbli għar-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman, u jfassal ir-rapport dwar ir-Rapport Annwali tiegħu. Iżjed minn hekk, waqt laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li saret fit-12 ta' Ottubru 2005, l-Ombudsman impenja ruħu, skond ir-Regola 195(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, li jidher quddiem il-Kumitat fuq talba tiegħu stess, kull meta jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament.

Id-dibatittu plenarju annwali tal-Parlament dwar il-ħidmiet ta' l-Ombudsman hija data importanti fil-kalendarju ta' l-Ombudsman, għax tipprovdi okkażjoni għal skambju wiesa' ta' opinjonijiet dwar ix-xogħol ta' l-imgħoddi ta' l-Ombusdman u dwar inizjattivi tiegħu għall-futur.

L-Ombudsman jikkopera mill-qrib bl-istess mod ma' l-amministrazzjoni tal-Parlament sabiex jagħmilha possibbli li l-Uffiċċju tiegħu jaħdem b'mod effettiv. Il-koperazzjoni interistituzzjonali hija fundamentali sabiex isir l-aqwa użu ġudizzjuż mir-riżorsi mogħtijin lill-Uffiċċju tiegħu. Dan jgħin sabiex tiġi evitata dupplikazzjoni ta' l-istaff u, fejn hu possibbli, biex jiġu żgurati ekonomiji ta' skala. B'mod partikulari dan huwa l-każ f'numru ta' kwistjonijiet baġitarji u amministrattivi (ara Anness B). Sabiex jiġi aċċertat li l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman innifisha tingħata riżorsi proporzjonati mal-ħidmiet li hi mitluba tagħmel, l-Ombudsman jaħdem mill-qrib ma' l-awtorità baġitarja ta' l-UE, billi jiltaqa' mar-rappreżentanti istituzzjonali rilevanti sabiex jispjega u jiddefendi l-prijoritajiet ta' l-istituzzjoni. Fl-2005 saret firxa wiesgħa ta' laqgħat f'dan ir-rigward.

Dan il-kapitolu fih ħarsa ġenerali lejn il-laqgħat u l-attivitajiet li saru ma' Membri ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi ta' l-UE u l-uffiċjali tagħhom matul l-2005[1].

1 Il-laqgħat u l-attivitajiet saru fi Brussell, fil-Lussemburgu u fi Strasburgu.

## 4.1 IL-PARLAMENT EWROPEW

22 ta' Frar: Laqgħa mal-*Jurisconsult* tal-Parlament Ewropew, is-Sur Gregorio GARZÓN CLARIANA.

7 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MEP.

8 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Josep BORRELL FONTELLES, President tal-Parlament Ewropew.

10 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Stanisław JAŁOWIECKI MEP.

10 ta' Mejju: Preżentazzjoni tar-*Rapport Annwali 2004* ta' l-Ombudsman lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

11 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Gregorio GARZÓN CLARIANA.

8 ta' Ġunju: Laqgħa mas-Sur Valdis DOMBROVSKIS MEP, Rapporteur tal-Parlament Ewropew dwar il-baġit ta' l-Ombudsman Ewropew għall-2006.

6 ta' Lulju: Laqgħa ma' Sir Robert ATKINS MEP.

6 ta' Lulju: Laqgħa mas-Sur Julian PRIESTLEY, Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew.

7 ta' Lulju: Laqgħa mas-Sur Manolis MAVROMMATIS MEP, Rapporteur tal-Parlament Ewropew dwar ir-*Rapport Annwali 2004* ta' l-Ombudsman Ewropew.

6 ta' Settembru: Pranzu, ospitat mill-Ombudsman Ewropew, f'ġieħ il-Bureau u l-Koordinaturi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Is-Sur Marcin LIBICKI MEP, Chairman tal-Kumitat, is-Sinjura Marie PANAYOTOPOULOS-CASSIOTOU MEP, is-Sinjura Alexandra DOBOLYI MEP, is-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MEP u s-Sur David LOWE, Kap tas-Segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, attendew għall-pranzu.

8 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sur Proinsias DE ROSSA MEP.

14 ta' Settembru: Laqgħat mas-Sur Herbert BÖSCH MEP u mas-Sur Julian PRIESTLEY.

27 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sur Gregorio GARZÓN CLARIANA.

27 ta' Settembru: Riċeviment għall-Membri tal-Parlament Ewropew u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew biex jiċċelebraw l-għaxar anniversarju mit-twaqqif ta' l-Ombudsman Ewropew (ara taqsima 6.1). L-indirizz prinċipali waqt dan ir-riċiviment sar mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep BORRELL FONTELLES.

10 ta' Ottubru: Laqgħat mas-Sinjura Alexandra DOBOLYI MEP u mas-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MEP.

12 ta' Ottubru: Laqgħat mas-Sur Herbert BÖSCH MEP u ma' Sir Robert ATKINS MEP.

27 ta' Ottubru: Preżentazzjoni tar-*Rapport Annwali 2004* ta' l-Ombudsman lis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew (ara Taqsima 6.1).

## 4.2 IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Fil-25 ta' Mejju, l-Ombudsman Ewropew iltaqa' mal-Kulleġġ tal-Kummissarji fi Brussell. Is-Sur DIAMANDOUROS intlaqa' mill-President tal-Kummissjoni, is-Sur José Manuel BARROSO, li esprima l-impenn tiegħu li jaħdem ma' l-Ombudsman mill-qrib sabiex jaċċerta li d-drittijiet taċ-ċittadini jkunu rispettati b'mod sħiħ. Il-Viċi President tal-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-

Komunikazzjoni, is-Sinjura Margot WALLSTRÖM, imbagħad ipproponiet numru ta' modi kif tista' tittejjeb il-koperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. Fost il-miżuri kkunsidrati kien hemm ir-rabta ta' riedni qawwija politika mill-Kummissarji rispettivi ma' kull każ, it-tisħiħ tal-koordinazzjoni, tal-monitoraġġ u tas-segwitu tal-każi mis-Servizz Legali u mis-Segretarjat Ġenerali, u t-tkabbir ta' l-isforzi sabiex ikun hemm qbil mas-soluzzjonijiet bonarji proposti mill-Ombudsman. Bil-ħsieb li tiggarantixxi dan it-titjib, il-Viċi President tal-Kummissjoni proponiet li l-uffiċjali tan-netwerk tal-koordinaturi tal-Kummissjoni li jieħdu ħsieb l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman u l-uffiċjali mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman għandhom jiltaqgħu regolarment u jorganizzaw korsijiet ta' taħriġ dwar ir-relazzjonijiet u l-arranġamenti tax-xogħol bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.

Imbagħad l-Ombudsman ippreżenta x-xogħol tiegħu lill-Kulleġġ, u għamel enfasi partikulari fuq l-irwol tiegħu bħala riżorsa li tgħin it-titjib tal-kwalità ta' l-amministrazzjoni. F'dan ir-rigward, l-Ombudsman irrefera għall-Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba u ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu inizjattiva u twaqqaf is-sitwazzjoni konfuża preżenti, fejn istituzzjonijiet u korpi differenti japplikaw varjetà ta' kodiċi differenti. L-Ombudsman daqstant ieħor ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra li tadotta miżuri maħsubin biex tinfirex u tissaħħaħ l-aqwa prattika fost id-Direttorati-Ġenerali varji u d-dipartimenti tal-Kummissjoni oħrajn fit-tħejjija tar-risposti għall-mistqosijiet tiegħu. Fl-aħħarnett, l-Ombudsman ħabbar li biħsiebu jagħmel aktar użu mis-setgħat tiegħu biex jipproponi lill-Kummissjoni soluzzjonijiet bonarji u biex jiftaħ investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess sabiex jiddentifika l-problemi u jħeġġeġ l-aqwa prattika.

Wara l-preżentazzjoni, l-Ombudsman ingħaqad mal-Kulleġġ għall-ikel sabiex ikompli d-diskussjoni dwar ix-xogħol tiegħu għaċ-ċittadini.

Minbarra din l-attività, dawn li ġejjin huma laqgħat li saru ma' Kummissarji u uffiċjali fl-2005:

12 ta' Jannar: Laqgħa mas-Sinjura Margot WALLSTRÖM, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Komunikazzjoni.

23 ta' Frar: Laqgħa mas-Sur Siim KALLAS, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Affarijiet Amministrattivi, Awditjar u ta' Kontra l-Frodi.

12 ta' April: Laqgħa mas-Sinjura Margot WALLSTRÖM.

10 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Giuseppe MASSANGIOLI, Direttur fil-Kummissjoni Ewropea responsabbli mir-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman Ewropew.

7 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sur Giuseppe MASSANGIOLI u mas-Sur Andrea PIERUCCI, Kap tat-Taqsima fil-Kummissjoni.

14 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sur Siim KALLAS.

## 4.3 IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA

F'Mejju 2005, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS), is-Sur Peter HUSTINX, ikkonsulta lill-Ombudsman Ewropew waqt it-tħejjija tad-dokument ta' bażi ta' l-EDPS Nru 1 dwar *L-aċċess pubbliku għad-dokumenti u l-protezzjoni tad-dejta* (disponibbli fuq il-websajt ta' l-EDPS http://www.edps.europa.eu). Tagħrif dwar il-koperazzjoni bejn l-Ombudsman u l-EDPS fl-ittrattar ta' l-ilmenti huwa pprovdut f'taqsima 2.8.1.

Fl-20 ta' Ottubru, l-Ombudsman iltaqa' mas-Sur Peter HUSTINX u ma' l-Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, is-Sur Joaquín BAYO DELGADO. Din il-laqgħa offriet opportunità biex jiġu eżaminati mill-ġdid il-koperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, speċjalment b'rabta ma' lmenti lill-Ombudsman li fihom jitqajmu kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta. Aktar kmieni matul dik il-ġurnata, is-Sur DIAMANDOUROS kien ta merħba lill-Uffiċjali

għall-Protezzjoni tad-Dejta ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għal laqgħa li kienet ospitata mis-Sur Alessandro DEL BON, l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta ta' l-Ombudsman Ewropew, u mis-Sur Jonathan STEELE, l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-Parlament Ewropew. Wara nofs in-nhar, il-laqgħa ta' l-Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-Dejta saret fil-preżenza tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u ta' l-Assistent Kontrollur.

## 4.4 ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRAJN

20 ta' Jannar: Laqgħa u pranzu formali ospitati mis-Sur DIAMANDOUROS għall-Kapijiet ta' l-Amministrazzjoni ta' l-istituzzjonijiet Ewropej.

21 ta' Jannar: Attendenza għad-dikjarazzjoni solenni quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja mill-President u mill-Membri l-ġodda tal-Kummissjoni Ewropea.

8 ta' Ġunju: Laqgħa mas-Sur David WALKER, Direttur ta' l-Iskola Amministrattiva Ewropea.

5 ta' Ottubru: Attendenza għad-dikjarazzjoni solenni quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja mill-Membri tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili ta' l-Unjoni Ewropea li għadu kif twaqqaf.

11 ta' Ottubru: Diskors dwar "L-Irwol ta' l-ombudsman u l-koperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u kontropartijiet reġjonali" lill-Bureau tal-Kumitat tar-Reġjuni.

24 ta' Ottubru: Diskors mis-Sur Bo VESTERDORF, President tal-Qorti tal-Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, lill-istaff ta' l-Ombudsman Ewropew, dwar it-tema tar-"Relazzjoni bejn il-qrati u l-ombudsmen".



Is-Sur Bo Vesterdorf (it-tieni mix-xellug), President tal-Qorti ta' Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, jindirizza lill-istaff ta' l-Ombudsman Ewropew. Strasburgu, Franza, 24 ta' Ottubru 2005.

17 ta' Novembru: Pranzu formali għall-Presidenti u s-Segretarji Ġenerali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u għall-Kapijiet tal-korpi u l-aġenziji ta' l-UE sabiex jitfakkar l-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew (ara taqsima 6.1).



# 5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI

©iStockphoto.com/Louis16

# 5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI

L-Ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom irwol ewlieni sabiex jiżguraw li d-drittijiet taċ-ċittadini skond il-liġi ta' l-UE jkunu rispettati b'mod sħiħ fl-Unjoni kollha. L-Ombudsman Ewropew jikkopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu sabiex jaċċerta li l-ilmenti taċ-ċittadini dwar il-liġi ta' l-UE jkunu indirizzati mill-ewwel u b'mod effettiv. Din il-koperazzjoni fil-biċċa l-kbira ssir taħt il-patroċinju tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen, li l-attivitajiet tiegħu ta' l-2005 huma deskritti b'mod dettaljat hawn taħt f'taqsima 5.1. Dan il-kapitolu jagħti dettalji wkoll dwar il-varjetà usa' ta' konferenzi u laqgħat li l-Ombudsman u l-istaff tiegħu ħadu sehem fihom fl-2005, bil-ħsieb li jippromwovu l-prattika ta' l-ombudsman ma' l-Unjoni kollha u lil hinn. Dan jispiċċa b'ħarsa ġenerali lejn il-laqgħat bilaterali li saru bejn l-Ombudsman Ewropew u l-kollegi tiegħu.

## 5.1 IN-NETWERK EWROPEW TA' L-OMBUDSMEN

In-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen huwa magħmul minn kważi 90 uffiċċju fi 30 pajjiż Ewropew. Fl-Unjoni, dan ikopri l-ombudsmen u korpi simili fuq il-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali, filwaqt li fuq livell nazzjonali, jinkludi ukoll lin-Norveġja, lill-Iżlanda u lill-pajjiżi kandidati għal sħubija ma' l-UE. Kull wieħed mill-ombudsmen nazzjonali u mill-korpi simili fl-Istati Membri fl-UE, kif ukoll min-Norveġja u mill-Iżlanda, ħatru uffiċjal ta' koperazzjoni () biex iservi bħala punt ta' kuntatt għall-membri l-oħrajn tan-Netwerk.

In-Netwerk ħareġ mill-inizjattiva li kien ħa l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN, li jistieden ombudsmen u korpi simili fl-UE għal seminar fi Strasburgu f'Settembru 1996. Il-parteċipanti kienu qablu li jistabbilixxu proċess kontinwu ta' koperazzjoni sabiex jippromwovu skambju liberu ta' informazzjoni rigward il-liġi tal-Komunità u l-implimentazzjoni tagħha u sabiex ikun possibbli li jsiru trasferimenti ta' lmenti lill- korp li jkun l-iżjed jista' jindirizzahom.

In-Netwerk żviluppa b'mod sod f'għodda b'saħħitha ta' kollaborazzjoni għall-ombudsmen u l-istaff tagħhom, u jservi bħala mekkaniżmu effettiv għall-koperazzjoni dwar l-ittrattar tal-każijiet. Isir skambju ta' esperjenzi u ta' l-aħjar prattika permezz ta' seminars u laqgħat, fuljett regolari, forum elettroniku ta'diskussjoni u servizz elettroniku ta' aħbarijiet ta' kuljum. Dawn l-attivitajiet, li huma deskritti hawn taħt, huma essenzjali biex l-ombudsmen jaqdu l-irwol tagħhom b'mod sħiħ sabiex jiżguraw li l-liġi ta' l-UE tkun implimentata sewwa fl-Unjoni kollha. Dan l-irwol kien it-tema tal-ħames seminar ta' l-ombudsmen nazzjonali li sar f'The Hague f'Settembru 2005. Din it-taqsima fiha rendikont dettaljat tad-diskussjonijiet li saru fis-seminar, fejn kienu ttieħdu deċiżjonijiet importanti dwar id-direzzjoni futura tan-Netwerk u dwar kif l-aħjar tissaħħaħ.

Iż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-ombudsmen fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati irriżultaw li kienu mezz effettiv ħafna f'termini ta' l-iżvilupp tan-Netwerk, u jikkostitwixxu mezz eċċellenti biex titqajjem kuxjenza dwar il-varjetà ta' għodod ta' komunikazzjoni li dan jagħmel disponibbli. Għalhekk it-taqsima 5.1 tispiċċa b'ħarsa lejn iż-żjarat ta' informazzjoni li għamel l-Ombudsman fir-Renju Unit f'Novembru 2005, li hija rapportata f'aktar dettall f'taqsima 6.2.

© De Nationale Ombudsman van Nederland



Il-Ħames Seminar ta' l-Ombudspersons Nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE.
L-Aja, Olanda, 11-13 ta' Settembru 2005.

## Seminars ta' l-ombudsmen nazzjonali

Is-seminars ta' l-ombudsmen nazzjonali jsiru kull sentejn, u jiġu organizzati b'mod konġunt mill-Ombudsman Ewropew u l-kontraparti nazzjonali tiegħu. Il-ħames seminar, li kien organizzat mill-Ombudsman Nazzjonali Olandiż, is-Sur Roel FERNHOUT, u l-Ombudsman Ewropew, sar f'The Hague mill-11 sat-13 ta' Settembru 2005.

Dan kien l-ewwel seminar li inkluda ombudsmen mill-pajjiżi applikanti u l-ewwel wieħed wara l-akbar tkabbir fl-istorja ta' l-Unjoni. Fil-laqgħa kienu rappreżentati l-25 Stat Membru ta' l-UE, bħalma kienu wkoll il-Kroazja, ir-Rumanija, l-Iżlanda u n-Norveġja. Is-seminar sar fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju mit-twaqqif ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew u sewwasew disa' snin wara l-ewwel seminar ta' l-ombudsmen nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE, li kien organizzat fi Strasburgu f'Settembru 1996.

Dawn l-aspetti kollha żiedu dimensjoni speċjali mat-tema tas-Seminar ta' l-2005 li kienet "L-irwol ta' l-istituzzjonijiet ta' l-ombudsman u korpi oħrajn fl-applikazzjoni tal-liġi ta' l-UE". Dan is-suġġett huwa meqjus bħala rilevanti ħafna għall-ombudsmen fl-Unjoni mkabbra kollha. Bħala korpi ta' sorveljanza, l-ombudsmen jaqdu rwol kritiku sabiex jaċċertaw applikazzjoni sħiħa u korretta tal-liġi ta' l-UE fl-Istati Membri. Id-diskussjonijiet f'The Hague ffokaw fuq kif l-ombudsmen jistgħu jaħdmu flimkien bl-aħjar mod sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom kif imiss.

### *Diskussjonijiet waqt is-seminar*

Is-seminar infetaħ mill-President tal-Kamra tad-Deputati ta' l-Istati Ġenerali (il-Parlament Olandiż), is-Sur Frans W. WEISGLAS, u l-Ministru Olandiż għall-Affarijiet Ewropej, is-Sur Atzo NICOLAÏ.

Is-Sur Rick LAWSON, Professur fl-Istitut Europa tal-fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Leiden, nieda d-diskussjonijiet bil-preżentazzjoni ta' rapport dwar l-esperjenzi ta' l-ombudsmen fl-applikazzjoni tal-liġi ta' l-UE. Dan ir-rapport kien ibbażat fuq kwestjonarju li kien iċċirkolat fl-uffiċċji nazzjonali kollha sabiex tittieħed idea dwar l-esperjenzi tagħhom fis-superviżjoni tal-liġi ta' l-UE. Dan kopra, per eżempju, it-tipi ta' "każijiet ta' l-UE" li jiltaqgħu magħhom l-ombudsmen fix-xogħol tagħhom ta' kuljum, il-frekwenza u l-importanza ta' dawn il-każijiet u l-aħjar prattika biex jiġu indirizzati.

Skond is-Sur LAWSON, l-ombudsmen tassew għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar li l-awtoritajiet pubbliċi japplikaw il-liġi ta' l-UE b'mod sħiħ u korrett. Sabiex jaqdu dan id-dmir fil-qasam ta' kompetenza tagħhom, argumenta s-Sur LAWSON, l-ombudsmen iridu jinjoraw kwalunkwe regola nazzjonali li żżommhom milli jipproteġu d-drittijiet li għandhom l-individwi skond il-liġi tal-

Komunità. Barra minn hekk, huma m'għandhomx biss japplikaw il-liġi ta' l-UE meta ilmentatur jinkvokaha, imma għandhom ifittxu li japplikawha b'mod proattiv. Is-Sur LAWSON qabel li meta wieħed iqis il-liġi ta' l-UE, din hija biċċa xogħol diffiċli. Fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, is-Sur LAWSON insista li ombudsman, meta janalizza l-imġiba ta' korpi amministrattivi f'kwalunkwe qasam kopert mill-liġi ta' l-UE, għandu jivverifika li d-drittijiet fundamentali kienu ġew osservati.

*Sessjoni tematika Nru wieħed: L-Ombudsmen u l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea*

Is-Sur Luís Miguel POIARES PESSOA MADURO, Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, kien il-kelliem prinċipali ta' din is-sessjoni. Fil-fehma tiegħu, sa fejn għandha x'taqsam l-applikazzjoni tal-liġi ta' l-UE, l-ombudsmen għandhom żewġ vantaġġi istituzzjonali ċari fuq il-qrati: l-ewwelnett, f'qasam bħall-moviment ħieles, ir-rimedju ġudizzjarju m'huwiex effettiv, minħabba l-ispiża u t-tul ta' żmien involuti. Għalhekk l-ombudsmen huma f'qagħda partikularment tajba sabiex jindirizzaw il-problemi taċ-ċittadini f'dan il-qasam; it-tieninett, l-ombudsmen jistgħu jaqdu rwol ewlieni fl-edukazzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi dwar l-obbligi tagħhom rigward l-implimentazzjoni tal-liġi ta' l-UE. Huma għandhom l-awtorità morali li jħeġġu lill-amministrazzjoni pubblika sabiex tagħti effett sħiħ lid-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' l-UE.

Is-Sur Mats MELIN, l-Ombudsman Parlamentari Prinċipali ta' l-Iżvezja, kompla bħala l-kelliem waqt din is-sessjoni. Huwa rrimarka li, minħabba d-diffikultajiet li ltqajna magħhom fir-ratifikazzjoni tal-Kostituzzjoni għall-Ewropa, qegħdin niffaċċjaw inċertezza dwar l-iżvilupp tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fl-Unjoni. Dan qiegħed jiġri fi żmien meta l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet u libertajiet hija ta' importanza kruċjali (l-iżjed fid-dawl tal-leġiżlazzjoni kollha li qiegħda tiġi adottata b'risposta għat-theddida terroristika u l-eċċezzjonijet li qegħdin isiru għar-regoli eżistenti). Fil-fehma tiegħu, l-ombudsmen jeħtieġu li jsegwu mill-qrib l-iżviluppi legali, b'rabta kemm mal-leġiżlazzjoni ta' l-UE li għandha tiġi adottata u kemm mal-proċedura ta' l-implimentazzjoni fl-Istati Membri rispettivi. Huwa qal li l-effiċjenza m'għandhiex tingħata prijorità fuq il-ħarsien tal-liġi.

*Sessjoni tematika Nru tnejn: Ambjent*

Is-Sinjura Catherine DAY, Direttriċi Ġenerali għall-Ambjent fil-Kummissjoni Ewropea, nidiet it-tieni sessjoni tematika permezz ta' ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni preżenti tal-liġi ta' l-UE fil-qasam ta' l-ambjent. Skond is-Sinjura DAY, 80% tal-liġi ta' l-ambjent fl-Istati Membri joħroġ mil-livell ta' l-UE. Għalhekk forsi mhix sorpriża li madwar kwart mill-ilmenti li jsiru lill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal-liġi ta' l-UE jirrigwardaw l-ambjent u, b'mod aktar speċifiku, problemi rigward in-netwerk Natura 2000 u n-nuqqas li jiġu żgurati evalwazzjonijiet ta' impatt ambjentali adegwati. Is-Sinjura DAY kienet tal-fehma li ċ-ċittadini m'għandhomx ikollhom għalfejn iressqu l-ilmenti tagħhom fuq il-livell ta' l-UE — l-ombudsmen jistgħu jaqdu rwol ewlieni biex jinstabu soluzzjonijiet għal ilmenti b'rabta ma' ksur tal-liġi ambjentali ta' l-UE min-naħa ta' l-Istati Membri. F'każ li jkun meħtieġ parir legali mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward, hija kkonfermat li dan jista' jkun ipprovdut.

Is-Sur Jean-Paul DELEVOYE, l-Ombudsman Nazzjonali ta' Franza, kien il-kelliem prinċipali f'din is-sessjoni. Huwa spjega kif l-Ombudsman Franċiż jindirizza l-ilmenti taċ-ċittadini li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ambjent, u saħaq dwar l-irwol importanti tad-delegati ta' l-Ombudsman Franċiż sabiex jissolvew problemi li jitqajmu fuq livell lokali.

*Sessjoni tematika Nru tlieta: Id-Diskriminazzjoni*

Is-Sur Jenö KALTENBACH, Kummissarju Parlamentari ta' l-Ungerija għad-Drittijiet tal-Minoritajiet Nazzjonali u Etniċi, kien il-kelliem ewlieni waqt din is-sessjoni. Huwa rrimarka li minkejja l-progress sostanzjali miksub s'issa fl-ittrattar tad-diskriminazzjoni, it-traspożizzjoni tad-Direttivi ta' l-UE rilevanti għadha ma tlestietx. Huwa qal li l-ombudsmen nazzjonali għandhom interess partikulari li jippromwovu l-proċess ta' traspożizzjoni fis-sistema legali domestika ta' pajjiżhom. Iżjed minn hekk, għandhom jaħdmu mill-qrib ma' korpi speċjalizzati li twaqqfu sabiex jindirizzaw il-problema tad-diskriminazzjoni f'oqsma varji. Is-Sur Marc FISCHBACH, l-Ombudsman Nazzjonali tal-Lussemburgu, segwa b'numru ta' eżempji ta' lmenti li tressqu quddiemu, inkluż ilment li allega diskriminazzjoni bbażata fuq orjentazzjoni sesswali.

### *Sessjoni tematika Nru erbgħa: Moviment Ħieles*

Is-Sinjura Elsbeth GUILD, Professoressa tal-Liġi tal-Migrazzjoni fl-Università ta' Nijmegen, fl-Olanda, għamlet id-diskors prinċipali fl-aħħar sessjoni tematika dwar il-moviment ħieles, u elenkat firxa ta' ostakoli li għad fadal għall-moviment ħieles. Is-Sinjura Guild irrimarkat li l-biċċa l-kbira ta' l-istituzzjonijiet fuq il-livell nazzjonali għadhom jikkunsidraw ċittadini ta' l-Unjoni li m'humiex ċittadini ta' pajjiżhom, bħala suġġetti għal-liġijiet li japplikaw għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Barra minn dan, qraba li huma nazzjonali ta' pajjiżi terzi ta' migranti li huma ċittadini ta' l-UE, mhux dejjem jingħataw il-pożizzjoni ta' ċittadini ta' l-UE.

Is-Sinjura Emily O'REILLY, l-Ombudsman Nazzjonali ta' l-Iralnda, kienet il-kelliema ewlenija f'din is-sessjoni u ffokat fuq il-qasam tas-sigurtà soċjali, billi elenkat numru ta' problemi li ċ-ċittadini jiffaċċjaw meta jinsistu għad-drittijiet tagħhom skond il-liġi ta' l-UE (speċifikament f'termini tar-Regolament 1408/71[1]). Hija indikat li parti kbira mill-problema tirrigwarda l-kumplessità tal-leġiżlazzjoni rilevanti. F'dan ir-rigward, is-Sinjura O'REILLY rreferiet għall-Proġett tal-Kummissjoni Ewropea TRESS (Taħriġ u Rapportar fis-Sigurtà Soċjali), li għandu l-għan li jtejjeb l-għarfien tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità fost il-parteċipanti involuti kollha, bħall-imħallfin nazzjonali, b'mod partikulari billi jorganizza seminars ta' taħriġ.

### *Kwistjonijiet Interistituzzjonali*

Barra dawn is-sessjonijiet tematiċi, is-seminar inkluda wkoll diskussjoni fil-fond dwar numru ta' kwistjonijiet istituzzjonali li jirrigwardaw lill-ombudsmen fl-UE u fil-pajjiżi kandidati. Id-diskussjoni kienet ibbażata fuq diskors ewlieni mogħti mill-Ombudsman Ewropew li matulu tkellem dwar l-objettiv li titwaqqaf identità pubblika iżjed ċara għan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. Bil-ħsieb li jagħmel lin-Netwerk iżjed viżibbli kemm għaċ-ċittadini u kif ukoll għal dawk li jagħmlu l-politika, l-Ombudsman Ewropew iddikjara r-rieda tiegħu li jinvesti riżorsi biex jiżviluppa iżjed l-użu ta' l-Internet fin-Netwerk sabiex itejjeb il-komunikazzjoni, sew mal-pubbliku u sew bejn l-ombudsmen. Huwa ppropona wkoll li matul is-sentejn li ġejjin jitħejja rendikont li jispjega liċ-ċittadini x'jistgħu jistennew meta jfittxu ombudsman fin-Netwerk. Rendikont bħal dan jista' jkun diskuss u wara adottat waqt is-sitt seminar ta' l-ombudsmen, li se jkun ko-ospitat mill-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman Nazzjonali Franċiż, fi Strasburgu fl-2007. Minħabba l-importanza li jkun aċċertat li l-fehemiet ta' l-ombudsmen reġjonali jkunu rappreżentati b'mod xieraq fid-diskussjoni dwar ir-rendikont liċ-ċittadini, l-Ombudsman Ewropew ippropona li jistieden lill-kollegi reġjonali f'kull Stat Membru fejn jeżistu sabiex jinnominaw rappreżentant wieħed biex jattendi s-seminar ta' l-2007 fi Strasburgu, flimkien ma' l-ombudsman nazzjonali rilevanti. L-Ombudsman Ewropew kompla jikkommetti lill-istituzzjoni tiegħu biex tiltaqa' ma' l-ombudsmen reġjonali fuq bażi bijennali, sena iva u sena le mil-laqgħat ta' l-ombudsmen nazzjonali.

### *Konklużjonijiet tas-Seminar*

Is-seminar intemm b'diskors qasir mill-Ombudsman Ewropew, li kien segwit minn preżentazzjoni ta' konklużjonijiet mis-Sur LAWSON.

### *It-triq 'il quddiem*

Id-diskussjonijiet fis-seminar qajmu bosta ideat li jistgħu jgħinu t-tfassil tal-proċeduri ta' azzjoni għal koperazzjoni fin-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen matul ix-xhur u s-snin li ġejjin. Bħala konklużjonijiet preliminari u operattivi li ħarġu mil-laqgħa, l-Ombudsman Ewropew offra dawn li ġejjin:

1. L-ombudsmen huma awtoritajiet pubbliċi, u għaldaqstant għandhom, fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom, jagħtu effett sħiħ lid-drittijiet skond il-liġi ta' l-UE, inklużi d-drittijiet tal-bniedem.

2. L-ombudsmen huma f'qagħda tajba ħafna biex jeżaminaw jekk f'każi individwali l-liġi ta' l-UE ġietx applikata sewwa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri — nazzjonali, reġjonali u

[1] Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, ĠU 1971 L 149, p 2.

lokali — u sabiex jieħdu azzjoni fejn ikunu saru xi nuqqasijiet bil-ħsieb li jipprovdu rimedju effettiv u li jevitaw nuqqasijiet simili fil-ġejjieni.

3. L-ombudsmen għandhom vantaġġ komparattiv ċar f'diversi oqsma meta mqabblin mal-qrati, għax jistgħu joffru rimedji iżjed malajr. Individwi li jkollhom ostakli serji biex jeżerċitaw il-moviment ħieles tagħhom, bħal ngħidu aħna nuqqas ta' rikonoxximent ta' diploma, ma jaffordjawx jistennew is-snin għal rimedju.

4. Il-koperazzjoni li żviluppat bejn l-ombudsmen fl-Ewropa permezz tan-Netwerk Ewropew ta' l-ombudsmen għandha ssir iżjed viżibbli ħalli ċ-ċittadini u dawk li jagħmlu l-politika jkunu jistgħu jsiru iżjed konxji ta' l-iskop tiegħu. Għandu jsir użu akbar ta' l-Internet għall-promozzjoni ta' identità pubblika iżjed ċara għan-Netwerk, filwaqt li għandu jitfassal rendikont li jiddeskrivi x'jistgħu jagħmlu l-Ombudsmen fin-Netwerk għaċ-ċittadini.

5. Sessjonijiet dwar, per eżempju, il-moviment ħieles tal-persuni u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni wrew b'mod tassew tanġibbli kemm il-liġi ta' l-UE tista' tkun rikka u dettaljata u kif qiegħda tevolvi l-ħin kollu. L-edukazzjoni kontinwa hija essenzjali, kemm għall-amministraturi nazzjonali u kemm għall-ombudsmen stess, iżda din għandha bżonn riżorsi u sforzi serji. Bi tweġiba għat-talbiet, l-Ombudsmen Ewropew qabel li jżid l-isforzi tiegħu sabiex iservi ta' riżorsa għan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen f'dan ir-rigward.

*Seminar eċċellenti*

Minbarra s-sessjonijiet formali stimulanti, il-laqgħa ppermettiet li jsiru iżjed diskussjonijiet u kuntatti informali. Il-ħarġa informattiva f'Rotterdam ta' wara l-gwerra, id-dawra fil-kanali f'Amsterdam u l-mawra fil-mużewijiet ta' l-arti ta' Van Gogh u tal-Mauritshuis, żiedu mat-tgawdija ġenerali ta' l-okkażjoni, bħal m'għamel ukoll il-pranzu gala organizzat biex jiċċelebra l-għaxar anniversarju ta' l-Ombudsman Ewropew. Ir-riċeviment li offriet il-Maestà Tagħha r-Reġina Beatriċe, fil-Palazz Huis ten Bosch, provda okkażjoni saljenti oħra, fil-waqt li l-pranzu informali fl-uffiċċju ta' l-Ombudsman Olandiż serva ta' konklużjoni tassew xierqa għal dan il-ħames seminar eċċellenti.

## Koperazzjoni dwar l-ittrattar tal-każi

L-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri huma kompetenti biex jittrattaw ħafna mill-ilmenti li ma jaqgħux fil-limitu tal-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew, għax dawn ma jsirux kontra xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità. Matul l-2005, l-Ombudsman ta parir lil 945 ilmentatur sabiex imorru għand ombudsman nazzjonali jew reġjonali u għadda b'mod dirett 91 ilment lill-ombudsman kompetenti. Eżempji ta' dawn l-ilmenti jinsabu f'taqsima 2.5 ta' dan ir-Rapport.

Flimkien ma' l-iskambji informali regolari ta' l-informazzjoni fin-Netwerk, teżisti proċedura speċjali li permezz tagħha l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jistgħu jitolbu għal tweġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet rigward il-liġi ta' l-UE u l-interpretazzjoni tagħha, inklużi mistoqsijiet li jirriżultaw mill-ittrattar tagħhom ta' każijiet speċifiċi. L-Ombudsman Ewropew jista' jagħti tweġiba b'mod dirett jew jgħaddi l-mistoqsija, jekk ikun xieraq, lill-istituzzjoni oħra jew lill-korp ieħor ta' l-UE għal tweġiba. Fl-2005, waslu erba' mistoqsijiet (tnejn minn ombudsmen nazzjonali u tnejn minn ombudsmen reġjonali) u tlieta ngħalqu (inklużi tnejn li kienu pendenti fl-2004).

## L-Ombudsmen Ewropej — Fuljett

*L-Ombudsmen Ewropej — Fuljett* tkopri x-xogħol tal-membri tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen u s-sħubija usa' tar-Reġjun Ewropew ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman (IOI). Stampata bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan u bl-Ispanjol, hija indirizzata lil iżjed minn 400 uffiċċju fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali. Iċ-Fuljett tiġi ppubblikata darbtejn fis-sena — f'April u f'Ottubru.

Iċ-Fuljett tinkludi kontribut bil-miktub minn uffiċċji ta' l-ombudsman mill-Ewropa kollha. Dawn jifformaw il-bażi tas-sezzjonijiet dwar l-aħbarijiet, il-liġi ta' l-UE, ix-xogħol ta' l-ombudsmen u korpi simili, seminars u laqgħat u avviżi. L-Ombudsman Ewropew huwa responsabbli għall-pubblikazzjoni

taċ-Fuljett u juża l-editorjal sabiex jiġbed l-attenzjoni dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għan-netwerk u sabiex janalizza l-importanza tagħhom. Taqsima 2 — bl-isem "Komunikazzjonijiet ta' l-IOI" — tinkiteb mill-Viċi President Reġjonali għall-Ewropa ta' l-IOI u hija maħsuba sabiex tinforma lill-membri ta' l-IOI-Ewropa dwar żviluppi riċenti, avvenimenti fil-qrib u inizjattivi oħrajn ta' interess.

Iċ-Fuljett tat prova li hi forum siewi immens għall-iskambju ta' l-informazzjoni dwar il-liġi ta' l-UE u l-aħjar prattika. Fl-2005, il-kwistjonijiet koperti inkludew il-futura Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE, l-aċċess għal dokumenti u protezzjoni tad-dejta, id-diskriminazzjoni u ostakoli oħrajn għall-moviment ħieles, il-problemi konnessi mal-ħabs f'numru ta' Stati Membri, il-provvista tal-kura tas-saħħa, u l-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-immigranti.

### Għodod elettroniċi ta' komunikazzjoni

F'Novembru ta' l-2000, l-Ombudsman nieda forum ta' diskussjoni bl-Internet u websajt għall-ombudsmen u l-istaff tagħhom fl-Ewropa. Kważi 90 uffiċċju fi 30 pajjiż Ewropew diġà individwalizzaw ismijiet tal-login u passwords sabiex jidħlu fil-forum ta' diskussjoni. Barra dan, dawk il-membri ta' l-IOI-Ewropa li m'humiex membri tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen għandhom aċċess għall-forum ta' diskussjoni permezz ta' login u password komuni. Il-forum ta' diskussjoni joffri possibiltajiet ta' skambju ta' informazzjoni u koperazzjoni ta' kuljum bejn l-uffiċċji.

L-iżjed parti popolari tal-forum ta' diskussjoni hija s-servizz *Ombudsman Daily News*, li jiġi ppubblikat kull ġurnata tax-xogħol u jkun fih aħbarijiet minn uffiċċji ta' l-ombudsman kif ukoll mill-Unjoni Ewropea. Kważi l-uffiċċji nazzjonali u reġjonali ta' l-ombudsman kollha madwar l-Ewropa jikkontribwixxu u jikkonsultaw lid-*Daily News* fuq bażi regolari.

Fl-2005, il-forum ta' diskussjoni kompla jipprovdi mod utli ħafna għall-uffiċċji biex jaqsmu l-informazzjoni billi jibagħtu l-mistoqsijiet u t-tweġibiet, u bil-bidu ta' bosta diskussjonijiet ewlenin li jkopru kwistjonijiet diversi bħas-self ta' kotba b'xejn minn libreriji pubbliċi, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' l-ombudsmen fuq l-Internet, u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-ombudsmen.

Il-kontenut tal-forum ta' diskussjoni jinkludi lista awtorevoli ta' ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri ta' l-UE, fin-Norveġja, fl-Iżlanda u fil-pajjiżi applikanti għal sħubija fl-UE. Il-lista hija aġġornata kull meta d-dettalji tal-kuntatt ta' xi uffiċċju ta' l-ombudsman jinbidlu u għaldaqstant hija riżors indispensabbli għall-ombudsmen fl-Ewropa kollha.

### Żjarat ta' informazzjoni

L-Ombudsman żar l-Ombudsman għall-Parlament u għas-Servizz tas-Saħħa tar-Renju Unit, is-Sinjura Ann ABRAHAM f'Novembru 2005 (ara taqsima 6.2).

## 5.2 SEMINARS U KONFERENZI OĦRAJN TA' L-OMBUDSMAN

L-isforzi ta' l-Ombudsman Ewropew biex jikkollabora mal-kontrapartijiet tiegħu jmorru lil hinn mill-attivitajiet ta' Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. L-Ombudsman huwa membru attiv ta' numru ta' organizzazzjonijiet ta' l-ombudsman u jieħu sehem regolarment f'konferenzi u seminars li dawn jorganizzaw. Din is-taqsima tagħti ħarsa ġenerali lejn il-parteċipazzjoni ta' l-Ombudsman u ta' l-istaff tiegħu f'avvenimenti bħal dawn fl-2005.

### L-għaxar anniversarju ta' l-Ombudsmen Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja

Fl-14 u l-15 ta' April 2005, is-Sur Ian HARDEN irrappreżenta lill-Ombudsman Ewropew waqt konferenza organizzata f'Vilnius mill-Seimas Ombudsmen tar-Repubblika tal-Litwanja dwar "L-ombudsman bħala rimedju għall-protezzjoni tad-dritt għall-amministrazzjoni tajba" sabiex jiċċelebra

l-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni tagħhom. Is-Sur HARDEN għamel diskors bit-titolu "L-Irwol ta' l-Ombudsman Ewropew fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej."

### Il-Ħamsin anniversarju ta' l-Istituzzjoni ta' l-Ombudsman Daniż

Mit-30 ta' Marzu sat-2 ta' April 2005, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem fl-avvenimenti u ċ-ċelebrazzjonijiet organizzati b'rabta mal-50 anniversarju ta' l-Istituzzjoni ta' l-Ombudsman Daniż, li ilha mmexxija mis-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN sa mill-1987. Dawn l-avvenimenti inkorporaw id-Disa' Laqgħa ta' Diskussjoni ta' l-Ombudspersons Ewropej u l-Kummissarju tal-Kunsill ta' l-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem, li kienet organizzata mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur Alvaro GIL-ROBLES, fil-31 ta' Marzu u fl-1 ta' April.

Seminar dwar "It-Twaqqif u l-għajnuna lill-istituzzjonijiet demokratiċi" sar fit-30 ta' Marzu u nfetaħ mis-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN, li laqa' lill-parteċipanti u qara messaġġ ta' awguri mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sinjura Louise ARBOR. Il-parteċipanti tal-bord għas-sessjoni tal-ftuħ kienu s-Sur Carsten STAUR, Segretarju ta' l-Istat u Ambaxxatur mill-Ministeru Daniý għall-Affarijiet Barranin, u mis-Sur Morten KJŻRUM, Direttur Eýekuttiv ta' l-Istitut Daniý għad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-iżviluppi fil-Ġordan ġew ippreżentati mis-Sur Fawaz AL ZU'BI, l-ex Ministru għall-Iżvilupp Amministrattiv u t-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjonijiet. L-iżviluppi fl-Albanija ġew ippreżentati mis-Sur Ermir DOBJANI, l-Avukat tal-Poplu ta' l-Albanija, u mis-Sur Hans Henrik BRYDENSHOLT, Imħallef fit-Tribunal Kriminali Internazzjonali tal-Ġnus Magħquda għall-ex Jugoslavja. L-iżviluppi fil-Gana ġew ippreżentati mis-Sinjura Anne BOSSMAN, Kummissarju fil-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ġustizzja Amministrattiva, u s-Sur Jens OLSEN, Konsulent Legali fi Grad Għoli fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Daniż. Il-membri tal-bord ta' diskussjoni ta' l-aħħar tas-sessjoni kienu s-Sur Lars Adam REHOF, Konsulent Prinċipali fil-Ministeru Daniý għall-Affarijiet Barranin, is-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN, is-Sur Fawaz AL ZU'BI, is-Sinjura Anne BOSSMAN, is-Sur Morten KJŻRUM u s-Sur Morten ELKŻR, Konsulent Ewlieni fil-Ministeru Daniż għall-Affarijiet Barranin.

Id-Disa' Laqgħa ta' Diskussjoni ta' l-Ombudspersons Ewropej u l-Kummissarju tal-Kunsill ta' l-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem, infetħet fil-31 ta' Marzu fil-preżenza ta' l-Altezza Rjali Tiegħu, il-Prinċep Werriet Frederick, mis-Sur Christian MEJDAHL, Spiker tal-Parlament Daniż, is-Sur Alvaro GIL-ROBLES u s-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN. Fl-ewwel sessjoni ta' ħidma, is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sur Alvaro GIL-ROBLES taw diskorsi dwar "L-irwol u l-mandat ta' l-ombudspersons fl-Ewropa ta' għada" u "L-irwol tal-Kunsill ta' l-Ewropa fl-appoġġ lill-attivitajiet ta' l-ombudspersons nazzjonali", rispettivament. Is-Sur Vladimir LUKIN, Ombudsman Federali tal-Federazzjoni Russa, għamel diskors dwar "Ir-Relazzjonijiet bejn l-ombudspersons nazzjonali u reġjonali".

Fl-1 ta' April, is-Sur Allar JÖKS, Kanċillier Legali ta' l-Estonja, mexxa sessjoni ta' ħidma dwar "L-ittrattar ta' priġunieri diffiċli". Is-Sur Andrzej ZOLL, Kummissarju Pollakk għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili, għamel diskors dwar "Priġunieri diffiċli: problemi prattiċi", u s-Sur Albert TAKÁCS, Deputat Kummissarju Parlamentari ta' l-Ungerija għad-Drittijiet tal-Bniedem, għamel diskors dwar "Priġunieri Diffiċli, sfidi u risposti legali." Dawn kienu segwiti minn gruppi ta' diskussjoni mmexxija mis-Sinjura Nina KARPACHOVA, l-Ombudsman Nazzjonali ta' l-Ukrajna, u s-Sur Pierre-Yves MONETTE, l-Ombudsman Federali tal-Belġju.

Is-Sur Mats MELIN, Ombudsman Parlamentari Prinċipali ta' l-Iżvezja, mexxa s-sessjoni ta' ħidma dwar "Il-Protezzjoni tad-dritt għall-privatezza." Is-Sur Otakar MOTEJL, Ombudsman Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka, għamel diskors dwar "Il-Protezzjoni tad-dritt għall-privatezza: problemi prattiċi", u s-Sur Arne FLIFLET, Ombudsman Parlamentari tan-Norveġja, għamel diskors dwar "Il-Protezzjoni tad-dritt għall-privatezza: sfidi u risposti legali". Is-Sur Lucius CAFLISCH, Imħallef fil-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, mexxa l-grupp ta' diskussjoni dwar "Il-Protezzjoni tad-dritt għall-privatezza: problemi prattiċi", u s-Sur Peter KOSTELKA, Chairperson tal-Bord ta' l-Ombudsman Awstrijakk, mexxa l-grupp ta' diskussjoni dwar "Il-Protezzjoni tad-dritt għall-privatezza: sfidi u

risposti legali". Is-Sur Alvaro GIL-ROBLES mexxa l-aħħar sessjoni li fiha tressqu r-rapporti mill-erba' gruppi ta' diskussjoni u ġew adottati l-konklużjonijiet tal-Laqgħa ta' Diskussjoni.

Fit-2 ta' April 2005, fl-Università ta' Kopenħagen, sar simpozju dwar "The ombudsman between legislator, administration and citizen — developing the ombudsman concept". Is-Sinjura Linda NIELSEN, Rettur ta' l-Università ta' Kopenħagen, laqgħet lill-parteċipanti għas-simpozju u saru r-rimarki tal-ftuħ mis-Sur GAMMELTOFT-HANSEN. Is-Sur DIAMANDOUROS, u s-Sur Jens Peter CHRISTENSEN, Professur tal-Liġi fl-Università ta' Århus, waqt is-sessjoni għamlu diskorsi bit-titolu "Political science angle". Is-Sur Ivan BIZJAK, l-ewwel Ombudsman Nazzjonali tas-Slovenja, u s-Sur Sved AUKEN, ex Ministru għax-Xogħol u ex Ministru għall-Ambjent, waqt is-sessjoni għamlu diskorsi bl-isem "Political angle." Is-Sur Kevin MURPHY, ex Segretarju Ġenerali ta' l-Iżvilupp u t-Tmexxija tas-Servizz Pubbliku fid-Dipartiment tal-Finanzi u ex Ombudsman Nazzjonali ta' l-Irlanda, u s-Sur Michael LUNN, Segretarju Permanenti fil-Ministeru Daniý għall-Ġustizzja, għamlu diskorsi bit-titolu "Administrative angle". Is-Sinjura Emily O'REILLY, Ombudsman Nazzjonali ta' l-Irlanda u Kummissarju għall-Informatika, u s-Sur T¸ger SIEDENFADEN, Editur Prinċipali tal-gazzetta Daniýa *Politiken,* matul is-sessjoni għamlu diskorsi bit-titolu "Media Angle". Is-simpozju ngħalaq mis-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN.

### Konferenza ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Ombusdman Brittaniku u Irlandiż, Warwick, ir-Renju Unit

Fis-7 u fit-8 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS attenda l-Konferenza ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Ombusdman Brittaniku u Irlandiż (BIOA), li saret fl-Università ta' Warwick, Coventry, ir-Renju Unit. Wara l-Laqgħa Annwali tal-BIOA, li saret fil-għodu nhar is-7 ta' April, il-Konferenza bdiet b'sessjoni plenarja dwar "Rimedju minn kull lat" li kienet immexxija mill-Ombudsman Parlamentari u Ombudsman għas-Servizz tas-Saħħa u ċ-Chairperson ta' l-Assoċjazzjoni, is-Sinjura Ann ABRAHAM. Il-kelliema kienu d-Dame Deirdre HUTTON DBE. Chairperson tal-Kunsill Nazzjonali tal-Konsumatur, Rt Hon Lord COULSFIELD QC, ex Imħallef tal-High Court u Chairman ta' Reviżjoni mill-Kunsill tal-Konsumatur Skoċċiż għall-Ġustizzja Ċivili fl-Iskozja, u s-Sur Philip Kelly, Assistent Segretarju Ġenerali tad-Dipartiment tat-Taoiseach ta' l-Irlanda. Is-sessjoni plenarja ta' wara ttrattat dwar "Il-Ġustizzja Amministrattiva" u kienet immexxija mis-Sur Walter MERRICKS, Ombudsman Finanzjarju Ewlieni. Is-suġġett kien indirizzat mir-Rt Hon Lord NEWTON ta' Braintree OBE, Chairman tal-Kunsill għat-Tribunali, is-Sur Peter HANCOCK CBE, Eżekuttiv Ewlieni Maħtur għas-Servizz tat-Tribunali, u s-Sur Martin PARTINGTON CBE, Kummissarju għal-Liġi. Nhar it-8 ta' April, fil-għodu, l-ewwel sessjoni plenarja dwar "Reviżjoni ġuridika" kienet immexxija mill-Ombudsman ta' l-Irlanda ta' Fuq, is-Sur Tom FRAWLEY. Il-kelliem kien Rt Hon Sir Brian KERR QC, Lord Prim Imħallef ta' l-Irlanda ta' Fuq. Fl-aħħar sessjoni plenarja, immexxija mis-Sur Tony REDMOND, Chairman tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni Lokali ta' l-Ingilterra, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar "L-Irwol ta' l-Ombudsman Ewropew". Matul il-jumejn tal-Konferenza saru total ta' 12-il workshop, li koprew kwistjonijiet varji bħal-leġiżlazzjoni għal-libertà ta' l-informazzjoni, il-kumpens, l-ittrattar ta' l-ilmenti u r-rimedji.

### Seminar dwar "Id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ewropa mill-perspettiva ta' l-ombudsmen", Ibiża, Spanja

Fil-5 ta' Settembru, l-Ombudsman Ewropew ħa sehem f'seminar organizzat mill-Università tal-Gżejjer Baleariċi flimkien ma' l-Ombudsman Spanjol, li kien iddedikat lis-suġġett tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa mill-perspettiva ta' l-ombudsmen. Fid-diskors tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS indirizza l-kwistjoni ta' l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew fid-difiża tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Għas-seminar attendew parteċipanti numerużi, inklużi studenti u akkademiċi.

### Kommemorazzjoni ta' l-20 anniversarju ta' l-Att dwar l-Ombudsman Katalan, Barċellona, Spanja

Fuq l-istedina tas-Sur Rafael RIBÓ, Ombudsman Reġjonali (*Síndic de Greuges*) ta' Katalunja, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem f'sensiela ta' avvenimenti sabiex jiċċelebra l-20 anniversarju ta' l-Att dwar l-Ombudsman Katalan, li saru f'Barċellona fid-29 u t-30 ta' Settembru. Il-parteċipanti inkludew bosta ombudsmen nazzjonali u reġjonali minn pajjiżi varji ta' l-UE, inklużi s-Sinjura Emily O'REILLY, Ombudsman Nazzjonali ta' l-Irlanda, is-Sur Mats MELIN, Ombudsman Parlamentari Prinċipali ta' l-Iżvezja, is-Sinjura María Luisa CAVA DE LLANO, Deputat Ombudsman ta' Spanja, is-Sur

Peter KOSTELKA, Chairperson tal-Bord ta' l-Ombudsman Awstrijakk, is-Sur Yorgos KAMINIS, Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja, u s-Sur Alvaro GIL-ROBLES, Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors bit-titolu "Metodi kif tipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini: Il-koperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali". Fid-diskors tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS saħaq fuq l-irwol ta' l-ombudsmen reġjonali u għamel numru ta' proposti sabiex tissaħħaħ il-koperazzjoni eżistenti permezz tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen.



© Sindic de Greuges de Catalunya

Parteċipanti fil-kommemorazzjoni ta' l-20 anniversarju ta' l-Att ta' l-Ombudsman Katalan. Barċellona, Spanja, 29-30 ta' Settembru 2005.

## 5.3 OKKAŻJONIJIET OĦRAJN MA' OMBUDSMEN U L-ISTAFF TAGĦHOM

### Laqgħat bilaterali ma' ombudsmen

Is-sena 2005 rat bosta kuntatti bilaterali bejn l-Ombudsman Ewropew u ombudsmen mill-Ewropa u lil hinn bil-ħsieb li tiġi promossa l-prattika ta' l-ombudsman, jiġu diskussi r-relazzjonijiet interistituzzjonali u tiġi skambjata l-aħjar prattika:

Fil-31 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Alvaro GIL-ROBLES, Kummissarju tal-Kunsill ta' l-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem u mas-Sur Peter KOSTELKA, Chairperson tal-Bord ta' l-Ombudsman Awstrijakk u Viċi President Reġjonali għall-Ewropa ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman, sabiex jiddiskuti u jikkoordina l-laqgħat u l-avvenimenti varji ppjanati mill-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom tul it-tmintax-il xahar ta' wara.

Fis-17 ta' Frar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sinjura Eliana NICOLAOU, Kummissarju għall-Amministrazzjoni (Ombudsman) ta' Ċipru u l-Ambaxxatur Costantin YEROCOSTOPOULOS, Rappreżentant Permanenti tal-Greċja għall-Kunsill ta' l-Ewropa.

Fit-18 ta' Frar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Matjaž HANŽEK, Ombudsman għad-Drittijiet tal-Bniedem tas-Slovenja.

Fit-12 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sinjura Eliana NICOLAOU, Kummissarju għall-Amministrazzjoni (Ombudsman) ta' Ċipru, fin-Nikosija, Ċipru.

Fis-6 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Karlheinz GUTTMACHER, Chairman tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Bundestag Ġermaniż.

Fl-24 ta' Mejju, is-Sur John MACQUARRIE, id-Deputat Ombudsman ta' l-Assemblea ta' l-Irlanda ta' Fuq, żar lill-uffiċju ta' l-Ombudsman Ewropew fi Strasburgu. L-għan taż-żjara kien li jistudja l-proċedura ta' l-inkjesti ta' l-Ombudsman Ewropew. Dan għamlu billi eżamina għażla ta' każi u intervista lill-Uffiċjali Legali responsabbli għall-ittrattar tagħhom. Is-Sur MACQUARRIE ltaqa' wkoll mas-Sur DIAMANDOUROS u mas-Sur Ian HARDEN, Kap tad-Dipartiment Legali.

Fl-10 ta' Ġunju, is-Sur Josef HAUSER, l-Ombudsman tat-Tirol, l-Awstrija, u sebgħa mill-istaff tiegħu żaru l-Uffiċju ta' l-Ombudsman Ewropew fi Brussell. Is-Sur HAUSER u l-istaff tiegħu ltaqgħu mas-Sinjura Benita BROMS, Konsulenta Legali Prinċipali u Kap ta' l-Uffiċju ta' Brussell ta' l-Ombudsman Ewropew, u mas-Sinjura Rosita AGNEW, Kap tas-Settur tal-Komunikazzjonijiet, sabiex jiskambja il-fehmiet tiegħu dwar l-ittrattar ta' l-ilmenti u l-komunikazzjoni maċ-ċittadini. Id-delegazzjoni mbagħad tkellmet ma' l-Ombudsman Ewropew, is-Sur DIAMANDOUROS, permezz ta' vidjokonferenza li fiha ddiskutew il-possibilità ta' żjara ta' informazzjoni fir-reġjun ta' Tirol.

Fit-30 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS ippranza f'Firenze mas-Sur Giorgio MORALES, Ombudsman Reġjonali tat-Tuskana (l-Italja), u ma' membri oħrajn ta' l-istaff tiegħu. Huma skambjaw il-fehmiet tagħhom dwar l-irwoli rispettivi tagħhom u l-komunikazzjoni maċ-ċittadini. Huma ddiskutew ukoll il-possibilità ta' żjara uffiċjali lill-Ombudsman Ewropew mill-Ombudsman tat-Tuskanija.

Fis-7 ta' Lulju, is-Sur Sozar SUBARI, Difensur Pubbliku tal-Ġorġja, żar l-Ombudsman Ewropew bħala parti mill-missjoni uffiċjali tiegħu fi Strasburgu organizzata mill-Kunsill ta' l-Ewropa. Is-Sur SUBARI u s-Sur DIAMANDOUROS kellhom laqgħa qasira u warajha s-Sur José MARTÍNEZ-ARAGÓN, Konsulent Legali Prinċipali, spjegalu l-mandat u l-irwol ta' l-istituzzjoni.

Fl-10 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Ramón CUSTODIO LÒPEZ, Kummissarju Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Ħonduras.

Fl-1 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mar-rappreżentanti tat-3rd Control Yuan (Istituzzjoni ta' l-Ombudsman) tar-Repubblika taċ-Ċina (Tajwan).

### Okkażjonijiet li jinvolvu membri ta' l-istaff

Numru ta' avventimenti seħħew fuq il-livell ta' l-istaff ta' l-Ombudsman kif ġej:

Fis-6 u fis-7 ta' Ġunju, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Parlamentari tal-Finlandja u l-Uffiċċju tal-Kanċillier tal-Ġustizzja tal-Finlandja ospitaw is-"Seminar tal-Baħar Baltiku tal-kontrolluri tal-legalità." L-ombudsmen u r-rappreżentanti tagħhom mid-Danimarka, l-Estonja, il-Latvja, in-Norveġja, il-Polonja u l-Iżvezja ħadu sehem f'dan is-seminar. Għas-seminar attendiet ukoll delegazzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-*Bundestag* Ġermaniż. L-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew kien rappreżentat mis-Sur Gerhard GRILL, Konsulent Legali Prinċipali. B'kollox, attendew is-seminar madwar 60 ruħ.

Fit-28 u fid-29 ta' Novembru, is-Sur Olivier VERHEECKE, Konsulent Legali Prinċipali, ħa sehem fir-Raba' Kungress ta' l-AOMF (*Association des Ombudsmans et Médiateurs de la Francophonie*), l-Assoċjazzjoni ta' l-Ombudsmen Frankofoni, li sar f'Pariġi. Il-Kungress, li kien jismu "L-Ombudsman: nifirxu l-aspettattivi, nippromwovu r-riforma" ("Le Médiateur: interprète des attentes, acteurs des réformes") kien organizzat mill-Ombudsman Franċiż, is-Sur Jean-Paul DELEVOYE. Fost il-kelliema kien hemm is-Sur Robert BADINTER, ex President tal-Qorti Kostituzzjonali Franċiża, is-Sur Luc FERRY, ex Ministru, u s-Sur Jacques DERMAGNE, President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali.



©iStockphoto.com/Louis16

# 6 KOMUNIKAZZJONIJIET

# 6 KOMUNIKAZZJONIJIET

## 6.1 AVVENIMENTI IMPORTANTI TAS-SENA

### L-GĦAXAR ANNIVERSARJU TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

L-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew iċċelebrat l-għaxar anniversarju tagħha fl-2005. Biex tiġi ċċelebrata din l-okkażjoni, ġew organizzati numru ta' attivitajiet, li kull waħda minnhom hija deskritta fid-dettall hawn taħt. Bil-għan li f'dawn l-avvenimenti jiġi aċċertat l-involviment dirett ta' l-interlokuturi ewlenin ta' l-Ombudsman — l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-UE, Membri tal-PE, kollegi ombudsmen, il-midja, l-NGOs, l-akkademiċi, l-ilmentaturi u ċ-ċittadini b'mod indaqs — kull avveniment kien maħsub għal udjenza differenti u speċifika.

Aktar tagħrif dwar dawn l-avvenimenti jista' jinstab fuq:
http://www.ombudsman.europa.eu/10anniversary/en/default.htm

© De Nationale Ombudsman van Nederland



Is-Sur Jacob Söderman, l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Mats Melin, Ombudsman Parlamentari Prinċipali ta' l-Iżvezja, u s-Sna Riitta-Leena Paunio, Ombudsman Parlamentari tal-Finlandja, fil-Ħames Seminar ta' l-Ombudsmen Nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE. L-Aja, Olanda, 11-13 ta' Settembru 2005.

**Pranzu gala għall-ombudsmen nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u l-Pajjiżi Kandidati, The Hague, l-Olanda**

Iżjed minn 80 rappreżentant ta' uffiċċji nazzjonali ta' l-ombudsman fl-Istati Membri ta' l-UE u l-Pajjiżi Kandidati attendew il-ħames Seminar ta' l-ombudsmen nazzjonali li sar f'The Hague mill-11 sat-13 ta' Settembru 2005. F'din l-okkażjoni ġie organizzat pranzu gala sabiex jiġi ċċelebrat l-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Iżjed minn 70 ruħ attendew għall-pranzu, inklużi dawk involuti fit-twaqqif ta' l-istituzzjoni, li kkontribbwixxew fil-volum kommemorattiv

ippubblikat f'din l-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju. Il-volum, bit-titolu *L-Ombudsman Ewropew: L-Oriġini, it-Twaqqif u l-Evoluzzjoni*, tnieda mis-Sur DIAMANDOUROS waqt il-pranzu, fil-preżenza ta' l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN.

## Riċeviment sabiex jiġi ċċelebrat l-għaxar anniversarju mit-twaqqif ta' l-Ombudsman Ewropew, Strasburgu, Franza

Fis-27 ta' Settembru 1995, l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN, beda jaqdi d-doveri tiegħu. Nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2005, waqt is-Sessjoni Parzjali ta' Settembru tal-Parlament Ewropew fi Strasburgu, ġie organizzat riċeviment sabiex jiġi ċċelebrat l-għaxar anniversarju mit-twaqqif ta' l-Ombudsman Ewropew. Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea kienu mistednin jattendu r-riċeviment, bħalma kien l-istaff ta' l-Ombudsman Ewropew, staff mill-Parlament Ewropew u staff minn istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE oħrajn li kkoperaw mill-qrib ma' l-ombudsman matul l-aħħar għaxar snin. L-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN, kien il-mistieden ta' l-unur ta' l-okkażjoni. Minħabba l-irwol ċentrali tal-Parlament Ewropew fit-twaqqif ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew u l-appoġġ li l-Parlament ta lill-Ombudsman matul l-aħħar għaxar snin, kien xieraq li l-indirizz prinċipali waqt ir-riċeviment isir mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep BORRELL FONTELLES. Għar-riċeviment attendew iżjed minn 250 ruħ, inklużi ħames Membri tal-Kummissjoni Ewropea, 'il fuq minn 100 Membru tal-Parlament Ewropew, ħames Diretturi-Ġenerali tal-Parlament Ewropew, u rappreżentanti tal-Presidenza Brittanika ta' l-UE.



Is-Sur Josep Borrell Fontelles, President tal-Parlament Ewropew u s-Sur Diamandouros f' 'riċeviment b'tifkira ta' l-għaxar anniversarju ta' l-Ombudsman Ewropew. Strasburgu, Franza, 27 ta' Settembru 2005.

## Konferenza akkademika dwar "L-Ombudsman Ewropew — Evalwazzjoni u perspettivi", Strasburgu, Franza

Fit-28 ta' Ottubru, l-*Institut des hautes études européennes* ta' l-Università Robert Schuman ta' Strasburgu organizza konferenza akkademika fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju ta' l-Ombudsman Ewropew, taħt ir-responsabilità speċifika tas-Sur Syméon KARAGIANNIS, Professur fl-Università Robert Schuman, u tas-Sur Mr Yves PETIT, Professur fl-*Université de Bourgogne*. It-tema tal-konferenza akkademika, li saret fil-Parlament Ewropew, kienet *Le Médiateur européen: bilan et perspectives* (*L-Ombudsman Ewropew — Evalwazzjoni u perspettivi*). Il-konferenza akkademika nfetħet u ġiet indirizzata mis-Senatur u Sindku ta' Strasburgu, is-Sinjura Fabienne KELLER, u mill-President ta' l-*Université Robert Schuman*, is-Sinjura Florence BENOÎT-ROHMER.

Is-sessjoni ta' filgħodu kienet ippreseduta mill-Ko-Direttur u Professur tas-*Centre d'études internationales et européennes* ta' l-*Université Robert Schuman*, is-Sur Vlad CONSTANINESCO. Matul l-ewwel nofs tas-sessjoni, ġew eżaminati l-Ombudsman u l-ambjent istituzzjonali tiegħu. Is-Sur Yves PETIT analizza r-relazzjonijiet bejn l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet Ewropej, waqt li s-Sur Loïc GRARD, Professur fl-Università ta' Bordeaux IV, evalwa r-relazzjonijiet bejn l-Ombudsman Ewropew u l-ombudsmen nazzjonali. It-tieni nofs tas-sessjoni eżaminat l-Ombudsman u l-attivitajiet tiegħu. Is-Sur Claude BLUMANN, Viċi President u Professur fl-Università ta' Pariġi II, għamel preżentazzjoni dwar il-kontribut ta' l-Ombudsman lejn iċ-ċittadinanza Ewropea. Is-Sur Syméon KARAGIANNIS imbagħad analizza l-kontribut ta' l-Ombudsman għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Wara kull par ta' preżentazzjonijiet, bosta akkademiċi, studenti u parteċipanti preżenti oħrajn ingħataw l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet lill-kelliema u li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet li tqajmu.



Is-Sur Diamandouros, is-Sna Florence Benoît-Rohmer, President ta' l-*Université Robert Schuman*, u s-Sna Fabienne Keller, Senatur u Sindku ta' Strasburgu, jindirizzaw il-Konferenza akkademika dwar "L-Ombudsman Ewropew — Evalwazzjoni u perspettivi". Strasburgu, Franza, 28 ta' Ottubru 2005.

Is-sessjoni ta' wara nofs in-nhar ħadet il-forma ta' laqgħa ta' diskussjoni bit-tema "L-Ombudsman Ewropew — 10 snin ta' ħidma". Il-laqgħa ta' diskussjoni kienet ippreseduta mis-Sur Robert KOVAR, ex President ta' l-Università Robert Schuman u Professur emeritus fl-Università. Il-parteċipanti fil-laqgħa ta' diskussjoni kienu s-Sur Mr DIAMANDOUROS, is-Sur Mats MELIN, Ombudsman Parlamentari Prinċipali ta' l-Iżvezja, is-Sur Bernard DREYFUS, Delegat Ġenerali ta' l-Ombudsman Nazzjonali Franċiż, is-Sur David LOWE, Kap tat-Taqsima fis-Segretarjat tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Petizzjonijiet, is-Sur Giuseppe MASSANGIOLI, Direttur fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, u s-Sur Alvaro GIL-ROBLES, Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa. It-temi diskussi inkludew l-Ombudsman Ewropew u l-isfida tat-tkabbir, ir-relazzjonijiet bejn l-ombudsmen u l-influwenza ta' l-Ombudsmen Ewropej fuq ombudsmen nazzjonali u reġjonali, u l-impatt tal-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew fuq ix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-konklużjonijiet tal-konferenza akkademika ġew ippreżentati mis-Sur Jean-Paul JACQUÉ, Direttur fis-Servizz Legali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Iżjed minn 80 akkademiku, studenti, avukati, staff ta' l-Unjoni Ewropea u parteċipanti oħrajn attendew għal din l-okkażjoni. Ir-riżultati tal-konferenza akkademika se jkunu ppublikati mis-*Centre d'études internationales et européennes* ta' l-*Université Robert Schuman* matul l-2006.

### Pranzu formali għall-interlokuturi ewlenin ta' l-Ombudsman fi Franza, Strasburgu, Franza

Fit-28 ta' Ottubru, is-Sindku ta' Strasburgu, is-Sinjura Fabienne KELLER, u l-President tal-*Communauté Urbaine de Strasbourg*, is-Sur Robert GROSSMANN, organizzaw pranzu formali sabiex ifakkru l-għaxar snin tal-preżenza ta' l-Ombudsman Ewropew fi Strasburgu. Politiċi u amministraturi lokali, reġjonali u nazzjonali kienu mistednin għall-pranzu, bħalma kienu mistednin ukoll il-kelliema mill-konferenza akkademika li kienet saret aktar kmieni fil-ġurnata fi Strasburgu (ara fuq) u membri ta' l-istaff ta' l-Ombudsman Ewropew. Il-mistieden ta' l-unur kien l-Ombudsman Ewropew, is-

Sur DIAMANDOUROS. Matul il-pranzu, is-Sindku tenniet l-impenn tal-belt ta' Strasburgu għall-vokazzjoni Ewropea tagħha li tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u qrat messaġġ ta' awguri mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin Franċiż, is-Sinjura Catherine COLONNA. B'risposta, l-Ombudsman irringrazzja lill-belt u lir-reġjun tagħha għall-appoġġ tagħhom matul l-aħħar għaxar snin, reġa' saħaq dwar l-impenn tiegħu li jgħarraf iżjed liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom fuq il-livell ta' l-UE, u ħabbar li s-sitt Seminar ta' l-ombudsmen nazzjonali se jsir fi Strasburgu fl-2007.

### Pranzu formali għall-Presidenti u s-Segretarji Ġenerali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Kapijiet tal-korpi u l-aġenziji ta' l-UE, Brussell, Belġju

Fis-17 ta' Novembru, l-Ombudsman organizza pranzu formali għall-Presidenti u s-Segretarji Ġenerali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u għall-Kapijiet tal-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni. Għall-pranzu attendew iżjed minn 45 ruħ li rrappreżentaw istituzzjonijiet, korpi u aġenziji mill-Unjoni kollha. L-għan ta' din l-okkażjoni kien li tiġi enfasizzata d-determinazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew li jaħdem b'mod konġunt ma' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha fis-snin li ġejjin sabiex itejjeb il-kwalità ta' l-amministrazzjoni ta' l-UE u biex jaċċerta li d-drittijiet taċ-ċittadini jkunu rispettati b'mod sħiħ fl-Unjoni kollha. Fid-dawl tal-fatt li madwar 70% ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman jirrigwardaw lill-Kummissjoni Ewropea, il-President tal-Kummissjoni, is-Sur José Manuel BARROSO, ġie mistieden jagħmel l-indirizz prinċipali. Huwa semma numru ta' oqsma li fihom il-koperazzjoni tista' tissaħħaħ fis-snin li ġejjin, inklużi progress lejn Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba uniformi, it-tiftixa għal iżjed soluzzjonijiet bonarji u l-aċċertar ta' segwitu immedjat tar-rakkomandazzjonijiet u r-rimarki ta' l-Ombudsman. F'dan ir-rigward, huwa semma l-Komunikazzjoni adottata mill-Kummissjoni li tintroduċi proċedura interna ġdida biex tingħata risposta għall-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman. Fid-diskors tiegħu, l-Ombudsman ikkonferma l-importanza ta' l-ittrattar ta' l-ilmenti bla dewmien u permezz ta' kunsiderazzjoni xierqa. Huwa ddeskriva l-irwol tiegħu mhux biss bħala mekkaniżmu estern ta' kontroll iżda wkoll bħala riżors siewi għall-maniġers — riżors li kapaċi jgħin lill-amministraturi jtejbu t-twettiq tax-xogħol tagħhom billi jiffokaw l-attenzjoni fuq oqsma li jistgħu jittejbu. F'dan ir-rigward, huwa ddeskriva l-valur ta' Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba bħala gwida siewja għall-uffiċjali. Is-Sur DIAMANDOUROS iddeskriva wkoll l-irwol ta' l-Ombudsman bħala persuna li tiffaċilita u li tkun kapaċi tgħin lill-istituzzjonijiet biex ifissru lilhom infushom liċ-ċittadini, u li ġġib liċ-ċittadini konxji li l-vuċi tagħhom tgħodd tassew u li, billi jilmentaw, huma jistgħu jgħinu biex itejbu s-sitwazzjoni. Id-destinazzjoni aħħarija, huwa qal, hija amministrazzjoni ta' l-UE mill-aqwa li tkun iffukata fuq iċ-ċittadin.



Is-Sur José Manuel Barroso, President tal-Kummissjoni Ewropea, u s-Sur Diamandouros fl-ikla formali għall-Presidenti u s-Segretarji Ġenerali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Kapijiet tal-korpi u aġenziji ta' l-UE. Brussell, il-Belġju, 17 ta' Novembru 2005.

## Seminar għall-istampa u workshop pubbliku, Brussell, Belġju

Fis-6 ta' Diċembru, l-Ombudsman Ewropew organizza żewġ avvenimenti fi Brussell bit-titolu "L-Ombudsman Ewropew: 10 snin, 20 000 ilment — iżżejjed? ftit wisq?" L-avvenimenti kienu organizzati b'assoċjazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għall-Ġurnaliżmu, u ħadu l-forma ta' seminar għall-istampa u workshop pubbliku maħsub għall-midja, l-NGOs, il-gruppi li jirrappreżentaw interessi komuni, ir-rappreżentanzi reġjonali u lokali, u ċ-ċittadini interessati fix-xogħol ta' l-Ombudsman.




Is-Sur Michael Cashman MEP, is-Sur Diamandouros, is-Sur Aidan White, Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġurnalisti, u s-Sur Derk-Jan Eppink, Membru tal-Kabinett tal-Kummissjoni Ewropea, il-Viċi-President is-Sur Siim Kallas, jindirizzaw seminar għall-istampa b'tifkira ta' l-għaxar anniversarju ta' l-Ombudsman Ewropew. Brussell, il-Belġju, 6 ta' Diċembru 2005.

L-ewwel sessjoni kellha t-titolu "Amministrazzjoni ta' l-UE iżjed trasparenti u responsabbli — il-passi li jmiss għall-Kummissjoni, il-Parlament u l-Ombudsman." Iżjed minn sittin ruħ attendew din is-sessjoni. Il-membri tal-panil kienu s-Sur Derk-Jan EPPINK, Membru tal-Kabinett tal-Kummissjoni Ewropea, il-Viċi President is-Sur Siim KALLAS, is-Sur Michael CASHMAN, MEP u Rapporteur tal-Parlament dwar ir-Regolament dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, is-Sur Tony BUNYAN, Direttur ta' *Statewatch*, u s-Sur Tim KING, Deputat Editur ta' l-*European Voice*. Is-Sur Adrian WHITE, Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġurnalisti, mexxa din is-sessjoni li pprovdiet ħarsa ġenerali lejn il-progress li kien sar sa dik il-ġurnata fl-istituzzjonijiet ta' l-UE fil-qasam tat-trasparenza u l-ideat għall-ġejjieni.



Is-Sur Diamandouros u s-Sna Margot Wallström, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u Komunikazzjoni, jisimgħu lill-parteċipanti waqt "workshop" pubbliku b'tifkira ta' l-għaxar anniversarju ta' l-Ombudsman Ewropew. Brussell, il-Belġju, 6 ta' Diċembru 2005.

It-tieni sessjoni, li kellha t-titolu "Inqajmu kuxjenza dwar id-dritt li tressaq ilment — il-pass li jmiss għall-Ombudsman Ewropew", ħadet il-forma ta' workshop pubbliku. Is-Sinjura Margot WALLSTRÖM, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sinjura Emily O'REILLY, Ombudsman Nazzjonali ta' l-Irlanda, is-Sinjura Claire DAMILANO, mill-*European Citizen Action Service*, u s-Sur Aidan WHITE, Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġurnalisti, ifformaw il-panil ta' din is-sessjoni. Il-workshop kien immexxi b'mod vivaċi mill-ex President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Pat COX. Iżjed minn 50 rappreżentant ta' NGOs, gruppi li jirrappreżentaw interessi komuni, rappreżentanzi reġjonali u lokali fi Brussell, u istituzzjonijiet ta' l-UE attendew il-workshop li stħarreġ kif l-Ombudsman jista' jaħdem għalihom bl-aħjar mod. Id-diskussjoni kienet ibbażata fuq il-mistoqsijiet li ġejjin: Kif jista' l-Ombudsman Ewropew iqajjem kuxjenza dwar ix-xogħol tiegħu? X'jista' jagħmel l-Ombudsman Ewropew sabiex jinkuraġġik tuża d-dritt tiegħek li tressaq ilment? Kif tista' l-organizzazzjoni tiegħek tgħin lill-Ombudsman jibni fuq il-kisbiet ta' l-aħħar għaxar snin? Kif jista' l-Ombudsman Ewropew jikkontribwixxi għall-"perjodu ta' riflessjoni" ta' l-Unjoni? Dokument li jagħti sommarju ta' l-ideat ewlenin imressqin fil-workshop tqassam lill-parteċipanti wara l-laqgħa u tpoġġa għall-użu fil-websajt ta' l-Ombudsman.

### Preżentazzjoni ta' l-Assemblea Nazzjonali Franċiża lid-Delegazzjoni għall-Unjoni Ewropea, Pariġi, Franza

Fis-7 ta' Diċembru, id-Delegazzjoni għall-Unjoni Ewropea ta' l-Assemblea Nazzjonali Franċiża, organizzat, għall-ewwel darba, sessjoni ta' smigħ ta' l-Ombudsman Ewropew. Il-laqgħa, li kienet immexxija mill-President tad-Delegazzjoni, is-Sur Pierre LEQUILLER, tat lill-Ombudsman l-opportunità li jispjega l-irwol tiegħu, it-tipi ta' kwistjonijiet li jittratta u l-punt safejn huwa jikkopera ma' l-ombudsmen fl-Istati Membri. Membri tad-Delegazzjoni staqsew mistoqsijiet dwar l-ilmenti, inkluż l-ilment li jirrigwarda n-nuqqas ta' trasparenza fil-proċeduri leġiżlattivi tal-Kunsill, u dwar il-parti li jistgħu jilgħabu, bħala Membri tal-Parlament, fit-twassil ta' l-irwol u l-kompetenzi ta' l-Ombudsman Ewropew liċ-ċittadini Franċiżi. Is-sessjoni ta' smigħ saret f'Pariġi u kienet miftuħa għall-istampa. Din kienet issejħet sabiex tiċċelebra l-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew.

© Assemblée nationale française



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Pierre Lequiller, President tad-Delegazzjoni għall-Unjoni Ewropea ta' l-Assemblea Nazzjonali Franċiża. Pariġi, Franza, 7 ta' Diċembru 2005.

### L-ELEZZJONI TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

Fil-11 ta' Jannar, saret l-elezzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fil-Parlament Ewropew. Is-Sur DIAMANDOUROS reġa' ġie elett biex iservi bħala Ombudsman Ewropew għall-Mandat Parlamentari ta' l-2004-2009, billi kiseb 564 mis-609 voti mitfugħin. Konferenza stampa, organizzata miċ-Chairman

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, is-Sur Marcin LIBICKI MEP, segwiet l-elezzjoni. Is-Sur Mr DIAMANDOUROS ħa l-okkażjoni biex isemmi l-prijoritajiet tiegħu għall-istituzzjoni, li jinkludu li jaċċerta li d-drittijiet taċ-ċittadini jkunu protetti b'mod sħiħ fl-Unjoni kollha u li jiggarantixxi l-ogħla standards ta' amministrazzjoni fl-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE. Informazzjoni sħiħa dwar l-elezzjoni ta' l-Ombudsman hija provduta f'Anness E.

© Parlament Ewropew



Is-Sna Margot Wallström, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u Komunikazzjoni, tifraħ lis-Sur Diamandouros wara li reġa' ġie elett Ombudsman Ewropew. Strasburgu, Franza, 11 ta' Jannar 2005.

## IR-RAPPORT ANNWALI 2004

Ir-Rapport Annwali huwa l-iktar pubblikazzjoni importanti ta' l-Ombudsman. Billi jipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-mod kif l-Ombudsman ikun ittratta l-ilmenti f'sena partikulari, dan iżid il-kapaċità tal-Parlament biex jitlob lill-istituzzjonijiet u lill-korpi ta' l-Unjoni biex jagħtu kont ta' ħidmiethom. Billi jiġu enfasizzati oqsma problematiċi fl-amministrazzjoni, dan iservi bl-istess mod bħala għodda utli biex l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE jirregolarizzaw lilhom infushom. Iżda iżjed minn hekk, ir-Rapport ta' l-Ombudsman jinteressa firxa wiesgħa ta' gruppi u individwi f'livelli differenti— kollegi ombudsmen, politiċi, uffiċjali pubbliċi, professjonisti u akkademiċi, gruppi li jirrappreżentaw interessi komuni, organizzazzjonijiet mhux governattivi, ġurnalisti u ċittadini b'mod indaqs fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali.

Bil-għan li jwieġeb bl-aħjar mod għall-aspettativi differenti ta' dawn il-kostitwenti varji, ir-Rapport Annwali ngħata kunċett ġdid, li nbeda fir-Rapport ta' l-2004. Id-deċiżjonijiet sħaħ ġew sostitwiti b'taqsiriet li jiġbdu l-attenzjoni għall-punti ewlenin. F'kapitolu 2 (taqsima 2.8 f'dan ir-Rapport) ġiet introdotta analiżi tematika li tenfasizza l-aktar konklużjonijiet importanti tad-dritt u tal-fatt fl-oqsma ta' ħidma l-aktar importanti. Il-kapitoli li jkopru l-kommunikazzjonijiet u r-relazzjonijiet ma' korpi oħrajn ġew riveduti biex jenfasizzaw il-benefiċċji ta' dawn l-attivitajiet u biex juru dan permezz ta' dettalji tal-ġrajjiet li ġraw.

L-Ombudsman ippreżenta r-Rapport tiegħu għall-2004 lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-10 ta' Mejju. Din kienet l-opportunità biex jagħti deskrizzjoni ġenerali tax-xogħol u tar-riżultati miksubin fis-sena inkwistjoni u li jirrapporta dwar l-objettivi li hu kien fassal wara li kien reġa' ġie elett bħala Ombudsman Ewropew.

Is-Sur Manolis MAVROMMATIS MEP ħejja r-Rapport tal-Kumitat dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman għall-2004. Fis-27 ta' Ottubru, il-Membri tal-Parlament Ewropew adottaw dan ir-Rapport, b'426 vot favur, b'3 kontra u b'9 astenzjonijiet, u ferrħu lill-Ombudsman għax-xogħol tiegħu u għar-relazzjonijiet tajbin li għandu mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

### ĠRANET MIFTUĦIN GĦALL-PUBBLIKU

**Brussell**

Fit-30 ta' April, il-Parlament Ewropew organizza Ġurnata Miftuħa għall-membri tal-pubbliku. L-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem fil-Ġurnata Miftuħa għall-Pubbliku u uża l-okkażjoni biex iniedi l-postcard il-ġdida ta' l-Għaxar Anniversarju (*Tenth anniversary postcard*), li tqassmet lill-viżitaturi f'24 lingwa. Il-membri ta' l-istaff wieġbu għad-domandi mill-pubbliku matul il-ġurnata kollha u kien stmat li madwar 15 000 ruħ attendew għal din l-okkażjoni.

**Strasburgu**

Fid-8 ta' Mejju, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem f'Ġurnata Miftuħa għall-Pubbliku organizzata mill-Parlament Ewropew fi Strasburgu. Materjal dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman, inkluża it-*Tenth anniversary postcard*, tqassam lill-viżitaturi f'24 lingwa. Membri ta' l-istaff kienu preżenti matul il-ġurnata kollha sabiex iwieġbu għad-domandi. Aktar minn 20 000 individwu żar il-Parlament matul din il-Ġurnata Miftuħa għall-Pubbliku.



Ċittadini jżuru l-istand ta' l-Ombudsman fl-Open Day fi Strasburgu, Franza, 8 ta' Mejju 2005.

## 6.2 ŻJARAT TA' INFORMAZZJONI

Bil-għan li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jilmentaw ma' l-Ombudsman Ewropew u sabiex isaħħaħ aktar ir-relazzjonijiet professjonali mal-kontropartijiet nazzjonali u reġjonali tiegħu, fl-2003 u fl-2004 l-Ombudsman beda programm intensiv ta' żjarat ta' informazzjoni fl-Istati Membri, fil-pajjiżi li għandhom jissieħbu ma' l-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi kandidati. L-Ombudsman biħsiebu jkompli ż-żjarat ta' informazzjoni tiegħu matul il-perjodu 2005-2009. Matul dawn iż-żjarat, l-Ombudsman jiltaqa' ma' parlamentari, imħallfin, impjegati fi grad għoli tas-servizzi ċivili, ombudsmen kollegi u ma' oħrajn li jaħdmu fil-qasam tar-riżoluzzjoni tat-tilwim mhux-ġudizzjarja, il-komunità akkademika, ilmentaturi potenzjali u ċittadini oħrajn. F'kull vjaġġ hu jkun akkumpanjat minn membru mid-Dipartiment Legali tiegħu u minn membru mill-istaff tiegħu għall-komunikazzjonijiet.

Iż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal ftehim akbar fost iċ-ċittadini dwar is-servizz li huwa jista' jipprovdilhom. Fil-preżentazzjonijiet numerużi li jagħmel matul iż-żjarat tiegħu, l-Ombudsman jiddeskrivi x-xogħol tiegħu b'eżempji tat-tipi ta' lmenti li jirċievi. Iżda x-xogħol ta' l-Ombudsman imur lil hinn mill-ittrattar ta' l-ilmenti u, matul il-laqgħat

tiegħu, hu jkun dejjem konxju tal-ħtieġa li jqajjem kuxjenza dwar dan l-irwol akbar. Fid-diskorsi u l-preżentazzjonijiet tiegħu, l-Ombudsman Ewropew jiddeskrivi l-importanza ta' l-istituzzjoni ta' l-ombudsman fil-promozzjoni ta' l-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-laqgħat bilaterali ma' ombudsmen oħrajn, il-parteċipanti jesploraw ideat għall-kollaborazzjoni futura, filwaqt li jitgħallmu mill-esperjenza ta' xulxin u jaqsmu flimkien l-aħjar prattika.

Il-kontrapartijiet ta' l-Ombudsman fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati jieħdu ħsieb programmi dettaljati ta' attivitajiet u laqgħat għall-Ombudsman matul kull żjara tiegħu, u ħafna drabi jakkumpanjawh tul il-vjaġġ kollu.

Minħabba s-sensiela ta' attivitajiet organizzati sabiex jiġi ċċelebrat l-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fl-2005, matul is-sena saret żjara ta' informazzjoni waħda biss — żjara fir-Renju Unit fl-aħħar ta' Novembru.

It-taqsima li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn il-varjetà kbira ta' laqgħat li saru, u tagħti lista ta' l-interlokuturi prinċipali u ssemmi l-ħafna preżentazzjonijiet li ngħataw. L-attivitajiet tal-midja li saru bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni huma koperti fit-taqsima 6.4 ta' dan ir-Rapport.

## IR-RENJU UNIT

L-Ombudsman Ewropew żar Londra mit-28 sat-30 ta' Novembru 2005.

Fit-28 ta' Novembru, ġie organizzat working breakfast ma' l-Ombudsman Parlamentari u għas-Servizz tas-Saħħa, is-Sinjura Ann ABRAHAM. Is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sinjura ABRAHAM imbagħad kienu milqugħin mill-Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fir-Renju Unit, is-Sur Reijo KEMPINNEN. Dan kien segwit b'laqgħa mal-Membri tal-Parlament Ewropew, li kien ospitat mid-Direttur ta' l-Uffiċċju tar-Renju Unit tal-Parlament Ewropew, is-Sur Dermot SCOTT. Wara s-Sur DIAMANDOUROS u s-Sinjura ABRAHAM taw preżentazzjoni konġunta lill-istudenti ta' l-European Fast Stream fl-Iskola Nazzjonali tal-Gvern. It-titlu tal-preżentazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew kien "L-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew fil-qafas istituzzjonali ta' l-UE". Wara sessjoni vivaċi ta' mistoqsijiet u tweġibiet, id-diskussjonijiet ma' l-istudenti u mad-Direttur tal-Kors, is-Sur Howard EMMENS, issoktaw matul l-ikel.



Is-Sur Diamandouros u s-Sna Ann Abraham, Ombudsperson Parlamentari u tas-Servizzi tas-Saħħa tar-Renju Unit, tindirizza l-istudenti Fast Stream Ewropej fl-Iskola Nazzjonali tal-Gvern. Londra, ir-Renju Unit, 28 ta' Novembru 2005.

Wara nofs in-nhar beda b'laqgħa mal-Membri tal-Kumitat ta' Skrutinju Ewropew tal-House of Commons, li tat lill-Ombudsman l-opportunità li jiltaqa' mal-Membri tal-Kumitat, li jinformahom dwar ix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom u li jieħu sehem f'skambju ta' ideat interessanti. L-aħħar laqgħa

tal-ġurnata saret fil-Kunsill għat-Tribunali u kienet ospitata miċ-Chairman tal-Kunsill, Lord NEWTON ta' Braintree. Membri u staff tal-Kunsill ippreżentaw ix-xogħol tiegħu u d-diskussjonijiet li segwew urew ir-rabtiet qawwijin li jeżistu bejn ix-xogħol tat-tribunali u dak ta' l-ombudsmen. F'dik il-lejla, Lord NEWTON ospita pranzu fil-House of Commons sabiex jiċċelebra ż-żjara.

Fid-29 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat minn studenta tal-PhD, is-Sinjura Melanie SMITH, fil-kuntest tat-teżi tagħha dwar azzjonijiet ta' ksur skond l-Artikolu 226 tat-Trattat KE. Matul l-ewwel laqgħa tal-ġurnata, is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sinjura ABRAHAM intlaqgħu mill-Ministru għall-Ewropa, is-Sur Douglas ALEXANDER MP. Il-kwistjonijiet diskussi inkludew ir-Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman Ewropew, li tressaq lill-Parlament Ewropew f'Ottubru 2005, u li fih l-Ombudsman kien talab lill-Kunsill sabiex jirrevedi r-rifjut tiegħu li jiltaqa' pubblikament kull meta jkun qiegħed jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu. Imbagħad, iż-żjara lill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Parlamentari u għas-Servizz tas-Saħħa tat lis-Sur DIAMANDOUROS l-opportunità li jiffamiljarizza ruħu mal-firxa wiesgħa ta' każi ttrattati mill-Ombudsman. Id-Deputat Ombudsman, is-Sinjura Trish LONGDON, u l-kollegi tagħha ppreżentaw il-kwistjoni tat-tkomplija tal-kura, waqt li s-Sinjura Ann ABRAHAM u s-Sur Iain OGILVIE semmew l-iżjed żviluppi riċenti f'investigazzjoni li tinvolvi l-kumpanija ta' l-assikurazzjoni Equitable Life.

F'seminar waqt il-ħin ta' l-ikel ospitat mis-Sur Robert HAZELL, Direttur ta' l-Unità tal-Kostituzzjoni fl-Iskola ta' l-Ordni Pubblika, Kulleġġ ta' l-Università ta' Londra, is-Sur DIAMANDOUROS għamel taħdita dwar "L-Irwol ta' l-Ombudsman fit-tisħiħ tar-responsabilità u l-istat tad-dritt". Kemm waqt sessjoni animata ta' mistoqsijiet u tweġibiet u kemm waqt pranzu bufè, huwa rrisponda għal mistqosijiet u ddiskuta mhux biss mal-bosta professuri u studenti li attendew iżda wkoll ma' numru kbir ta' ombudsmen mir-Renju Unit li kienu preżenti.

Fl-ewwel laqgħa tiegħu ta' wara nofs in-nhar, is-Sur DIAMANDOUROS ta evidenza lill-Kumitat għall-Unjoni Ewropea tal-House of Commons. Is-sessjoni ta' evidenza kienet ippreseduta miċ-Chairman tal-Kumitat, Lord GRENFELL, u għaliha attendew erbatax-il Membru tal-House of Commons. Matul kontroeżami intensiv, Membri tal-Kumitat staqsew lis-Sur DIAMANDOUROS firxa wiesgħa ta' mistoqsijiet li koprew kwistjonijiet bħall-ħtieġa li jiġi żviluppat in-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen, ir-relazzjoni bejn il-Kodiċi Ewropea ta' Mġiba Amministrattiva Tajba u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u r-relazzjonijiet futuri ma' l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE. Is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sinjura ABRAHAM imbagħad iltaqgħu maċ-Chairperson tal-Kumitat għall-Amministrazzjoni Pubblika tal-House of Commons, is-Sur Tony WRIGHT MP. Waqt dik il-lejla, is-Sinjura ABRAHAM ospitat pranzu li għalih attendew ombudsmen mis-settur pubbliku mill-Ingilterra, mill-Iskozja, minn Wales u mill-Irlanda ta' Fuq.



Lord Wallace ta' Saltaire, Professur Emeritus tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fil-*London School of Economics and Political Science*, jintroduċi lis-Sur Diamandouros qabel il-preżentazzjoni tiegħu bit-titlu "Id-Drittijiet tal-Bniedem u rimedji mhux ġudizzjarji — il-perspettiva ta' l-Ombudsman Ewropew". Londra, ir-Renju Unit, 30 ta' Novembru 2005.

L-għodwa tat-30 ta' Novembru bdiet b'żjara lill-Uffiċċju ta' Londra ta' l-Ombudsmen Governattivi Lokali għall-Ingilterra. Is-Sur DIAMANDOUROS beda b'laqgħa maċ-Chairman ta' l-Ombudsmen Governattivi Lokali, is-Sur Tony REDMOND, li fiha ġew diskussi bosta kwistjonijiet importanti, inkluż l-iżvilupp tal-kompetenzi ta' l-ombudsman fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Imbagħad huwa ltaqa' mad-Deputat Ombudsman Governattiv Lokali, is-Sur Peter MACMAHON, għal diskussjoni dwar il-koperazzjoni internazzjonali bejn l-uffiċċji ta' l-ombudsman. Wara s-Sur DIAMANDOUROS żar il-London School of Economics and Political Science (LSE), fejn huwa għamel taħdita bl-isem "Id-Drittijiet tal-Bniedem u rimedji mhux ġudizzjarji — il-perspettiva ta' l-Ombudsman Ewropew". It-taħdita kienet immexxija minn Lord WALLACE ta' Saltaire, Professur Emeritus tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fl-LSE. It-taħdita kienet segwita b'sessjoni ta' varjetà wiesgħa ta' mistoqsijiet u tweġibiet u d-diskussjonijiet komplew waqt pranzu ospitat minn Lord WALLACE.

L-ewwel laqgħa ta' wara nofs in-nhar kienet mas-Sur Jim MURPHY MP, Segretarju Parlamentari għall-Uffiċċju tal-Kabinett. Il-kwistjonijiet diskussi inkludew it-titjib tal-mezzi ta' rimedjar disponibbli għaċ-ċittadini u l-iżvilupp tal-prattika ta' l-ombudsman fir-Renju Unit. Iż-żjara ntemmet b'laqgħa finali mas-Sinjura Ann ABRAHAM, fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman għall-Parlament u għas-Servizz tas-Saħħa.

## 6.3 KONFERENZI U LAQGĦAT OĦRAJN

Il-konferenzi, is-seminars u l-laqgħat joffru opportunità eċċellenti għall-Ombudsman sabiex iqajjem kuxjenza dwar ix-xogħol tiegħu fost udjenzi mmirati bħall-NGOs, gruppi li jirrappreżentaw interessi komuni u l-istituzzjonijiet akkademiċi. Dawn jiffaċilitawlu b'mod indaqs ix-xogħol li jippromwovi l-kunċett tal-prattika ta' l-ombudsman b'mod iżjed ġenerali. Il-konferenzi u l-laqgħat jgħinu wkoll lill-Ombudsman u lill-istaff tiegħu sabiex jibqgħu aġġornati dwar l-iżviluppi fl-ambjent Ewropew li jkunu partikularment rilevanti għall-istituzzjoni.

Din it-taqsima tagħti dettalji dwar il-firxa sħiħa ta' attivitajiet maħsubin biex jippromwovu l-kunċett tal-prattika ta' l-ombudsman b'mod ġenerali u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew b'mod partikulari. Meta ma jkunx jista' jieħu sehem personalment f'xi avveniment, l-Ombudsman jafda membru rilevanti ta' l-istaff bir-rappreżentanza ta' l-istituzzjoni. Ħafna gruppi jitgħallmu wkoll dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman bħala parti minn vjaġġi ta' studju fi Strasburgu. Għaldaqstant din it-taqsima tinkludi lista ta' preżentazzjonijiet minn gruppi li saru matul is-sena.

### JINVOLVU LILL-OMBUDSMAN

Fis-7 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' l-Ambaxxatur Marios LYSSIOTIS, Rappreżentant Permanenti ta' Ċipru għall-Kunsill ta' l-Ewropa, sabiex jiddiskuti l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew.

Fis-27 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS indirizza l-fergħa ta' Strasburgu ta' l-English Speaking Union dwar is-suġġett "L-Ombudsman Ewropew — Il-Gwardjan ta' amministrazzjoni tajba".

Fit-28 ta' Jannar, l-Ombudsman għamel id-diskors prinċipali finali waqt konferenza organizzata fi Brussell mill-Association of Former Trainees of the European Union (ADEK International). Il-konferenza kellha t-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa". L-Ombudsman iffoka fuq il-mistoqsijiet ta' "għala" għandna nikkomunikaw dwar l-Ewropa, "kif" għandna nikkomunikaw dwar l-Ewropa u "x'għandna" nikkomunikaw dwar l-Ewropa. Wara d-diskors tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS wieġeb xi mistoqsijiet mill-udjenza.

Fit-23 ta' Frar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sinjura Aleksandra POPOVIĆ, Assistent Ministru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tas-Serbja u l-Montenegro. Huma ddiskutew l-iżviluppi fl-Unjoni marbutin mal-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini permezz ta' rimedji ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji.

Fl-4 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS għamel taħdita waqt konferenza internazzjonali li saret f'Ġinevra, l-Iżvizzera, dwar is-suġġett ta' "Il-Prinċipji fundamentali tal-Kostituzzjoni għall-Ewropa". Il-konferenza kienet organizzata miċ-Ċentru għall-Istudji Legali Ewropej ta' l-Università ta' Ġinevra.

Fil-11 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS organizza sensiela ta' laqgħat fin-Nikosija, Ċipru, ma': is-Sur Tassos PAPADOPOULOS, President tar-Repubblika ta' Ċipru, is-Sur Nikos CLEANTHOUS, Chairman tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ewropej tal-Parlament ta' Ċipru, is-Sur Panayiotis DEMETRIOU MEP, is-Sur Costakis CHRISTOFOROU, Direttur Ġenerali tal-Parlament ta' Ċipru, is-Sur Ronald EVERS, Kap ta' l-Uffiċċju għall-Informazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Ċipru, u s-Sur Adriaan VAN DER MEER, Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Ċipru. Iżjed tard matul dik il-ġurnata huwa għamel diskors dwar "Id-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej kif jirriżultaw miċ-ċittadinanza Ewropea, il-ħajja demokratika ta' l-Unjoni u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali" waqt seminar dwar id-drittijiet taċ-ċittadini organizzat mill-Parlament ta' Ċipru u l-Uffiċċju għall-Istampa u l-Informazzjoni ta' Ċipru.



Is-Sur Tassos Papadopoulos, President tar-Repubblika ta' Ċipru, u s-Sur Diamandouros.
Nikosija, Ċipru, 11 ta' Marzu 2005.

Fit-12 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Michalis ATTALIDES, Dean ta' l-Ischool of Humanities, Social Sciences and Law of Intercollege fin-Nikosija, Ċipru, fejn għamel diskors dwar "Id-Difiża tad-demokrazija u l-istat tad-dritt: l-irwol ta' l-ombudsman".

Fis-17 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS indirizza l-Ħames Kungress ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' l-Avukati Nisa dwar is-suġġett ta' "L-Aċċess għall-medjazzjoni Ewropea".



Is-Sur Christos Rozakis, Viċi-President tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jindirizza lill-istaff ta' l-Ombudsman Ewropew. Strasburgu, Franza, 18 ta' Marzu 2005.

Fit-18 ta' Marzu, l-Ombudsman kellu laqgħa mas-Sur Christos ROZAKIS, Viċi President tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Is-Sur ROZAKIS imbagħad ipparteċipa f'laqgħa ta' l-istaff ta' l-Ombudsman Ewropew fejn għamel preżentazzjoni dwar "Il-Panoplija tal-protezzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem: inwessgħu l-protezzjoni permezz tat-Trattat Kostituzzjonali ta' l-UE".

Fil-21 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Guillermo O'DONNELL, Professur fl-Univeristà ta' Notre Dame, Indiana, l-Istati Uniti, u mas-Sur Gabriela IPPOLITO O'DONNELL, sabiex jiddiskuti l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew u l-prospetti għall-koperazzjoni fil-promozzjoni u fl-iżvilupp ta' l-istituzzjoni ta' l-ombudsman fl-Amerika Latina.

Fit-22 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni dwar "Żviluppi Riċenti konnessi mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea — il-perspettiva ta' l-Ombudsman Ewropew" waqt pranzu ta' ħidma ta' Rappreżentanti Permanenti għall-Kunsill ta' l-Ewropa. Din l-okkażjoni kienet ospitata mis-Sinjura Ann-Marie NYROOS, Rappreżentant Permanenti tal-Finlandja għall-Kunsill ta' l-Ewropa.

Fl-14 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors dwar "L-Ombudsman Ewropew u l-politika ta' l-UE dwar id-Droga" lill-Għaxar Konferenza Ewropea dwar ir-Rijabilitazzjoni u l-Politika dwar id-Droga f'Heraklion, il-Greċja.

Fit-18 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar "L-Ombudsman Ewropew bħala promotur tat-trasparenza u kontributur fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni" lill-Kapitolu Grieg ta' Transparency International f'Ateni, il-Greċja.

Fid-19 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem f'laqgħa ta' diskussjoni (round table) dwar "L-Amministrazzjoni ħażina u l-korruzzjoni fis-settur pubbliku Grieg — riflessjonijiet dwar modi u mezzi kif nikkumbattuhom" fil-Greek Leadership Conference 2005, organizzata mill-Assoċjazzjoni ta' Uffiċjali ta' Diriġenza Għolja f'Ateni, il-Greċja.

Fl-24 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sinjura Fabienne KELLER, is-Sindku ta' Strasburgu, sabiex iħejji l-Konferenza Akkademika u l-pranzu formali ta' l-għaxar anniversarju, ippjanati għat-28 ta' Ottubru.

Fil-31 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar "Id-Demokarazija, l-istat tad-dritt, ir-responsabilità u l-istituzzjoni ta' l-ombudsman" fl-Università ta' Duisburg, il-Ġermanja.

Fit-3 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors dwar "Id-drittijiet tal-pazjenti fl-Ewropa tal-lum" waqt it-Tieni Konferenza Internazzjonali Medika Hygeia-Harvard dwar "Il-Mediċina preventiva fis-seklu 21", f'Ateni, il-Greċja.

Fis-6 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors dwar "Ir-Rispett ta' l-amministrazzjoni Ewropea għad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem: standards u rimedji" waqt konferenza internazzjonali fi Krakow, il-Polonja, organizzata mill-Ombudsman Pollakk is-Sur Andrzej ZOLL u l-Jagiellonian University, sabiex jiċċelebra t-twaqqif ta' l-Akkademja tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Oświęcim.

Fit-30 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS kien mistieden mis-Sur Anthony MOLHO u mis-Sur Diogo RAMADA CURTO, Professuri fl-Istitut Universitarju Ewropew (EUI) f'Firenze , l-Italja, sabiex jagħmel l-ewwel preżentazzjoni fil-kors tas-sajf organizzat mid-Dipartiment ta' l-Istorja ta' l-EUI. Is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors dwar "L-iżvilupp tad-drittijiet tal-migranti fis-sistema legali Ewropea matul l-epoka ta' wara l-gwerra". Wara, s-Sur DIAMANDOUROS kellu pranzu ma' grupp ta' ħames kandidati għad-dottorat mill-Greċja.

Fl-1 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa f'Firenze, l-Italja, mas-Sur Yves MENY, President u Professur fl-Istitut Universitarju Ewropew, u mas-Sinjura Helen WALLACE, Direttriċi u Professur fiċ-Ċentru Robert Schuman għal Studji Avvanzati fl-Università, sabiex jiddiskuti modi kif jippromwovi l-istudju ta' l-istituzzjonijiet li kapaċi jżidu r-responsabilità demokratika fl-Ewropa.

Fis-6 ta' Lulju, l-Ombudsman iltaqa' mas-Sinjura Eugenia KOTSELIDOU, Kap ta' l-Iżvilupp ta' l-istaff u Medjatriċi fil-qasam tal-Performance Management fl-Uffiċċju tal-Privattivi Ewropew fi Munich, il-Ġermanja. Is-Sinjura KOTSELIDOU kienet interessata fl-esperjenza tas-Sur DIAMANDOUROS fil-medjazzjoni, inklużi t-tiftixa għal soluzzjonijiet bonarji u l-irwol ta' l-istituzzjoni bħala alternattiva għall-qrati.

Fis-7 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni bl-isem "L-Ombudsman Ewropew: strument għad-difiża taċ-ċittadini" lil Delegazzjoni ta' Sindki mir-Reġjun Taljan tat-Trentino Alto-Adige, ospitata mis-Sinjura Lilli GRUBER MEP.

Fit-13 ta' Lulju, l-Ombudsman ippreżenta x-xogħol tiegħu lill-25 membru tas-Soċjetà ta' Professjonisti fl-Affarijiet Ewropej (SEAP), l-organizzazzjoni professjonali għall-persuni li jipprattikaw affarijiet pubbliċi Ewropej. Waqt diskors bit-titolu "L-Ombudsman Ewropew: l-għajnuna fil-promozzjoni ta' amministrazzjoni ta' l-UE miftuħa, responsabbli u b'mentalità ta' servizz", is-Sur DIAMANDOUROS spjega s-servizz li jipprovdi permezz ta' l-ittrattar ta' lmenti u ta' investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali. L-Ombudsman iffoka b'mod partikolari fuq il-Kodiċi Ewropea ta' Mġiba Amministrattiva Tajba u l-Kodiċi ta' Mġiba tas-SEAP stess. Is-Sinjura Catherine STEWART, Viċi President tas-SEAP, mexxiet l-attività li spiċċat b'sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet.

Fit-23 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni dwar "L-Ombudsman Ewropew — mezz mhux ġudizzjarju ta' rimedju għaċ-ċittadini" lil delegazzjoni ta' membri ta' l-ex Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Din l-attività kienet organizzata mis-Sur Christos ROZAKIS, Viċi President tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Fis-26 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni dwar l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew lil delegazzjoni tad-District Chamber of Legal Advisers minn Krakow, il-Polonja.

Fis-6 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors bl-isem "L-Ombudsman Ewropew: istituzzjoni għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali" waqt Konferenza li fakkret is-60 anniversarju mit-twaqqif ta' l-*Ecole National d'Administration* Franċiża u l-Għaxar Anniversarju mit-twaqqif taċ-Ċentru għall-Istudji Ewropej fi Strasburgu.

Fl-14 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors bit-titolu "L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropa" lill-Akkademja tad-Difiża Nazzjonali, f'Ateni, il-Greċja.

Fil-21 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel taħdita bit-titolu "Id-Demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ombudsman" fil-Columbia University, New York, l-Istati Uniti.

Fil-21 u t-22 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħat f'Ateni, il-Greċja, mas-Sur Karolos PAPOULIAS, President tal-Greċja, mas-Sur Kostas KARAMANLIS, Prim Ministru tal-Greċja, mas-Sur Kostis STEFANOPOULOS, ex President tal-Greċja, u mas-Sur Konstantinos MITSOTAKIS, ex Prim Ministru tal-Greċja.

## JINVOLVU LILL-ISTAFF TA' L-OMBUDSMAN

Fil-25 ta' Jannar, is-Sur Olivier VERHEECKE, Konsulent Legali Prinċipali, ħa sehem f'seduta ta' smigħ pubblika dwar l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea proposta, organizzata mill-Kummissjoni Ewropa. Is-seduta ta' smigħ pubbliku kienet maqsuma f'erba' suġġetti ta' diskussjoni.L-ewwel suġġett kopra d-drittijiet u l-oqsma tematiċi ta' ħidma ta' l-Aġenzija u l-iskop ġeografiku tagħha. It-tieni suġġett iddiskuta s-sostenn u l-iżgurar tar-relazzjonijiet mal-Kunsill ta' l-Ewropa, l-istituzzjonijiet nazzjonali, is-soċjetà ċivili u entitajiet oħrajn. It-tielet suġġett irrigwarda ix-xogħlijiet li għandhom jiġu allokati lill-Aġenzija u r-raba' suġġett kopra l-istruttura ta' l-Aġenzija. Is-sessjoni ta' smigħ pubbliku ngħalqet mis-Sur Franco FRATTINI, Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli mill-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà.

Fis-16 ta' Frar, is-Sur Nicholas CATEPHORES, Assistent ta' l-Ombudsman Ewropew, ħa sehem f'laqgħa ta' diskussjoni dwar il-possibilità tal-ħolqien ta' "Ombudsman Ewropew għas-Servizzi

Finanzjarji" organizzata mill-European Securities Exchanges and Houston Consulting Europe, fi Brussell, il-Belġju.

Fl-1 ta' Marzu, is-Sinjura Tina NILSSON, Uffiċjal Legali, u s-Sinjura Rosita AGNEW, Kap tas-Settur tal-Komunikazzjoni, kellhom laqgħa mas-Sur Paul FIRTH, konsulent indipendenti li qiegħed jagħmel studju fil-proċess tat-tħejjija ta' l-għotjiet tal-Kummissjoni Ewropa. L-istudju kien qiegħed isir f'isem numru ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi. Is-Sinjura NILLSON u s-Sinjura AGNEW spjegaw il-proċeduri ta' l-Ombudsman u wrew x-xogħol tiegħu b'eżempji ta' lmenti li jirrigwardaw il-proċess tat-tħaejjija ta' l-għotjiet li kienu ttrattati matul il-perjodu 2002-2004. Is-Sur FIRTH staqsa dwar kemm l-Ombudsman jirnexxilu jsib soluzzjoni f'każi bħal dawn u dwar l-ammont medju ta' ħin li jieħu biex jagħmel dan. Is-Sur FIRTH kien partikularment interessat dwar ilmenti li jirrigwardaw ir-Regolamenti Finanzjarji ta' l-UE u dwar problemi li tressqu għall-attenzjoni ta' l-Ombudsman f'dan ir-rigward.

Fil-5 ta' April, is-Sur Olivier VERHEECKE u s-Sinjura Rosita AGNEW iddiskutew ix-xogħol ta' l-Ombudsman mas-Sinjura Melanie SMITH, studenta tal-Ph.D fl-Università ta' Manchester u Assistent fir-Riċerka mas-Sinjura Jo SHAW, Professur fl-Università ta' Edinburgu.

Fit-13 u l-14 ta' Lulju rispettivament, is-Sur Olivier VERHEECKE laqa' lis-Sinjura Rhita BOUSTA, studenta tal-Ph.D. fl-Università ta' Pariġi 1 Panthéon-Sorbonne, u lis-Sinjura Costanza HERMANIN DE REICHENFELD mill-*Institut de Sciences Politiques* f'Pariġi, sabiex jiddiskuti x-xogħol ta' l-Ombudsman u, b'mod partikulari, il-Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba.

Fit-28 u d-29 ta' Settembru, il-Kummissarju ta' l-Istat ta' Brandenburg għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-Aċċess għall-Informazzjoni ospita, b'koperazzjoni ma' l-*Alcatel SEL Stiftung für Kommunikationsforschung* u d-*Deutsche Gesellschaft für Recht und Informatik e.V.*, simpozju internazzjonali dwar "Il-Libertà ta' l-informazzjoni fil-Ġermanja u fl-Ewropa". Iżjed minn 120 ruħ attendew għal din il-konferenza. L-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew kien rappreżentat mis-Sur Gerhard GRILL, Konsulent Legali Prinċipali.

Fil-15 ta' Diċembru, is-Sinjura Ida PALUMBO laqgħet lis-Sinjura Margherita BARSI, studenta fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Lecce, l-Italja, u apprendista fl-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Milan. Matul il-laqgħa, is-Sinjura PALUMBO ppreżentat il-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew u tat eżempji ta' każi ttrattati mill-Ombudsman.

## Preżentazzjonijiet fi grupp

Fl-2005, is-Sur DIAMANDOUROS u membri ta' l-istaff tiegħu (indikati fil-parentesi) spjegaw l-irwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman lil:

### Jannar

- grupp ta' 30 student tax-xjenza politika mill-Università ta' Regensburg, il-Ġermanja. Din il-preżentazzjoni kienet organizzata mill-*Europäische Akademie Bayern* u l-grupp kien akkumpanjat mis-Sinjura Andrea RIESCH; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' studenti mill-*Institut des Hautes Etudes Européennes* ta' l-Università Robert Schuman ta' Strasburgu, Franza; (Is-Sur José MARTÍNEZ-ARAGÓN)

### Frar

- 20 student ta' l-Amministrazzjoni Pubblika mill-Università ta' Twente, l-Olanda. Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sur Jaap H. DE WILDE; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 40 student mill-*Bayern Kolleg Augsburg*, Bavarja, il-Ġermanja, fil-qafas ta' vjaġġ għal Strasburgu organizzat mill-*Europäische Akademie Bayern*. Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sur Alexander FRISCH; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 50 student mill-European Masters in Business Administration ta' l-Università ta' Mannheim, il-Ġermanja, u l-*Ecole Supérieure des Sciences Economiques et Commerciales*, Franza. Din il-preżentazzjoni

kienet organizzata mis-Sur Brian CASSIDY, Membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew; (Is-Sinjura Rosita AGNEW)

**Marzu**

- 45 ruħ mis-*CDU Frauenunion Ibbenbüren*, il-Ġermanja, bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' studenti tal-liġi (fi Grad ta' Masters) mill-Università ta' Nîmes, Franza; (Is-Sinjura Marjorie FUCHS)
- 37 ruħ mill-*Europa-Union München*, il-Ġermanja, bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Europäische Akademie Bayern*; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' 30 student mill-*Politischer Jugendring Dresden e.V.*, il-Ġermanja; (Is-Sur Olivier VERHEECKE)

**April**

- grupp ta' għaxar amministraturi żgħażagħ mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u mill-Madagaskar, fil-kuntest ta' seminar dwar l-affarijiet Ewropej organizzat mis-*Centre des Etudes Européennes* ta' Strasburgu; (Is-Sur Alessandro DEL BON)
- studenti li attendew l-20 Sessjoni ta' l-European Institute of Public Affairs and Lobbying (EIPAL), Brussell; (Is-Sur Olivier VERHEECKE)
- 38 ruħ minn Dortmund, il-Ġermanja, bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*; (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- grupp ta' 43 student mill-*Europa-Institut, Universität des Saarlandes*, il-Ġermanja; (Is-Sinjura Marta HIRSCH-ZIEMBIŃSKA)
- 32 ruħ mill-*Altenakademie Dortmund*, il-Ġermanja, bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*; (Is-Sur Branislav URBANIČ)
- grupp ta' 41 student tal-liġi tat-tielet u r-raba' sena li qegħdin jispeċjalizzaw fil-liġi Ewropea, mill-Università ta' Leiden, l-Olanda. Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sur Rick LAWSON; (Is-Sur Ian HARDEN)
- grupp ta' 22 student postgraduate u tliet membri ta' l-istaff mill-Iskola tal-Liġi u x-Xjenzi Soċjali ta' l-Università ta' Glasgow Caledonian, ir-Renju Unit. Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sinjura Marcela CHISHOLM; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' 25 student mill-Fakultà ta' l-Ekonomija ta' l-Università ta' Nürnberg-Erlangen, il-Ġermanja; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' 68 parteċipant fl-"Europa-Seminar" organizzat mill-*Kolpingwerk,* il-Ġermanja; (Is-Sur Gerhard GRILL)

**Mejju**

- grupp ta' 20 diplomatiku Ażjatiku fil-kuntest ta' seminar dwar l-affarijiet Ewropej organizzat mis-*Centre des Etudes Européennes* ta' Strasburgu; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 42 ruħ minn Cologne, il-Ġermanja, bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*; (Is-Sur Branislav URBANIČ)
- grupp ta' 35 student mid-dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali ta' l-Università ta' Groningen, l-Olanda, bħala parti minn vjaġġ ta' studju fi Brussell u Strasburgu; (Is-Sur Gerhard GRILL)

### Ġunju

- grupp ta' 34 għalliem żagħżugħ mill-Ġermanja li ħadu sehem fi vjaġġ ta' studju fi Strasburgu organizzat mill-*Europäische Akademie Bayern*; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' 26 student u żewġ membri ta' l-istaff mit-*Thorbecke Academie Leeuwarden*, l-Olanda, bħala parti minn vjaġġ ta' studju fi Brussell u Strasburgu; (Is-Sur Branislav URBANIČ)
- 35 ruħ mis-*CDU Frauenunion Ibbenbüren*, il-Ġermanja, bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' 10 studenti tax-xjenza politika mill-Università ta' Southern Maine, Portland, l-Istati Uniti; (Is-Sur Olivier VERHEECKE)
- grupp mill-*Kirchlicher Dienst in der Arbeitswelt*, Oldenburg, il-Ġermanja; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' 48 għalliem żagħżugħ mill-Ġermanja li ħadu sehem fi vjaġġ ta' studju fi Strasburgu organizzat mill-*Europäische Akademie Bayern*; (Is-Sur Gerhard GRILL)

### Lulju

- grupp ta' 47 għalliema żgħażagħ mill-Ġermanja li ħadu sehem fi vjaġġ ta' studju fi Strasburgu organizzat mill-*Europäische Akademie Bayern*; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' 45 għalliema żgħażagħ mill-Ġermanja li ħadu sehem fi vjaġġ ta' studju fi Strasburgu organizzat mill-*Europäische Akademie Bayern*; (Is-Sur Branislav URBANIČ)
- 29 ruħ minn Kerpen, il-Ġermanja; (Is-Sur Branislav URBANIČ)
- grupp ta' 49 għalliema li ħadu sehem fi vjaġġ ta' studju fi Strasburgu organizzat mill-Gvern Distrettwali ta' Upper Palatinate (*Regierung der Oberpfalz*), il-Ġermanja; (Is-Sur Branislav URBANIČ)
- grupp ta' 23 student u ħames membri ta' l-istaff mill-programm *Masters in European Studies* ta' l-Università ta' Tübingen, il-Ġermanja; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' 7 uffiċjali għoljin Alġerini fil-kuntest ta' seminar dwar l-affarijiet Ewropej organizzat mis-*Centre des Etudes Européennes* ta' Strasburgu; (Is-Sur José MARTÍNEZ-ARAGÓN)

### Awissu

- grupp ta' 6 persuni mis-servizz tal-viżitaturi tal-Kunsill ta' l-Ewropa; (Is-Sur José MARTÍNEZ-ARAGÓN)

### Settembru

- grupp ta' 20 MP u impjegati tas-servizzi ċivili mill-Parlament Ungeriż li ħadu sehem fis-"Sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet dwar petizzjonijiet u ċ-ċittadinanza Ewropea" organizzata mid-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir (Uffiċċju TAIEX) tal-Kummissjoni Ewropea, Brussell; (Is-Sur Olivier VERHEECKE)
- grupp ta' 37 ruħ mill-*Socialdemokraterne-Vejle amt*, id-Danimarka, bħala parti minn vjaġġ ta' studju fi Brussell u Strasburgu; (Is-Sur Peter BONNOR)
- 38 ruħ mir-reġjun ta' Münster, il-Ġermanja, inklużi politiċi lokali u membri tal-kunsill, bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 37 ruħ mill-*Heimat- und Geschichtsvereins Bonn-Beuel*, il-Ġermanja, bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*; (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)

- grupp ta' 22 ruħ minn 13-il pajjiż li rrappreżentaw NGOs differenti li ħadu sehem fi vjaġġ ta' studju fi Brussell u Strasburgu organizzat mill-*Europahaus Burgenland*, l-Awstrija; (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)

- grupp ta' 25 għalliema żgħażagħ mill-Ġermanja li ħadu sehem fi vjaġġ ta' studju fi Strasburgu organizzat mill-*Europäische Akademie Bayern*; (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)

- 38 student fi skola superjuri minn Brühl, il-Ġermanja, bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*; (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)

**Ottubru**

- 42 ruħ mill-Ġermanja li segwew taħriġ vokazzjonali *Bilanzbuchhaltung International* bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Fit for Europe*; (Is-Sur Gerhard GRILL)

- grupp ta' 49 seniors tat-telekomunikazzjonijiet, l-informatika u l-ipproċessar tad-dejta bħala parti minn vjaġġ organizzat mit-trejdunjin *ver.di*, il-Ġermanja; (Is-Sur Gerhard GRILL)

- grupp ta' 15-il ruħ fil-kuntest ta' seminar dwar l-affarijiet Ewropej organizzat mill-*Forum Demokratie*, Düsseldorf, il-Ġermanja; (Is-Sur Gerhard GRILL)

- grupp ta' 53 ruħ mill-Ġermanja mistednin mis-Sinjura Silvana KOCH-MEHRIN MEP; (Is-Sur Gerhard GRILL)

- grupp ta' 50 Duttur tal-Liġi fil-qafas tal-*Corso di applicazione forense* organizzat mill-Bar Association ta' Messina, l-Italja. Din il-laqgħa kienet organizzata mis-Sur Antonio DE MATTEIS, membru tal-Bar Association ta' Messina, l-Italja; (Is-Sinjura Ida PALUMBO)

- 50 sindku mit-Trentino-Alto Adige, l-Italja, bħala parti minn vjaġġ fi Strasburgu; (Is-Sinjura Ida PALUMBO)

**Novembru**

- 30 membru tal-partit CDU minn Horstmar-Leer (reġjun ta' Münster), il-Ġermanja; Il-vjaġġ fi Strasburgu kien organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*; (Is-Sur Gerhard GRILL)

- grupp ta' 50 ruħ mill-Ġermanja mistidnin mis-Sinjura Silvana KOCH-MEHRIN MEP; (Is-Sur Gerhard GRILL)

- grupp ta' 41 ruħ mill-Italja mistednin mis-Sinjura Lilli GRUBER MEP; (Is-Sur Gerhard GRILL)

- 31 ruħ mid-*Deutsche Gesellschaft e.V. Berlin*, il-Ġermanja, li ħadu sehem fi vjaġġ ta' studju fil-Lussemburgu u Strasburgu; (Is-Sur Gerhard GRILL)

- grupp ta' 27 student mill-Ġermanja li ħadu sehem fi vjaġġ ta' studju fi Brussell organizzat mill-*Politischer Jugendring Dresden e.V.*; (Is-Sinjura Tina NILSSON)

- 16-il ruħ mill-Ġermanja bħala parti minn vjaġġ organizzat mill-*Gästeführer Trier*; (Is-Sur Gerhard GRILL)

- 22 maġistrat minn Franza li segwew kors ta' taħriġ vokazzjonali organizzat mis-*Centre des Etudes Européennes* ta' Strasburgu; (Is-Sinjura Marjorie FUCHS)

**Diċembru**

- grupp ta' 6 membri tal-*Consiglio Nazionale Forense*, l-Italja; (Is-Sinjura Ida PALUMBO)



Is-Sur Diamandouros ma' membri tal-*Consiglio Nazionale Forense* ta' L-Italja.
Strasburgu, Franza, 9 ta' Diċembru 2005.

- grupp ta' 45 ruħ mill-Ġermanja mistednin minn Graf Alexander LAMBSDORFF MEP; (Is-Sur Gerhard GRILL)
- grupp ta' 14-il apprendist mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew; (Is-Sur Branislav URBANIČ)

Flimkien ma' dawn ta' hawn fuq, fl-2005 l-membri ta' l-istaff ta' l-Ombudsman ippreżentaw ix-xogħol tiegħu lil apprendisti mill-Kummissjoni Ewropea f'15-il okkażjoni. Għal kull sessjoni attendew madwar 50 apprendist.

## 6.4 RELAZZJONIJIET MAL-MIDJA

L-attivitajiet tal-midja ta' l-Ombudsman ivarjaw minn intervisti sa konferenzi stampa u minn artikli miktubin sa stqarrijiet għall-istampa. Dawn l-attivitajiet jgħinu biex l-Ombudsman jiġbed l-attenzjoni għas-servizz li hu jipprovdi liċ-ċittadini, lill-organizzazzjonijiet u lill-kumpaniji u biex isemmi każi ta' importanza partikulari. Il-midja tista' tgħin biex issir enfasi fuq l-importanza ta' dawn il-każi, u għalhekk tħeġġeġ lill-istituzzjoni jew lill-korp biex isibu soluzzjoni għaċ-ċittadin. L-inizjattivi tal-midja li jieħu l-Ombudsman jistgħu jkunu marbutin jew ma' avveniment importanti, bħal ngħidu aħna, il-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, jew direttament ma' investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman.

Fl-2005, ħarġu sbatax-il stqarrija għall-istampa u tqassmu lill-ġurnalisti u lill-partijiet interessati fl-Ewropa kollha. Fost il-kwistjonijiet li koprew kien hemm l-abolizzjoni ta' limiti ta' età għall-apprendisti fil-Kummissjoni, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità, stqarrijiet qarrieqa magħmulin mill-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi (OLAF) fil-kuntest ta' investigazzjoni mill-Ombudsman, u n-nuqqas ta' trasparenza fix-xogħol tal-Kunsill.

Fl-2005, l-Ombudsman ta iżjed minn 50 intervista lil rappreżentanti ta' l-istampa, tax-xandir u tal-midja elettronika, fi Strasburgu, Brussell u f'postijiet oħrajn. Din it-taqsima tagħti lista ta' l-intervisti li taw l-Ombudsman u l-istaff tiegħu matul l-2005 u tinkludi l-firxa ta' avvenimenti tal-midja organizzati matul is-sena.

- Fil-11 ta' Jannar, wara li reġa' ġie elett Ombudsman Ewropew, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem f'konferenza stampa organizzata miċ-Chairman tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, is-Sur Marcin LIBICKI. Il-konferenza stampa tat l-opportunità lill-Ombudsman

sabiex isemmi l-prijoritajiet tiegħu għall-mandat il-ġdid tiegħu u biex iwieġeb mistoqsijiet mill-ġurnalisti.



© Parlament Ewropew

Is-Sur Marcin Libicki MEP, Chairman tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u s-Sur Diamandouros jindirizzaw konferenza stampa wara l-elezzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Strasburgu, Franza, 11 ta' Jannar 2005.

- Wara l-konferenza stampa, l-Ombudsman kien intervistat mis-Sinjura Nicoletta SPINA minn stazzjon tar-radju reġjonali Taljan, mis-Sur Sergio NAVA mir-radju Taljan *Radio 24*, u mis-Sur Ioannis PAPADIMITRIOU mis-sezzjoni Griega tad-*Deutsche Welle*.

- Fit-12 ta' Jannar, l-Ombudsman kien intervistat mis-Sinjura Verónica ALCÁZAR mill-istazzjon tat-televixin Spanjol, *Telemadrid*, għal programm bl-isem "Minn Madrid għall-Ewropa". Il-ġurnalista talbet lill-Ombudsman jispjega x-xogħol ta' l-istituzzjoni tiegħu għaċ-ċittadini Spanjoli u biex jitkellem b'mod ġenerali dwar ir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fi Spanja.

- Iżjed tard matul il-ġurnata, huwa kellu intervisti ma' l-istampa mas-Sinjura Fouli DIMITRAKOPOULOU ta' l-istazzjon televiżiv *ERT 3* tal-Greċja u mas-Sur Manolis SPINTHOURAKIS tal-ġurnal Grieg *To VIMA*.

- Fit-12 ta' Jannar, is-Sur Olivier VERHEECKE, Konsulent Legali Prinċipali, kien intervistat mis-Sinjura Christina GERHAUSSER mill-istudjo ta' Brussell ta' *Deutsche Welle*, Ġermanja, għal programm qasir tar-radju dwar it-tipi ta' lmenti ttrattati mill-Ombudsman Ewropew.

- Fit-12 ta' Jannar, is-Sinjura Rosita AGNEW, Uffiċjal għall-Istampa u l-Komunikazzjonijiet, tat intervista lis-Sinjura Claire DENIS miċ-Ċentru għall-Istudji fil-Ġurnaliżmu ta' Strasburgu, Franza. Is-Sinjura DENIS kienet interessata fix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew u, b'mod partikulari, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' istituzzjonijiet oħrajn ta' l-UE u maċ-ċittadini.

- Fit-13 ta' Jannar, l-Ombudsman kien intervistat mis-Sinjura Teresa CARRERAS għall-programm "Affarijiet Ewropej" fuq l-istazzjon televiżiv Spanjol, *Televisión Española*. Il-ġurnalista talbet lill-Ombudsman jispjega r-raġunijiet għall-persentaġġ għoli ta' lmenti Spanjoli u t-tipi ta' kwistjonijiet li ċ-ċittadini Spanjoli jilmentaw dwarhom.

- Fit-13 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Giorgos KAPOPOULOS ta' l-istazzjon tar-radju Grieg *NET*.

- Fit-18 ta' Jannar, is-Sinjura Olga TSANTILA, Editur prinċipali ta' *Epiloges*, is-suppliment tal-magażin ta' kull ġimgħa tal-ġurnal Grieg *Makedonia*, intervistat l-Ombudsman Ewropew dwar il-prijoritajiet tiegħu għat-tieni mandat tiegħu.

- Fl-24 ta' Jannar, l-Ombudsman ta intervista bit-telefown lis-Sinjura Kathy TZILIVAKIS għall-ġurnal bl-Ingliż *Athens News* tal-Greċja. Il-ġurnalista staqsiet lis-Sur DIAMANDOUROS dwar ix-xogħol tiegħu għaċ-ċittadini u l-pjanijiet futuri tiegħu bħala Ombudsman Ewropew wara li reġa' ġie elett.
- Fis-27 ta' Jannar, is-Sinjura Marjorie FUCHS, Uffiċjal Legali, kienet intervistata mis-Sinjura TUETUY mill-istazzjon tar-radju bbażat fi Brussell *BFM*. Il-ġurnalista kienet interessata f'każ ittrattat mill-Ombudsman Ewropew li rriżulta fl-ogħla livell ta' kumpens li qatt tħallas lil xi lmentatur.
- Fit-2 ta' Frar, is-Sinjura Maria VERZA mill-aġenzija ta' l-istampa Spanjola *Faxpress* intervistat lill-Ombudsman dwar il-fehmiet tiegħu dwar il-Kostituzzjoni għall-Ewropa. Il-ġurnalista staqsiet lis-Sur DIAMANDOUROS dwar l-implikazzjonijiet tal-Kostituzzjoni għax-xogħol ta' l-Ombudsman u, b'mod iżjed ġenerali, dwar il-benefiċċji tal-Kostituzzjoni għaċ-ċittadini. L-intervista saret fiż-żmien ta' tħejjija għar-referendum Spanjol dwar il-Kostituzzjoni.
- Fit-2 ta' Marzu, is-Sinjura Barbara KUŽNIK, ġurnalista ma' l-istazzjon tar-radju nazzjonali Sloven *VAL202*, intervistat lill-Ombudsman Ewropew bit-telefown. L-intervista għamlet parti minn programm dwar l-irwol ta' l-istituzzjoni ta' l-ombudsman fl-Ewropa. Is-Sinjura KUŽNIK staqsiet lis-Sur DIAMANDOUROS dwar it-tipi ta' lmenti li l-ombudsmen jintalbu jindirizzaw, ix-xogħol tagħhom f'isem il-minoritajiet u l-koperazzjoni bejn l-ombudsmen fl-UE kollha.
- Fis-7 ta' Marzu, l-Ombudsman ta intervista bit-telefown lis-Sinjura FREDERIKSEN, studenta fl-Iskola Daniża tal-Ġurnaliżmu. Is-Sinjura FREDERIKSEN staqsiet lis-Sur DIAMANDOUROS dwar l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew li jqarreb l-Ewropa lejn iċ-ċittadin. Hija kienet interessata b'mod partikulari fil-fehmiet ta' l-Ombudsman dwar il-Kostituzzjoni għall-Ewropa.
- Fit-8 ta' Marzu (u sussegwentament fid-9 ta' Ġunju, fis-26 ta' Settembru u fil-15 ta' Novembru), l-Ombudsman indirizza ġurnalisti minn *Radio France* f'seminar ta' taħriġ organizzat mis-Sur Quentin DICKINSON, Kap ta' l-Affarijiet Ewropej ta' l-istazzjon tar-radju. Il-ġurnalisti ġew minn Franza kollha u qattgħu ġimgħa fi Strasburgu sabiex jitgħallmu dwar ix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet Ewropej. L-Ombudsman spjega l-irwol tiegħu u ta eżempji ta' lmenti mressqin minn ċittadini u organizzazzjonijiet Franċiżi.
- Fid-9 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista bit-telefown lis-Sur Roland DHORDAIN ta' *Radio France: France Inter*. Is-Sur DHORDAIN kien qiegħed jipprepara programm tar-radju maħsub biex jiffamiljarizza liċ-ċittadini ma' l-UE u talab lill-Ombudsman jispjega x-xogħol tiegħu u s-servizz li jipprovdi.
- Iżjed tard matul il-ġurnata, l-Ombudsman kien intervistat għal programm televiżiv dwar il-Kostituzzjoni għall-Ewropa li xxandar minn *VPRO Television*, ix-xandar tas-servizz pubbliku Olandiż. Il-programm kien jismu "The Bliss of Holland", u kien maħsub biex jispjega l-Kostituzzjoni liċ-ċittadini Olandiżi. Is-Sinjura Hannah DOGGER għamlet l-intervista.
- Fl-istess ġurnata, huwa kien intervistat ukoll mis-Sur Lars LARSSON, korrispondent ma' l-aġenzija ta' l-aħbarijiet Svediża, *Tidningarnas Telegrambyrå*. Is-Sur LARSSON kien interessat fil-perċezzjoni ta' l-Ombudsman ta' l-irwol tiegħu għaċ-ċittadini u, b'mod iżjed speċifiku, fit-tipi ta' lmenti li l-Iżvediżi jippreżentawlu.
- Fl-aħħar, fid-9 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Nikos ROUSSIS ta' l-istazzjon televiżiv *Canali Voulis* (Stazzjon Televiżiv Grieg tal-Parlament).
- Fil-11 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Giorgos FRANGOS tal-ġurnal *Phileleftheros* ta' Ċipru fin-Nikosija, Ċipru.
- Fit-12 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Yiannis KAREKLAS tas-*CYBC* National Radio fin-Nikosija, Ċipru.
- Fil-11 ta' Mejju, l-Ombudsman ippreżenta r-*Rapport Annwali 2004* tiegħu lill-ġurnalisti waqt konferenza stampa fi Strasburgu. Iżjed minn 25 ġurnalist attendew għall-preżentazzjoni u

staqsew mistoqsijiet dwar il-Kodiċi Ewropea ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, it-tipi ta' lmenti li l-Ombudsman irċieva mill-għaxar pajjiżi li ssieħbu fl-UE fl-2004 u dwar kemm l-istituzzjonijiet ta' l-UE jaċċettaw ir-rakomandazzjonijiet tiegħu.

- Wara l-konferenza stampa, l-Ombudsman kien intervistat mis-Sinjura Shirin WHEELER ta' *BBC Parliament*, Renju Unit, għal programm bl-isem "The Record: Europe". Il-ġurnalista staqsiet lill-Ombudsman dwar ilmenti mir-Renju Unit u dwar ir-riżultati miksubin għaċ-ċittadini.

- Wara segwiet intervista ma' *Radio France: France Bleu* li fiha l-ġurnalist staqsa lill-Ombudsman Ewropew dwar il-fehmiet tiegħu dwar il-Kostituzzjoni għall-Ewropa u x'hemm fiha għaċ-ċittadini.

- Iżjed tard matul il-ġurnata, l-Ombudsman kien intervistat mis-Sur Ioannis PAPADIMITRIOU għas-sezzjoni Griega ta' *Deutsche Welle*. Is-Sur PAPADIMITRIOU staqsa lis-Sur DIAMANDOUROS dwar ix-xogħol tiegħu matul l-2004 u, b'mod iżjed speċifiku, dwar ilmenti minn ċittadini Griegi.

- Fl-aħħar, is-Sur Alain BEUVE-MÉRY minn *Le Monde*, Franza, intervista lis-Sur DIAMANDOUROS għal profil ta' l-Ombudsman fis-suppliment ekonomiku tad-dokument bl-isem *Le Monde: Économie*. Il-mistoqsijiet tal-ġurnalist iffokaw fuq l-evoluzzjoni ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman fl-Ewropa, il-bidliet li saru fl-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew minħabba t-tkabbir u l-post ta' l-Ombudsman Ewropew fl-istruttura istituzzjonali ta' l-UE.

- Fit-12 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat mis-Sinjura Nicoletta SPINA għal programm li xxandar minn radju reġjonali Taljan. Il-ġurnalista staqsiet lill-Ombudsman dwar ix-xogħol tiegħu għaċ-ċittadini Taljani u dwar ir-riżultati miksubin fl-2004.

- Fis-17 ta' Mejju, is-Sinjura Eleni HOURMOUZI mis-sezzjoni Griega tal-*BBC World Service* intervistat lis-Sur DIAMANDOUROS bit-telefown. L-intervista, li kienet imxandra waqt iż-żmien ta' tħejjija għar-referendum Franċiż dwar il-Kostituzzjoni għall-Ewropa, iffokat fuq il-fehmiet ta' l-Ombudsman dwar il-Kostituzzjoni u dwar x'hemm fiha għaċ-ċittadini.

- Fil-25 ta' Mejju, is-Sinjura Katharina STROBEL intervistat lill-Ombudsman għal artiklu li ġie ppubblikat fil-verżjoni online ta' l-istazzjon tat-televiżjoni Ġermaniż, *ZDF*. Il-ġurnalista staqsiet lis-Sur DIAMANDOUROS dwar ix-xogħol li kien jagħmel qabel laħaq Ombudsman Ewropew, l-esperjenza tiegħu f'din il-kariga u l-pjani għall-futur ta' l-istituzzjoni.

- L-Ombudsman imbagħad għamel intervista fuq ir-radju mas-Sur Niels WENSING għall-programm "AVRO 1opdeMiddag" li xxandar fuq l-istazzjon tar-radju Olandiż, *Radio 1*. Is-Sur WENSING staqsa lill-Ombudsman dwar it-tipi ta' lmenti li jirċievi miċ-ċittadini Olandiżi u dwar il-fehmiet tiegħu dwar il-Kostituzzjoni għall-Ewropa, fid-dawl tar-referendum Olandiż dwar din il-kwistjoni.

- Iżjed tard matul il-ġurnata, l-Ombudsman kien intervistat għat-televiżjoni Slovakka mis-Sur Martin THUMA. Is-Sur THUMA staqsa lill-Ombudsman dwar l-ilmenti mill-għaxar Stati Membri l-ġodda inġenerali u b'mod partikulari dwar dawk Slovakki. Huwa staqsa wkoll dwar il-koperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-kontraparti Slovakka tiegħu, id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet Slovakk.

- Il-ġurnata ntemmet b'intervista mis-Sinjura Ingrid HVASS għaċ-fuljett ta' kull ġimgħa tal-Kummissjoni Ewropea, *Commission en Direct*. Is-Sinjura HVASS iffokat fuq il-laqgħa ta' l-Ombudsman li saret aktar kmieni matul dik il-ġurnata mal-Kulleġġ tal-Kummissarji u staqsiet lill-Ombudsman dwar kif, fil-fehma tiegħu, il-Kummissjoni tista' ttejjeb l-imġiba amministrattiva tagħha vis-à-vis iċ-ċittadini.

- Fit-13 ta' Lulju, l-Ombudsman beda l-ġurnata b'intervista mal-ġurnalista Olandiża, is-Sinjura Joke LIGTERINK, li kienet qiegħda tipprepara kapitolu għall-ktieb dwar l-Ombudsman Olandiż, is-Sur Roel FERNHOUT. Dan kellu jiġi ppreżentat lilu fl-aħħar tal-mandat tiegħu bħala Ombudsman. Il-ġurnalista staqsiet lis-Sur DIAMANDOUROS dwar ir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-Ombudsman Olandiż, dwar il-koperazzjoni fuq l-ittrattar ta' l-ilmenti u dwar il-Ħames Seminar ta' l-Ombudsmen Nazzjonali li sar f'The Hague fl-2005.

- Iżjed tard matul il-ġurnata, is-Sur DIAMANDOUROS kellu pranzu ta' ħidma mas-Sur George PARKER, Kap tal-Brussels Bureau tal-*Financial Times*. Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar is-servizz li jipprovdi lill-komunità tan-negozju, f'oqsma bħal ħlas tard, it-tilwim kuntrattwali u l-aċċess għall-informazzjoni. Is-Sur PARKER staqsa lill-Ombudsman dwar ir-relazzjonijiet professjonali tiegħu ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, b'mod partikulari mal-Kummissjoni u l-OLAF, l-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi.

- Il-ġurnata ntemmet b'preżentazzjoni lil 20 ġurnalist mir-Renju Unit li kienu fuq missjoni għas-sejbien tal-fatti fi Brussell. Il-laqgħa kienet organizzata mis-Sur John SZEMEREY, rappreżentant ta' Brussell taċ-Chartered Institute of Journalists. Is-Sur DIAMANDOUROS spjega x-xogħol tiegħu, ta eżempji ta' lmenti li kien ittratta u wieġeb mistoqsijiet li varjaw mill-kwistjoni ta' kumpens sad-diskriminazzjoni.

- Fil-15 ta' Settembru, l-Ombudsman kellu intervista bit-telefown mas-Sur Martin JENSEN tal-pubblikazzjoni Daniża, *Politiken*. Is-Sur JENSEN staqsa lis-Sur DIAMANDOUROS dwar il-mandat tiegħu u, b'mod iżjed speċifiku, dwar is-superviżjoni tiegħu ta' l-OLAF, l-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi.

- Fis-26 ta' Settembru, is-Sur Gianni BORSA ta' *SIR-Europa (Servizio Informazione Religiosa-Europa)*, pubblikazzjoni Taljana ta' kull ġimgħa, intervista lill-Ombudsman fi Strasburgu. Is-Sur BORSA kien interessat fl-isforzi ta' l-Ombudsman sabiex jippromwovi u jiddefendi d-drittijiet taċ-ċittadini fl-Ewropa kollha.

- Fit-18 ta' Ottubru, is-Sinjura Rosita AGNEW, Kap tas-Settur tal-Komunikazzjonijiet, tat intervista lis-Sinjura Irmtraud RICHARDSON, ġurnalista mar-radju pubbliku Ġermaniż, *Bayerischer Rundfunk*. Is-Sinjura RICHARDSON kienet qiegħda tagħmel sensiela ta' intervisti maħsubin biex ifissru l-Unjoni Ewropea liċ-ċittadini Ġermaniżi.

- Fit-18 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Angelos ATHANASOPOULOS tal-ġurnal Grieg *To VIMA tis KYRIAKIS*.

- Fl-20 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil delegazzjoni miċ-Ċentru Nordiku tal-Ġurnaliżmu li żaret Strasburgu. Is-Sur Geo STENIUS organizza ż-żjara.

- Fis-26 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Ioannis PAPADIMITRIOU għas-sezzjoni Griega ta' *Deutsche Welle*.

- Fit-3 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Andy DABILIS ta' *New Europe*, ġurnal Ewropew ibbażat fi Brussell.

- Fis-17 ta' Novembru, is-Sinjura Daniela SCHRÖDER mis-servizz Ingliż ta' l-Aġenzija ta' l-Istampa Ġermaniża, *dpa*, intervistat lill-Ombudsman fi Brussell. L-artiklu tagħha ddeskriva x-xogħol u l-kisbiet tiegħu, il-*case studies* u kif tilmenta ma' l-Ombudsman. Dan kien ippublikat mad-dinja kollha fuq il-wire tad-*dpa* Ingliż u t-traduzzjoni Ġermaniża dehret f'diversi ġurnali reġjonali.

- Fit-30 ta' Novembru, wara t-taħdita tiegħu fil-London School of Economics and Political Science (LSE), is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat bl-email mis-Sur Stephen GUMMER, Editur ta' *The Obiter*, il-Law Review ta' l-LSE.

- Fil-5 ta' Diċembru, is-Sur Roland SIEGLOFF, korrispondent minn Brussell ta' l-Aġenzija ta' l-Istampa Ġermaniża, *dpa*, intervista lill-Ombudsman. L-artiklu tiegħu bl-isem "Il-Ġermaniżi jmisshom jilmentaw iżjed" deher f'iżjed minn 50 ġurnal nazzjonali u reġjonali, stazzjonijiet televiżivi u tar-radju u fuq il-websajts tagħhom.

- Fis-16 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sinjura Despina TSANTE ta' *Athens Radio 9.84* tal-Greċja.

# 6.5 PUBBLIKAZZJONIJIET

L-Ombudsman hu ħerqan li jilħaq l-akbar udjenza possibbli bil-għan li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom u, b'mod partikulari, id-dritt tagħhom li jilmentaw. Sabiex tinforma lill-persuni interessati u l-pubbliku ġenerali, fil-parti l-kbira tagħha, l-istituzzjoni tiddependi fuq pubblikazzjonijiet stampati. Fl-2005, il-pubblikazzjonijiet li ġejjin ġew prodotti u mqassmin lill-partijiet interessati:

### Rapport Annwali 2004; verżjoni fotokopjata (bl-Ingliż)

Verżjoni fotokopjata tar-*Rapport Annwali 2004* ta' l-Ombudsman kienet disponibbli bl-Ingliż għall-Membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju, sabiex il-Kumitat seta' jiddelibera dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman qabel id-dibattitu plenarju sħiħ aktar tard dik is-sena.

### Rapport Annwali 2004 — Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi; verżjoni fotokopjata (20 lingwa)

F'Mejju wkoll, verżjoni fotokopjata tal-pubblikazzjoni tar-*Rapport Annwali 2004*: *Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi* kienet disponibbli għall-Membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-20 lingwa uffiċjali.

### L-Ombudsmen Ewropej — Fuljett; Ħarġa Nru 4 u Nru 5 (5 lingwi)

Il-Ħarġiet Nru 4 u Nru 5 taċ-fuljett ta' kull sentejn tan-Netwerk Ewropew ta' Ombudsmen u tar-Reġjun Ewropew ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman tqassmu f'April u f'Ottubru rispettivament, lill-ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa, kif ukoll lill-Membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

### Il-Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba (24 lingwa)

Fl-2005, verżjoni b'dehra ġdida tal-*Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba* kienet ippubblikata f'24 lingwa. Din l-edizzjoni taġġorna l-verżjoni oriġinali li kienet ippubblikata mill-Ombudsman fl-2002 fil-11-il lingwa uffiċjali ta' l-UE ta' dak iż-żmien, u hija maħsuba biex tinforma liċ-ċittadini u l-uffiċjali dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Iżjed minn 100 000 kopja tal-Kodiċi b'dehra ġdida tqassmu lill-ombudsmen, lill-Membri tal-Parlament Ewropew, lill-kapijiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE, lir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u ta' l-Uffiċċji tal-Parlament fl-Istati Membri, lir-relays u lin-netwerks ta' l-UE, lill-amministrazzjonijiet pubbliċi fuq il-livelli nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri, u liċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet li wrew interess partikulari fix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE. Intwera interess kbir f'din il-pubblikazzjoni, u kien hemm talbiet għal eluf kbar ta' kopji addizzjonali sa l-aħħar tas-sena.

### Il-postcard ta' l-Għaxar Anniversarju (24 lingwa)

Sabiex titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar l-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew, ġiet ippubblikata postcard fl-20 lingwa uffiċjali ta' l-UE u anke fil-lingwi tal-pajjiżi applikanti. Il-postcard kellha t-titolu "L-Ombudsman Ewropew: 10 snin niddefendu d-drittijiet taċ-ċittadini fl-Ewropa", u fissret fil-qosor l-irwol ta' l-Ombudsman u tat eżempji tal-kwistjonijiet li jittratta. Il-postcard kienet mqassma b'mod estensiv permezz ta' l-uffiċċji ta' l-ombudsmen, Membri tal-Parlament Ewropew, Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u Uffiċċji tal-Parlament fl-Istati Membri. Din tnediet waqt il-Ġranet Miftuħin għall-Pubbliku tal-Parlament Ewropew fi Brussell u Strasburgu u sussegwentament użata waqt okkażjonijiet pubbliċi ta' informazzjoni.

### Il-Volum Kommemorattiv ta' l-Għaxar Anniversarju; softback u hardback (bl-Ingliż)

L-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew kien iċċelebrat b'sensiela ta' avvenimenti kommemorattivi. F'Ġunju 2004 ġie organizzat Workshop tal-Fundaturi sabiex ifakkar il-passi li wasslu għall-ħolqien ta' l-Ombudsman Ewropew u biex jidentifika żviluppi u xejriet li ta' min isegwihom iżjed. Bħala riżultat ta' dan l-eżerċizzju, kien ġie deċiż li jitħejja volum kommemorattiv. Din il-pubblikazzjoni ngħatat it-titolu ta' *L-Ombudsman Ewropew: L-Oriġini, it-Twaqqif u l-Evoluzzjoni*, u ħarġet bl-Ingliż, kemm f'verżjoni hardback u kemm softback. Edizzjoni Franċiża għandha toħroġ fl-2006.

### Rapport Annwali 2004; verżjoni stampata (20 lingwa)

L-20 verżjoni fil-lingwi uffiċjali ta' l-UE tar-*Rapport Annwali 2004* ta' l-Ombudsman tqassmu f'Ottubru lill-Membri tal-Parlament Ewropew, lill-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE, lill-ombudsmen u lir-relays u n-netwerks tal-Kummissjoni Ewropea. Fi sforz li jsir l-aħjar użu mill-fondi pubbliċi u li jiġi rrispettat l-ambjent, l-Ombudsman għażel li jistampa b'mod limitat ir-*Rapport Annwali* sħiħ (10 200 kopja), filwaqt li s-*Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi* kien disponibbli għal udjenza akbar (24 000 kopja). Bil-għan li r-*Rapport Annwali* jsir iżjed faċli biex jintuża, għall-ewwel darba dan inkluda sommarji qosra tad-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman (kapitolu 3); id-deċiżjonijiet sħaħ kienu disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż f'pubblikazzjoni elettronika: *Rapport Annwali 2004 — Ġabra ta' Deċiżjonijiet* li kienet tpoġġiet fil-websajt ta' l-Ombudsman f'Ottubru 2005.

### Rapport Annwali 2004: Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi; verżjoni stampata (20 lingwa)

Il-verżjonijiet fl-20 lingwa tas-*Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi*, li kienu saru disponibbli f'Ottubru, tqassmu lil dawk li rċevew ir-*Rapport Annwali* s-sħiħ u anke lil organizzazzjonijiet mhux governattivi, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, lill-organizzazzjonijiet professjonali u lill-universitajiet.

### Ir-Rapport Annwali 2004 — Ġabra ta' Deċiżjonijiet (3 lingwi)

Fid-dawl tad-deċiżjoni li jittejjeb ir-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman, ġie deċiż li titnieda pubblikazzjoni elettronika iżjed komprensiva li tinkludi d-deċiżjonijiet sħaħ, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż, tal-każi inklużi f'kapitolu 3 tar-Rapport. Din saret disponibbli f'Ottubru 2005 bħala dokument elettroniku waħdani fuq il-websajt ta' l-Ombudsman, fil-waqt li verżjonijiet stampati jew fuq CD-ROM saru disponibbli għal dawk li talbuhom mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman.

### Pubblikazzjonijiet oħrajn

Matul is-sena l-Ombudsman kompla jqassam kopji ta' pubblikazzjonijiet tiegħu oħrajn, l-iżjed il-fuljett tiegħu *At a glance* f'25 lingwa u l-fuljett u l-formula ta' l-ilmenti *Could he help you?* f'21 lingwa.

## 6.6 KOMUNIKAZZJONIJIET ONLINE

### Komunikazzjoni bl-email

F'April 2001, żdieded fil-websajt formola għall-ilmenti fi 12-il lingwa li tista' tintbagħat b'mod elettroniku. Wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, il-formola kienet disponibbli f'disa' lingwi oħrajn. Rekord ta' 59% mill-ilmenti kollha li waslu għand l-Ombudsman fl-2005 ntbagħtu bl-Internet, u proporzjon kbir minnhom intbagħtet permezz tal-formola elettronika għall-ilmenti.

Fis-sena 2005, l-email prinċipali ta' l-Ombudsman irċieva, b'kollox, 6 426 email li talbu xi informazzjoni. Intbagħtet tweġiba lilhom kollha. Minn dawn, 3 157 kienu emails mibgħutin f'daqqa miċ-ċittadini lil numru ta' nies bħala parti minn numru ta' kampanji. Il-kwistjonijiet koperti minn din il-massa ta' emails inkludew it-trattament inuman ta' annimali fl-Istati Membri jew barra l-UE, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali, il-pedofilija, u l-libertà reliġjuża. L-emails kollha rċevew tweġiba li fissret il-mandat ta' l-Ombudsman u, fejn kien possibbli, tat informazzjoni dwar min għandu jiġi indirizzat rigward il-kwistjoni mqajma.

Total ta' 3 269 talba individwali għal informazzjoni waslu bl-email fl-2005, ipparagunati ma' madwar 3 200 fl-2004 u 2 000 u l-2003. Kollha rċevew tweġiba individwali minn membru xieraq ta' l-istaff ta' l-Ombudsman.

## Żviluppi fil-websajt

Il-websajt ta' l-Ombudsman inħolqot f'Lulju 1998. Fil-baġit għas-sena 2005, l-Ombudsman kiseb il-fondi neċessarji biex joħloq il-kariga ta' Web Developer fl-istituzzjoni tiegħu. Wara proċedura ta' għażla rigoruża, il-kariga l-ġdida ntliet fix-xahar ta' Settembru. Hekk kif beda xogħlu, il-Web Developer beda jikkollabora mal-Kapijiet tas-Settur tal-Komunikazzjoni u anke mas-servizzi tekniċi tal-Parlament Ewropew, bil-ħsieb li jniedi verżjoni kompletament ristrutturata u modernizzata tal-websajt matul is-sena 2006.

Fl-2005 l-Ombudsman kompla jaġġorna l-websajt tiegħu, u żied verżjonijiet elettroniċi tal-pubblikazzjonijiet varji tiegħu malli saru disponibbli. Dawn inkludew: Ir-*Rapport Annwali 2004* tiegħu u l-pubblikazzjoni relatata miegħu *Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi* f'20 lingwa; il-*Ġabra ta' Deċiżjonijiet 2004* bl-Ingliz, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż u *l-Kodiċi Ewropea ta' Mġiba Amministrattiva Tajba* f'24 lingwa.

Fl-2005, inħolqot sezzjoni ġdida tal-websajt iddedikata kollha kemm hi lill-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni. Din inkludiet il-*Volum Kommemorattiv* bl-isem *L-Ombudsman Ewropew: L-Oriġini, it-Twaqqif u l-Evoluzzjoni*, u wkoll bosta dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-avvenimenti ta' l-għaxar anniversarju. Inħolqot sezzjoni ġdida oħra tal-websajt li tinkludi dokumenti storiċi konnessi mat-twaqqif ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman.

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005, saru 304 300 żjara fil-homepages tal-websajt ta' l-Ombudsman. Il-verżjoni bl-Ingliż kienet l-aktar waħda kkonsultata (71 166 żjara), segwita mill-verżjonijiet bil-Franċiż, bit-Taljan, bl-Ispanjol, bil-Ġermaniż u bil-Pollakk. F'termini ta' l-oriġini ġeografika taż-żjarat, l-akbar numru ta' viżitaturi kien mill-Belġju (27 517-il żjara), segwit minn dak mill-Italja, minn Spanja, minn Franza, mill-Ġermanja u mill-Polonja.

Sabiex jiżgura li l-websajt ta' l-Ombudsman tibqa' fuq quddiem nett fost il-websajts ta' l-UE, matul l-2005 kollha l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem fix-xogħol tal-Kumitat Editorjali ta' l-Internet Interistituzzjonali (CEiii).

# 7 ANNESSI



©iStockphoto.com/Louis16

# A STATISTIĊI

## 1 KAŻIJIET ITTRATTATI MATUL L-2005

### 1.1 TOTAL TA' KAŻIJIET FL-2005 ........ 4 416[1]

— Investigazzjonijiet mhux magħluqa fil-31.12.2004 ........ 284[2]

— Ilmenti li qegħdin jistennew deċiżjoni dwar l-ammissibiltà fl-31.12.2004 ........ 207

— Ilmenti li tressqu fl-2005 ........ 3 920[3]

— Inizjattivi ta' l-Ombudsman Ewropew ........ 5

**Żieda fl-ilmenti 1996-2005**




1 389 ilment fuq l-istess suġġett li ġew ittrattati f'investigazzjoni konġjunta (54 li kien fadal mill-2004, u 335 li tresqu fl-2005).

2 Tmien investigazzjonijiet fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman Ewropew u 276 investigazzjoni fuq ilmenti li saru.

3 335 ilment fuq l-istess suġġett, kif imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1.

## 1.2 EŻAMINAZZJONI MITMUMA TA' L-AMMISSIBILTÀ/L-INAMMISSIBILTÀ ...................... 93%

## 1.3 KLASSIFIKAZZJONI TA' L-ILMENTI

### 1.3.1 Skond it-tip ta' azzjoni li ttieħdet mill-Ombudsman Ewropew għall-benefiċċju ta' l-ilmentaturi




### 1.3.2 Skond il-Mandat ta' l-Ombudsman Ewropew



## BARRA MILL-MANDAT




## PARTI MILL-MANDAT

*Ilmenti Ammissibbli*




*Ilmenti mhux ammissibbli*



## 2 TRASFERIMENTI U PARIRI

(F'ċerti każi, jista' jingħata aktar minn parir wieħed)




Parir biex isir kuntatt ma' ombudsman ieħor jew issir petizzjoni lill-parlament reġjonali jew nazzjonali (945)

Parir biex isir kuntatt ma' korpi oħra (752)

Parir biex isir kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea (376)

Parir biex issir petizzjoni lill-Parlament Ewropew (144)

Parir biex isir kuntatt ma' SOLVIT (112)

Trasferimenti (114)
- Lill-Parlament Ewropew (12)
- Lill-Kummissjoni Ewropea (6)
- Lill-ombudsman nazzjonali jew reġjonali (91)
- Lil SOLVIT (5) (SOLVIT huwa netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jgħin lil dawk li jsibu ostakli meta jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern ta' l-Unjoni)

## 3 ILMENTI TRATTATI FL-2005 .................................................. 627[4]

Fl-2005, l-Ombudsman Ewropew ittratta 627 investigazzjoni. Minn dawn, 343 inbdew fl-2005 (ħamsa minnhom fuq inizjattiva tiegħu stess) u 284 ma ngħalqux sal-31.12.2004.

### 3.1 ISTITUZZJONIJIET U KORPI SOĠĠETTI GĦAL INVESTIGAZZJONIJIET

(F'ċerti każi, żewġ istituzzjonijiet jew korpi, jew aktar, ikunu involuti f'investigazzjoni waħda)




Kummissjoni Ewropea (430)

Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Personal (73)

Il-Parlament Ewropew (58)

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (14)

Oħrajn (57):
- Il-Qorti tal-Ġustizzja (4)
- Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri (1)
- L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (12)
- Il-Bank Ċentrali Ewropew (4)
- Il-Kumitat tar-Reġjuni (3)
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-Komunitajiet Ewropej (6)
- Iċ-Ċentru għall-Monitoraġġ tar-Razziżmu u l-Ksenofobija (5)
- Il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnia u l-Ħerzegovina (1)
- Eurojust (1)
- L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijet Uffiċjali (3)
- Il-Bank Ewropew għall-Investiment (8)
- L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (1)
- Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali (1)
- L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (1)
- L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (1)
- L-Aġenzija tad-Difiża Ewropea (1)
- L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (3)
- L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (1)

4 Jak podano powyżej, 389 spraw wymienionych w przypisach do pkt 1.1. objęto łącznym dochodzeniem.

## 3.2 TIPI TA' ALLEGAZZJONI TA' AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA

(F'ċerti każi, hemm żewġ tipi ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina)




## 3.3 PROPOSTI GĦAL SOLUZZJONIJIET AMIKEVOLI, ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET U RAPPORTI SPEĊJALI MAGĦMULA FL-2005

— Proposti għal soluzzjonijiet amikevoli ........ 22
— Abbozz ta' rakkomandazzjonijiet ........ 20
— Rapporti speċjali ........ 3[5]

## 3.4 INVESTIGAZZJONIJIET MAGĦLUQA B'DEĊIŻJONI RAĠJONATA ........ 312[6]

(Investigazzjoni tista' tingħalaq għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin)




5 Wieħed mir-rapporti speċjali ittratta 22 ilment.

6 Għaxra minnhom kienu investigazzjonijiet fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman stess.

# 4 ORIĠINI TA' L-ILMENTI REĠISTRATI FL-2005

## 4.1 SORSI TA' L-ILMENTI



Kumpaniji u assoċjazzjonijiet
5.5% (215)



Ċittadini individwali
94.5% (3 705)

## 4.2 DISTRIBUZZJONI TA' L-ILMENTI SKOND IL-LINGWA



## 4.3 ORIĠINI ĠEOGRAFIKA TA' L-ILMENTI

| Pajjiż | Numru ta' Ilmenti | % ta' Ilmenti | % tal-Popolazzjoni ta' l-UE | Rata[1] |
|---|---|---|---|---|
| Malta | 40 | 1.0 | 0.1 | 11.6 |
| Ċipru | 57 | 1.5 | 0.2 | 8.7 |
| Il-Lussemburgu | 33 | 0.8 | 0.1 | 8.5 |
| Il-Belġju | 252 | 6.4 | 2.3 | 2.8 |
| Is-Slovenja | 47 | 1.2 | 0.4 | 2.8 |
| Spanja | 775 | 19.8 | 9.5 | 2.1 |
| L-Irlanda | 64 | 1.6 | 0.9 | 1.8 |
| Il-Greċja | 134 | 3.4 | 2.4 | 1.4 |
| Il-Portugall | 114 | 2.9 | 2.3 | 1.3 |
| Il-Finlandja | 55 | 1.4 | 1.1 | 1.2 |
| Il-Polonja | 346 | 8.8 | 8.3 | 1.1 |
| L-Awstrija | 75 | 1.9 | 1.8 | 1.1 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 80 | 2.0 | 2.2 | 0.9 |
| L-Iżvezja | 69 | 1.8 | 2.0 | 0.9 |
| L-Ungerija | 76 | 1.9 | 2.2 | 0.9 |
| Il-Litwanja | 24 | 0.6 | 0.7 | 0.8 |
| L-Olanda | 103 | 2.6 | 3.5 | 0.7 |
| Franza | 380 | 9.7 | 13.2 | 0.7 |
| Is-Slovakkja | 32 | 0.8 | 1.2 | 0.7 |
| Il-Latvja | 13 | 0.3 | 0.5 | 0.7 |
| Il-Ġermanja | 410 | 10.5 | 17.9 | 0.6 |
| L-Italja | 215 | 5.5 | 12.7 | 0.4 |
| Ir-Renju Unit | 197 | 5.0 | 13.1 | 0.4 |
| L-Estonja | 4 | 0.1 | 0.3 | 0.4 |
| Id-Danimarka | 16 | 0.4 | 1.2 | 0.4 |
| Oħrajn | 309 | 7.9 | | |

[1] Din iċ-ċifra ġiet ikkalkolata bid-diviżjoni tal-perċentwal ta' l-ilmenti bil-perċentwal tal-popolazzjoni. Fejn iċ-ċifra tkun akbar minn 1, dan jindika li l-pajjiż in kwistjoni jissottometti ħafna aktar ilmenti lill-Ombudsman milli mistenni skond id-daqs tal-popolazzjoni. Il-perċentwali kollha fit-tabella ta' hawn fuq huma mqarrba sa punt deċimali wieħed.

# B IL-BAĠIT TA' L-OMBUDSMAN

## Baġit indipendenti

L-Istatut ta' l-Ombudsman Ewropew fil-bidu ħaseb biex il-baġit ta' l-Ombudsman ikun anness ma' Taqsima I (Parlament Ewropew) tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

F'Diċembru ta' l-1999, il-Kunsill iddeċieda li l-baġit ta' l-Ombudsman għandu jkun indipendenti. Mill-1 ta' Jannar 2000[7], il-baġit ta' l-Ombudsman sar taqsima indipendenti tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea (taqsima VIII-A).

## Struttura tal-baġit

Il-baġit ta' l-Ombudsman għall-2005 inqasam fi tliet titoli. Titolu 1 tal-baġit jinkludi s-salarji, l-allowances u spejjeż oħrajn relatati ma' l-istaff. Dan it-titolu jinkludi wkoll l-ispiża tal-missjonijiet li jagħmlu l-Ombudsman u l-istaff tiegħu. Titolu 2 tal-baġit ikopri bini, tagħmir u nefqa operattiva fuq diversi affarijiet. Titolu 3 jinkludi kapitolu wieħed, li minnu jitħallsu l-miżati għas-sħubija f'organizzazzjonijiet internazzjonali ta' l-ombudsmen.

## Koperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Biex ma jkunx hemm duplikazzjoni bla bżonn ta' staff amministrattiv u tekniku, ħafna mis-servizzi meħtieġa mill-Ombudsman jingħataw mill-Parlament Ewropew jew permezz tal-Parlament Ewropew. L-oqsma li fuqhom iserraħ l-Ombudsman, xi ftit jew wisq, fuq l-għajnuna tas-servizzi tal-Parlament jinkludu:

- staff, primarjament fit-tħejjija ta' kuntratti u deċiżjonijiet dwar drittijiet individwali;
- verifika finanzjarja u żamma tal-kontijiet;
- traduzzjoni, interpretazzjoni u stampar;
- kiri ta' spazju għall-uffiċċji;
- informatika, telekomunikazzjonijiet u posta.

Il-koperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Parlament Ewropew wasslet biex jiġu ffrankati somom konsiderevoli ta' flus mill-baġit tal-Komunità. Fil-fatt bis-saħħa tal-koperazzjoni mal-Parlament Ewropew iż-żidied fl-istaff amministrattiv ta' l-Ombudsman setgħu jinżammu f'livell baxx.

Fejn is-servizzi pprovduti lill-Ombudsman jinvolvu nefqa diretta żejda mill-Parlament Ewropew, ikun hemm ħlas li jsir minn kont komuni. Il-provvista ta' l-uffiċċji u tas-servizzi ta' traduzzjoni huma l-oqsma fejn issir l-ikbar nefqa li tiġi ttrattata b'dan il-mod.

Il-baġit ta' l-2005 inkluda ħlas wieħed f'daqqa biex ikopri l-ispejjeż li għamel il-Parlament Ewropew li rriżultaw mill-provvista ta' servizzi bħall-amministrazzjoni tal-kuntratti ta' l-istaff, is-salarji u l-allowances, u varjetà ta' servizzi tal-kompjuter. Dawn l-ispejjeż jikkonsistu biss f'ħin ta' l-istaff.

Il-koperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew bdiet permezz ta' Qafas ta' Ftehima li ġġib id-data tat-22 ta' Settembru 1995. Ftehimiet Oħrajn dwar Koperazzjoni Amministrattiva u dwar Koperazzjoni Baġitarja u Finanzjarja, ġew iffirmati fit-12 ta' Ottubru 1995

Waħda mill-prijoritajiet fis-sena 2005, li fiha l-uffiċċju ta' l-Ombudsman kien qiegħed jiċċelebra l-għaxar anniversarju tiegħu, kienet li jirrevedi l-ftehimiet ta' koperazzjoni eżistenti bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, bil-ħsieb li jadattahom għar-realtajiet il-ġodda li nħolqu f'dawn l-aħħar għaxar snin. Huwa mistenni li jiġi ffirmat ftehim ġdid kmieni fl-2006. L-għan tiegħu huwa li jżomm koperazzjoni

[7] Regolament tal-Kunsill 2673/1999 tat-13 ta' Diċembru, ĠU 1999 L 326, p.1.

intensiva mal-Parlament fl-oqsma kollha fejn ekonomiji ta' skala sostanzjali u ffrankar baġitarju jkunu possibbli.

### Il-baġit ta' l-2005

L-organigramma ta' l-Ombudsman fl-2005 wriet total ta' 51 post, imqabbel mat-38 post fl-2004.

L-ammont totali ta' approprijazzjonijiet inizzjali disponibbli fil-baġit ta' l-Ombudsman ta' l-2005 kien ta' EUR 7 312 614. Titolu 1 (Nefqa relatata ma' persuni li jaħdmu għall-istituzzjoni) ammonta għal EUR 6 239 614. Titolu 2 (Bini, tagħmir u nefqa operattiva fuq diversi affarijiet) ammonta għal EUR 1 070 000. Titolu 3 (Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali magħmula mill-istituzzjoni) ammonta għal EUR 3 000.

It-tabella li ġejja turi n-nefqa fl-2005 skond l-approprijazzjonijiet li saru.

(f'EUR)

| | |
|---|---|
| Titolu 1 | 5 375 889 |
| Titolu 2 | 928 276 |
| Titolu 3 | 2 979 |
| Total | 6 307 145 |

### Il-baġit ta' l-2006

L-Ombudsman ippreżenta l-baġit għas-sena 2006 skond struttura ta' baġit ġdida (nomenklaturi). L-għan ta' din l-istruttura l-ġdida huwa li tiżdied it-trasparenza u li jkun iffaċilitat il-kontroll imtejjeb min-naħa ta' l-awtorità tal-baġit, billi jkun hemm superviżjoni aħjar fuq nefqa ta' natura simili, li fl-istruttura li ntużat s'issa kienet mifruxa fuq bosta titoli jew kapitoli.

Il-baġit ta' l-2006, li tħejja matul l-2005, jipprovdi għal organigramma ta' 57 post. Din iż-żieda tirrappreżenta żieda ta' 6 postijiet mill-organigramma għall-2005 u primarjament hija minħabba t-tkabbir li jmiss ta' l-Unjoni Ewropea (l-Bulgarija u r-Rumanija) u minħabba l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni li tinkiseb awtonomija sħiħa mis-servizzi tal-Parlament fir-rigward ta' l-immaniġġjar ta' l-istaff ta' l-Ombudsman.

L-approprijazzjonijiet totali għall-2006 huma ta' EUR 7 682 538. Titolu 1 (Nefqa relatata ma' persuni li jaħdmu għall-istituzzjoni) jammonta għal EUR 5 808 538. Titolu 2 (Bini, tagħmir u nefqa operattiva fuq diversi affarijiet) jammonta għal EUR 1 085 000. Titolu 3 (Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali li twettqu mill-istituzzjoni) jammonta għal EUR 789 000.

Il-baġit għall-2006 jipprovdi għal dħul totali ta' EUR 812 271.

# C STAFF

## OMBUDSMAN EWROPEW

**P. Nikiforos DIAMANDOUROS**
*Ombudsman Ewropew*

P. Nikiforos DIAMANDOUROS twieled f'Ateni, il-Greċja, fil-25 ta' Ġunju 1942. Huwa ġie elett Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Jannar 2003. Huwa beda jaħdem fl-1 ta' April 2003 u reġa' ġie elett għal mandat ta' ħames snin fil-11 ta' Jannar 2005.

Mill-1998 sa l-2003, huwa kien l-ewwel Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja. Hu kien ukoll Professur tal-politika komparattiva fid-Dipartiment tax-Xjenza Politika u l-Amministrazzjoni Pubblika fl-Università ta' Ateni mill-1993 (bħalissa bil-liv). Mill-1995 sa l-1998 serva bħala Direttur u Chairman taċ-Ċentru Nazzjonali Grieg għar-Riċerka Soċjali (EKKE).

Huwa rċieva l-lawrja B.A. mill-Università ta' Indiana (1963) u l-lawrji M.A. (1965), M.Phil. (1969) u Ph.D. (1972) mill-Università ta' Columbia.Qabel ma' ngħaqad mal-Fakultà ta' l-Università ta' Ateni fl-1988, hu kien maħtur bħala għalliem u riċerkatur fl-Università ta' l-Istat f'New York u fl-Università ta' Columbia rispettivament (1973-78). Mill-1980 sa l-1983, huwa serva ta' Direttur ta' l-Iżvilupp fil-Kulleġġ ta' Ateni, f'Ateni, il-Greċja. Mill-1983 sa l-1988, hu kien Direttur tal-Programm dwar l-Ewropa tal-Punent u l-Lvant Nofsani u l-Lvant Qrib fil-Kunsill għar-Riċerka fix-Xjenza Soċjali, fi New York. Mill-1988 sa l-1991, kien Direttur ta' l-Istitut Grieg għall-Istudji Internazzjonali u Strateġiċi f'Ateni, organizzazzjoni għar-riċerka politika mwaqqfa b'fondi mill-Fondazzjonijiet Ford u MacArthur. Fl-1997, huwa kien maħtur Visiting Professor tax-xjenza politika fiċ-Ċentru Juan March għal Studji Avvanzati fix-Xjenzi Soċjali (Madrid).

Huwa serva ta' President ta' l-Assoċjazzjoni Griega tax-Xjenza Politika (1992-98) u ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Istudji Moderni Griegi ta' l-Istati Uniti (1985-88). Bejn l-1999 u l -2000, kien maħtur membru tal- Kummissjoni Nazzjonali Griega għad-Drittijiet tal-Bniedem, waqt li mill-2000 sa l-2003 huwa kien membru tal-Kunsill Nazzjonali Grieg għar-Riforma Amministrattiva. Fl-2000 ħa sehem fil-Konferenza Bilderberg. Bejn l-1988 u l-1995, huwa kien ko-chairman tas-Sottokumitat għall-Ewropa t'Isfel tal-Kunsill għar-Riċerka fix-Xjenza Soċjali, New York, li l-attivitajiet tiegħu huma ffinanzjati mill-Volkswagen Foundation. Huwa wkoll Editur Ġenerali konġunt tas-Sensiela dwar l-Ewropa ta' Isfel il-Ġdida u rċieva wkoll fondi għal riċerka mill-Fulbright Institute u min-National Endowment for Humanities.

Huwa kiteb b'mod estensiv fuq il-politika u l-istorja tal-Greċja, fuq in-Nofsinhar ta' l-Ewropa u l-Ewropa tax-Xlokk u, b'mod aktar speċifiku, fuq id-demokratizzazzjoni, il-bini ta' stat u nazzjon, u dwar ir-relazzjoni bejn il-kultura u l-politika.

## SEGRETARJAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

Is-Segretarjat ta' l-Ombudsman Ewropew huwa responsabbli għat-tmexxija ta' l-uffiċċju personali ta' l-Ombudsman Huwa jieħu ħsieb l-aġenda ta' l-Ombudsman, jikkoordina l-korrispondenza li tidħol u li tintbagħat, jagħti pariri dwar ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi oħrajn ta' l-UE, jieħu ħsieb l-aspetti tal-protokoll tax-xogħol ta' l-istituzzjoni u jieħu ħsieb doveri segretarjali ġenerali għall-Ombudsman.

**Alexandra ANDROULAKAKIS**
*Segretarja ta' l-Ombudsman Ewropew (mit-22.8.2005)*
Tel. +33 3 88 17 25 28

**Nicholas CATEPHORES**
*Assistent ta' l-Ombudsman Ewropew*
Tel. +33 3 88 17 23 83

**Eleni-Anna GALATIS**
*Segretarja ta' l-Ombudsman Ewropew (sal-15.9.2005)*

## DIPARTIMENT LEGALI

Id-Dipartiment Legali jikkonsisti l-iżjed minn avukati li janalizzaw l-ilmenti li jaslu lill-Ombudsman Ewropew u jmexxu l-investigazzjonijiet taħt is-superviżjoni tal-Kap tad-Dipartiment Legali u ta' żewġ Kontrolluri Prinċipali. Il-Kap tad-Dipartiment Legali jagħti pariri wkoll lill-Ombudsman dwar l-istrateġija legali u d-direzzjoni ta' l-istituzzjoni u jieħu ħsieb l-immaniġġjar tad-Dipartiment. L-Assistent tal-Kap tad-Dipartiment Legali jieħu ħsieb l-operazzjoni ta' kontroll ta' kwalità interna u s-sistemi ta' l-immaniġġjar ta' informazzjoni u jikkoordina l-kontribut tad-Dipartiment għar-Rapport Annwali.

Fl-2005, id-Dipartiment kien jikkonsisti mill-Kap tad-Dipartiment Legali, sitt Konsulenti Legali Prinċipali, li tnejn minnhom għandhom il-funzjoni ta' Kontrolluri Prinċipali, ħdax-il Uffiċjal Legali, Ġurista-Lingwista, Assistent Legali u l-Assistent tal-Kap tad-Dipartiment Legali. Matul l-2004, id-Dipartiment Legali ssorvellja erbatax-il apprendist.

**Ian HARDEN**
*Kap tad-Dipartiment Legali*
Tel. +33 3 88 17 23 84

Ian HARDEN twieled f'Norwich, l-Ingilterra, fit-22 ta' Marzu 1954. Huwa studja l-liġi fil-Kulleġġ Churchill, f'Cambridge, u rċieva BA b'first class honours fl-1975, u LLB fl-1976. Wara l-gradwazzjoni, huwa ngħaqad mal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Sheffield, fejn kien għalliem mill-1976 sa l-1990, Senior Lecturer mill-1990 sa l-1993, Reader mill-1993 sa l-1995, u Professur tal-Liġi Pubblika mill-1995 'il quddiem. Huwa ngħaqad ma' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew bħala Konsulent Legali Prinċipali fl-1996, kien Kap tas- Segretarjat mill-1997 sa l-1999, u mbagħad Kap tad-Dipartiment Legali mis-sena 2000 'il quddiem. Huwa l-awtur u koawtur ta' pubblikazzjonijiet numerużi dwar il-liġi ta' l-UE u l-liġi pubblika, inklużi *The Contracting State* (Buckingham: Open University Press, 1992); *Flexible Integration: towards a more effective and democratic Europe* (London CEPR, 1995) u *European Economic and Monetary Union: the Institutional Framework* (Kluwer Law International, 1997). Huwa Membru ta' l-*Association Française des Constitutionnalistes* u ta' l-"Grupp għall-Istudju tal-Parlamentar" fir-Renju Unit, u professur onorarju fl-Università ta' Sheffield.

**Murielle RICHARDSON**
*Assistenta tal-Kap tad-Dipartiment Legali*
Tel. +33 3 88 17 23 88

## UFFIĊJALI LEGALI

L-Uffiċjali Legali jieħdu ħsieb l-ilmenti, li jistgħu jitressqu lill-Ombudsman f'kull waħda mill-21 lingwa tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea. Huma jipproponu u jinvestigaw fuq inizjattiva personali, jirrispondu għal talbiet għal informazzjoni miċ-ċittadini, jipprovdu għajnuna lill-Ombudsman dwar kwistjonijiet legali, jagħtu pariri dwar proċeduri legali, żviluppi u t-tradizzjonijiet ta' l-Istati Membri rispettivi u jirrappreżentaw l-Ombudsman f'xi avvenimenti pubbliċi.

**Sabina BALAŽIČ**
*Uffiċjal Legali (mill-1.10.2005)*
Tel. +33 3 88 17 35 72

**Elodie BELFY**
*Assistenta Legali*
Tel. +32 2 284 39 01

**Peter BONNOR**
*Uffiċjal Legali*
Tel. +33 3 88 17 25 41

**Benita BROMS**
*Kap ta' l-Uffiċċju ta' Brussell*
*Konsulenta Legali Prinċipali*
Tel. +32 2 284 25 43

**Nelius CAREY**
*Lingwist tal-Liġi (mill-1.9.2005)*
Tel. +33 3 88 17 25 63

**Ioannis DIMITRAKOPOULOS**
*Konsulent Legali Prinċipali*
*(mis-6.7.2005)*
*Kontrollur Prinċipali*
Tel. +33 3 88 17 37 68

**Juliano FRANCO**
*Uffiċjal Legali (mill-1.9.2005)*
Tel. +33 3 88 17 21 51

**Marjorie FUCHS**
*Uffiċjal Legali*
Tel. +33 3 88 17 40 78

**Gerhard GRILL**
*Konsulent Legali Prinċipali*
*Kontrollur Prinċipali*
Tel. +33 3 88 17 24 23

**Marta HIRSCH-ZIEMBIŃSKA**
*Konsulenta Legali Prinċipali*
Tel. +33 3 88 17 27 46

**Georgios KATHARIOS**
*Uffiċjal Legal (mill-1.9.2005)*
Tel. +32 2 284 38 49

**Daniel KOBLENCZ**
*Uffiċjal Legal (mill-1.9.2005)*
Tel. +32 2 284 38 31

**José MARTÍNEZ-ARAGÓN**
*Konsulent Legali Prinċipali*
Tel. +33 3 88 17 24 01

**Beatriz MENÉNDEZ ALLER**
*Uffiċjal Legal (mill-1.5.2005)*
Tel. +33 3 88 17 67 63

**Tina NILSSON**
*Uffiċjal Legali*
Tel. +32 2 284 14 17

**Ida PALUMBO**
*Uffiċjal Legali*
Tel. +33 3 88 17 23 85

**Wiebke PANKAUKE**
*Uffiċjal Legal (mill-1.9.2005)*
Tel. +33 3 88 17 24 02

**Branislav URBANIČ**
*Uffiċjal Legali*
Tel. +33 3 88 17 27 14

**Olivier VERHEECKE**
*Konsulent Legali Prinċipali*
Tel. +32 2 284 20 03

## APPRENDISTI

**Kadri BRÜGEL**
*Apprendista (mill-1.9.2005)*
Tel. +32 2283 23 27

**Anne EISENGRÄBER**
*Apprendista (mill-1.9.2005)*
Tel. +33 3 88 17 29 64

**Georgios KATHARIOS**
*Apprendista (sal-31.7.2005)*

**Giedre KAZLAUSKAITE**
*Apprendista (mill-1.10.2005)*
Tel. +33 3 88 17 23 28

**Daniel KOBLENCZ**
*Apprendista (sal-31.7.2005)*

**Jernej LETNAR CERNIC**
*Apprendista (sal-31.7.2005)*

**Maria Salome LOPEZ RAMOS**
*Apprendista (sal-31.10.2005)*

**Wiebke PANKAUKE**
*Apprendista (sal-31.7.2005)*

**Roberto RANDO**
*Apprendista (mill-15.1.2005)*

**Andrea SACK**
*Apprendista (sal-31.7.2005)*

**Izabela SZOSTAK-SMITH**
*Apprendista (mill-1.6.2005)*
Tel. +33 3 88 17 67 84

**Sophia TABAU**
*Apprendista (sal-31.7.2005)*

**Asta UPTAITE**
*Apprendista (sal-31.7.2005)*

**Alexis VAN MAERCKE**
*Apprendista (mill-1.9.2005)*
Tel. +32 2 284 21 80



L-Ombudsman Ewropew u l-ħaddiema tiegħu.

# DIPARTIMENT TA' L-AMMINISTRAZZJONI U TAL-FINANZI

Id-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u tal-Finanzi huwa responsabbli għax-xogħol kollu ta' l-uffiċċju ta' l-Ombudsman li mhux direttament relatat ma' l-ittrattar ta' lmenti u t-tmexxija ta' investigazzjonijiet. Huwa magħmul minn erba' setturi — is-Settur ta' l-Amministrazzjoni, is-Settur tal-Finanzi, is-Settur ta' l-Immaniġġjar ta' l-Ilmenti u s-Settur tal-Komunikazzjonijiet. Il-Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u tal-Finanzi jikkoordina x-xogħol ġenerali tad-Dipartiment. F'dik il-kapaċità, huwa jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ġenerali u l-operazzjoni ta' l-uffiċċju, il-politika ta' l-istaff fl-uffiċċju, jipproponi u jimplimenta l-istrateġija baġitarja u finanzjarja ta' l-istituzzjoni, u jirrappreżenta l-Ombudsman f'numru ta' fora interistituzzjonali.

**João SANT'ANNA**
*Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u tal-Finanzi*
Tel. +33 3 88 17 53 46

João SANT'ANNA twieled f'Setúbal, il-Portugall, fit-3 ta' Mejju 1957. Huwa studja l-liġi fl-Università ta' Liżbona mill-1975 sa l-1980, u rreġistra bħala avukat f'Liżbona fl-1981. Bejn l-1980 u l-1982, huwa ħadem bħala avukat fid-Diviżjoni Legali u Amministrattiva tal-Ministeru Portugiż għall-Affarijiet Interni għar-Reġjun ta' Liżbona. Bejn l-1982 u l-1984, huwa kompla l-istudji legali tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, fl-Università Ludwig-Maximillian u fl-Istitut Max-Planck fi Munich. Wara li mar lura l-Portugall fl-1984, huwa nħatar Kap tad-Diviżjoni Legali u Amministrattiva fil-Ministeru Portugiz għall-Affarijiet Interni għar-Reġjun ta' Liżbona. Fl-1986, huwa sar impjegat tas-servizz ċivili tal-Parlament Ewropew, ħadem fid-Direttorati-Ġenerali għall-Informazzjoni u r-Relazzjonijiet Pubbliċi, għar-Riċerka, għall-istaff u l-Finanzi u fl-aħħar, fis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew. Huwa ngħaqad ma' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew bħala Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u tal-Finanzi fl-2000.

## SETTUR TA' L-AMMINISTRAZZJONI

Id-doveri tas-Settur ta' l-Amministrazzjoni huma ħafna. Dawn jinkludu r-reklutaġġ u l-immaniġġjar ta' l-istaff, il-korrispondenza li tidħol u toħroġ, is-swiċċbord tat-telefown, l-infrastruttura ta' l-uffiċċju, il-koordinazzjoni tat-traduzzjoni tad-dokumenti, l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-librerija għar-referenza legali, u l-politika ta' l-istituzzjoni dwar id-dokumentazzjoni u l-arkivjar. Dan is-settur huwa responsabbli wkoll mill-politika għall-informatika ta' l-istituzzjoni u biex jaqdi l-bżonnijiet ta' l-informatika ta' l-uffiċċju. Dan jagħmlu b'koperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew.

**Alessandro DEL BON**
*Kap tas-Settur (mill-1.5.2005)*
Tel. +33 3 88 17 23 82

**Christophe BAUER**
*Appoġġ Amministrattiv, Xufier (mill-1.6.2005)*
Tel. +33 3 88 17 67 80

**Rachel DOELL**
*Segretarja*
Tel. +33 3 88 17 23 98

**Massimo EZZY**
*Uffiċjal għall-Informatika (mit-8.9.2005)*
Tel. +33 3 88 17 28 67

**Cindy GIANNAKIS**
*Appoġġ Amministrattiv (mis-16.6.2005)*
Tel. +32 2 284 63 93

**Isgouhi KRIKORIAN**
*Segretarja*
Tel. +33 3 88 17 25 40

**Gaël LAMBERT**
*Uffiċjal għall-Informatika*
Tel. +33 3 88 17 23 99

**Juan Manuel MALLEA**
*Segretarju*
Tel. +33 3 88 17 23 01

**Stéphanie MARAJ**
*Segretarja (minn 1.5.2005)*
Tel. +33 3 88 17 23 13

**Charles MEBS**
*Segretarju*
Tel. +33 3 88 17 70 93

**Félicia VOLTZENLOGEL**
*Segretarja*
Tel. +33 3 88 17 23 94

## SETTUR FINANZJARJU

Is-Settur Finanzjarju huwa responsabbli biex jaċċerta li l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ikun konformi mar-regoli finanzjarji applikabbli mfassla biex jiggarantixxu li r-riżorsi tal-baġit ikunu implimentati b'mod ekonomiku, effiċjenti u xieraq. Dawn ir-responsabiltajiet joħorġu mill-fatt li l-Ombudsman Ewropew għandu baġit indipendenti. Erba' Uffiċjali Finanzjarji, taħt ir-responsabilità ta' l-Uffiċjal Delegat bl-Awtorizzazzjoni, jippreparaw u jesegwixxu l-baġit.

**Loïc JULIEN**
*Kap tas-Settur (mill-1.6.2005)*
Tel. +33 3 88 17 67 79

**Jean-Pierre FEROUMONT**
*Uffiċjal Finanzjarju*
Tel. +32 2 284 38 97

**Giovanna FRAGAPANE**
*Uffiċjal Finanzjarju*
Tel. +33 3 88 17 29 62

**Véronique VANDAELE**
*Uffiċjal Finanzjarju*
Tel.+32 2 284 23 00

**Christophe WALRAVENS**
*Uffiċjal Finanzjarju*
Tel. +33 3 88 17 24 03

## SETTUR GĦAT-TRATTAR TA' L-ILMENTI

Is-Settur għall-Ittrattar ta' l-Ilmenti huwa responsabbli għar-reġistrazzjoni, għad-distribuzzjoni u għas-segwitu ta' l-ilmenti mressqin quddiem l-Ombudsman Ewropew. Is-Settur jiżgura li l-ilmenti kollha jkunu reġistrati f'database, jingħataw rikonoxxenza, u jintbagħtu lid-Dipartiment Legali. Huwa responsabbli biex jimmaniġġja l-korrispondenza kollha li tidħol u toħroġ b'konnessjoni ma' l-ilmenti, jiżgura li r-rekords ta' l-ilmenti fid-database jkunu aġġornati matul il-proċedura ta' l-ilmenti kollha, jimmonitorja l-konformità ma' l-iskadenzi, jipproduċi statistiċi relatati ma' l-ilmenti, u jiffajlja d-dokumenti relatati ma' l-ilmenti.

**Isabelle FOUCAUD**
*Kap tas-Settur*
Tel. +33 3 88 17 23 91

**Séverine BEYER**
*Segretarja*
Tel. +33 3 88 17 23 93

**Bruno BISMARQUE-ALCÂNTARA**
*Segretarju*
Tel. +33 3 88 17 20 91

**Evelyne BOUTTEFROY**
*Segretarja*
Tel. +33 3 88 17 24 13

**Elaine DRAGO**
*Segretarja*
Tel. +33 3 88 17 33 31

**Isabelle LECESTRE**
*Segretarja*
Tel. +33 3 88 17 24 29

**Gabrielle SHERIDAN**
*Segretarja (sal-31.5.2005)*
Tel. +33 3 88 17 24 08

**Caroline ZINCK**
*Segretarja (mill-1.9.2005)*
Tel. +33 3 88 17 40 51

## SETTUR TAL-KOMUNIKAZZJONIJ IET

Is-Settur tal-Komunikazzjonijet huwa responsabbli biex jippromwovi r-reputazzjoni u l-valuri ta' l-istituzzjoni u biex jgħin lill-Ombudsman jaqdi t-tieni dover prinċipali stipulat fil-mandat tiegħu, jiġifieri li jikkomunika maċ-ċittadini u jgħarrafhom dwar id-drittijiet tagħhom skond il-liġi tal-Komunità. Meta jagħmel dan, is-settur għandu rwol ewlieni fit-titjib tar-relazzjonijiet u tal-fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-Ewropa u l-istituzzjonijiet tagħha.

Is-settur huwa responsabbli biex jieħu ħsieb u jippromwovi r-relazzjonijiet mal-midja, jikteb u jipproduċi l-pubblikazzjonijiet ta' l-Ombudsman, jieħu ħsieb il-websajts ta' l-Ombudsman, jorganizza ż-żjarat ta' informazzjoni u l-attivitajiet ta' l-Ombudsman, u jikkoordina r-relazzjonijiet fin-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen.

**Rosita AGNEW**
*Kap tas-Settur (mill-1.5.2005)*
*Uffiċjal għall-Istampa u l-Komunikazzjonijiet (sat-30.4.2005)*
Tel. +32 2 284 25 42

**Ben HAGARD**
*Kap tas-Settur (mill-1.5.2005)*
*Uffiċjal għall-Internet u l-Komunikazzjonijiet (sat-30.4.2005)*
Tel. +33 3 88 17 24 24

**Marc AMIR-TAHMASSEB**
*Web Developer (mill-1.9.2005)*
Tel. +33 3 88 17 44 10

**Alessandro DEL BON**
*Uffiċjal għall-Komunikazzjonijiet (sat-30.4.2005)*
Tel. +33 3 88 17 23 82

**Gundi GADESMANN**
*Uffiċjal għall-Istampa (mill-1.11.2005)*
Tel. +32 2 284 26 09

**Dace PICOT-STIEBRINA**
*Uffiċjal għall-Komunikazzjonijiet*
Tel. +33 3 88 17 40 80

**Gabrielle SHERIDAN**
*Segretarja (mill-1.6.2005)*
Tel. +33 3 88 17 24 08

**Annika ÖSTERBERG**
*Uffiċjal għall-Pubblikazzjonijiet (mill-1.10.2005)*
Tel. +33 3 88 17 49 36

# D INDIĊI TAD-DEĊIŻJONIJIET

## 1 SKOND IN-NUMRU TAL-KAŻ

### 2002


1391/2002/JMA ... 106
2107/2002/PB ... 99
2111/2002/MF ... 100


### 2003


1336/2003/IP ... 81
1435/2003/MF ... 100
1687/2003/JMA ... 59
2097/2003/PB ... 73
2188/2003/OV ... 82
2191/2003/TN ... 60
2229/2003/MHZ ... 87
2395/2003/GG ... 105
2411/2003/MHZ ... 88
2415/2003/JMA ... 72


### 2004


0127/2004/OV ... 75
0140/2004/PB ... 97
0224/2004/PB ... 88
0237/2004/JMA ... 72
0274/2004/JMA ... 61
0295/2004/JMA ... 61
0338/2004/OV ... 62
0471/2004/OV ... 76
0518/2004/MF ... 83
0530/2004/GG ... 89
0538/2004/TN ... 90
0620/2004/PB ... 91
0628/2004/OV ... 79
0732/2004/ELB ... 63
0758/2004/ELB ... 64
0839/2004/MHZ ... 74
0933/2004/JMA ... 66
0948/2004/OV ... 67
1096/2004/TN ... 67
1155/2004/TN ... 68
1273/2004/GG ... 92
1298/2004/PB ... 65
1365/2004/TN ... 65
1368/2004/GG ... 93
1423/2004/ELB ... 103
1700/2004/MF ... 97
1733/2004/OV ... 80
1737/2004/TN ... 81
1756/2004/MF ... 84
1772/2004/GG ... 83
1798/2004/PB ... 77
1808/2004/JMA ... 69
2038/2004/GG ... 85
2066/2004/TN ... 69
2485/2004/GG ... 106
2673/2004/PB ... 96
2821/2004/OV ... 70
2862/2004/GG ... 94
3054/2004/TN ... 74
3110/2004/GG ... 71
3254/2004/ID ... 104
3381/2004/TN ... 77
3442/2004/PB ... 98
3446/2004/GG ... 102
3452/2004/JMA ... 104
3485/2004/OV ... 78
3622/2004/GG ... 95


### 2005


0116/2005/MHZ ... 101
0501/2005/IP ... 78
1266/2005/MF ... 78
1875/2005/GG ... 86
OI/3/2005/OV ... 107

## 2 SKOND IS-SUĠĠETT


*Id-Drittijiet taċ-Ċittadini*

1687/2003/JMA ...59
2415/2003/JMA ...72
0224/2004/PB ...88
0237/2004/JMA ...72
0948/2004/OV ...67
1096/2004/TN ...67
1737/2004/TN ...81
2038/2004/GG ...85
0116/2005/MHZ ...101
1875/2005/GG ...86

*Il-Kummissjoni bħala l-Gwardjan tat-Trattat*

1687/2003/JMA ...59
2229/2003/MHZ ...87
0274/2004/JMA ...61
0295/2004/JMA ...61
1273/2004/GG ...92
1298/2004/PB ...65
1423/2004/ELB ...103
3254/2004/ID ...104
3452/2004/JMA ...104
3622/2004/GG ...95

*Politika dwar il-Konsumatur*

0295/2004/JMA ...61

*Kuntratti*

2111/2002/MF ...100
0338/2004/OV ...62
0530/2004/GG ...89
0538/2004/TN ...90
1266/2005/MF ...78
1772/2004/GG ...83
1808/2004/JMA ...69
2673/2004/PB ...96
2862/2004/GG ...94
3110/2004/GG ...71
OI/3/2005/OV ...107

*Kultura*

3452/2004/JMA ...104

*Protezzjoni tad-Dejta*

0224/2004/PB ...88

*Koperazzjoni fl-Iżvilupp*

0933/2004/JMA ...66

*Politika ekonomika u monetarja*

3054/2004/TN ...74
0116/2005/MHZ ...101

*Edukazzjoni, Taħriġ Vokazzjonali uŻgħażagħ*

0518/2004/MF ...83

*Ambjent*

2229/2003/MHZ ...87

*Sajd*

1273/2004/GG ...92

*Moviment Ħieles ta' Persuni u Servizzi*

1298/2004/PB ...65
3254/2004/ID ...104

*Istituzzjonijiet*

2395/2003/GG ...105
0140/2004/PB ...97
0628/2004/OV ...79
1155/2004/TN ...68
2485/2004/GG ...106
3254/2004/ID ...104
3446/2004/GG ...102
0501/2005/IP ...78

*Mixxellanja*

1435/2003/MF ...100
0338/2004/OV ...62
0732/2004/ELB ...63
3622/2004/GG ...95
OI/3/2005/OV ...107

### *Il-pulizija u l-Koperazzjoni Ġudizzjarja*

2411/2003/MHZ....88

### *Aċċess għall-pubbliku*

0948/2004/OV....67
1368/2004/GG....93
1756/2004/MF....84
1798/2004/PB....77
2066/2004/TN....69
2821/2004/OV....70
3381/2004/TN....77
3442/2004/PB....98

### *Riċerka u Teknoloġija*

0758/2004/ELB....64
1365/2004/TN....65

### *Politika Soċjali*

0274/2004/JMA....61

### *Staff*

#### – Reklutaġġ

1336/2003/IP....81
2097/2003/PB....73
0518/2004/MF....83
0839/2004/MHZ....74
1700/2004/MF....97
3485/2004/OV....78

#### – Domandi Oħrajn

1391/2002/JMA....106
2107/2002/PB....99
2188/2003/OV....82
2191/2003/TN....60
0140/2004/PB....97
0471/2004/OV....76
0620/2004/PB....91
0628/2004/OV....79
1423/2004/ELB....103
1733/2004/OV....80
0127/2004/OV....75

## 3 SKOND IT-TIP TA' AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA ALLEGATA

### *Abbuż mill-Poter*

1700/2004/MF ....................97

### *Dewmien li seta' ġie evitat*

0530/2004/GG ....................89
1733/2004/OV ....................80
1756/2004/MF ....................84
1772/2004/GG ....................83
3485/2004/OV ....................78
1266/2005/MF ....................78
OI/3/2005/OV ....................107

### *Diskriminazzjoni*

1391/2002/JMA ....................106
2107/2002/PB ....................99
1687/2003/JMA ....................59
2415/2003/JMA ....................72
0237/2004/JMA ....................72
0338/2004/OV ....................62
0518/2004/MF ....................83
0628/2004/OV ....................79
1808/2004/JMA ....................69
2673/2004/PB ....................96

### *Difiża*

0471/2004/OV ....................76

### *Żball fil-Proċedura marbuta ma' l-Artikolu 226*

1687/2003/JMA ....................59
2229/2003/MHZ....................87
0274/2004/JMA ....................61
0295/2004/JMA ....................61
1273/2004/GG ....................92
1298/2004/PB ....................65
1423/2004/ELB ....................103
3254/2004/ID....................104
3452/2004/JMA ....................104
3622/2004/GG ....................95

### *Nuqqas li jiġu provduti raġunijiet għal deċiżjoni*

2411/2003/MHZ....................88

### *Nuqqas jew Rifjut ta' Informazzjoni*

2097/2003/PB ....................73
2191/2003/TN....................60
2229/2003/MHZ....................87
0140/2004/PB ....................97
0274/2004/JMA ....................61
0538/2004/TN....................90
0758/2004/ELB ....................64
1368/2004/GG ....................93
1737/2004/TN....................81
1798/2004/PB ....................77
2038/2004/GG ....................85
2066/2004/TN....................69
3054/2004/TN....................74
3381/2004/TN....................77
3442/2004/PB ....................98
1875/2005/GG ....................86

### *Nuqqas ta' Trasparenza*

1435/2003/MF ....................100
2395/2003/GG ....................105
0948/2004/OV ....................67
2821/2004/OV ....................70
0116/2005/MHZ....................101

### *Żball Legali*

0127/2004/OV ....................75
1273/2004/GG ....................92
3254/2004/ID....................104

### *Negliġenza*

2188/2003/OV ....................82
0224/2004/PB ....................88
0933/2004/JMA ....................66
1096/2004/TN....................67
1155/2004/TN....................68
1365/2004/TN....................65
3622/2004/GG ....................95

### *Żbalji Proċedurali*

2107/2002/PB ....................................................99
2411/2003/MHZ..................................................88
0140/2004/PB ....................................................97
0620/2004/PB ....................................................91

### *Inġustizzja*

2111/2002/MF ...............................................100
1336/2003/IP.....................................................81
3110/2004/GG ...................................................71
0839/2004/MHZ.................................................74
0127/2004/OV ...................................................75
0471/2004/OV ...................................................76
0501/2005/IP.....................................................78
1733/2004/OV ...................................................80
OI/3/2005/OV .................................................107

### *Amministrazzjoni Ħażina Oħra*

0471/2004/OV ...................................................76
0538/2004/TN.....................................................90
0732/2004/ELB ..................................................63
0758/2004/ELB ..................................................64
1733/2004/OV ...................................................80
2485/2004/GG .................................................106
2862/2004/GG ...................................................94
3446/2004/GG .................................................102
OI/3/2005/OV .................................................107

# E L-ELEZZJONI TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

## Id-dispożizzjonijiet legali

L-Artikolu 195(2) KE jistipula li "L-Ombudsman għandu jinħatar wara kull elezzjoni tal-Parlament Ewropew għat-tul taż-żmien tal-mandat tiegħu. Il-ħatra ta' l-Ombudsman hi rinnovabbli."

Ir-regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew fasslu d-dettalji tal-proċedura ta' l-elezzjoni:

*Regola 194*

*"1. Fil-bidu ta' kull leġiżlatura, minnufih wara l-elezzjoni tiegħu jew fil-każi msemmijin fil-paragrafu 8, il-President għandu jsejjaħ għal nominazzjonijiet għall-uffiċċju ta' l-Ombudsman u għandu jagħti żmien sa meta dawn jistgħu jiġu ppreżentati. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

*2. In-nominazzjonijiet għandhom ikollhom l-appoġġ ta' mhux inqas minn sebgħa u tletin Membru li jkollhom nazzjonalità ta' mhux inqas minn żewġ Stati Membri.*

*Kull membru jista' jappoġġja nominazzjoni waħda biss.*

*In-nominazzjonijiet għandhom jinkludu d-dokumenti kollha ta' prova meħtieġa sabiex juru b'mod ċert li l-persuna nominata tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa mir-Regolamenti dwar l-Ombudsman.*

*3. In-nominazzjonijiet għandhom jitressqu quddiem il-kumitat responsabbli, li jista' jitlob li jisma' lill-persuni nominati.*

*Dan is-smiegħ għandu jkun miftuħ għall-Membri kollha.*

*4. Lista ta' nominazzjonijiet ammissibbli f'ordni alfabetika għandha mbagħad tiġi mqiegħda għall-vot tal-Parlament*

*5. Il-votazzjoni għandha ssir b'vot sigriet fuq il-bażi ta' maġġoranza tal- voti mitfugħin.*

*Jekk ebda kandidat ma jkun elett wara l-ewwel żewġ votazzjonijiet, huma biss iż- żewġ kandidati li jġibu l-akbar numru ta' voti fit-tieni votazzjoni li jistgħu jkomplu jikkontestaw.*

*Fil-każ ta' voti ndaqs għandu jieħu preċedenza l-aktar membru anzjan.*

*6. Qabel ma tinfetaħ il-votazzjoni, il-President għandu jiżgura li mill-inqas nofs il-Membri tal-Parlament ikunu preżenti.*

*7. Il-persuna maħtura għandha tissejjaħ minnufih sabiex tieħu ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.*

*8. L-Ombudsman għandu jeżerċita d-dmirijiet tiegħu sakemm is-suċċessur tiegħu jieħu l-kariga, ħlief fil-każ ta' mewt jew ta' tneħħija mill-kariga."*

## L-elezzjoni 2005

Il-Parlament Ewropew ippubblika sejħa għan-nominazzjonijiet fil-Ġurnal Uffiċjali tal-25 ta' Awwissu 2004[8], u ffissa d-data tat-30 ta' Settembru 2004 bħala l-iskadenza għall-preżentazzjoni tan-nominazzjonijiet.

B'ittra tat-22 ta' Ottubru 2004, il-President tal-Parlament Ewropew għarraf lill-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li waslu erba' applikazzjonijiet.

8 ĠU C 213, 25.8.2004, p. 9.

Fid-29 ta' Novembru 2004, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza smigħ pubbliku ta' żewġ kandidati li l-applikazzjonijiet tagħhom kienu ġew iddikjarati ammissibbli. Dawn kienu: Is-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS u s-Sur Giuseppe FORTUNATO.

Fil-11 ta' Jannar 2005, is-Sur Nikiforos DIAMANDOUROS ġie elett Ombudsman Ewropew skond il-proċedura mill-Membri tal-Parlament Ewropew waqt sessjoni plenarja fi Strasburgu ma' l-ewwel għadd tal-voti, b'564 vot minn 609 voti mitfugħin.

Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ħatret lis-Sur DIAMANDOUROS għat-tul taż-żmien tal-mandat parlamentari 2004-2009 ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-25 ta' Jannar 2005[9].

Informazzjoni dettaljata dwar l-elezzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew tista' tinstab fuq il-websajt tal-Parlament fuq:

http://www.europarl.europa.eu/comparl/peti/election2004/default_en.htm

9 ĠU L 21, 25.1.2005, p. 8.

# KIF TIKKUNTATTJA LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

## BIL-POSTA

L-Ombudsman Ewropew

1, Avenue du Président Robert Schuman

B.P. 403

FR - 67001 Strasbourg Cedex

Franza

## BIT-TELEFON

+33 3 88 17 23 13

## BIL-FAKS

+33 3 88 17 90 62

## BL-EMAIL

eo@ombudsman.europa.eu

## WEBSAJT

http://www.ombudsman.europa.eu

QK-AA-06-001-MT-C

L-OMBUDSMAN EWROPEW JISTĦARREĠ L-ILMENTI LI JIRĊIEVI DWAR AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA FI ĦDAN L-ISTITUZZJONIJIET U L-ORGANI TA' L-UNJONI EWROPEA



www.ombudsman.europa.eu

ISBN 92-9212-005-0

9 789292 120054

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.europa.eu*